**<u>Indirizz b'risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta</u>**
S 6 20.05.08

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, dan huwa l-ewwel diskors tiegħi f'din il-leġislatura u nixtieq nibda billi nifraħ lilek tal-kariga prestiġġjuża li ngħatajt. Nixtieq ukoll nifraħ u nirringrazzja lis-Sinjorina Pauline Abela, l-Aġent Skrivan ta' din il-Kamra ta' kemm tieħu paċenzja bina, kif ukoll lill-istaff ta' dan il-parlament, lill-pulizija u anke lill-membri tal-Forzi Armati. Nixtieq nawgura wkoll lil sħabna l-membri parlamentari taż-żewġ naħat tas-suċċess personali li kisbu. Nixtieq nifraħ b'mod partikolari lill-membri parlamentari l-ġodda.

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Għawdxin kollha talli għat-tieni darba konsekuttiva għoġobhom jafdawni biex nirrappreżentahom f'dan il-parlament u nwegħedhom li bħalma kont vuċi soda fil-leġislatura li għaddiet, kemm għal Għawdex kif ukoll għall-Għawdxin, f'din il-leġislatura se nkompli b'dan ir-ritmu. Grazzi kbira tmur għall-familja tiegħi u għal dawk kollha li għenuni fil-ħidma tiegħi waqt il-kampanja elettorali. Din kienet kampanja elettorali daqsxejn partikolari għax kienet daqsxejn diffiċli li nkampa ma' elezzjoni u tqala, pero` bil-ħidma u bl-għajnuna ta' ħafna nies irnexxieli nagħmel dan. Hawnhekk nixtieq nieħu l-opportunita` u nifraħ lill-kollega tiegħi l-Onor. Anthony Agius Decelis u lill-mara tiegħu għat-tarbija li kellhom il-ġimgħa l-oħra.

Milli jidher il-*catching phrase* ta' din il-leġislatura se tkun "naħdmu flimkien", xi ħaġa li jekk verament isseħħ nemmen li se nkunu kapaċi nwettqu affarijiet kbar għal pajjiżna u nkunu qed nuru maturita` politika li l-poplu ġustament qed jistenna mingħandna. Pero` biex naħdmu flimkien ifisser li l-ewwel u qabel kollox irid ikollna rispett reċiproku. Huwa importanti u essenzjali li l-gvern jistma b'rispett lil din l-oppożizzjoni li tirrappreżenta nofs il-poplu Malti li emmen fina u fil-politika tagħna u eleġġiena proprju f'dan il-parlament biex nirrappreżentawh. Sur President, il-ġid ta' pajjiżna u tal-poplu se jiddetermina l-mod ta' kif aħna se naħdmu u noperaw f'din il-leġislatura. Pero` mbagħad il-gvern, min-naħa tiegħu, għandu juri bil-fatti u mhux bil-*catching phrases* biss li aħna jistħoqqilna kull rispett u konsiderazzjoni. Ċertament spiċċa dak iż-żmien fejn jiġi xi ħadd min-naħa tal-gvern jittrattana b'mod mhux xieraq billi jgħidilna li ladarba tan-naħa l-oħra għandhom maġġoranza ta' ħames siġġijiet allura jagħmlu li jridu. Illum il-ġurnata l-affarijiet inbidlu, jifirduna biss hemm ftit mijiet ta' voti u allura ċertament hemm aktar lok għal korrettezza politika. Ovvjament minkejja l-kliem sabiħ diġa` rajna ċertu kuntrast bejn il-kliem u l-fatti. Sinċerament dan ma tantx jawgura tajjeb għal li ġej u jimpinġi ħafna fuq il-kredibilita` ta' dan il-gvern li qed jaġixxi b'mod, sa ċertu punt, kontradittorju u inkonsistenti ħafna.

Fuq nota ġenerali dwar id-Diskors tal-President rajna proposti li konna għamilna aħna stess fil-pjan Laburista għal bidu ġdid. Dan sar ukoll fil-*budget* li għadda. Fil-fatt il-gvern ippreżenta proposti bħala tiegħu li konna għamilna aħna wara li kien ikkritikahom ħafna u fl-opinjoni tiegħi dan huwa ċertifikat tajjeb li l-proposti tagħna kienu verament tajbin. Rajna wkoll proposti oħrajn li huma riċiklati għax ilna nisimgħuhom f'din il-Kamra għal sena wara oħra. Ladarba dawn ġew ippreżenti jfisser ħaġa waħda, li minn dan assolutament ma sar xejn. Jekk dak li ġie propost jiġi mwettaq, jien l-ewwel waħda li nkun ferħana li pajjiżna jkun qed jimxi 'l quddiem u javvanza, għax wara kollox aħna ta' l-oppożizzjoni hekk irridu u nixtiequ. Pero` rrid infakkar li dan m'huwiex gvern ġdid imma huwa kontinwita` ta' dak preċedenti u qed jerġa' jipproponi affarijiet li ma wettaqx. Dan il-fatt jixħet ċertu dubju kemm dan il-gvern verament għandu r-rieda li jwettaq u kemm verament irid li l-pajjiż jimxi 'l quddiem. Għalhekk għad irridu naraw kemm dan il-gvern għandu l-ħeġġa li jaġixxi u kemm effettivament għandu l-kapaċita` li jmur 'il hinn mill-paroli u jgħaddi għall-azzjoni.

Sur President, dwar l-oqsma taż-żgħażagħ, sport u kultura jidher li l-gvern irrealizza kemm fl-aħħar leġislatura dawn l-oqsma tħallew lura. Ladarba ġie ristrutturat il-ministeru taħt it-tmexxija tal-Ministru Dolores Cristina wieħed jispera li l-affarijiet jinbidlu u jmorru ħafna għall-aħjar. Rigward il-qasam taż-żgħażagħ irrid ngħid li aħna bħala partit ukoll ħdimna fuq il-politika tagħna għaż-żgħażagħ għax ridna u għadna rridu li ż-żgħażagħ ikunu protagonisti anke fit-tfassil tal-politika u l-andament ta' kif jitmexxa dan il-pajjiż. Fil-fatt il-politika tagħna saret miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ stess fejn

stedinna lil diversi għaqdiet taż-żgħażagħ u flimkien magħhom fassalna proposti u ideat biex nindirizzaw ir-realtajiet u l-problemi relatati maż-żgħażagħ. Il-kunċett prinċipali kien li rridu liż-żgħażagħ tagħna jkunu fit-tmun tal-ġejjieni. Ovvjament aħna dejjem irridu nimplimentaw u nsostnu l-konċett ta' ċittadinanza attiva.

Fuq quddiem nett fil-politika tagħna dejjem kellna u għad għandna l-problema tax-xogħol. Aħna nemmnu li x-xogħol huwa dritt sagrosant u jinkwetana ħafna l-fatt li għandna ħafna żgħażagħ li qed isibuha diffiċli ħafna li jinfiltraw fid-dinja tax-xogħol. F'Malta huwa diffiċli ħafna u nista' ngħidlek li f'Għawdex huwa kważi impossibbli li żagħżugħ, anke jekk ikun akkademikament kwalifikat, jinfiltra fid-dinja tax-xogħol. Aħna inkwetati ħafna dwar il-kondizzjonijiet u d-drittijiet taż-żgħażagħ tagħna fuq il-postijiet tax-xogħol. Jidher li dan il-fatt qed jinkwieta lill-gvern ukoll. Kien għalhekk li aħna konna ppproponejna proposta fejn l-istudenti tagħna, sa minn fuq il-bankijiet ta' l-iskola, jiġu mħarrġin u jiġu ppreparati għad-dinja tax-xogħol biex ikunu jafu d-drittijiet tagħhom u x'għandhom jagħmlu jekk xi ħadd jipprova jkasbar u jimmina dawn id-drittijiet.

Sfortunatament ix-xogħol prekarju u instabbli qiegħed isir aktar komuni. Dan qiegħed ukoll jaffettwa l-għażliet taż-żgħażagħ tagħna anke rigward il-formazzjoni tal-familja. F'dan id-dibattitu ssemmiet ħafna l-familja u dan huwa fattur li l-inċertezza li ġejja mix-xogħol prekarju u xogħol instabbli qed jaffettwa ħafna l- pedamenti tal-familji tagħna speċjalment dawk żgħażagħ. Min-naħa tal-gvern smajna wkoll lill-Ministru Tonio Fenech jgħid li għar-rigward tax-xogħol il-gvern qed jagħmel il-miri tiegħu għal din il-leġislatura. Huwa tajjeb li timmira għax jekk timmira tista' forsi tolqot, pero` jien nistaqsi: Għaliex din il-mira ma saritx qabel? Kieku saret qabel forsi llum aħna f'pożizzjoni ħafna aħjar. Allura nħeġġeġ lill-gvern biex jekk għandu jagħmel xi ħaġa bl-aktar mod konkret jagħmilha issa u mhux iħalli għal aktar tard bħalma ġara fil-passat. Qed ninsisti ħafna fuq ix-xogħol għax teżisti frustrazzjoni fost iż-żgħażagħ tagħna li mhux qed jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom u qed jidħlu f'ċirku vizzjuż bil-konsegwenza li mbagħad tbati s-soċjeta` ġenerali u anke dawn l-istess żgħażagħ u l-familji tagħhom.

Xi ħaġa oħra fuq dan is-suġġett li xtaqt nindirizza hija li ċertament m'huwiex etiku li jiġi xi ħadd mill-isfera politika li juża l-vulnerabilita` taż-żgħażagħ. Dan qed ngħidu għax qabel l-elezzjoni kienet għaddejja kampanja ta' intimidazzjoni fost iż-żgħażagħ li jekk jappoġġjaw lill-Partit Laburista jmorru ħażin. Dak m'huwiex l-ispirtu ta' kif titmexxa kampanja elettorali fost iż-żgħażagħ. Aħna tal-Partit Laburista qatt ma dħakna biż-żgħażagħ u m'għamilniex bħalma għamel gvern Nazzjonalista li fil-*budget* li għadda ġie hawnhekk jiftaħar li se jagħti €1.2 miljun għall-iskema ta' l-*equity sharing* u f'dawn l-aħħar ġranet smajna li din l-iskema ġiet sospiża u l-applikazzjonijiet m'humiex qegħdin jiġu proċessati. Dan ħoloq inkonvenjent għal koppji żgħażagħ li kellhom arranġamenti u konvenji pendenti li issa qed jinkwetaw dwar x'se jiġri minn dan is-sussidju.

Sur President, għalina l-edukazzjoni kienet, għadha u tibqa' prijorita`. Ninsabu inkwetati ħafna dwar il-fatt li għandna żgħażagħ li qed joħorġu illitterati jew semi-illitterati mill-iskejjel u anke mingħajr ħiliet bażiċi li wieħed normalment jistenna meta ż-żgħażagħ joħorġu mill-iskejjel. Dawn huma fatturi li qed ixekkluhom meta jiġu biex jimpjegaw ruħhom. Għalhekk aħna konna għamilna proposti f'dan is-sens biex ir-riżors uman tagħna kemm jista' jkun nippreparawh tajjeb għad-dinja tax-xogħol ħalli nkabbru l-produttivita` u l-kompetittivita` u naqgħu fil-parametri ta' l-aġenda ta' Lisbona u mhux dejjem nibqgħu fl-aħħar kif qegħdin s'issa. Bl-għaqal u mingħajr ma nagħmlu l-edukazzjoni xi ħaġa politika naħseb li nistgħu naraw x'hemm bżonn isir, u jekk hemm bżonn issir xi ħaġa indipendentement minn min ikun ipproponiha naħseb li huwa għaqli li ssir.

Rigward l-oqsma tal-kultura u ta' l-isport, aħna bħala partit ukoll għamilna l-politika tagħna. Fl-aħħar *budget* il-gvern ħa xi proposti minn tagħna wkoll pero` għad baqa' proposti oħrajn u dawn huma pubbliċi u għall-ġid tal-pajjiż naħseb li m'aħna se ngħidu xejn jekk min-naħa tal-gvern jissellfu xi tnejn bħalma għamlu fil-*budget* li għadda. Aħna ħarisna lejn il-kultura bl-aktar mod wiesa', soċjali u inklussiv biex ikollna politika kulturali li tiddistingwina mill-pajjiżi l-oħra kollha. Nixtiequ li jkun hemm proposti biex il-poplu tagħna japprezza aktar il-kultura ta' pajjiżna u dak kollu li jagħmilna ġens Malti, u ovvjament min għandu talent għandu jingħata l-għajnuna neċessarja biex ikompli

jiżviluppa t-talent tiegħu. Konna ttrattajna wkoll il-kultura mill-aspett ta' tkabbir ekonomiku għax dan huwa settur li għandu potenzjal kbir li jikkontribwixxi għall-attivita` ekonomika ta' pajjiżna, u b'kumbinazzjoni l-bieraħ dwar Għawdex, l-Onor. Frederick Azzopardi semma żewġ proposti interessanti, dak li jittella' festival ta' opri liriċi f'Għawdex u dak tal-mużew ta' l-arti f'Għawdex. Dawn kienu żewġ proposti inkorporati fil-politika tagħna u fl-opinjoni tiegħi huma ideat tajbin. Għalhekk nistieden lill-gvern biex jistudjahom ħalli eventwalment jiġu *in place.*

Rigward l-isport għamilna wkoll politika innovattiva u sħaqna ħafna dwar il-ħtieġa ta' l-isport biex isir parti minn ħajjitna ħalli nkunu aktar b'saħħitna, dixxiplinati kif ukoll biex inneħħu l-i*stress* tal-ħajja ta' kuljum. Indirizzajna l-aspett ta' l-isport ukoll mil-lat ekonomiku tal-potenzjal ta' dan il-qasam li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' pajjiżna. Nemmen li jekk nindukraw dawn iż-żewġ oqsma bil-għaqal inkunu nistgħu noħolqu niċeċ għalina speċjalment fit-turiżmu, u t-talent li għandna f'pajjiżna nkomplu ngħinuh u nippromwovuh. Naħseb li huwa opportun li peress li din il-ġimgħa se jkollna l-ambaxxatriċi tagħna li se tikkontesta fil-*Eurovision* nifirħilha minn hawnhekk.

Qed jingħad li l-Għawdxin għandhom sfidi partikolari li jridu jingħelbu biex dawn igawdu sehem sħiħ fis-suċċess tal-pajjiż. Jien qed nikkwota minn dak li qal il-President. Hawnhekk għandna rikonoxximent formali fejn sfortunatment l- Għawdxin waqgħu lura. Jien l-ewwel waħda jiddispjaċini li dan qed isir u nixtieq ħafna li l-gvern iwettaq dak li ma kienx kapaċi jwettaq s'issa f'20 sena. Nixtieq nara opportunitajiet ta' xogħol u edukazzjoni ta' kwalita` biex it-tfal tagħna jimxu 'l quddiem. Nixtieq nara wkoll l-investiment u minflok ikun hemm *Smart City* u *Smart Malta* jkollna *Smart Gozo* wkoll. Nixtieq ukoll li negħlbu l-istaġjonalita` fis-settur turisitku u nimxu lejn turiżmu aktar kwalitattiv. Ovvjament nixtieq nara wkoll titjib fis-servizzi offruti lill-Għawdxin vulnerabbli u bil-problemi u bżonnijiet soċjali u speċjali. Fuq kollox nixtieq nara settur tas-saħħa mill-aqwa kif imwiegħed mill-gvern għax wara kollox aħna l-Għawdxin inħallsu taxxi daqskemm iħallsu l-Maltin.

Li ma nixtieqx huwa li nagħmlu leġislatura oħra nisimgħu l-istess paroli mbagħad niġu fl-aħħar u jkun sar ftit li xejn jew li jkun sar ikun sar ta' malajr u jibdew joħorġu d-difetti wara. Dan qed ngħidu għax fil-proġetti li saru fil-leġislatura li għaddiet il-gvern tant kien imdorri ma jagħmel xejn f'Għawdex li malli għamel xi ħaġa bdiet tispikka l-inkompetenza u l-inkapaċita`. Qed ngħid dan għax minkejja li ġiet stallata d-*decompression chamber,* wara sena u nofs għadha ma tħaddmitx, u l-Ministru għal Għawdex fid-diskors tagħha lanqas biss semmietha. Ir-rampi tal-karozzi u tal-passiġġieri tat-terminal ta' l-Imġarr saru ħażin u kellhom jinqalgħu bil-konsegwenza li saru diversi spejjeż imbagħad reġgħu saru kif suppost. Meta qegħdin nitkellmu fuq toroq, f'nofs ix-xogħol irrealizzaw li riedu jagħmlu s-servizzi b'żieda konsiderevoli ta' l-ispejjeż li kważi rdoppjaw. Meta saret it-triq tar-Ramla ma' l-ewwel ftit xita saru diversi inċidenti għax beda ħiereġ xi materjal tat-triq stess u meta ngħalqet il-biċċerija suppost ingħalqet għal sitt xhur u għaddew ħames snin u nofs u din il-biċċerija għadha magħluqa.

Rigward l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ irrid ngħid li għandna saga sħiħa. Rigward il-mużew li semma l-bieraħ l-Onor. Frederick Azzopardi – dan qal li saru xi vetrini *state of the art* - jiena ninsab informata li dawn diġa` bdew jixxaqqu u anke għandhom xi ħsarat. Rigward is-servizz tas-saħħa kien sar ħafna ftaħir pero` nixtieq ngħid li kull filgħodu mal-vapur tas-7.30 a.m. titlaq *coach* ta' pazjenti għat-trattamenti f'Malta, li minnhom għandek min imur l-Isptar Boffa għall-*chemotherapy.* Immaġina dawn in-nies li wara l-*chemotherapy* iridu jagħmlu dak il-vjaġġ. Imbagħad għandek min irid imur għal sempliċi test jew trattament żgħir ieħor. Per eżempju, anke għal *mammogram* trid tmur Malta aħseb u ara għal affarijiet kbar. Apparti minn hekk għandek min ikun rikoverat l-isptar, jiġifieri jkun batut u muġugħ, iktar mejjet milli ħaj, u lil dawn in-nies ġieli jaqbdu u jeħduhom l-isptar f'Malta bil-*helicopter.* Alla biss jaf kif ikunu dawn biex jagħmlulhom xi testijiet. Naħseb li din hija xi ħaġa inumana ħafna u hemm bżonn li tiġi indirizzata minnufih. Sena wara oħra dejjem nisimgħu li l-gvern se jindirizza dawn il-problemi pero` dejjem nibqgħu *status quo*.

Rigward l-aspett ambjentali rrid ngħid li fid-Diskors tal-President kien hemm imsemmi l-konċett ta' Għawdex bħala gżira ekoloġika li wara kollox kienet ukoll fil-manifest elettorali tal-Partit Nazzjonalista. Personalment dan nikkonsidrah bħala konċett sabiħ u utli ħafna pero` hawnhekk

nistaqsi: Dan kif se jiġi attwat? Milli jidher, anke kif qrajt fil-ġurnali, għadu ma sar ebda pjan u studju. Apparti minn hekk hemm kuntrast kbir bejn dan il-konċett kif qed jiġi propost u l-anomaliji ambjentali li jeżistu f'Għawdex. Dan qed ngħidu għax f'Għawdex hemm diversi proposti għal żviluppi mdaqqsa li qed jheddu l-ambjent u jidher li dawn għandhom l-appoġġ tal-gvern. Per eżempju, l-Onor. Marlene Pullicino semmiet l-iżvilupp tar-Ramla l-Ħamra li għall-ewwel qajjem ċertu kjass. Sakemm ġiet u għaddiet l-elezzjoni l-affarijiet qishom li kienu kkwietaw, imma donnu li issa li għaddiet l-elezzjoni, dan l-iżvilupp qed jerġa' jissemma.

Dan il-proġett huwa wieħed li se jibbenefika minnu grupp ta' spekulaturi u li Għawdex ċertament li ekonomikament m'hu se jieħu xejn u se jkun detrimentali anke għall-ambjent. Ta' min jgħid li r-Ramla l-Ħamra hija waħda mill-isbaħ bajjiet tad-dinja u żvilupp bħal dan se jgħarraq il-pajsaġġ u l-ambjent kollu tar-Ramla l-Ħamra. Hemm ukoll il-proġett ta' Ħondoq ir-Rummien. Din hija waħda mill-uniċi żewġ bajjiet li għadhom fl-istat naturali tagħhom ġewwa Għawdex. Hemm propost żvilupp enormi li r-residenti tal-Qala u ħafna Għawdxin ma jriduhx għax, *again,* se jkun detrimentali għall-ambjent ta' Għawdex. Flimkien ma' dan hemm il-proġett tal-*waste transfer station* f'Imġarr ix-Xini li ftit 'il bogħod minnha għandek sit arkeoloġiku. Ir-residenti tax-Xewkija ċertament li mhumiex kuntenti bih u l-għaqdiet u NGOs li jaħdmu fil-qasam ta' l-ambjent u ta' l-arkeoloġija ċertament m'humiex jappoġġjawh.

Sur President, nagħlaq billi ngħid li aħna ta' din in-naħa għandna kull rieda tajba, pero` din trid tiġi reċiprokata min-naħa tal-gvern u aħna minn din in-naħa nistennew korrettezza politika, konsistenza u koerenza. Aġir mod ieħor kulma se jagħmel hu li jiffavorixxi l-firda u ċertament dan ikun detrimentali għall-pajjiż kollu.

**Abbozz ta' Liġi dwar ir-Reġistru Ċentrali - Abbozz Nru 3**
S10 28.05.08

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, bla dubju ta' xejn l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna huwa interessanti ħafna u nemmen li se jkollu utilita` kbira kemm għall-pubbliku in ġenerali kif ukoll għalina li noperaw fl-ambitu tal-professjoni legali għax permezz tiegħu se niġu fornuti b'għodda ħalli nkunu nistgħu naħdmu u noperaw aħjar għall-ġid tal-klijenti tagħna. F'kull abbozz ta' liġi jien dejjem nipprova nara l-aspett Għawdxi u nara kif Għawdex se jiġi milqut. Hawnhekk irrid nistqarr li filwaqt li f'liġijiet oħrajn Għawdex ġieli ma kienx jissemma, f'din il-liġi partikolari qed jissemma. Ovvjament jien se nagħmel xi kummenti li nispera li jiġu nnotati u ikkonsidrati biex din il-liġi tkun aktar effettiva f'Għawdex. Imbagħad se ngħaddi biex nagħmel xi kummenti aktar ġenerali, kemm għal Għawdex kif ukoll għal Malta.

Sur President, ir-reġistru pubbliku u r-reġistru ta' l-artijiet, kif qegħdin bħalissa fiżikament f'Malta, huma żewġ binjiet separati. Għalhekk naħseb li huwa opportun li wieħed jibda jara l-loġistika ta' kif se jaħdem u fejn se jkun dan ir-reġistru ċentrali. Qed ngħid dan għax forsi jekk f'Malta din ma tippreżentax problema, f'Għawdex, minħabba l-limitazzjoni ta' spazju, jistgħu jinħolqu xi problemi, u allura tajjeb li wieħed jibda jaħseb minn issa kif se jiġi *manned* ir-reġistru ċentrali. Qed ngħid dan għax kemm l-istaff tar-reġistru pubbliku kif ukoll l-istaff tar-reġistru ta' l-artijiet għandhom ċerti *loads,* u allura wieħed irid jara kif se jikkonsidra dan l-aspett ukoll.

Waħda mill-funzjonijiet ta' l-uffiċċju tar-reġistru ċentrali se tkun li jkun hemm il-produzzjoni ta' riċerki uffiċjali. Meta jien iggradwajt u għall-ewwel bdejt naħdem ta' nutar niftakar li kont immur ir-reġistru pubbliku, kont noqgħod bil-qiegħda fl-art, kont niftaħ il-volumi u nagħmel ir-riċerki jien għax dak iż-żmien il-volumi tan-noti ta' l-Insinwa kienu disponibbli, pero` llum il-ġurnata – ilna ftit hekk mhux ħażin – dawn in-noti qegħdin Malta għax meta ġiet ikkummissjonata l-kumpannija li tagħmel ir-riċerki li għandha l-monopolju biex tagħmel ir-riċerki f'pajjiżna, dawn il-volumi ttieħdu mir-reġistru ta' Għawdex għal Malta. Għalhekk, kemm-il darba din il-pożizzjoni tibqa' kif inhi, ir-reġistru ċentrali f'Għawdex ma jistax jaqdi l-funzjoni tiegħu skond dan l-abbozz ta' liġi. Ċertament dan se jkun ta' detriment għall-poplu Għawdxi għax inkella se jkollu jibqa' bis-sitwazzjoni kif inhi.

L-uffiċċju ta' Għawdex, bħal dak ta' Malta, se jkollu r-responsabbilta` li jippreserva noti, atti jew dokumenti kif ukoll l-aċċettazzjoni, il-preżentazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' atti reġistrabbli. Ovvjament hawnhekk qed nitkellmu wkoll fuq atti notarili. Problema oħra li niltaqgħu magħha f'Għawdex hija dwar il-fatt li għandna xi nutara, li lanqas tgħoddhom fuq id waħda, li mhux qed jaderixxu ma' l-obbligu li huwa impost fuqhom f'artiklu 55 ta' kapitlu 55 li jirrigwarda l-professjoni notarili. Dan l-obbligu impost mil-liġi huwa fis-sens li n-nutara għandhom l-obbligu legali li fi żmien xahar jiddepożitaw kull att li jkunu ppubblikaw fl-arkivju ta' Għawdex.

Għalkemm din il-liġi li għandna quddiemna *as such* ma tirrigwardax l-arkivji notarili, dan l-obbligu xorta waħda se jkollu effett dwar il-mod ta' kif se noperaw fil-kontest ta' din il-liġi, għax jekk ma jkollokx ċerti kuntratti li ma jkunux *available* ovvjament ma nistgħux naderixxu mar-rekwiżiti ta' dan l-Att. Nixtieq nagħmel riferenza wkoll għal problema partikolari li qed niltaqgħu magħha f'Għawdex. Minħabba din il-problema għandna kawżi li ilhom pendenti 'l fuq minn għaxar snin. Per eżempju, għandna problema dwar atti ta' nutar li llum huwa mejjet, u dawn l-atti tiegħu qed jiġu preservati mill-familja tiegħu. Fil-fatt għandna diffikulta` enormi, biex ma ngħidx kważi impossibbilta`, li nottjenu kopji ta' dawn il-kuntratti. Ovvjament dan qed joħloq inkonvenjent kbir mhux għall-klijenti biss imma anke għalina l-avukati li rridu naħdmu, u jekk ma jkollokx id-dokument legali f'idejk ma tistax tipproċedi.

Per eżempju, jien u avukat ieħor għandna każ ta' nutar li ma baqgħetx tipprattika ta' nutar u meta spiċċat mill-operat tagħha ma qagħditx għall-obbligi tagħha skond l-artiklu 17 ta' kapitlu 55 u la ħatret nutar konservatur u lanqas iddepożitat l-atti tagħha fl-arkivju ta' Għawdex jew fl-arkivju ta'

Malta. Is-sitwazzjoni hija tali li għandna bżonn testment ta' din in-nutar, u ġaladarba m'huwiex *available* dawn in-nies ma jistgħux jagħmlu *causa mortis* tal-persuna li ġiet nieqsa, bil-konsegwenza li jekk xi darba dan it-testment jiġi *available* u nagħmlu l-*causa mortis,* ovvjament se jkun hemm konsegwenzi xejn pjaċevoli, għax it-taxxa li se tkun dovuta se tkun waħda konsiderevoli. Ġaladarba jeżistu dawn id-diffikultajiet minn dawn in-nutara li mhux qed jaderixxu ma' l-obbligu tagħhom, naħseb li *it's about time* li xi ħadd jaqbad il-barri minn qrunu, jieħu azzjoni, u forsi xi darba nibdew inħarsu 'l quddiem.

Rigward ir-reġistrazzjoni ta' titolu abbażi tal-preskrizzjoni akkwiżittiva f'Għawdex għandna ċerti problemi. Qed ngħid dan għax f'dawn l-aħħar snin kulmin ipprova jirreġistra t-titolu tiegħu abbażi tal-preskrizzjoni, l-applikazzjoni tiegħu waqfet għax kienu qed jintalbu jipproduċu l-kuntratti. Issa ovvjament min qed jinvoka l-preskrizzjoni, ma jkollux kuntratti għax normalment kulma jkollhom dawn ikun xi *affidavit* fejn jiddikjaraw li jkunu ppossedew il-proprjeta` għal aktar minn 30 sena. Imbagħad – hawnhekk qiegħda l-anomalija – ikollok applikazzjonijiet oħrajn li jsiru abbażi ta' kuntratti regolari u jkun hemm xi ħadd li jdaħħal kawzjoni b'*affidavit* anness u jinvoka l-preskrizzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn tieqaf ukoll. Allura qed nispiċċaw f'sitwazzjoni fejn ikollok ħafna applikazzjonijiet li qed jiġu mwaqqfin u mhux qed jiġu proċessati għal dawn ir-raġunijiet.

Dan l-abbozz ta' liġi jikkontempla wkoll reġistrazzjoni ta' titolu abbażi ta' preskrizzjoni, pero` flimkien ma' l-applikazzjoni, hawnhekk qed jingħad li se jintalab att reġistrabbli flimkien ma' dikjarazzjoni maħlufa. Kif għedt qabel, min jinvoka l-preskrizzjoni, aktar iva milli le, ikollu affidavit, pero` dwar il-kuntratti, dawn ma jkollhomx, u allura qed nissuspetta li s-sitwazzjoni se tibqa' *status quo.* Dan insostnih bil-fatt li meta tħares lejn l-artiklu 51, fejn qed jissemmew il-persuni li jistgħu jiġu reġistrati bħala sidien, l-abbozz ta' liġi ma jsemmix persuna li tkun qed tippossjedi l-proprjeta` *uti domini,* u allura jkun hemm l-invokazzjoni tal-preskrizzjoni.

Rigward it-tribunal imsemmi fi klawsola 69 jidher li se jkun hemm wieħed biss u li se jkun qed jisma' l-kawżi f'Malta. Tant hu hekk li anke qed jissemma r-reġistru tal-prim awla ċivili, u qed jissemma' wkoll li min ma jaqbilx mad-deċiżjoni tat-tribunal irid jintavola l-appell fil-prim awla tal-qorti ċivili li tinsab f'Malta. Dan ikun ifisser li jekk xi ħadd Għawdxi li jkollu jirrikorri għal dan it-tribunal jew xi stanza oħra jrid imur Malta, u dan aħna l-Għawdxin ma rriduhx. Min jiġi sal-qorti ta' Għawdex isib li l-parti l-kbira tal-każijiet huma dwar proprjeta`. Għalhekk naħseb li jagħmel sens li anke f'Għawdex ikollok fergħa jew tribunal, imbagħad ikollok il-qorti tal-maġistrati ta' Għawdex u s-sede superjuri tagħha li taqdi l-funzjoni tal-prim'awla.

Hemm ukoll ċerti kontradizzjonijiet, u naħseb li huwa opportun li wieħed jiċċarahom għax forsi x'ħin qrajthom interpretajthom ħażin. Klawsola 14 titkellem dwar is-setgħat tar-reġistratur ċentrali li se jkollu l-fakulta` li jmexxi b'ċerti proċeduri li meta wieħed jarahom isib li huma kważi ġudizzjarji. Per eżempju, dan se jkollu s-setgħa li jeżamina taħt ġurament u jieħu dikjarazzjonijiet solenni u anke joħroġ ċitazzjoni għat-taħrik tax-xhieda. Dan se jkollu wkoll il-fakulta` li persuna tinstab ħatja u tiġi mmultata. Ġaladarba dawn il-proċeduri se jieħdu forma ġudizzjarja naħseb li huwa importanti li jiġu salvagwardati wkoll id-drittijiet taċ-ċittadin u jiġu segwiti d-*dettami* tal-ġustizzja naturali. Dan qed ngħidu għax f'partijiet oħra ta' l-abbozz ta' liġi fejn qed jissemma t-tribunal dawn l-affarijiet jissemmew, pero` x'ħin niġu għal din il-parti mhux qed jissemmew. Għalhekk ġaladarba jidher li qegħdin niddipartixxu mis-sistema tradizzjonali legali tagħna u qegħdin nintroduċu sistema inkwiżitorjali fl-ambitu ċivili, allura rridu noqogħdu aktar attenti.

Qed jingħad ukoll li min iħossu aggravat jista' jintavola appell quddiem il-qorti ta' l-appell kemm-il darba din il-kwestjoni għandha tiġi riferita lit-tribunal. Rigward it-tribunal qed jingħad li meta tingħata l-opinjoni tat-tribunal, min ma jaqbilx magħha għandu jirriferi l-każ lill-prim awla tal-qorti ċivili, u skond subklawsola (6) ta' klawsola 72 qed jingħad li m'għandu jkun hemm ebda appell mid-deċiżjoni tal-prim awla tal-qorti ċivili. Il-mistoqsija tiegħi hija din. Ġaladarba l-Att qed jeskludi l-appell, kif tista' persuna aggravata tressaq l-appell quddiem il-qorti ta' l-appell kif qed tgħid subklawsola (9) ta' klawsola 14? Allura jien nistaqsi: Jekk jeżisti dritt ta' appell, liema artiklu jikkontempla dan? Apparti minn hekk, f'subklawsola (3) ta' klawsola 72 qed jingħad li l-prim awla

għandu jkollha l-kompetenza li tiddeċiedi mhux biss l-affarijiet diskussi u determinati fit-tribunal iżda affarijiet oħra anċillari u relatati magħhom. Imbagħad f'subklawsola (5) qed jingħad li l-qorti m'għandhiex tħalli produzzjoni ta' dokumenti jew xiehda oħra li ma kenux prodotti quddiem it-tribunal sakemm il-qorti ma tkunx sodisfatta li d-dokumenti jew xiehda meħtieġa nħolqu wara li ngħatat opinjoni jew li min talabhom ma kienx jaf bihom qabel.

Normalment fl-appelli hekk isir, pero` hawnhekk għandek każ li huwa daqsxejn differenti għax quddiem il-prim awla jistgħu jinġiebu ħwejjeġ oħra anċillari u relatati li ma kenux neċessarjament quddiem it-tribunal. Għalhekk aktar probabbli milli le, il-parti li se tmur quddiem il-prim awla ma tkunx ġabet provi fuq dan. Ġaladarba dan ikun il-każ, huwa ovvju li l-parti li tmur quddiem il-prim awla trid tressaq il-provi ġodda. Ċertament dan il-każ ma jaqax taħt il-*provisos* li qed tagħmlilna l-liġi li tippermetti l-produzzjoni ta' provi fil-każijiet stipulati biss, u allura naħseb li huwa opportun li f'dan il-każ parti jista' jkollha dritt titlob li titħalla tipproduċi provi, ovvjament salv li tiddikjara r-raġuni għalfejn għandha bżonn tali provi, u mbagħad *se mai* ikun għall-qorti li tiddeċiedi tilqax it-talba jew le. Pero` żgur li le li, *a priori* u minn qabel, ma jistax ikun hemm din iċ-ċaħda awtomatika li xi ħadd iressaq provi ġodda, għax inkella nkunu qegħdin nostakolaw il-proċess ġudizzjarju.

Sur President, qed jingħad ukoll li wara għaxar snin ikollna titolu garantit. Wara kollox, din hija s-sitwazzjoni li għandna bħalissa. Dan huwa garantit sa ċertu punt, għax jista' jkun hemm korrezzjoni sa ħames snin wara li titolu jiġi dikjarat bħala garantit, u allura dik il-*gap* ta' ħames snin tista' toħloq inċertezza speċjalment meta jkollok persuna li mingħaliha jkollha titolu garantit, tidħol f'ċerti obbligi, f'dak il-perijodu ta' ħames snin isiru l-proċeduri kif kontemplati fl-abbozz ta' liġi, u jirriżulta li minflok titolu garantit ma jkollok titolu garantit xejn. Naħseb li jekk it-terminu ta' għaxar snin m'huwiex biżżejjed għandu jiġi estiż, pero` wara dak it-terminu ma jistax ikun hemm emendi għaċ-ċertifikat.

Dwar l-artikli l-ġodda li jirrigwardaw il-prokuri rrid ngħid li dawn huma importanti ħafna u se jsolvu ħafna problemi, pero` naħseb li hemm xi żball fid-data għax ma jistax ikun li tirreġistra xi ħaġa sa l-2005 li diġa` għaddiet. Diffikulta` oħra li qed nara hija dwar id-diversi termini li hemm indikati għall-preżentazzjoni ta' atti reġistrabbli. Fil-fehma tiegħi naħseb li huwa opportun li wieħed jikkonsidra li jkun hemm terminu *standard* għax meta jkollok termini differenti, wieħed, ikun kemm ikun attent u jkun kemm ikun diliġenti, jista' jkun li jfixkel terminu b'ieħor u allura jekk ikollna terminu wieħed, inkunu aktar attenti u nipprevjenu li jkun hemm xi taħwid jew konfużjoni.

Dan huwa abbozz ta' liġi kumpless ħafna u hemm ħafna xi tgħid dwaru. Jien ħadt gost naqrah u nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ħadmu fuqu biex jiġi ppreżentat lilna u anke lil dawk li taw il-kontribut tagħhom. Jalla dan l-abbozz ta' liġi jkollu r-riżultat mixtieq biex kemm il-poplu kif ukoll dawk li jaħdmu fil-professjoni legali jieħdu benefiċċju minn dan l-abbozz ta' liġi. Nirringrazzjak.

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, l-ewwelnett nixtieq nibda l-intervent tiegħi billi ningħaqad mal-kollegi tiegħi taż-żewġ naħat tal-Kamra u niddikjara li jien kontra kull forma ta' razziżmu u kontra kull manifestazzjoni ta' *xenophobia.* Bħala membri tal-ġens uman u bħala insara huwa dover tagħna li ngħinu lil min huwa fil-bżonn. Bħala poplu, minkejja d-daqs ġeografiku żgħir tagħna, dejjem spikkajna għall-qalb u għall-ġenerożita` kbira u ovvjament huwa desiderabbli li nibqgħu hekk. Pero` minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħna pajjiżna kellu jiffaċċja influss qawwi ta' immigrazzjoni u bla dubju ta' xejn, għalkemm aħna nipprovaw nagħmlu dak kollu possibbli biex naqdu d-doveri tagħna, mhux biss morali u umanitarju imma anke legali, tgħabbejna b'piż kbir, piż li ċertament ma nistgħux inġorru waħedna. Bħala pajjiż fil-periferija ta' l-Unjoni Ewropea għandna *an added hurdle* għax ħafna drabi nkunu l-ewwel art li jsibu dawn in-nies u dan minkejja l-fatt li ħafna minnhom ma jkunux iridu jiġu hawnhekk. Il-fatt jibqa' li pajjiżna qed jilqa' lil dawn l-immigranti u qed nagħmlu aktar milli nifilħu u allura ovvjament għandna bżonn l-għajnuna.

Smajna ħafna wegħdiet ta' għajnuna u messaġġi ta' simpatija fil-konfront tagħna minħabba l-piż li għandna, pero` sinċerament inħoss li bis-simpatija u bil-wegħdiet ma nagħmlu xejn. Għandna bżonn l-għajnuna konkreta fejn il-pajjiżi l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea jridu jerfgħu l-piż u jgħinuna wkoll. L-emendi li għandna għall-abbozz ta' liġi huma importanti ħafna u għandhom utilita` kbira. Nemmen ukoll li kull każ u kull talba għal status ta' rifuġjat għandu jiġi mistħarreġ tajjeb biex dawk il-każijiet li verament ikunu ġenwini u li jistħoqqilhom kull għajnuna, din nagħtuhielhom kemm jista' jkun malajr. Per eżempju, f'Għawdex nara ħafna nies ta' nazzjonalita` differenti fit-toroq tagħna. Issa jekk humiex regolari jew le ma nafx, pero` jinteressani ħafna li nkun naf jekk hemmx xi awtorita` jew xi għaqda li qed tkun viġilanti f'Għawdex biex dawn in-nies jiġu stmati tajjeb u ma jiġux sfruttati. Qed nirriferi b'mod partikolari għall- kondizzjonijiet ta' l-impjieg u d-drittijiet tagħhom fuq il-post tax-xogħol. Hawn ħafna postijiet tax-xogħol li fihom jaħdmu persuni ta' nazzjonalita` barranija u rridu nassiguraw li dawn bl-ebda mod u fl-ebda ħin ma jiġu sfruttati għax wara li jkunu ħallew is-sitwazzjoni kerha ta' pajjiżhom ċertament m'huwiex desiderabbli li jsibu xorti ħażina f'pajjiżna.

Sur President, ftit tal-ġimgħat ilu b'kumbinazzjoni ltqajt ma' persuna li taħdem fuq bażi volontarja mar-rifuġjati u tkellimna fuq ħafna affarijiet. Ovvjament l-ewwel ħaġa li titkellem dwarha meta tiltaqa' ma' persuni simili hija li meta tara xeni fuq it-televiżjoni ta' nisa u tfal nieżlin minn fuq id-dgħajjes u bċejjeċ tal-baħar oħra tinduna bil-bixra fuq wiċċhom li turi tbatija kbira u meta tqis li dawn jissograw ħajjithom biex jitilqu minn pajjiżhom u jfittxu ħajja aħjar għalihom u għal uliedhom, ma tistax ma tħossx għalihom u tkun tixtieq li tingħata l-għajnuna possibbli. Sirt naf ukoll li meta jiġu determinati u kkonsidrati applikazzjonijiet ta' nisa għal status ta' rifuġjat m'għandniex sett ta' linji gwida uffiċjali u formali biex applikazzjoni tiġi mistħarrġa b'mod li tkun *gender friendly.* Sirt naf ukoll li barra minn Malta jeżistu dawn il-*guidelines* u l-uffiċjali tagħna ġieli jirriferu għalihom. Pero` naħseb li ġaladarba aħna pajjiż li għandu dan l-influss qawwi ta' immigrazzjoni lejn xtutna jkun tajjeb li aħna stess infasslu l-linji tagħna b'mod li jkunu tassew addattati u jirriflettu s-sistema tagħna u l-bżonnijiet partikolari tagħna.

Huwa fatt li għalkemm l-irġiel u n-nisa jistgħu jiġu ppersegwitati għall-istess affarijiet, hemm ċerti modi ta' persekuzzjoni li hija strettament femminili. Hawnhekk qed nirriferi għal każ partikolari meta mara tiġi mġiegħla twettaq abort, xi ħaġa li ovvjament raġel ma jistax jiġi mġiegħel li jagħmel. F'ħafna pajjiżi għandna sitwazzjonijiet fejn id-drittijiet tal-mara huma mkasbra u l-mara hija soġġetta għal trattament inuman u inaċċettabbli. Għalkemm dan kollu huwa normali u aċċettat f'pajjiżhom u fil-kulturi tagħhom, lilna dawn l-affarijiet jixxokkjawna u nistkerrħuhom. M'huwiex aċċettabbli għalina li jkun hemm nisa mutilati jew ikunu sterilizzati biex jiġu mċaħħda mill-maternita` tagħhom. F'ċerti pajjiżi dawn l-affarijiet huma aċċettati imma fil-kultura tagħna m'humiex.

Għalkemm il-kummissjoni u l-bord ta' l-appell tar-rifuġjati jqis dawn iċ-ċirkostanzi u ċirkostanzi simili bħala azzjonijiet li jammontaw għal persekuzzjoni u li allura jiġu kkonsidrati, jiġri li ħafna

drabi l-applikanti nisa jiltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet biex jesponu l-każ tagħhom. Jgħidulek li r-raġuni hija li l-proċeduri tagħna m'humiex *gender sensitive* biżżejjed u għal dan il-għan hemm bżonn li jsiru ċerti affarijiet. L-ewwel u qabel kollox huwa importanti li jkollna aktar nies imħarrġa biex jintervistaw lil dawn in-nisa li ħafna drabi jkunu għaddew minn esperjenzi trawmatiċi u allura jkollhom bżonn l-għajnuna biex jispjegaw minn xiex ikunu għaddew u jsaħħu t-talba tagħhom quddiem il-kummissarju u quddiem il-bord ta' l-appell. Ovvjament quddiem każ ta' abbuż m'huwiex faċli li titkellem aħseb u ara meta jkollok sitwazzjonijiet ta' nisa li jkunu f'pajjiż barrani. Ħafna drabi jkun hemm problema tal-lingwa u ma jħossuhomx komdi li jitkellmu u allura ma jirnexxielhomx jesponu l-każ tagħhom tajjeb. B'hekk it-talba tagħhom tiġi rifjutata.

Jinħass il-bżonn li malli nisa immigranti irregolari jaslu f'pajjiżna jiġu milqugħa minn uffiċjali ta' l-immigrazzjoni nisa. Dawn għandhom jinformawhom bid-drittijiet tagħhom mill-bidu nett għax ħafna drabi n-nisa ma japplikawx għalihom imma japplikaw għall-istatus flimkien ma' żwieġhom. Ħafna nisa jħossuhom skomdi jagħtu ċerti dettalji fil-preżenza ta' żwieġhom stess partikolarment meta jkun hemm każijiet ta' mutilazzjoni jew tkasbir tad-drittijiet tagħhom. Għalhekk peress li jkun hemm żwieġhom preżenti dawn jispiċċaw biex lanqas biss isemmuhom. Kif għedt qabel ħafna drabi l-applikazzjonijiet ta' nisa jkunu applikazzjonijiet ta' persuni dipendenti u allura t-talba ta' dawn in-nisa tkun tiddependi ħafna mit-talba tar-raġel. Normalment meta mara jkollha talba li tkun tiddependi fuq dik tar-raġel, il-mara tiġi mistoqsija biss biex issaħħaħ il-pożizzjoni tar-raġel u allura jekk il-pożizzjoni tar-raġel ma tkunx b'saħħitha biżżejjed tiġi miċħuda kemm l-applikazzjoni tar-raġel kif ukoll dik tal-mara li tkun tiddependi minnha.

F'dawn iċ-ċirkostanzi tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li f'ċerti kulturi l-mara m'għandhiex ir-rwol bħalma għandha fis-soċjeta` tagħna u għaldaqstant ma tiġix ikkonsultata mir-raġel fl-andament ta' ħajtu u ma tkunx f'pożizzjoni li ssostni jew tikkollabora dak li jkun qed jgħid ir-raġel. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, huwa essenzjali li jekk il-mara jkollha bażi għal talba, din għandu jkollha l-opportunita` li tagħmilha għax jista' jkun li r-raġunijiet li jkollha l-mara jkunu ferm aktar ġustifikati minn tar-raġel tagħha. Kif għedt, biex in-nisa jħossuhom aktar komdi li jitkellmu u jispjegaw dak li jkunu għaddew minnu u r-raġuni għalfejn ikunu qed jagħmlu t-talbiet tagħhom, għandu jkollhom il-fakulta` li, per eżempju, jitolbu għal *interviewer* li jkun ta' l-istess sess. Ovvjament mara tħossha aktar komda titkellem ma' mara għax ħafna drabi vjolenza u abbużi fuq nisa jiġu mwettqa mill-irġiel u allura hija ħaġa naturali li meta mara tiġi biex titkellem fuq dawn l-affarijiet tibża' tiftaħ qalbha ma' raġel. Dawn l-affarijiet ixekklu lin-nisa mill-mod ta' kif jispjegaw iċ-ċirkostanzi tagħhom u jipprovaw il-każ tagħhom. Hawnhekk qed nitkellmu wkoll fuq dettalji intimi u allura huwa importanti li nkunu sensittivi f'dawn il-każijiet. Min ikun qed jieħu ħsieb dawn il-każijiet irid ikun mistħarreġ tajjeb.

Ġibduli l-attenzjoni wkoll dwar l-interpreti għax ħafna drabi l-mod ta' kif persuna tesprimi ruħha anke x'ħin tiġi għat-*translation* jaffettwa l-kontenut ta' kif tkun qed tispjega l-affarijiet. Għalhekk huwa importanti li l-mara li tkun qed tispjega ċerti dettalji personali u intimi jkollha l-interpretu - preferibbilment din tkun mara - biex din tkun tista' twassal il-każ bl-aħjar mod mil-lenti femminili. Jekk waqt il-proċeduri jkun hemm bżonn xi ħadd espert li l-mara tkun teħtieġ l-għajnuna tiegħu naħseb li m'hemm xejn ħażin b'dan. Kif għedt qabel min għandu raġuni valida u ġusta biex japplika għall-asil għandu jkollu kull dritt li jagħmel dan. Dawn l-affarijiet li semmejt jirrigwardaw id-drittijiet tan-nisa applikanti biex jaġevolawhom aktar u jgħinuhom aktar fil-każijiet tagħhom. Ma nistgħux inżommu lil kulħadd għax iċ-ċirkostanzi ma jippermettux, pero` ma nistgħux nibagħtu lura nies li jkunu ġejjin minn pajjiżi fejn il-kultura tagħhom u s-sitwazzjoni ta' pajjiżhom hija tali li tkun ta' periklu għas-sigurta` tal-persuna u fejn il-ksur tad-drittijiet umani jkunu *the order of the day*. Għandna nagħtu l-opportunita` lil kulmin ikollu każ ġenwin biex iressaq il-każ tiegħu biex jiġi trattat skond il-liġi.

Jekk dawn in-nisa qegħdin jiltaqgħu ma' dawn id-diffikultajiet naħseb li ma jkun hemm xejn ħażin, anzi huwa suġġeribbli, li kemm jista' jkun malajr jiġu introdotti dawn l-għajnuniet biex dawn in-nisa jkollhom verament id-dinjita` tagħhom imħarsa. Nirringrazzjak, Mr Speaker.

**<u>Estimi ta' dħul u nfiq tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u ta' Patrimonju Malta għas-sena 2007/2008</u>**
S 20 18.06.06

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, kif nagħmel is-soltu, se nieħu l-opportunita` biex nitkellem dwar il-qagħda f'Għawdex li hija realta`, u se nsemmi diversi problemi u punti li naf bihom jien f'dan il-qasam bit-tama li jiġu nnotati ħalli s-sitwazzjoni timxi 'l quddiem. B'hekk *Heritage Malta* f'Għawdex tkompli topera aħjar minn qabel għall-benefiċċju kemm ta' l-Għawdxin stess u aktar u aktar ta' dawk li jiġu jżurna biex verament noffrulhom esperjenza unika u ta' kwalita`. Madwar sena ilu fi ħdan *Heritage Malta* sar ċertu ċaqliq fis-sens li s-*senior curators* u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom ġew *shifted*. Fil-fatt, il-*manager* tal-mużewijiet u tas-siti f'Għawdex ingħata r-responsabbilta` ta' *senior curator* fil-mużew ta' l-etnografija kif ukoll tal-forti ta' Sant'Anġlu fil-Birgu u fl-istess waqt baqa' jaġixxi ta' *acting manager* tal-mużewijiet u tas-siti f'Għawdex.

L-ewwel punt li nixtieq insemmi huwa li dan il-fatt jikkontrasta bil-kbir ma' dak li ġara f'Malta fejn is-*senior curators* li ġew maħtura mill-ewwel ħadu r-responsabbiltajiet ġodda tagħhom u bdew jaħdmu għall-benefiċċju ta' dan il-qasam f'Malta. Għalhekk jien nistaqsi: Għaliex f'Għawdex il-post ta' *manager* qed jiġi okkupat minn *acting manager* u ma nħatarx *manager* ġdid kif ġara f'Malta? Qed nistaqsi dan għax filwaqt li f'Malta għandek *senior curators* li huma responsabbli mill-mużewijiet, mill-kollezzjonijiet u mis-siti arkeoloġiċi, għandek ukoll il-*managers* li huma responsabbli minn diversi oqsma ta' l-amministrazzjoni. F'Għawdex, dawn il-funzjonijiet qed taqdihom persuna waħda li għandha sieq 'l hawn u sieq 'l hemm. Allura ħafna qed iħossu li qed nonqsu mill-aspett professjonali f'dan il-qasam għax ma jagħmilx sens li jkollok persuna waħda li għandha funzjonijiet f'Għawdex u funzjonijiet f'Malta u qed taqdi ż-żewġ funzjonijiet f'daqqa, jiġifieri kemm il-parti amministrattiva kif ukoll il-parti teknika.

Illum is-sens ta' professjonalita` jirrikjedi li jkun hemm dawn iż-żewġ rwoli separati. Wara kollox, kif qed isir f'Malta, għandu jsir f'Għawdex ukoll. Mill-banda l-oħra, din is-sitwazzjoni qed twassal għal inċertezza u ambigwita` għax irid joħroġ ċar dwar safejn jaslu r-responsabbiltajiet u l-limiti tal-*manager* u tas-*senior curator* għal dak li jirrigwarda l-parti teknika u l-parti amministrattiva. Jekk is-sitwazzjoni ma tiġix indirizzata, sfortunatament m'hi qed twassal xejn għajr għal frammentazzjoni tal-parti teknika f'Għawdex, u din il-frammentazzjoni kollha qed tmur kontra kull sens ta' loġika u effiċjenza. Jien persważa li din il-ħaġa ma jixtieqha ħadd u allura hemm bżonn li tiġi indirizzata kemm jista' jkun malajr.

Fis-sena 2004 fis-Sentinella kien sar seminar dwar il-viżjoni li l-*Heritage Malta* għandha għal Għawdex, u proprju dakinhar iċ-*chairman* tal-*Heritage Malta* kien qal li l-proġett tal-mużew ta' l-arkeoloġija f'Għawdex kellu jitlesta sa l-aħħar tas-sena 2005. Issa mis-sena 2005 kważi għaddew tliet snin u l-proġett għadu m'huwiex lest. Fil-fatt min imur iżur dan il-mużew jara kif għad fadal diversi spazji vojta li għadhom ma ntlewx bil-grafika jew bl-informazzjoni kif kien proġettat u mwiegħed miċ-*chairman* ta' *Heritage Malta.* Barra minn hekk, kien hemm il-faċilita` interattiva permezz ta' *computer* li kienet *available* f'dan il-mużew u li kienet popolari ħafna mal-viżitaturi ta' dan il-mużew, pero` sfortunatament din tneħħiet xi żmien ilu, u minn dakinhar għadha ma ġietx stallata. Hemm ukoll in-nuqqas ta' CCTV. Din kienet tneħħiet minn dan il-mużew sa minn meta beda l-proġett, u ovvjament meta jkollok nuqqas ta' sistema ta' sigurta` juri li hemm ċerta karenza minn dan l-aspett li wieħed jixtieq li jiġi indirizzat biex nissalvagwardaw il-mużew u l-affarijiet li jkun hemm esibiti hemmhekk.

Sur President, il-mitħna ta' Kola li tinsab fix-Xagħra tiffigura wkoll fir-rapporti li ġew mgħoddija lilna. Irrid ngħid li din aħna nikkonsidrawha bħala ġawhra enormi, u jekk tmur ix-Xagħra tinduna kemm in-nies ta' din il-lokalita` huma kburin b'din il-mitħna. Pero`sfortunatament għal dawn l-aħħar snin din il-mitħna tħalliet fi stat ta' abbandun u ma saritilha ebda manutenzjoni bil-konsegwenza li tant spiċċat fi stat ħażin li kellha tiżżarma. Din hija ħasra għax b'dan il-mod qed inċaħħdu lil min

qed jiġi jżurna minn dan l-*asset* tant sabiħ u importanti. Hawnhekk nixtieq ngħid ukoll li kien hemm min kellu esperjenza ħażina, għax minħabba l-istat li kienet tinsab fih din il-mitħna ħolqot ċerti perikli għal min jiġi jżurha u ħalliet impressjoni ħażina fuq in-nies. Dan huwa eżempju klassiku fejn ixxaħħaħna għal ftit biex issa se neħlu tal-ħafna, għax issa se tintnefaq spiża mhux ħażin biex din il-mitħna terġa' ssir mill-ġdid.

Rigward it-tempji tal-Ġgantija rrid ngħid li dawn huma *assets* imprezzabbli mhux biss għal Għawdex u għal Malta imma għad-dinja kollha. Hawnhekk nixtieq insemmi l-i*sponsorship* li kien ingħata mill-Vodafone għal dan il-post tant importanti. Minkejja li ngħata dan l-i*sponsorship* mill-Vodafone għadu ma sar ebda xogħol ta' konservazzjoni u ta' restawr fuq it-tempji nfushom. Fil-fatt, sal-lum il-ġurnata, il-ħitan għadhom mirfudin u ilhom hekk għal diversi snin. Biex inkun *fair* irrid ngħid li kulma sar fil-Ġgantija huwa xogħol ta' tisbiħ permezz ta' ġebel tas-sejjieħ u tħawwil ta' siġar. Ovvjament ma nistax ngħid li din m'hijiex xi ħaġa tajba, pero` ċertament hija ferm 'il bogħod minn dak li hemm bżonn isir f'dawn it-tempji fejn għandek partijiet minnhom li qegħdin fi stat prekarju u hemm bżonn ta' azzjoni immedjata biex insalvawha.

Nixtieq nirriferi wkoll għall-paviment ta' l-injam li kien jipproteġi l-art oriġinali tat-tempji. Dan tneħħa u llum il-ġurnata kulmin imur fil-parti li tista' taċċedi għaliha fil-Ġgantija qed jimxi fuq l-art proprja. Ovvjament dan qed jikkawża dannu għall-art u dannu irreparabbli li hemm bżonn li jiġi indirizzat minnufih. Fir-rapport ta' *Heritage Malta* jissemmew ukoll ix-*showcases* ġodda tal-mużew tax-xjenza naturali fiċ-Ċittadella. Dawn ix-*showcases* ġodda m'ilhomx li saru, pero` diġa` jidher li għandhom ħsarat strutturali fil-qiegħ tagħhom. L-istess qiegħ spiċċa jitkaxkar ma' l-art bil-konsegwenza li ma jistgħux jitmexxew għax dawn ix-*showcases* qegħdin fuq ir-roti.

Hemm ukoll numru ta' *specimens* li huma esibiti f'dawn ix-*showcases* li qed issirilhom il-ħsara. Jidher li r-raġuni hi li l-materjal li ntuża għal dawn ix-*showcases* m'huwiex idoneu għal dawn it-tip ta' *specimens.* Fil-fatt irriżulta li minn meta dawn l-i*specimens* tpoġġew f'dawn ix-*showcases* qed issirilhom ċerta ħsara u allura jekk dawn ix-*showcases* m'humiex idonei u tajbin għandhom jiġu *replaced.* Jien qed insemmi dawn in-nuqqasijiet mhux għax qed nieħu gost bil-ħsara. Lili l-ħsara ddejjaqni u qed niġbed l-attenzjoni tal-ministru għal dawn l-affarijiet għax naf - kif qal l-Onor. Galdes - kemm il-ministru taħdem u kemm ikollha għall-qalbha s-settur li tkun topera fih u għaldaqstant qed inressqilha dawn l-kummenti biex tikkonsidrahom u ttejjibhom.

Issa dwar ir-rapport tas-sovrintendenza għall-patrimonju kulturali rrid ngħid li Għawdex jissemma ħafna drabi, u dan huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija. Ir-rapport isemmi postijiet partikolari li jien tkellimt ħafna dwarhom kemm f'dan il-parlament kif ukoll barra, f'diversi okkażjonijiet u b'mezzi differenti. Fir-rapport qed jingħad ukoll li s-sovrintendenza għandha *observer status* fil-laqgħat ta' l-HAC fi ħdan il-MEPA. Filwaqt li din hija xi ħaġa tajba, ngħid ukoll li dan m'huwiex biżżejjed għax hemm bżonn li s-sovrintendenza tkun aktar *equipped,* ikollha aktar riżorsi u jkollha vuċi aktar b'saħħitha fi ħdan l-awtorita`. Qed ngħid dan għax jekk ma jkunx hekk allura s-sovrintendenza ma tkunx f'qagħda li twettaq il-*core functions* li jissemmew fl-istess rapport.

Qed ngħid dawn l-affarijiet partikolarment għall-iżviluppi li hemm pendenti f'Għawdex u li qed jissemmew fir-rapport ukoll. Per eżempju, jien nixtieq insemmi l-iżvilupp tar-Ramla li kien qajjem ċertu kjass, u bir-raġun. Fir-rapport qed jingħad ċar u tond li dan l-iżvilupp huwa kkonsidrat li se jħalli *a highly negative impact on the cultural heritage of the area.* Minkejja dak li qed tgħid is-sovrintendenza dwar x'inhu l-istat reali u attwali ta' dan l-iżvilupp, illum il-ġurnata kulħadd jaf is-sitwazzjoni x'inhi. Ovvjament qabel l-elezzjoni kien hemm interess li din l-*issue* tibqa' *low-toned* għax kien hemm l-għaqdiet ambjentali li qamu bil-qawwa kontra tagħha u l-gvern kellu kull interess li jogħġob u ma jitlifx il-voti!

Ovvjament l-elezzjoni għaddiet u l-gvern forsi jħossu aktar komdu li jaħseb u jaġixxi mod ieħor. Fil-fatt nafu li l-applikazzjoni issa ħadet żvolta oħra. Sirt naf ukoll li diġa` bdew isiru xi xogħlijiet minkejja li l-permess għadu ma ħariġx. Naf ukoll li nqalgħu xi siġar u li saru rapporti lill-uffiċjali nkarigati tal-MEPA. Fil-fatt, l-ilmenti waslu għand iċ-*chairman* tal-MEPA u ma ttieħdet ebda

azzjoni. Għalhekk jien nieħu l-opportunita` sabiex min għandu jagħmel xi ħaġa jagħmilha, għax dawn m'humiex affarijiet serji u aċċettabbli. Jien nistieden lil dawk kollha li qabel l-elezzjoni, flimkien magħna, kienu wrew vuċi soda kontra dan l-iżvilupp, biex nerġgħu nsemmu leħinna u naġixxu sakemm ikun hemm bżonn.

Sur President, fir-rapport tas-sovrintendenza qed tissemma wkoll il-lokalita` Tal-Kus li ilni snin twal nitkellem dwarha. Din tinsab fir-raħal tax-Xewkija, raħal li jien qrib ħafna tiegħu, li nopera ħafna fih u ovvjament huwa għal qalbi ħafna. Issa għal min ma jafx, f'dan ir-raħal ma nafx x'ma hemmx. Għandek iż-żona industrijali li qiegħda biswit iż-żona residenzjali, għandek antenna daqshiex ta' l-Enemalta, għandek antenna daqshiex tal-Vodafone, se jsir żvilupp mill-Enemalta li se jkun qrib ukoll taż-żona industrijali, għandek l-inċerinatur tal-biċċerija u konsegwentement ukoll għandek l-ogħla rata ta' nies morda bil-kanċer u ażżma fil-gżejjer tagħna. Ir-rata ta' mard li hemm hija marbuta proprju mal-konċentrazzjoni qawwija ta' emissjonijiet u raġġi li hemm f'dawk l-inħawi.

F'dan ir-rapport tissemma wkoll il-*waste transfer station.* Ir-rapport stess jgħid li f'dawn l-inħawi, proprju ftit metri 'l bogħod minn Tal-Kus, hemm fdalijiet arkeoloġiċi. Ir-rapport jgħid ukoll li l-*landscape* tal-madwar għandu jiġi protett, salvagwardat u konservat. Isemmi l-iskavar li sar f'Għar ix-Xiħ u s-*survey* arkeoloġiku li sar fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini li jinstab ftit 'il bogħod, u jikkonferma wkoll li kien hemm involuta l-universita` ta' Malta. L-Onor. Dolores Cristina semmiet ir-rwol tal-kunsilli lokali u l-ħidma li għamlu f'dan il-qasam. F'dan il-każ partikolari kien hemm *joint venture* bejn il-kunsill lokali ta' Sannat u l-kunsill lokali tax-Xewkija li ffinanzjaw dan il-proġett biex isir dan l-istudju arkeoloġiku.

Proprju s-sajf li għadda kien hemm anke esibizzjoni u ġew anke mistiedna kelliema biex jitkellmu fuq dan il-proġett, u nista' ngħid mill-artifatti li rajt f'din l-esibizzjoni li jidher ċar li f'dawn l-inħawi għandek valur arkeoloġiku ta' ċerta portata. Pero` l-WasteServ qed tkompli twebbes rasha u qed tkompli tinsisti, u ovvjament dan il-proġett qabad ċertu ritmu. Minkejja r-rakkmandazzjoni tas-sovrintendenza baqa' kollox għaddej. Mhux hekk biss, imma hemm fattur ieħor interessanti. Fil-bord tal-WasteServ ġiet maħtura persuna li kienet kandidat mal-partit Nazzjonalista fl-elezzjoni ġenerali li għaddiet – s'hemmhekk kollox sew, għax huwa tajjeb li tkun rikonoxxenti għal min jappoġġjak - u wara l-elezzjoni ġenerali din ġiet eletta bħala kunsilliera tar-raħal tax-Xewkija.

Issa din hija mir-Rabat u allura forsi ma tafx li n-nies tar-raħal tax-Xewkija ma jriduhiex din il-*waste transfer station.* Issa l-konflitt li għandi ġo fija huwa dan. Jekk din hija membru tal-bord tal-WasteServ u hija wkoll kunsilliera f'din il-lokalita` fejn din l-*issue* hija *hot potato*, jekk tqum kwestjoni, din il-kunsilliera ta' xiex se taġixxi? Se taġixxi ta' membru tal-bord jew ta' kunsilliera fl-interess ta' min eleġġieha? Jekk dan ma jissejjaħx konflitt ta' interess, ma nafx x'jista' jissejjaħ! Jien nistqarr li din il-ħaġa qed iddejjaqni ħafna. Tant hu hekk li ktibt artiklu fil-ġurnal "l-orizzont" u qed nistenna li jkun hemm reazzjoni ta' xi tip li s'issa għad m'hemmx. Inqas ma jkun hemm reazzjonijiet min-naħa tal-gvern dwar dan il-punt u inqas ma jkun hemm spjegazzjonijiet fuq din il-kwestjoni, aktar u aktar nissuspetta jew naħseb li din kienet xi manuvra li saret apposta biex l-interess tax-Xewkija u tan-nies jiġi preġudikat.

Sur President, dan il-fatt qed idejjaqni ħafna u nispera li jkun hemm xi tip ta' reazzjoni. Ovvjament m'iniex qed nistenna lill-Ministru Cristina tirrispondini fuq din il-ħaġa għax dan m'huwiex tort tagħha, imma ġaladarba qed jissemma dan il-post u hemm ukoll il-kummenti tas-sovrintendenza, ħadt l-opportunita` biex nitkellem dwar dan il-punt. Nassigurak li l-affarijiet il-ħżiena ma semmejthomx biex sempliċement inkun semmejthom imma biex tittieħed azzjoni dwarhom, għax nemmen li l-affarijiet iridu jsiru sew u bil-għaqal. Għawdex m'huwiex ġojjell biss qabel l-elezzjoni imma huwa ġojjell dejjem, u jrid jiġi trattat tajjeb u jkollu verament dak li jixraqlu! Minn qalbi nispera li l-Ministru Cristina tidħol f'dan il-qasam u verament taħdem għall-ġid ta' *Heritage Malta* u tas-sovrintendenza f'Għawdex ukoll. Nirringrazzjak.

**Abbozz ta' Liġi dwar l-Amministrazzjoni Pubblika - Abbozz Nru 2 - Tieni Qari**
S30 08.07.08

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna rridu narawh fl-ambitu ta' dak li ġara kemm qabel l-elezzjoni u aktar u aktar fl-ambitu ta' dak li ġara wara l-elezzjoni. Dan l-abbozz ta' liġi ġie quddiemna anke fil-leġislatura li għaddiet u dakinhar inti, Mr Speaker, bħala ministru tkellimt fuqu wkoll. Issa llum tinsab fin-nofs tal-Kamra u għalhekk tinsab f'pożizzjoni li tisma' aktar lilna ta' l-Oppożizzjoni. Naħseb li għalhekk tkun tista' tifhem u tapprezza aktar il-fatt li aħna mhux qegħdin hawnhekk biex insaħħnu s-siġġijiet imma biex niddefendu l-interessi tal-poplu u nagħmlu dmierna ħalli l-poplu jkollu dak li jistħoqqlu.

F'dan l-abbozz ta' liġi nsibu ħafna kliem sabiħ ta' meritokrazija, kompetenza, imparzjalità u ħafna kliem ieħor sabiħ. Madankollu ma rridux naraw biss dan il-kliem imma rridu naraw ukoll il-fatti għax meta mbagħad naraw ir-realtà nsibu li kemm qabel l-elezzjoni kif ukoll wara l-elezzjoni saru ħafna ħatriet u ngaġġi li ftit li xejn jirrispekkjaw dan il-kliem sabiħ li nsibu hawnhekk. Jiena ngħid li dawn aktar kienu *thankyous* lil ħafna nies. Imbagħad meta kont qiegħda naqra dan l-abbozz ta' liġi u d-dibattiti li kellna hawnhekk aktar bdejt ninterpretah bħala ammissjoni impliċità min-naħa tal-gvern li l-affarijiet m'humiex mexjin kif mixtieq. U għalkemm m'għandniex ammissjoni ċara u tonda minn naħa tal-gvern, hija xi ħaġa ovvja li l-gvern m'huwiex kuntent bil-mod ta' kif l-affarijiet mexjin.

Imma ġaladarba s-settur pubbliku huwa responsabbli minnu l-gvern u l-affarijiet mhux sejrin daqshekk tajjeb, allura *sta* għall-gvern li jkun l-ewwel wieħed u minn ta' quddiem nett li jagħmel idejh fuq sidru u jibda jlissen il-*mea culpa*. Issa jiena fil-ħidma politika tiegħi, aktar minn dik legali, ikolli ħafna kuntatt ma' ħaddiema f'diversi dipartimenti ġewwa Għawdex. U jkolli nistqarr li hemm ħafna minn dawn in-nies li huma dedikati immens u li għandhom kuxjenza kbira. Ta' min jgħid ukoll li għandek nies ikkwalifikati ħafna, u hija ħasra li għandek riżors uman kwalifikat li mhux qed jintuża tajjeb. Per eżempju, insibu nies fi *clerical staffs* li jaslu sal-livell ta' *masters* u hija verament ħasra li dan il-livell ta' edukazzjoni li għandhom ma jintużax tajjeb ħalli s-settur jimxi 'l quddiem. Għalhekk huwa l-mument opportun li jsir eżerċizzju sabiex dan ir-riżors uman jitħaddem aħjar. Fost dawn in-nies hemm ukoll il-*feeling* li maċ-ċivil ma tistax tavvanza u li b'ħiltek biss aktar u aktar ma tagħmel xejn. Dawn in-nies jgħidulek ukoll li ftit li xejn takkwista esperjenza u li min huwa fuqhom jibża' minnhom sa ċertu punt għax ikunu kkwalifikati aktar minnhom. Għalhekk il-kapijiet ma jiddeligawlhomx aktar xogħol għax jibżgħu li jagħmlu *performance* aħjar minnhom.

Imma mbagħad għandek il-faċċata l-oħra tal-munita. Fil-fatt għandek ħaddiema oħra li jmorru litteralment għall-paga biss. Dawn huma nies li min ipoġġihom hemm litteralment ma kienx jaf x'inhu jagħmel għax l-inkapaċità u l-inkompetenza tagħhom hija xi ħaġa inkredibbli. Hija ħasra li dawn in-nies ikollhom kuntatt man-nies għax xi kultant min imur iffittex u jirrikorri għall-għajnuna ta' dawn in-nies, tant ma jkunux jafu x'inhuma jagħmlu, li aktar jispiċċaw igerrfxulhom moħħhom milli jiddiriġuhom u juruhom x'għandhom jagħmlu, kif huwa dmirhom li jagħmlu. Sur President, meta l-Prim Ministru kien qed jitkellem fuq il-ħames valuri naħseb li kien jaf għal liema tip ta' nies qed nirreferi, pero` minħabba li ħafna minn dawn in-nies ikunu qegħdin f'ċerti postijiet għax ġew akkomodati fihom, il-Prim Ministru mhux se jammetti li qed nitkellmu fuq il-*blue-eyed girls* u l-*blue-eyed boys.* Issa meta jsiru dawn l-affarijiet ikunu qed isiru a skapitu tal-kwalità tas-servizz offrut lill-pubbliku. Dawn huma l-pupilli tas-servizz pubbliku u mbagħad għandek ħafna *cinderellas*, li dejjem ilaqqtu fuq wiċċhom u jissubixxu mingħand min ma jaqbilx magħhom, anke politikament. Għandek ħafna impjegati tal-gvern li aktar issibhom barra mid-dipartimenti milli ġewwa, jixorbu xi kafe' x'imkien. Imbagħad għandek oħrajn li anke jekk jillargaw sat-*toilet* jew inkella jidħlu lura minuta tard mill-*break* isibu lil min jerfgħalhom salibhom.

U proprju l-bieraħ il-Prim Ministru semma kif illum il-ġurnata l-kapijiet tad-dipartimenti jistgħu jisimgħu każijiet ta' dixxiplina. Għalhekk nixtieq infakkar li sa ftit tas-snin ilu f'Għawdex kellna s-sistema ta' l-*inspectors.* Meta ssemmi din is-sistema jkun hemm min ma jiddejjaq xejn għax ma kenitx affettwatu u ssib ħafna oħrajn li jġeddu memorji daqsxejn koroh. Issa fil-professjoni tiegħi jiġu

għandi kemm Nazzjonalisti u kemm Laburisti. Ġieli kelli wkoll l-opportunità li niddefendi każijiet bħal dawn, imma oħroġ il-għaġeb ħaddiema li jħaddnu twemmin Nazzjonalista qatt ma ġew għandi fuq dawn il-każijiet. Kull meta mort niddefendi dawn it-tip ta' każijiet, kważi kważi qatt ma rajt Nazzjonalisti!

Fil-fatt darba minnhom, waqt kontra-eżami lill-*head* li kienet qiegħda tmexxi l-*inspectors,* irriżulta fatt interessanti ħafna. Din kienet qalet li l-*inspectors* ma kenux imorru fuq kulħadd imma kienu jmorru fuq persuni magħżula. Issa magħżula mhux abbażi ta' xi rapport li jkun sar jew fuq xi ilmenti li jkunu saru imma abbażi ta' ċerti fatturi arbitrarji li jkun tajjeb li wieħed iżommhom f'moħħu. Hija ħasra li jkollok raġel ta' familja li qed jagħmel xogħlu sew u li mbagħad jispiċċa vittimizzat għax ma jkollux l-istess fehma tal-gvern tal-ġurnata. Hija ħasra kbira għax imbagħad ikun hemm min lanqas biss jersaq għax-xogħol u jmur biss biex jiffirma. Madankollu l-*inspectors* qatt ma jmorru fuq dawn in-nies.

L-abbozz ta' liġi jikkontempla wkoll is-*surplus pool.* Il-Prim Ministru spjega wkoll li f'ċerti dipartimenti tista' tinħoloq sitwazzjoni ta' ħaddiema żejda. Allura se jkun hemm il-fakultà li dawn il-ħaddiema żejda jiġu mħarrġa u jintbagħtu f'post ieħor. Issa din hija xi ħaġa li lili tinkwetani ħafna għax nibża' li tintuża b'tali mod li jkun hemm xi ħaddiem Għawdxi li jiġi kkonsidrat bħala żejjed u allura jispiċċa f'xi dipartiment f'Malta. Bħalissa qed jiġu f'rasi l-ħaddiema ta' l-MDP. Meta għalqet l-MDP ta' Għawdex il-ħaddiema kollha spiċċaw *lock, stock and barrel* u riedu jitilgħu lejn Malta mal-vapur ta' l-4.00 a.m. u jitilgħu lura mal-vapur ta' l-4.00 p.m. Huwa trattament inaċċettabbli li jkollok persuni ta' ċerta eta` li jkunu draw jaħdmu Għawdex u li mbagħad ikollhom jerġgħu jittieħdu lejn Malta sabiex jaħdmu hemmhekk. Għalhekk nispera li din is-*surplus pool* ma taffettwax lil xi Għawdxi li jkollu jduq esperjenza simili minħabba li jkun meqjus bħala żejjed.
Sur President, jissemma wkoll il-kunċett ta' meritokrazija permezz tal-kummissjoni tal-ħarsien tal-mertu. Dan il-kunċett lili jogħġobni ħafna u huwa deżiderabbli ħafna. Jiena verament nixtieq li din il-kummissjoni taħdem bis-serjetà u ma jkunx kunċett fuq il-karta biss ħalli taparsi qiegħda hemmhekk. Nixtieq li din tkun effettiva. Nerġa' ngħid li fil-professjoni tiegħi jkolli każijiet fejn persuni li jkunu kkwalifikati aktar minn ħaddieħor ikollhom *interviews* u jispiċċaw ma jintagħżlux għax jintagħżlu persuni li jkunu anqas ikkwalifikati forsi minħabba l-konoxxenzi jew l-alleanzi politiċi li jkollhom. Mhux l-ewwel darba li għamilt petizzjoni quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u lanqas hija l-ewwel darba li din il-kummissjoni tat raġun lil dawn in-nies għax l-ilment tagħhom ikun ġustifikat. L-akbar każ li kelli u li spiċċa wkoll fil-qrati ta' Għawdex huwa l-każ tas-*security guard* li kien fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex meta kien hemm applikazzjoni għal *senior security guard* u nqala' rebus sħiħ, tant li l-persuna li ntagħżlet f'din l-*interview,* li ma kienetx il-klijenta tiegħi, spiċċat il-qorti in konnessjoni mal-famuż allegat ċertifikat falz ta' l-i*school leaving.*

Ovvjament m'iniex se nidħol fil-każ tal-qorti għax mhux korrett li nidħol fih, pero` ħa nsemmi dan il-każ minn aspett ieħor. Huwa opportun li nitkellmu dwaru ħalli min qed jissubixxi ċerti abbużi u diskriminazzjonijiet inħeġġuh li jqum jitkellem għad-drittijiet tiegħu u ma joqgħodx jittollera l-abbużi li jkun qiegħed isofri. Dan il-każ, kif għedt, kien jirrigwardja *interview* fejn intagħżlet din il-persuna li ma kenitx ikkwalifikata. Għalhekk saret petizzjoni u l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku stħarrġet il-każ u rriżulta li dak li ġie l-ewwel u li ppreżenta ċertifikat falz ma kienx ħaqqu li jieħu dak ix-xogħol, u għaldaqstant l-ingaġġ tiegħu ġie mħassar. S'hemmhekk kollox *fair, plain and simple* u ngħid prosit lil kulħadd. Imma mbagħad kien hemm persuna oħra li ħassitha urtata li dik il-persuna ħadet l-impjieg hi. Allura li ġara kien li nħoloq impjieg ieħor u għalhekk trid tara daqsxejn il-mod li bih saru l-affarijiet.

Qiegħda ngħid hekk għax meta saret l-applikazzjoni oriġinarjament, il-*call for application* kienet għal persuna waħda u mhux għal tnejn biex jokkupaw l-istess impjieg. In-neċessità nħolqot wara, u għalhekk huwa dubjuż il-mod ta' kif ġiet ingaġġata l-persuna l-oħra. Barra min hekk trid tara wkoll ir-regoli tal-*Public Service Management Code* fejn paragrafu 1.1.5.13 jispeċifika li meta jkun hemm sejħa għal applikazzjoni trid issir dikjarazzjoni li jkun hemm fondi allokati biżżejjed sabiex il-pożizzjoni l-ġdida tkun sostnuta finanzjarjament. Issa meta saret din is-sejħa, oriġinarjament saret għal post wieħed. Għalhekk ma nistax nifhem kif kien hemm sejħa għal post wieħed u mbagħad

kellek dan il-paragrafu tal-*Public Service Management Code* li ġie *bypassed* u nħolqot *vacancy* oħra mingħajr ma ġie sodisfatt dan il-paragrafu. Apparti minn hekk, meta sar it-tieni ingaġġ, iż-żmien ta' validità tar-riżultat kien laħaq skada. Hawnhekk qiegħda ngħid hekk għax skond l-istess *Public Service Management Code,* paragrafu 1.2.1.16 jgħid li r-riżultat huwa validu għal sena minn meta jiġi ppubblikat. Issa t-tieni ngaġġ sar aktar minn sena wara meta l-validità ta' dan ir-riżultat kienet diġa' skadiet.

Issa fid-dawl ta' dan kollu l-konklużjoni hija waħda sempliċi. Nemmen li t-tieni ngaġġ kiser ir-regolamenti kollha li kien hemm fil-*Public Service Management Code* u dan sar bil-barka ta' ħafna rjus u sar kollox qisu xejn m'hu xejn. Il-ksur tar-regoli li qed nara f'dan il-każ - kien għalhekk li semmejt il-*Public Service Management Code* - huma flagranti u għalhekk qed nitkellem fuq dan il-każ ladarba qed nitkellmu fuq amministrazzjoni trasparenti. Naħseb li huwa opportun li nsemmi dawn l-affarijiet ħalli min għandu rasu fuq għonqu u min qiegħed jerfa' ir-responsabilità jara dawn l-affarijiet ukoll.

Każ ieħor li xtaqt nsemmi huwa dak tal-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu mal-protezzjoni ċivili. Il-Prim Ministru l-bieraħ qal li l-każijiet ta' l-*Ombudsman* u tat-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji qed jarahom wieħed wieħed. Issa każ minn dawn spiċċa quddiem l-*Ombudsman,* u allura jekk għadu ma rahx nispera li x'ħin jiġi f'idejh jikkonsidrah minnufih. Essenzjalment dan il-każ kien jittratta dawn il-ħaddiema tal-protezzjoni ċivili li qabel kienu mal-Forzi Armati ta' Malta, fejn qabel ma saret ix-*shift*, kellhom kuntratt f'idejhom u dawn talbuni nagħtihom parir dwaru minħabba li kien hemm klawsola partikolari fuq l-*employment rights*. Niftakar li kont għamilt mistoqsija parlamentari lill-Prim Ministru ta' qabel li fiha staqsejtu jekk dawn l-*employment rights* humiex se jiġu affetwati. Min-naħa tiegħu dan assigurani - din il-mistoqsija parlamentari qiegħda fir-*records* tal-parlament - li ma kellhomx għalfejn jinkwetaw għax dawn id-drittijiet li kellhom ma' l-AFM kienu se jżommuhom meta jsiru parti mill-protezzjoni ċivili.

Li ġara hu li meta dawn il-ħaddiema rċevew l-ewwel paga tagħhom skoprew li ma kellhomx l-*allowances* li kellhom meta kienu ma' l-AFM. Għalhekk stennew il-paga ta' wara u ta' wara biex ikunu ċerti minn dawn l-affarijiet imma baqgħu ma ħaduhomx. B'hekk spiċċajna bil-każ quddiem l-*Ombudsman,* u dan tahom raġun. Madankollu sal-lum il-ġurnata bir-raġun biss baqgħu għax l-*allowances* għadhom ma ħaduhomx. It-tajba hi li qabel l-elezzjoni wħud minn dawn il-ħaddiema avviċinaw ħafna nies - anke tal-Partit Nazzjonalista - u kollha qalulhom li għandhom raġun imma issa li l-elezzjoni għaddiet dawn baqgħu bir-raġun biss. Għalhekk nispera li x'ħin il-Prim Ministru jkun qed jara dawn il-każijiet jirranġa din l-inġustizzja minnufih.

Il-bieraħ il-Prim Ministru semma ukoll il-*family-friendly measures* li daħlu fis-settur pubbliku. Jiena ngħid li din hija xi ħaġa tajba u hija l-linja li rridu naqbdu u nkomplu naħdmu fuqha. Għalkemm ilni biss ftit tal-ġranet bħala kelliema tal-familja u l-ugwaljanza, ikolli ngħid li diġa' bdejt nirċievi ċerti ilmenti u informazzjoni. Għalhekk se nieħu din l-opportunità sabiex insemmi xi ilmenti fuq l-amministrazzjoni pubblika li waslu għandi forsi tittieħed nota tagħhom u jiġu rimedjati. Għandi każ ta' mara mpjegata mas-settur pubbliku li għadha kemm welldet u qiegħda tagħti l-*breastfeeding* lit-tarbija tagħha. Din il-mara qed issib problemi kbar biex tredda lit-tarbija għax peress li tgħix ftit 'il bogħod minn fejn taħdem qed jkollha tillarga xi għaxar minuti minn fuq il-post tax-xogħol u qiegħda tiġi mhedda li se jittieħdu proċeduri dixxiplinarji kontra tagħha. Għalija dan żgur li m'huwiex atteġġjament *family-friendly* u qed jagħmel ħafna ħsara kemm lill-omm u kemm lit-tarbija. Għaliex? Għax meta tkun qed tagħti l-*breastfeed* lit-tarbija tiegħek u tkun qed tħossok *tense*, dik it-tensjoni se tgħaddiha lit-tarbija wkoll.

Smajt ukoll b'każijiet ta' nisa li jkunu tqal u waqt li jkunu fuq il-post tax-xogħol tagħhom ikollhom ċerti inkonvenjenzi u allura jkollhom bżonn li jmorru sal-*bathroom* jew inkella jkollhom bżonn joħorġu ftit. Issa dawn huma każijiet normali meta tkun f'dik il-pożizzjoni. Imma dawn in-nisa qed isibu diffikultajiet kbar biex jillargaw minn fuq il-post tax-xogħol, imbagħad sħabhom jidħlu u joħorġu x'ħin iridu biex imorru jieħdu l-kafe` mill-kafetterija li hemm fi pjazza San Franġisk. Għandna wkoll ħafna każijiet oħra ta' nisa Għawdxin tqal li jaħdmu mas-servizz pubbliku f'Malta li

jagħmlu talba għal *transfer* temporanju lejn Għawdex minħabba t-tqala tagħhom, u din it-talba qiegħda ddum xhur sħaħ biex tiġi pproċessata.

Tant hu hekk li dawn in-nisa jilħqu jaslu fi stat avvanzat tat-tqala tagħhom. Dawn huma każijiet delikati ħafna għax hawnhekk qed nitkellmu fuq każijiet li jinvolvu mhux biss is-saħħa ta' l-omm imma anke s-saħħa tat-tarbija li tkun qiegħda ġġorr. Fil-fatt għandek ir-riskju ta' korriment minħabba l-iskariġġ u l-istrapazz ta' kuljum li jkollha tgħaddi minnu l-omm ġejja u sejra lejn Malta. Għaldaqstant nemmen li każijiet bħal dawn għandhom jiġu trattati kemm jista' jkun malajr u b'ċerta urġenza. Sur President, aktar 'il quddiem se jkolli l-opportunità li nitkellem ħafna fuq dawn is-suġġetti delikati u ta' importanza kbira għax fl-opinjoni tiegħi hemm ħafna u ħafna x'isir anke fis-settur pubbliku.

Jiena nagħlaq id-diskors tiegħi billi nawgura lill-Prim Ministru biex jieħu l-eżempju ta' l-Onor. Alfred Sant meta kien Prim Ministru hu, għax l-Onor. Alfred Sant kien l-ewwel u l-unika wieħed li ħaddem il-kunċett ta' meritokrazija *to the full.* F'dak il-każ imbagħad inkunu verament nistgħu nitkellmu fuq riżorsi umani li qed jiġu wżati u trattati tajjeb u b'dinjità. Hemmhekk verament inkunu mexjin lejn servizz tajjeb u ta' kwalità sabiex is-settur pubbliku jkollu ċerta reputazzjoni mal-poplu li s'issa sfortunatament m'għandux. Nirringrazzjak.

**<u>Voti tal-Ministeru għal Għawdex</u>**
S 51 13.11.08

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Nirringrazzjak, Sur President, u nirringrazzja wkoll lill-Onor. Anton Refalo għall-intervent tiegħu. Minn qalbi nirreċiproka r-ringrazzjament li għamilli. Fid-diskors tal-bieraħ il-Prim Ministru tkellem ħafna dwar il-kuraġġ li għandu l-gvern Nazzjonalista u jien l-ewwel waħda naqbel illi l-gvern Nazzjonalista għandu kuraġġ kbir għax biex tiġi hawnhekk, sena wara oħra, tgħid l-istess affarijiet u tippreżenta lill-poplu Għawdxi *budget* riċiklat, irid ikollok kuraġġ kbir. Meta għal sena wara l-oħra nibqgħu nisimgħu l-istess affarijiet ifisser li l-gvern qed ifalli fil-miri tiegħu għal Għawdex għax huwa interessat biss fl-elezzjoni ġenerali.

F'din il-leġislatura jien il-kelliema ewlenija għall-qasam soċjali u nitkellem dwar il-familja, dwar it-tfal, dwar id-drittijiet tan-nisa u dwar il-persuni b'diżabilità. U għalkemm għada se nitkellem fid-dibattitu tal-Ministeru għall-Politika Soċjali, illum se nieħu dan is-suġġett mil-lenti Għawdxija u se nitkellem dwar materji li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għal Għawdex. Minn qalbi nixtieq li dawn il-problemi li se nitkellem dwarhom jiġu indirizzati biex jittaffew ħafna tbatijiet li qegħdin jgħaddu minnhom in-nies. Jien nemmen li l-indikatur ta' kif ikun sejjer il-pajjiż ekonomikament huwa meta nħarsu lejn il-qagħda soċjali tan-nies. Kull ħaġa li tiġri f'pajjiżna li jkollha effett detrimentali fuq il-familji kollha, f'Għawdex dan l-effett dejjem ikun amplifikat minħabba diversi fatturi, fosthom insularità doppja, il-limitazzjonijiet f'kull qasam u livell ta' Għawdex u anke d-differenza fil-pagi li jitħallsu bejn Għawdex u Malta, speċjalment fis-settur privat. Fil-fatt f'Għawdex il-pagi tas-settur privat huma inqas.

Il-miżuri u d-deċiżjonijiet illi ħa l-gvern matul is-snin, speċjalment tat-tariffi tad-dawl u tal-ilma, iż-żieda tal-għoli tal-ħajja u t-tassazzjoni diretta u indiretta, affettwaw il-qagħda tal-familji Għawdxin. U jekk wieħed jara l-figuri ta' dawk kollha li fl-2007 u fl-2008 ħadu l-benefiċċju tal-enerġija u tal-għajnuna supplimentari jsib li fl-2007, sena sħiħa, 10.3% tat-total kollu tal-persuni f'pajjiżna li jieħdu dawn il-benefiċċji kienu Għawdxin. Mentri mbagħad sa Ottubru tal-2008 il-persentaġġ tal-Għawdxin li kienu jieħdu dawn il-benefiċċji tela' minn 10.3% għal 11.03%, u dan ifisser li kien hemm żieda fin-numru tal-Għawdxin illi għandhom dħul baxx. Meta mbagħad tqis li Għawdex huwa distrett minn 13 u tieħu l-medja, issib li l-persentaġġi li għadni kemm semmejt huma ferm aktar għolja mill-medja. Dan juri biċ-ċar illi l-qagħda tal-Għawdxin hija ħafna aktar ħażina mill-bqija tal-pajjiż. In-numri jgħidu hekk u r-realtà tikkonferma dan għax f'Għawdex teżisti tbatija kbira u aktar Għawdxin qegħdin fil-faqar jew altrimenti f'pożizzjoni vulnerabbli li jkunu f'riskju ta' faqar.

Rigward l-istatistika dwar l-impjiegi f'Għawdex jirriżulta li aħna dejjem bqajna lura u l-opportunitajiet li dan il-gvern sena wara oħra jwiegħed qegħdin jibqgħu ma jimmaterjalizzawx. Mhux biss, imma għandek ukoll diversi imprendituri li minħabba żidiet fil-prezzijiet tal-utilitajiet qed ikollhom inaqqsu l-*workforce* tagħhom u dan se jkun ifisser aktar qgħad. Jekk naraw ukoll kemm hemm Għawdxin qiegħda nsibu illi fl-aħħar xhur in-numru baqa' dejjem tiela'. Veru li dan ittaffa' ftit qabel l-elezzjoni meta fuq il-vapuri tal-Gozo Channel rajna ħafna wċuħ ġodda, però mbagħad min-naħa l-oħra jekk naraw ukoll ir-rata ta' popolazzjoni ekonomikament attiva f'Għawdex insibu illi sa Marzu ta' din is-sena kienet biss 55% tal-popolazzjoni li kienet ekonomikament attiva, li minnhom 72% huma rġiel filwaqt li 28% biss kienu nisa. Meta tqabbel din il-figura ma' dik ta' Malta ssib illi fl-istess xahar, jiġifieri f'Marzu tal-2008, din kienet 63%. Dawn il-figuri wkoll juru biċ-ċar kemm Għawdex dejjem baqa' lura.

Il-Ministru Fenech qal li l-gvern se jkun impenjat biex isebbaħ l-ambjent taż-żona industrijali tax-Xewkija. Dan huwa tajjeb però qabel jagħmel dan naħseb li jkun aħjar li jiżgura li f'din iż-żona jibqa' min jaħdem biex effettivament jitgawda dan it-tisbiħ tal-ambjent. Fil-fatt tajjeb li ngħidu li waħda mill-ftit fabbriki li fadal f'Għawdex diġà avżat lill-ħaddiema li l-*management* qed jikkonsidra tnaqqis tal-*workforce* u li allura se tkun kostretta li tagħti s-sensji, dejjem jekk il-gvern ma jirrevedix il-pożizzjoni tiegħu dwar it-tariffi tad-dawl u tal-ilma. Il-faqar u l-esklużjoni soċjali sar realtà f'Għawdex, però milli jidher il-gvern mhu qed juri ebda impenn biex jara x'qed jiġri hemmhekk billi

jagħmel *impact assessments* soċjali u ekonomiċi speċifiċi għal Għawdex biex jiġu indirizzati l-problemi tal-familji Għawdxin. Il-problemi tagħna huma reġjonali u partikolari. Fil-fatt jien u l-Onor. Frederick Azzopardi qegħdin fil-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali u tlabna biex dan il-kumitat jittratta l-problemi ta' Għawdex għalihom u b'mod reġjonali. Imma jien nistaqsi: Min-naħa tiegħu l-gvern, permezz tal-Ministeru għal Għawdex, x'inhu jagħmel f'dan il-qasam?

Meta ddiskutejna l-pjan ta' azzjoni għall-ħarsien u inklużjoni soċjali ma ssemma xejn dwar il-problemi soċjali partikolari ta' Għawdex u din hija ħasra kbira għax f'Għawdex għandna faqar kbir fis-servizzi offruti lill-familji u lill-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli. Filwaqt li f'Malta għandek diversi servizzi għall-familja u għat-tfal ipprovduti mill-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali fosthom l-Aġenzija Appoġġ, f'Għawdex għandna d-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Familja li huwa ferm 'il bogħod mill-Aġenzija Appoġġ kemm fiżikament iżda iktar u iktar f'dak illi huwa servizz provdut. Ir-riżorsi tad-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Familja huma limitati immens u jien informata li kull sena qed jesperjenzaw tnaqqis fil-*budget* tagħhom minkejja li l-*workload* dejjem qed jiżdied. Jien naħdem ħafna mas-*social workers* u minn qalbi nixtieq nirringrazzjahom tad-dedikazzjoni u impenn tagħhom. Dawn jixtiequ jagħmlu ħafna però m'għandhomx il-*backing* amministrattiv biex jagħmlu dan.

Irrid nirrimarka wkoll li l-uffiċċju tagħhom jinsab biswit uffiċini oħrajn fil-bini tal-ministeru u aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed jinħass il-bżonn li dawn l-uffiċini jiġu rilokati u jsir investiment f'servizz ħolistiku li jolqot il-problemi soċjali li għandna f'Għawdex. Kif għedt, id-dipartiment, jikkonsisti fi spazju limitat fejn tispikka n-nuqqas ta' privatezza u l-post fejn isiru s-*supervised access visits* tal-ġenituri għat-tfal li jkunu għaddejjin minn proċeduri fil-qorti huwa żgħir u ġie *refurbished* biex ikun aktar *child-friendly* bis-saħħa ta' *grant* mogħtija mill-Bank of Valletta u mhux mill-gvern. Minħabba n-nuqqas ta' spazju qed tinħoloq problema minħabba l-aċċess superviżjonat li jiġi ordnat mill-qorti għax id-dipartiment ma jistax ilaħħaq mad-domanda. Is-*social workers* kemm-il darba wkoll jilmentaw dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u l-limitazzjoni tagħhom speċjalment għal dak li jirrigwarda servizz professjonali f'Għawdex illi huwa prattikament ineżistenti. Għalkemm id-dipartiment jista' jirriferi l-każijiet lill-Aġenzija Appoġġ, l-esperjenza għallmitna li din hija l-agħar ħaġa li tista' tagħmel għal min jirrikorri għall-għajnuna għax tkun qed taqta' qalb dak li jkun.

Barra minn hekk f'Għawdex m'għandna l-ebda struttura jew bini governattiv illi jipprovdi kenn għal min ikollu bżonn ta' kenn urġenti. Lanqas għandna fejn inżommu t-tfal li jkollhom problemi fil-familja jew li jkollhom *challenging behaviour* u ħafna drabi qegħdin jispiċċaw fil-*Young People's Unit* fl-Isptar Monte Carmeli minħabba n-nuqqas ta' post addattat għalihom. In-nisa u t-tfal vittmi ta' vjolenza domestika wkoll m'għandhomx faċilitajiet. Dar Karolina, li mhijiex tal-gvern, kienet toffri dan is-servizz però ilha s-snin magħluqa minħabba *refurbishment* illi kellu jsir. Kulma hemm disponibbli, *to be fair,* huwa *flatlet* wieħed li għalkemm jgħin, ċertament mhuwiex biżżejjed biex ilaħħaq mad-domanda. Naf ukoll li l-Kummissjoni kontra l-Vjolenza Domestika qed tħeġġeġ lill-gvern biex ikun hemm rimedju kemm jista' jkun malajr u jien minn hawnhekk nistaqsi xi pjanijiet għandu l-gvern għal dan ir-rigward. Fuq kollox għandna bżonn post illi fih jingħataw is-servizzi kollha. Dan irid ikun mgħammar bir-riżorsi umani u b'dawk materjali u fih għandu jkun hemm parti residenzjali li sservi għal każijiet ta' emerġenza li sfortunatament aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qegħdin jiżdiedu.

Ta' min isemmi wkoll il-Qorti ta' Għawdex u l-inadegwatezza tal-post meta jkollna l-każijiet tal-familja. Il-Qorti ta' Għawdex għandha problemi ta' aċċessibilità fiżika u hija ferm 'il bogħod milli ssejjaħlu *child-friendly*, anzi pjuttost jimpressjona negattivament ħafna lit-tfal. Apparti minn hekk, kemm-il darba qegħdin nesperjenzaw problema bil-*video conferencing* u dan l-aħħar kellna każijiet delikati ħafna li kellhom jinstemgħu Malta minħabba li l-*video conferencing* ma kienx qed jaħdem. Kemm-il darba semmejt ukoll illi fl-għażla tar-rilokazzjoni tal-qorti, l-interessi tal-minuri għandhom jinżammu fost il-kriterji għall-għażla tal-post. Jekk il-gvern għadu bil-ħsieb illi l-qorti tinbena biswit l-iskola l-ġdida li qed tinbena, jien nerġa' ngħid illi dan mhuwiex post addattat għax it-tfal trid tbegħedhom mill-qorti u mhux tpoġġi l-qorti fejn ikunu huma.

Rigward is-saħħa tan-nisa Għawdxin hemm bżonnijiet partikolari u urġenti. Ilna diversi snin nisimgħu li fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ġej l-apparat tal-*mammography*. Fil-*budget* tal-2006 il-ministru qalet li dan se jiġi stallat is-sena d-dieħla, jiġifieri fl-2007. Waslet is-sena 2007 u dan l-apparat tal-*mammography* reġa' ssemma. Issa wasalna fl-2008 u reġa' ssemma, però nispera li fl-aħħar jasal. Qed ninsisti fuq dan għax illum il-gvern qed jitkellem fuq il-pjan għall-*breast screening programme* u jien nistaqsi xi pjanijiet partikolari għandu l-gvern għal Għawdex. Il-pjanijiet għandhom jitwettqu mhux ħames snin oħra jew inkella noqogħdu nsemmu l-istess affarijiet għal sena wara l-oħra imma għandhom jitwettqu b'mod immedjat.

Rigward l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex nixtieq naqsam esperjenza personali li għaddejt minnha. Fil-fatt fl-aħħar ġimgħat tat-tqala tiegħi kienu qaluli li stajt inwelled f'Għawdex u jien bqajt imbellħa b'dan l-i*statement* għax jien dejjem assumejt illi x'ħin jagħlaqli t-*term* nista' nwelled hemmhekk. Però dawn qaluli li jekk it-tarbija tkun ġejja ftit qabel it-*term*, dawn itellgħuk fuq il-*helicopter* u jieħduk l-isptar Mater Dei biex twelled hemmhekk. Ir-raġuni hija li f'każ ta' *premature birth,* anke jekk it-trabi ma jkollhomx kumplikazzjonijiet, f'Għawdex m'għandhomx inkubaturi adegwati għal dawn it-tip ta' każijiet. Jien bqajt imbellħa u nixtieq li din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata, aktar u aktar meta tmur l-isptar Mater Dei u tara li fil-kurituri tagħhom għandhom ħafna inkubaturi *state of the art* u allura jistgħu faċilment jisilfuna wieħed jew tnejn għal Għawdex. Jien qatt ma nixba' ngħid illi fl-isptar ta' Għawdex allaħares ma jkunux id-donazzjonijiet. Per eżempju, il-*portable ultrasound machine* li hemm fis-sala tal-maternità ġiet permezz ta' donazzjoni.

Għalkemm il-gvern jiftaħar ħafna dwar il-*family-friendly measures* ħafna nisa f'Għawdex qegħdin jilmentaw dwar in-nuqqasijiet ta' dawn it-tip ta' miżuri. Fil-fatt nirċievi diversi ilmenti rigward it-teħid tal-*parental leave* u anke dwar talbiet ta' *teleworking*, fejn ħafna qed ikollhom risposti dwar l-impossibbiltà li tintlaqa' t-talba tagħhom minħabba l-ispejjeż involuti u allura x-xogħol ma jkunx jista' jsir permezz tat-*teleworking*. Però l-akbar nuqqas tal-gvern - din semmieha l-Onor. Refalo u se nerġa' nsemmiha jien - huwa f'dak li għandu x'jaqsam maċ-*childcare facilities.* Fid-diversi mistoqsijiet parlamentari li għamilt il-ministru dejjem tgħid illi l-pjanijiet tal-gvern dwar iċ-*childcare centre* jinsab fi stadju avvanzat imma meta l-Ministru Tonio Fenech kien qed jaqra u jsemmi ċ-*childcare centres* ta' Malta, dwar Għawdex ma semma xejn. Għalhekk jien nistaqsi: Kif il-Ministru Fenech ma jsemmi xejn imbagħad il-Ministru għal Għawdex tgħidilna li l-pjanijiet għal dan iċ-*childcare centre* huma avvanzati?! Jien nippretendi li jekk inhuma daqshekk avvanzati dawn il-pjanijiet, illum il-ministru tgħidilna u tagħtina l-informazzjoni dwar dan kollu. Għandha tgħidilna wkoll jekk il-ġestjoni ta' dan iċ-ċentru hux se tkun f'idejn il-gvern jew altrimenti hux se tkun f'idejn il-privat u allura konsegwentement jekk dan hux se jkun bil-ħlas jew le. Dawn il-mistoqsijiet qed nagħmilhom għan-nom ta' diversi ommijiet illi għandhom bżonn is-serħan tal-moħħ u allura nippretendi tweġiba dwarhom.

Dwar il-persuni b'diżabilità l-ewwelnett irrid nibda biex ngħid grazzi lil dawk kollha li jaħdmu ma' dawn il-persuni, kemm lil dawk jaħdmu magħhom biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom u kemm lil dawk li jaħdmu fuq bażi volontarja. F'Għawdex għandek tliet postijiet prinċipali li jilqgħu fihom lill-persuni b'diżabilità. Dawn huma l-i*special unit* fl-iskola primarja tas-Sannat u l-*adult training centre* f'Għajnsielem li huma tal-gvern u hemm ukoll il-Fondazzjoni Arka. Ma' dawn imbagħad hemm ukoll is-servizzi mogħtija mill-ministeru permezz tat-taqsima tal-anzjani u l-persuni b'diżabilità. Dwar l-i*special unit* ta' Sannat irrid ngħid li din suppost tilqa' fiha studenti sa età ta' 19-il sena, però jien informata li għandek studenti li jaqbżu dik l-età u għandek studenti kemm ta' 22 sena u anke ta' 23 sena. F'dawn l-aħħar snin huwa minnu li sar investiment kbir f'din l-iskola u dan grazzi għal diversi għotjiet li ngħataw minn entitajiet privati, però ħafna qegħdin iħossu li l-lokazzjoni fejn qegħdin il-persuni b'diżabilità mhijiex addattata u dan minħabba li qegħdin fl-istess kuritur tat-tfal tal-*kindergarten* u tal-*year 1*.

Huwa fatt illi llum nippromwovu l-konċett tal-inklużività illi hija xi ħaġa tajba ħafna, però għalkemm din tista' taħdem fuq studenti li bejn wieħed u ieħor ikollhom l-istess età, żgur illi ma tistax taħdem meta jkollok tfal ta' età żgħira li jkunu mħallta daqshekk mill-qrib ma' persuni b'diżabilità kbar ta' 20 sena u 22 sena għax ikun hemm *gap* kbira. Fl-i*special unit* ta' Sannat għandek *staff* dedikat ħafna

però qed jinħass in-nuqqas ta' *staff* speċjalizzat bħall-*occupational therapists*. Hemm bżonn ukoll żieda fil-ħin tal-i*speech therapists* u l-*physiotherapists* għax mhux l-istudenti kollha qegħdin ilaħħqu jieħdu l-kura u l-attenzjoni ta' dawn il-professjonisti. Dwar iċ-ċentru ta' Għajnsielem ukoll nixtieq nirringrazzja l-i*staff* dedikat li hemm. Però *again* hemmhekk hemm problema ta' nuqqas ta' *staff* ukoll. Hemm problema ta' *overcrowding* u hemm bżonn urġenti ta' *nurse* li tagħti l-mediċini lill-klijenti għax s'issa dawn il-mediċini qed jingħataw mill-impjegati li jaħdmu hemmhekk li ovvjament m'għandhomx in-*know-how* u l-professjonalità li jista' jkollha *nurse* f'dak li għandu x'jaqsam ma' mediċini. Għalhekk huwa żgur li hemm bżonn aktar *staff* professjonali bħal fil-każ tal-i*special unit* ta' Sannat.

Nixtieq nitkellem ftit ukoll dwar iċ-ċentru l-ġdid li huwa maħsub li jibda jopera fir-Rabat. Meta jien staqsejt lill-ministru dwar dan iċ-ċentru din ripetutament qaltli li dan jinsab fi stadju avvanzat. Jien naħseb li l-ministru qed tinsa li fejn noqgħod jien, jekk nittawwal mit-tieqa, naħseb li nara dan iċ-ċentru u naf eżattament f'liema stat jinsab. Jien naf li dan huwa 'l bogħod ħafna minn dak li qed jiġi dikjarat hawnhekk f'dan il-parlament. Effettivament ix-xogħol fuq dan il-post għadu lura ħafna u ilu żmien twil ma jsir xogħol fih, minbarra l-fatt li suppost ilu snin twal li tlesta. Fil-fatt fit-18 ta' Awwissu, 2004 kien hemm stqarrija maħruġa mill-Ministru għal Għawdex fejn kien ġie kkonfermat li l-bini kien lest. Fil-fatt il-permess tal-MEPA kien ħareġ fit-18 ta' Frar, 2003 li kien qrib ħafna d-data tal-elezzjoni 2003, però ta' min jgħid li dan iċ-ċentru ma nbeniex mill-ġdid għax qabel kien hemm żewġ *maisonettes* fil-*housing estate* u allura nażżarda ngħid li l-ministru tatni informazzjoni mhux korretta sal-aħħar għax dak il-bini kien diġà qiegħed hemm u ma sarx mill-ġdid. Fl-2007, tliet snin wara, kienet saret applikazzjoni oħra biex isiru l-estensjonijiet ta' *roof structure*, il-permess ħareġ xi seba' xhur ilu però bejn l-2003 u l-2007 ix-xogħol li sar kien ftit li xejn u f'dawn l-aħħar xhur, minn meta ħareġ l-aħħar permess 'il hawn, jien ħlief *skip* fil-parapett ma rajtx. Barra minn hekk jien informata wkoll li l-post huwa żgħir u ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-i*spatial audit* li sar minn persuni inkarigati minn dan il-qasam. Allura meta jien nara li bejn l-informazzjoni li qed ningħata hawnhekk u dak li qed nara b'għajnejja hemm daqshekk diskrepanzi, jien nistaqsi jekk hux ġejja l-istess storja tal-biċċerija li dejjem ġejja u ma tasal qatt. Id-differenza hija li l-persuni b'diżabilità għandhom bżonn dan iċ-ċentru u nħeġġeġ lill-gvern biex ixammar il-kmiem u jagħmel dak li għandu jagħmel.

Dwar it-taqsima ta' persuni b'diżabilità fil-Ministeru għal Għawdex dawn jirreklamaw is-servizz tal-għajnuna fid-djar u li hawn domanda kbira għalih. Issa ta' min jgħid li dan mhuwiex servizz b'xejn imma jsir bil-ħlas, għalkemm biex inkun għedt kollox, dan huwa ħlas raġonevoli u *affordable* ħafna. Naf b'diversi talbiet minn familji ta' persuni b'diżabilità li ilhom żmien twil biex jiġu proċessati. Jgħidulhom li m'għandhomx nies u flus biżżejjed u allura mhux qed jingħataw is-servizz. Però jekk wieħed iħares lejn l-estimi li ngħatajna jsib li l-*budget* allokat fl-2007 għal din il-*home service scheme* kien ta' €815,000 mentri dak minfuq fis-sena 2007 kien ta' €793,267. Allura minn kalkolu sempliċi jirriżulta li ma ntnefqux €21,733. Jien nistaqsi: Jekk kien għad fadal dan il-bilanċ li jidher mill-figuri li ngħatajna għaliex is-servizz mhux qed jingħata? Huwa proprju hawnhekk li wieħed jistaqsi lilu nnifsu u jixtarr dwar il-probabilità li l-flus għad-dispożizzjoni qed jintnefqu banda oħra u mhux biex dawn in-nies jingħataw l-għajnuna li tant għandhom bżonn. Qabel l-elezzjoni nafu kemm ingħata konkos, nafu kemm saru xogħlijiet fi proprjetajiet 'l hawn u 'l hinn u allura jista' jkun li dan l-ammont ġie assorbit f'dawn l-affarijiet, dejjem għax dan il-gvern jaħseb għall-elezzjoni biss.

Nixtieq insemmi wkoll il-Fondazzjoni Arka. Jien nixtieq nirringrazzja lil Dun Manwel u lill-voluntiera tiegħu, però li qed jinkwetani dwar din il-fondazzjoni huwa l-fatt li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma splodew u din se jkollha problemi kbar. Jien ngħid li mhuwiex ġust li minn fuq li tkun qed issir missjoni kbira ma' persuni li jkollhom bżonn, min ikun qed iwettaq din il-ħidma ma jingħatax għajnuna jew eżenzjoni fiskali oħra biex tpatti għal dawn l-ispejjeż. Ta' min jgħid ukoll illi fuq l-*equipment* li jinxtara mill-fondazzjoni titħallas il-VAT. Barra minn hekk, anke fuq il-makni li jinxtraw għall-isptar mid-diversi għaqdiet li jagħtu donazzjoni titħallas il-VAT, u fl-opinjoni tiegħi l-inqas li jista' jagħmel il-gvern fil-konfront ta' dawn il-persuni hu li jagħmel emenda u jeżentahom mill-VAT. Għandna ħafna makni fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex li nxtraw minn dawn in-nies u kieku tiġi ffrankata l-VAT fuq dan il-makkinarju jkunu jistgħu jixtru affarijiet oħra.

Sur President, il-ħin kien limitat però dan l-intervent għamiltu minn qalbi. Huwa tajjeb u importanti li kull sena nisimgħu dwar Villa Rundle però nemmen li l-qasam soċjali f'Għawdex għandu jingħata l-attenzjoni li jixraqlu. Għandna nies li qegħdin fit-tbatija u nispera li s-suġġerimenti li għamilt u l-problemi li ġbidt l-attenzjoni dwarhom, jiġu indirizzati minnufih kemm jista' jkun malajr.

**<u>Voti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali</u>**
S 52 14.11.08

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, l-ewwelnett nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li se jipparteċipaw f'dan id-dibattitu u, *for the record,* nixtieq ngħid li se nkun assenti għall-vot minħabba li wara d-diskors tiegħi se jkolli nitlaq lejn l-ajruport għax għandi xogħol parlamentari barra minn Malta. Fil-bidu ta' din il-leġislatura, mit-tron tal-President, ġie moqri d-diskors fejn ingħad li l-gvern jemmen li l-ġid soċjali ta' pajjiżna hu mibni fuq il-familja u li jqis il-vokazzjoni ta' min jidħol għaliha bħala patrimonju mill-aktar prezzjuż għas-soċjetà tagħna. Imma minkejja l-kliem sabiħ li jien naqbel miegħu perfettament, bil-mod ta' kif qed isiru l-affarijiet f'pajjiżna, jidher li l-gvern qed ikisser u jfarrak dan il-patrimonju prezzjuż billi qed jgħabbih b'piżijiet li ma jiflaħx jerfa'. Dawn il-piżijiet huma fid-diversi taxxi Ii qed jidħlu, kemm diretti u indiretti, bħall-kontijiet tad-dawl u l-ilma li taw daqqa lill-familji tagħna, u l-għoli tal-ħajja.

F'dawn l-aħħar xhur, kif għadu kemm qal tajjeb l-Onor. Farrugia, kellna l-ikbar żieda fl-għoli tal-ħajja u xahar wara xahar rajna l-istatistika turi l-għoli tal-ħajja dejjem tiela' 'l fuq. Taħdem aktar u taqla' inqas, u jkollok tonfoq aktar sabiex tixtri l-istess affarijiet. Il-flus fil-bwiet naqsu u l-*purchasing power* tal-familji tagħna qiegħed jonqos. Naturalment minn dan kollu qiegħda tbati l-familja kollha, speċjalment it-tfal li huma l-aktar f'pożizzjoni vulnerabbli u huma l-aktar suxxettibbli għall-esklużjoni soċjali. Il-faqar f'pajjiżna huwa realtà. Aktar u aktar familji qed jaqgħu taħt il-linja tal-faqar filwaqt li aktar u aktar familji qegħdin f'riskju ta' faqar. Dan mhux qed tgħidu l-oppożizzjoni imma joħroġ b'mod ċar fil-pjan nazzjonali dwar l-istrateġija fuq l-esklużjoni soċjali li ħejja l-gvern stess. Fil-fatt, f'dan ir-rapport qed jingħad ukoll li jeżisti żbilanċ soċjali li jeħtieġ li jiġi ndirizzat minnufih. Imma sfortunatament dan il-*budget* mhux qed jindirizza dan l-iżbilanċ.

Sur President, għandna diversi ndikaturi ekonomiċi kif ukoll soċjali li qed juruna li xegħlet il-bozza l-ħamra, u għalhekk nixtieq nistaqsi lill-gvern x'qed jagħmel dwar dan. Qiegħda nagħmel din il-mistoqsija għax minkejja li l-gvern jiftaħar bid-djalogu u bil-konsultazzjoni pubblika, xorta waħda qiegħed jaqbad u jiddeċiedi kif jidhirlu u jaħseb hu. Qiegħda ngħid dan ukoll għall-fatt li riċentement għamilt mistoqsija parlamentari lill-Ministru Dalli bħala l-ministru responsabbli mill-politika soċjali, fejn staqsejtu jekk isirux *impact assessements* fuq il-familji u fuq it-tfal kull meta tiġi varata liġi, *policy* jew inkella xi deċiżjoni tal-gvern. U bla tlaqliq ta' xejn il-ministru weġibni li dawn effettivament ma jsirux! Allura jekk il-gvern qed jgħid li qed jibża' għall-familji, kif jaqbad u jħabbar deċiżjonijiet mingħajr lanqas biss ma jara minn qabel kif se jiġu affettwati l-familji tagħna?!

Nixtieq inkun naf ukoll kif wasal għaċ-ċifra ta' €4.80 fil-ġimgħa għall-għoli tal-ħajja, li għalija hija ċifra miżera immens. Kif il-gvern jaqbad u jgħid li din iż-żieda se tkun biżżejjed sabiex tkopri l-għoli tal-ħajja? Hija biżżejjed meta nafu li dalwaqt se nibdew nirċievu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma bir-rati l-ġodda?! Dawn il-kontijiet daħlu b'mod retroattiv, jiġifieri se jidħlu mill-1 ta' Ottubru li għadda. Nafu minn issa li se jkun hemm problemi kbar għax ħafna familji mhux se jifilħu jħallsu dawn il-kontijiet. Mela mhux ta' b'xejn li l-familji qed jitkissru u jisfaxxaw b'dawn il-pressjonijiet finanzjarji kbar li qed ikollhom fuqhom! Tibda mis-saqaf fuq rashom u tispiċċa sal-baskett tal-ikel li jikkonsmaw ta' kuljum! Tajjeb ngħidu li anke meta tmur tixtri ġo *supermarket* issib li l-ammont ta' ikel li tista' tixtri bl-istess flus qiegħed kulma jmur jonqos. Aħseb u ara issa bil-kontijiet tad-dawl u tal-ilma x'ġej fuq il-familji Maltin u Għawdxin!

Filwaqt li l-ħajja dejjem togħla u t-taxxi jiżdiedu, il-pagi qegħdin jibqgħu baxxi. U allura minn dan l-iżbilanċ qed jinħoloq awtomatikament il-faqar u l-esklużjoni soċjali. Bir-rispett kollu mhux biżżejjed tgħid li se jitwessgħu t-*tax bands* għax minn dan kollu mhux se jibbenefikaw iż-żgħar u dawk li għandhom dħul baxx. Ta' min jgħid ukoll li dak li se jiġi ffrankat minn naħa qed jitpatta għalih f'banda oħra, f'kontijiet tad-dawl u tal-ilma, f'għoli tal-ħajja u f'taxxi diretti u indiretti. F'dawn l-aħħar snin ħadd ma jista' jiċħad il-fatt li rrenjat inċertezza kbira fost il-familji tagħna minħabba dawn il-fatturi li semmejt. U milli jidher din se tkompli tiżdied aktar 'il quddiem. Għalhekk huwa importanti li qabel kull teħid ta' deċiżjoni jew varar ta' *policy* jew liġi, jitqies ħafna l-impatt fuq il-

familji, liema impatt għandu jiġu studjat u evalwat b'mod professjonali. Għaldaqstant hemm bżonn ta' struttura aktar organizzata u speċjalizzata sabiex nikkombattu l-esklużjoni soċjali għax inkella se nkomplu naqgħu lura fl-aġenda ta' Lisbona, b'detriment għall-familji tagħna u tal-pajjiż b'mod ġenerali.

Ladarba qiegħda nitkellem fuq il-familji, ma nistax ma nsemmix ukoll lil dawk li għandhom problemi partikolari. Jekk tara s-servizzi li jiġu offruti f'pajjiżna lill-familji vulnerabbli, għalkemm għandna servizz tajjeb, hemm bżonn li jkun hemm tisħiħ f'dan is-servizz. Hemm bżonn li jiżdied ir-riżors uman li jipprovdi dan is-servizz u li dan il-qasam isir aktar attraenti ħalli nattiraw il-professjonisti fil-qasam soċjali. Il-professjonisti jgħidulek li hemm wisq nuqqas ta' riżorsi u fuq kollox hemm użu ħażin ta' riżorsi limitati. Hemm bżonn li jsiru aktar *audits* u *appraisals* tas-servizzi offruti u tal-ħiliet tar-riżors uman li qed iwettaq dan ix-xogħol ħalli ovvjament dejjem inkunu *a step ahead* u jiġi offrut servizz tajjeb, possibbilment bit-tnaqqis sostanzjali tal-*waiting list* u billi nagħtu servizzi ta' prevenzjoni aktar milli ta' *private management.*

Sur President, in-nisa huma aktar suxxettibbli mill-irġiel għall-esklużjoni soċjali. U aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed nitkellmu fuq linji ta' *feminization of poverty.* Jiena l-ewwel waħda li xbajt nisma' li l-livell ta' progress f'demokrazija, f'kull pajjiż, jitkejjel skont il-parteċipazzjoni tal-mara fl-oqsma kollha tal-pajjiż. Jekk pajjiżna miexi fuq dan il-kejl, allura nista' ngħid li qegħdin f'livelli baxxi ħafna, u dan b'detriment mhux għan-nisa biss imma anke tal-pajjiż in ġenerali. Fil-fatt, dan l-aħħar ħareġ ukoll il-*gender equity index* u b'dispjaċir kbir ngħid li Malta tinsab fit-83 post fid-dinja. Dan meta fl-2007 konna fis-76 post, u fl-2006 konna fil-71 post. Dan ifisser li sejrin lura minflok 'il quddiem! L-istatistika kemm lokali kif ukoll dik li ġiet ippubblikata mill-Eurostat f'dawn l-aħħar ġranet qiegħda turina li l-parteċipazzjoni tal-mara fid-dinja tax-xogħol għadha baxxa ħafna. Dan qiegħed joħloq konsegwenzi anke relatati mal-iżbilanċ ekonomiku u ta' poter bejn is-sessi.

Minkejja l-ħafna rettorika li nisimgħu dwar il-valur tal-parteċipazzjoni tal-mara fid-dinja tax-xogħol, xorta waħda l-mara qiegħda ssib ostakoli kbar. Għadna lura ħafna milli nsibu l-bilanċ bejn il-familja u x-xogħol. U jiddispjaċini ngħid li l-gvern għandu ħafna fejn jdur fuqu nnifsu u jgħid "*mea culpa".* Għalkemm naqbel mas-sena eżenzjoni mit-taxxa li ngħatat lin-nisa, ma nemminx li din il-problema b'daqshekk se tissolva għax din il-miżura mhux se tolqot lil ħafna nisa. Dan għaliex il-maġġoranza tan-nisa huma *low income earners* u għalhekk diġà huma eżenti mit-taxxa. F'pajjiżna hawn vuċi konkordanti dwar il-ħtieġa ta' aktar servizzi ta' *childcare.* Fil-*budget* issemmew dawn, però ta' min jistaqsi *at what price* se jkunu, għax min qed joħroġ jaqla' l-ħobża ta' kuljum ma jistax iħallas il-prezzijiet li qed jintalbu. Minn hawnhekk nistaqsi wkoll x'sar fir-rigward taċ-*childcare subsidy scheme.* Ilna nisimgħu dwarha sa mill-2002 u dan l-aħħar il-ministru rrisponda mistoqsija fejn qal li din għadha fi stadju ta' proposta. Allura għalfejn dan id-dewmien kollu meta f'pajjiżi barranin din kienet pożittiva ħafna u tat riżultati tajbin ħafna?!

Sur President, hemm ħafna xi tgħid ukoll dwar il-*family-friendly measures.* Id-diskrepanza bejn is-settur privat u dak pubbliku għandu jiġi ndirizzat minnufih u għandu jkun hemm aktar *safeguard mechanisms* sabiex dawn il-*family-friendly measures* jitwettqu verament, l-aktar fis-settur privat. Fir-rigward tal-*parental leave* nemmen li huwa dritt relattiv ħafna u dan jiddependi ħafna mill-*employer.* Fis-settur privat tant qed ikun hemm diskrezzjoni vasta li ħafna drabi min jitlob għall-*leave* qed jiġi mċaħħad minnu. Dwar il-*maternity leave* aħna, bħala partit, dejjem emminna fih. Fil-fatt dan ġie introdott mill-gvern Laburista. Naqblu perfettament mal-proposti tal-Kummissjoni Ewropea li qed tipproponi żieda ta' erba' ġimgħat fil-*maternity leave.* Naqblu wkoll mal-proposta ta' żieda ta' *leave* f'każijiet speċjali u partikolari ta' twelid b'komplikazzjonijiet, li jkunu jeħtieġu rikoveru itwal fl-istpar. Naqblu wkoll mat-tisħiħ tad-drittijiet tal-omm in konnessjoni mal-impjieg wara t-tqala. U dan x'qed tgħid il-Kummissjoni Ewropea. Madankollu ma smajna xejn fuq dawn il-proposti, li jagħmlu ħafna sens, f'dan il-*budget.* Nemmen li hemm bżonn li ssir diskussjoni mmedjata. Naf li d-diskussjoni diġà bdiet, però wieħed jixtieq li l-pass jitħaffef aktar fuq l-implimentazzjoni.

Dwar l-adozzjoni minn barra aħna għandna l-*adoption leave,* però dan jingħata meta t-tfal ikunu fil-kustodja tal-ġenituri adottivi. Madankollu l-ġenituri adottivi jkollhom ħafna skariġġ ta' safar sa minn

qabel ikollhom il-kustodja. U allura dan l-*adoption leave* mhuwiex biżżejjed u hemm bżonn li din il-problema tiġi ndirizzata. Meta nitkellem fuq sistema ta' *reduced hours* li jkunu *optionals* u mhux imposti, is-sistema tat-*teleworking* u anke t-*tempting jobs* li f'Malta għadha ma daħlitx ħafna, naħseb li l-gvern għandu jagħmel sforz sabiex jinkoraġġixxi aktar lil dawn is-sistemi. Ovvjament imbagħad għandhom jiġu sostnuti wkoll kemm fis-settur pubbliku u aktar u aktar fis-settur privat. Hemm bżonn li jiġu ikkonsidrati wkoll inċentivi sabiex min iħaddem ikun jista' jpatti għall-ispejjeż in konnessjoni mal-introduzzjoni u t-tħaddim tal-miżuri *family-friendly.* Għalkemm il-gvern jiftaħar ħafna bil-*family-friendly measures* li daħħal fis-settur pubbliku, ma nistax ma nsemmix dak li ġie mwieġeb minn diversi ministri f'mistoqsijiet parlamentari differenti dwar it-*teleworking.* Għandek ministri li wieġbu li hemm wisq spejjeż involuti sabiex jidħol it-*teleworking* fil-ministeru partikolari tagħhom.

Jiena ngħid li jekk trid tippromwovi dan il-kunċett, u jekk verament trid tkun *family- friendly,* trid tinvesti u tippromowovi dawn il-miżuri mhux biss bil-paroli imma anke finanzjarjament. F'dawn l-aħħar ġranet ħarġet ukoll ċirkolari ġdida fejn tgħid li mpjegati fis-servizz pubbliku li qegħdin fuq *parental leave,* bir-*reduced,* jew bit-*teleworking* ma jistgħux jagħmlu xogħol privat. Allura mara li qiegħda bir-*reduced* jew qiegħda bil-*parental leave,* ma tistax tagħmel *part-time job* matul il-*weekend* meta qed ngħidu li l-familji mhux qed ilaħħqu mal-piżijiet? Allura x'fiha ħażin jekk fil-*weekend* mara li qiegħda tużufruwixxi minn dawn is-sistemi tmur taħdem *part-time job*? Lil min qed ittellef jew lil min qed tisraq? Din tkun qiegħda tgħin lill-familja tagħha. Kif il-gvern qiegħed jippretendi li nemmnuh li qed jinkoraġġixxi l-*family friendly measures* meta tara affarijiet bħal dawn? Din hija xi ħaġa kontro-produttiva u aktar tiskoraġġixxi lill-mara milli tipparteċipa fid-dinja tax-xogħol.

L-indipendenza ekonomika tal-mara timplika wkoll li l-mara tkun inqas f'pożizzjoni vulnerabbli f'sitwazzjoni ta' vjolenza domestika. Dan il-qasam hemm bżonn li nsaħħulu r-riżorsi u l-istrutturi sabiex inkunu nistgħu niġġieldu din il-pjaga. Wasal iż-żmien li nieħdu *stocktaking* tas-sitwazzjoni minn meta ddaħħlet il-liġi kontra l-vjolenza domestika. Irridu nħarsu aktar lejn il-protezzjoni tal-vittma sa mill-mument li tagħmel ir-rapport u rridu naraw x'qed isir fil-qrati tagħna meta jkun hemm dawn il-każijiet. Fuq kollox, irridu nsaħħu s-servizzi offruti speċjalment dak tax-*shelter.* Hemm bżonn ukoll li ssir emenda għall-artikolu 338 (z) tal-kodiċi kriminali sabiex in-nisa mhux miżżewġa, li għandhom it-tfal, u li għandhom digriet ta' manteniment, ikollhom rimedju ġudizzjarju quddiem il-qrati tal-ġudikatura kriminali għall-ħlas tal-manteniment dovut.

Dwar is-saħħa ħadt gost ħafna nisma' bil-pjan tat-tnedija tal-*breast cancer programme* u nispera li dan il-pjan ma jibqax biss fuq il-karta imma jiġi attwat. Madankollu huwa inaċċettabbli d-dewmien għall-*mammogram* minħabba l-*waiting lists* twal li hemm. Aktar u aktar mhux aċċettabbli li f'Għawdex dan it-test ma jistax isir għax m'hemmx l-apparat meħtieġ. Ilna ħafna niġu mwiegħda dan l-apparat, imma sena wara l-oħra baqa ma wasalx. Lanqas huwa aċċettabbli li mara tqila li tkun anzjuża biex tagħmel l-*ultra sound* fl-isptar Mater Dei ma tkunx tista' tagħmlu għax il-magna ma tkunx qiegħda taħdem. Dwar il-herceptin ridt ngħid li hija xi ħaġa pożittiva u din in-naħa tal-Kamra ilha snin twal nitkellmu dwarha. U ninsabu sodisfatti ħafna li fl-aħħar il-gvern ta widen. Imma min jaf kieku din il-miżura ddaħlet qabel kemm konna nsalvaw nisa mill-mewt minħabba l-mard tal-kanċer!

Sur President, nemmen li hemm bżonn ta' politika ħolitistika għax it-tfal huma l-aktar f'pożizzjoni vulnerabbli u li jeħtieġu ħidma u attenzjoni mmedjata effettiva. Dan ġie dikjarat ukoll fil-pjan dwar l-istrateġija għall-ħarsien u l-inklużjoni soċjali. U għalkemm pajjiżna huwa firmatarju tal-konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal m'aħniex qed inwettqu *to the full* l-obbligi li assumejna permezz ta' din il-konvenzjoni. Għalkemm għandna l-kummissarju tat-tfal, dan l-uffiċċju ma ngħatax l-għodda sabiex jaħdem. U dan mhux qed ngħidu jien biss imma stqarritu wkoll l-ex-kummissarju Sonia Camilleri u l-kummissarju preżenti Carmen Zammit. Għalhekk f'dan il-qasam għandna bżonn ta' investiment qawwi sabiex jissaħħu s-servizzi għat-tfal, speċjalment dawk li qegħdin f'sitwazzjoni partikolari. Nemmen li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed jinħass il-bżonn li jkun hemm servizz speċjalizzat, immexxi minn dipartiment wieħed għat-tfal, li jieħu ħsieb il-bżonnijiet u l-esiġenzi kollha li jista' jkollhom it-tfal. Dan ovvjament irid iseħħ permezz ta' qafas leġislattiv li jkun fil-liġi dwar it-tfal

bħalma għandhom f'ħafna pajjiżi kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll f'dawk li huma barra mill-Unjoni Ewropea.

Il-gvern għandu wkoll l-obbligu li jassigura li kull post iffrekwentat mit-tfal ikun skont *standards* ta' saħħa u sigurtà skont il-liġi. Għaldaqstant inħeġġeġ sabiex ikun hemm ħidma inter-ministerjali u inter-dipartimentali u anke mal-kunsilli lokali sabiex isiru spezzjonijiet u xogħlijiet meħtieġa sabiex jiġi eliminat kull perikolu fiżiku għat-tfal tagħna mill-postijiet li jkunu frenkwentati minnhom. Il-familji tagħna għandhom jiġu sostnuti u megħjuna sabiex it-tfal jittrabbew f'għożża u mingħajr nuqqasijiet. Fil-komunitajiet tagħna rridu nsaħħu s-servizzi u nagħtu appoġġ dirett lit-tfal. U fejn il-familja naturali qed tfalli għandna ninkoraġġixxu aktar lill-familja alternattiva. Biex dan verament iseħħ hemm bżonn li ssir aktar promozzjoni tal-*fostering* fid-diversi forom tagħha u tingħata aktar għajnuna lil dawk il-persuni li qed jagħmlu dan il-ġest tant nobbli sabiex jaġixxu ta' *foster parents.*

Rigward il-ġenituri li jitilfu l-kustodja tat-tfal tagħhom, dawn għandhom jingħataw aktar taħriġ dwar il-*parental skills,* u l-ambjent tal-appoġġ fejn isiru s-*supervised visits* għandu jiġi mgħammar aħjar sabiex ikun iktar *child friendly.* Dan jgħodd aktar u aktar għall-qrati tagħna li m'huma *family-friendly* xejn. Hemm bżonn li jiżdiedu l-avukati tat-tfal u l-professjonisti tat-tfal li jkunu għad-dispożizzjoni tal-qrati sabiex il-każijiet tat-tfal jiġu trattati b'mod aktar delikat u inqas trawmatizzanti għall-istess tfal. U fuq kollox - din hija importanti ħafna u nemmen fiha ħafna - għandha tingħata aktar vuċi lit-tfal fil-kawżi bejn il-ġenituri tagħhom dwar materji li jirrigwardjaw lit-tfal infushom. Dwar il-persuni b'diżabilità, għalkemm il-kummissjoni nazzjonali għal persuni b'diżabilità tagħmel xogħol siewi ħafna, għad fadal ħafna u ħafna xi jsir b'risq il-persuni b'diżabilità, speċjalment għal dak li jirrigwardja l-għajnuna lill-familji tagħhom u servizzi individwalizzati.

Wara sena mill-iffirmar tal-konvenzjoni internazzjonali dwar il-persuni b'diżabilità, din għadha ma ġietx irratifikata minn pajjiżna għalkemm pajjiżi oħra diġa' rratifikawha. Fil-kumitat tal-affarijiet soċjali, xi ġimgħat ilu, kien ġie rappreżentant tal-istess kummissjoni li kien staqsa xi preparamenti qed jagħmel il-gvern sabiex din il-konvenzjoni, meta tiġi ratifikata, tkun tista' titħaddem. U jekk il-gvern qed jipprepara biex jirratifika l-konvenzjoni, naħseb li huwa opportun li l-gvern jibda jipprepara minn issa sabiex l-obbligi tal-konvenzjoni jitwettqu. Imma meta nara li l-kummissjoni baqgħet bl-istess vot nitħasseb mhux ftit għax nibda nissusspetta li ftit li xejn se jsir xi avvanz. Hija sfortuna akbar li l-familja ta' persuni b'diżabilità li għandhom *lift* stallat ġod-djar tagħhom, sabiex jeliminaw jew jipprovaw jegħlbu l-problema ta' aċċessibilità, għandhom dawn il-*lifts* li jaħdmu bit-*three phase* u allura issa se jkollhom iħallsu kontijiet tad-dawl aktar għoljin. Għalhekk nistaqsi lill-gvern xi pjanijiet għandu dwar dawn sabiex itaffilhom dan il-piż. Hemm bżonn li tiġi ndirizzata wkoll is-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilità li jixtieqû jaħdmu imma li qed jiffaċċjaw diskriminazzjonijiet kbar. Nafu li hemm il-liġi, imma xorta waħda qed isiru abbużi kbar b'detriment għall-persuni b'diżabilità. Min-naħa tiegħi nħeġġeġ sabiex ikun hemm aktar inforzar.

Sur President, ngħid xi ħaġa dwar iċ-ċentri ta' taħriġ għall-adulti. Hemm bżonn li l-gvern jieħu azzjoni mmedjata f'dawn iċ-ċentri għax qed tirrenja frustrazzjoni kbira fost il-ħaddiema. U għalkemm għandek elementi tajbin ħafna f'kull ċentru, fejn għandek nies li huma tajbin ħafna, imma hemm ukoll *deficit* fil-kapaċitá tat-tmexxija ċentrali. U dan għaliex għandek nies li minkejja li m'għandhom ebda esperjenza f'dan il-qasam, tpoġġew hemm u qed jagħmlu rebus sħiħ b'detriment tal-klijenti li jiffrekwentaw dawn l-istess ċentri. Ftit ilu għamilt mistoqsija parlamentari dwar it-*turnover* tal-istaff. Għamilt din il-mistoqsija parlamentari sabiex noħroġ biċ-ċar kif f'temp ta' ftit xhur kien hemm taqlib relattivament kbir fil-ħaddiema għax ma setgħux ikomplu jaħdmu mal-*management* li hemm u għax ma bdewx jaqblu mal-affarijiet kif kienu qed isiru sabiex klijenti b'diżabilità jieħdu s-servizz li jixirqilhom.

Staqsejt dwar l-aċċessibilità taċ-ċentri u jekk isirx xi rapport dwar dan, imma r-risposta li ngħatajt kienet fin-negattiv. Madankollu rċevejt ilmenti fuq diversi problemi ta' aċċessibilità, fosthom li hemm rampi għoljin u *bathrooms* mhux adegwati għal persuni b'diżabilità. U jekk l-informazzjoni li ngħatat lill-ministru hija mod ieħor, jiena nistiednu sabiex imur personalment jara jekk dak li qed ngħid jien huwiex minnu, u jekk hemm dawn il-problemi jiġu ndirizzati minnufih. F'ħafna ċentri hemm ħafna

klijenti li huma *wheelchair bound* u m'hemmx spazju biżżejjed, allura kulħadd jinsab *cramped* ġo xulxin. Jiena nistaqsi jekk sarx xi *special audit* sabiex jiġi żgurat li l-klijenti jkollhom l-ispazju meħtieġ.

Sur President, tlabt ukoll rendikont tal-finanzi tal-fondazzjoni, imma ma ngħatajt l-ebda rendikont minħabba li s-sena għadha m'għalqitx. Staqsejt għar-rendikont għax ġejt informata li l-fondazzjoni lanqas għandha biex tħallas lill-impjegati tagħha u lis-*suppliers.* Jidher ukoll li hemm żbilanċ fil-mod ta' kif jingħataw l-*allowances.* Staqsejt din il-mistoqsija anke għaliex ġejt informata li s-sistema tat-trasport fiċ-ċentri tista' ssir ħafna aħjar b'inqas spejjeż u bil-flus li jiġu ffrankati jibbenefikaw il-klijenti. Ta' min jinnota li fl-2007 kien hemm €70,000 approvati għal dawn iċ-ċentri imma mbagħad intefqu €133,422. Għalhekk trid tingħata spjegazzjoni għal dan l-*overcost* li kien hemm. Jiena llum tkellimt minn qalbi fuq problemi li nixtieq li jiġu indirizzati u ngħid grazzi minn qalbi lil dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam. Nawgura lill-kollegi tiegħi li se jitkellmu f'dan id-dibattitu li jiena se nsegwi minn fuq ir-radju. Nirringrazzjak.

<u>**Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi - Abbozz Nru 12**</u>
S 65 9.12.08

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, illum f'dan l-intervent tiegħi nixtieq inkompli fuq xi punti li kont diġà semmejt fid-diskors meta ddiskutejna l-voti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali, u se nieħu wkoll l-opportunità biex nikkummenta ftit dwar id-diskors li għamel il-ministru fl-istess okkażjoni.

Nistqarr li ma nistax ngħid li ma naqbilx ma' ħafna minn dak li qal l-Onor. Dalli meta tkellem dwar is-suġġetti li tkellimt dwarhom jien bħalma hu min-naħa tiegħu, *to be fair,* qabel ma' ħafna minn dak li għedt jien. Naħseb li r-raġuni hija li fil-qasam soċjali ma tistax toqgħod toħloq konflitti politiċi għax il-politika soċjali tolqot direttament lin-nies, partikolarment dik is-sezzjoni ta' nies f'pajjiżna li jinsabu f'pożizzjoni jew f'ċirkostanzi li jrenduhom vulnerabbli u allura dawn ikunu waqgħu lura jew qed jaqgħu lura mill-kumplament tas-soċjetà. Meta jiġri dan nitkellmu ħafna fuq l-esklużjoni soċjali li ġġib magħha problemi kbar għall-familja kollha partikolarment fejn jidħlu t-tfal. Għalhekk għandu jkun hemm ħidma sfiqa favur l-inklużjoni soċjali, u huwa hemmhekk li lkoll kemm aħna għandna nikkonċentraw il-ħidma tagħna. Però l-ministru waqt id-diskors tiegħu beda jirriferi kontinwament għal tliet fatturi: il-kif, il-min u l-biex. Dawn huma konsiderazzjonijiet validi ħafna u ma nistax inlum lill-ministru li jikkonsidra dawn l-affarijiet għax dan ġej mill-qasam ekonomiku u allura jaf l-aspett prattiku ta' kif isiru l-affarijiet.

Però meta ndur fuq il-gvern ma nistax ma nirrimarkax li dan huwa gvern ta' 20 sena u gvern li ilu jitkellem dwar ħafna affarijiet għall-ġid tal-qasam soċjali. Minkejja dan, dawn huma affarijiet li qatt ma twettqu. Sinċerament ħadt gost ħafna nisma' lill-ministru jgħid li hemm bżonn li nsaħħu l-familji tagħna u li f'dan il-parlament għandna nkissru rasna kif se nagħmlu dan. Dan huwa kliem sabiħ li naqbel miegħu perfettament imma bir-rispett kollu l-aktar entità li f'dan il-pajjiż qed taħdem kontra l-familji tagħna huwa l-gvern stess. Il-ministru qal li f'pajjiżna għandna l-wied tad-dmugħ. Dan huwa veru, però min ġab dan il-wied tad-dmugħ fuq il-poplu tagħna? Għandna gvern li ilu fil-poter 20 sena u daqshekk ilu jiggverna b'mod xellerat. Allura l-konklużjoni hija waħda - li l-wied ta' dmugħ fuq il-poplu ġabu dan il-gvern. Illum ġej il-Milied, il-ħwienet huma mżejnin imma nies jixtru ma tarax. Normalment bħal dan iż-żmien il-ġenituri tarahom iduru fil-ħwienet tat-*toys* biex jaraw x'se jixtru lit-tfal tagħhom, però din is-sena s-sitwazzjoni hija kompletmanet differenti għax il-ġenituri mhux qed jaħsbu fit-*toys* imma qed iwarrbu kull sold li għandhom għax huma mwerwrin mill-kontijiet li ġejjin. Ir-realtà hija li f'pajjiżna l-poplu huwa mwerwer u mbeżża' mill-ġejjieni u huwa altru minn sitwazzjoni ta' serħan il-moħħ li l-Partit Nazzjonalista jwiegħdu qabel kull elezzjoni.

Jien immur nixtri f'*supermarkets* u fil-ħwienet u qed ninnota varjazzjoni fit-tendenzi tan-nies. Fejn normalment tmur tixtri bil-kwart jew bil-kilo llum għandek sitwazzjoni fejn in-nies qed jixtru saħansitra bil-waħdiet. Fejn qabel konna nixtru kilo tadam illum għandek min jixtrilek żewġ tadamiet u żewġ tuffieħat u din hija sitwazzjoni, li mhi feliċi xejn. Huwa fatt li l-familji tagħna huma mgħobbijin bil-piżijiet tal-għoli tal-ħajja. Fil-fatt f'dawn l-aħħar xhur rajna l-istatistika tal-għoli tal-ħajja dejjem tiela'. Il-gvern jinsisti li dan kollu ġej minn barra imma jien ngħid b'wiċċi minn quddiem li din mhijiex il-verità kollha għax meta wieħed iqis il-prezz internazzjonali taż-żejt l-argument tal-gvern ma jreġix. Ir-realtà waħda u vera hija dik li l-gvern nefaq bl-addoċċ minħabba l-elezzjoni biex jaqdi lil dak u lill-ieħor u issa l-bużżieqa nfaqgħet f'wiċċu. Minn din l-irresponsabilità kollha spiċċa biex bata l-poplu u allura b'wiċċi minn quddiem ngħid li altru milli l-gvern qed jiddefendi lill-familji tagħna.

Filwaqt li min-naħa għandna l-ħajja qed togħla u t-taxxi qed jiżdiedu, min-naħa l-oħra l-pagi qed jibqgħu baxxi. Qed nixtru l-istess affarijiet u qed nonfqu aktar u l-mistoqsija hemm barra hija: Il-paga kemm tiflaħ tiġġebbed? Kulħadd kelma waħda li ħadd ma jista' jlaħħaq mal-ħajja u dan il-gvern li tant jgħid u jiftaħar li għandu għal qalbu l-familji mhu qed jagħmel xejn biex jippompja l-ekonomija. Hawnhekk nixtieq nirriferi għal dak li qed jiġri fl-Ingilterra, fejn il-gvern Ingliż xammar il-kmiem, sab mezz ta' kif jista' jippompja l-ekonomija u ma qagħad jara xejn u lil ħadd. Jien ma nafx

x'mentalità għandna f'Malta li sistema tajba u li jidher li qed tagħti l-frott m'għandniex inħarsu lejha u nitgħallmu minnha. Aħna hawnhekk nilagħbuha tal-*heroes* u nissuppervjaw u nsabbtu saqajna għax ma rridux nisimgħu. Ċertament dan ma jagħmilx ġid lill-familji tagħna.

Issa ħalli nerġa' lura għal dawk it-tliet fatturi li semma l-ministru u nibda bil-min. B'min se jaħdem? Il-ministru qed jgħid li għandna nuqqas ta' riżors uman fil-qasam soċjali però bir-rispett kollu l-problema ta' nuqqas ta' nies validi ġabha fuqu l-gvern stess għax għandek nies fid-dipartimenti u fl-aġenziji tal-gvern, nies li qegħdin fuq nett, li poġġewhom hemm u ma jafux x'inhuma jagħmlu. Allura għandek nies professjonisti u tal-affari tagħhom li huma riluttanti ħafna li jiġu jaħdmu f'dawn id-dipartimenti u f'dawn l-aġenziji għax ma jaċċettawx li jkun hemm dawn it-tip ta' nies inkompetenti li jgħidulhom x'għandhom jagħmlu meta d-direzzjoni li qed jagħtuhom hija ħażina. Għalhekk jien nerġa' nistieden lill-ministru biex jagħmel eżerċizzju tal-*audit* tal-*output* tal-*performance* ta' dawn in-nies li jaħdmu fid-dipartimenti u fl-aġenziji għax għandek nies inkapaċi u bl-inkompetenza tagħhom qegħdin jagħmlu ħafna ħsara b'detriment għall-familji u għal dawk kollha li jkollhom bżonn is-servizzi meta jkollhom il-problemi.

Issa se ngħid xi ħaġa dwar il-kif. Jekk ikun hemm ir-rieda, ikollok nies kapaċi u tkun diġà indirizzajt il-min, il-kif tasal għalih. L-għajta ta' dan il-gvern li "flimkien kollox possibbli" kultant tgħaġġibni. Ladarba għandhom din l-għajta naħseb li l-inqas li jistgħu jagħmlu hija li jindenjaw ruħhom u jipprovaw iħaddmuha. Imbagħad hemm il-biex. Naħseb li hawnhekk il-ministru kien qed jirriferi għall-finanzi. Kultant jien niskanta għax fejn irid il-gvern għandu flus biex jisparpalja. Minkejja li fil-pajjiż hawn għagħa u kontroversja kbira fuq proġett ta' €85 miljun għax ħadd ma jrid barriera fil-Belt il-gvern xorta għaddas rasu u sejjer f'dik id-direzzjoni. Għalhekk jien ngħid li meta tiġi l-problema tal-biex, meta nitkellmu fuq il-finanzi, il-kwestjoni hija ta' prijoritajiet ħżiena li għandu l-gvern. Din hija xi ħaġa li dejjem iddistingwiet lill-Partit Laburista mill-Partit Nazzjonalista fejn aħna dejjem tajna prijorità lin-nies, speċjalment lil dawk li qegħdin f'sitwazzjoni vulnerabbli u li għandhom bżonn attenzjoni immedjata.

Meta nitkellmu dwar il-kontest tal-ugwaljanza, jiġifieri l-ugwaljanza bejn is-sessi, u allura jidħlu wkoll id-drittijiet tan-nisa, il-kwestjoni kruċjali u fundamentali speċjalment tan-nisa bil-familji tkun dejjem dik tal-bilanċ bejn il-karriera u t-trobbija tat-tfal. Fid-diskors tiegħu l-ministru qal li hu jaħsibha b'mod tradizzjonali fuq din il-kwestjoni, jiġifieri jemmen ħafna dwar l-importanza tar-rwol tal-omm fit-trobbija tat-tfal. Din min ma jaqbilx magħha? Jien l-ewwel waħda llum qed inrabbi u nifhem li binti għandha bżonni u naf li jkun hemm min ikun hemm jieħu ħsiebha, posti ma jeħoduli ħadd. Però r-realtà hija li l-mara għandha bżonn taħdem biex tgħin lill-familja tagħha u fl-istess waqt għandha dritt daqs ir-raġel tagħha li tavvanza fil-karriera tagħha u tilħaq l-aspirazzjoni tagħha, kemm bħala omm kif ukoll bħala persuna li għandha potenzjal li trid issarrfu kemm għall-ġid tagħha personali kif ukoll għall-familja tagħha u għas-soċjetà inġenerali. Il-mistqosija tqum waħedha: Fir-realtà l-mara x'għażla għandha meta nqisu l-għajnuniet li jingħataw lill-ommijiet li jridu jaħdmu?

Dawn l-affarijiet diġà semmejthom fil-*budget,* però m'għandix il-ħin li noqgħod nerġa' nsemmihom kollha u allura se nikkonċentra fuq il-*parental leave* li suppost huwa l-*leave* li jistgħu jieħdu ż-żewġ ġenituri. Ir-realtà hija li dan it-tip ta' *leave* normalment jeħduh in-nisa. Fil-fatt il-persentaġġ ta' dawk l-irġiel li jagħżlu li jeħduh huwa negliġibbli ħafna. Qed insemmi dan għax bħalissa fil-pajjiżi Ewropej għaddejja diskussjoni taħraq sew dwar dan is-suġġett u qed jissemmew proposti biex iħajru aktar irġiel jieħdu l-*parental leave* minflok in-nisa. Ir-raġuni hija biex jingħata aktar ċans lin-nisa biex ma jkunux dejjem huma li jkollhom jieqfu mix-xogħol bil-konsegwenza li jitilfu l-opportunitajiet biex javvanzaw fil-karriera tagħhom waqt li jkunu qegħdin b'dan il-*leave*. L-idea hija dejjem biex niġġieldu l-isterjotipi u r-rwoli tradizzjonali bejn il-mara u r-raġel fil-kontest tal-familja.

B'kumbinazzjoni ftit tal-ġranet ilu kont Pariġi nattendi konferenza u ġejt mistiedna biex inkun *chairperson* ta' *working group* fuq dan is-suġġett. Fil-fatt hemmhekk kellna l-opportunità li napprofondixxu l-argumenti tagħna fuq dan is-suġġett. Għalkemm dawn il-pajjiżi għandhom l-istess problemi tagħna fejn ħafna aktar nisa jieħdu l-*leave* mill-irġiel, il-każ tagħna huwa aktar diffiċli għax f'dawn il-pajjiżi dan it-tip ta' *leave* huwa itwal. Filwaqt li aħna għandna sena fis-settur pubbliku u

tliet xhur fis-settur privat, dawn għandhom saħansitra sa tliet snin u l-*parental leave* tagħhom huwa mħallas mentri fil-każ tagħna mhuwiex. Għalhekk fil-każ ta' pajjiżna huwa aktar diffiċli li tikkumbatti din il-mentalità.

Ma rridux ninsew li fil-parti l-kbira *the highest income earner* fil-familja huwa r-raġel u allura ħafna drabi l-fattur li jiddetermina jekk tkunx il-mara li tieħu l-*leave* jew inkella jkunx ir-raġel ikun il-fattur ekonomiku. Għalhekk l-għażla awtomatika qed taqa' fuq il-mara b'detriment tad-drittijiet tagħha. Issa jien mhux qed ngħid li l-maternità m'għandhiex is-sodisfazzjon tagħha, anzi din għandha sodisfazzjon kbir u m'iniex ngħid li l-mara għandha tabdika mir-responsabilità tagħha, però biex inbiddlu l-mentalità tar-rwoli fil-familja hemm bżonn li ninsistu aktar fuq il-bdil fil-mentalità u ninsistu aktar fuq il-konċetti ta' *job sharing.* Nemmen ukoll li għalkemm irridu nkejlu b'xibirna u għalkemm hemm mudelli barra minn Malta li għandhom il-*paid parental leave* u aħna rridu nqisu s-sitwazzjoni tagħna, irridu nindirizzaw dawn il-fatturi li qed jitfgħu l-mara dejjem lura.

Fil-fatt xtaqt insemmi każ partikolari li ġie għall-attenzjoni tiegħi l-bieraħ. Din hija omm ta' żewġt itfal li meta kienet żgħira ma kellhiex il-*backing* biex tkompli tistudja u llum biex ittejjeb il-kondizzjoni tagħha u tal-familja tagħha bdiet kors fl-università. Din hija persuna kwalifikata u allura ma kellhiex bżonn il-*maturity clause.* Ir-raġel tagħha kien qed jaħdem ġo fabbrika u waqa' bil-*four-day week* u bħalissa din il-mara qed tiffaċċja problemi kbar biex tiffinanzja l-kors tagħha. F'dan il-każ partikolari u każijiet oħra, li nimmaġina li jeżistu nistaqsi, per eżempju, jekk din il-mara għandhiex tiġi kkonsidrata biex tieħu l-istipendju bħal studenti oħra. Dawn huma affarijiet żgħar, affarijiet li nistgħu nħarsu lejhom u nikkonsidrawhom u kull ftit tkun qed tgħin lil dik il-mara li tkun qed trabbi l-kuraġġ biex tagħmel dik il-qabża fil-kwalità tal-ħajja tagħha u tal-familja tagħha.

Dwar it-tfal irrid ngħid li f'dawn l-aħħar ġimgħat kien hawn għajta kbira kontra d-diskriminazzjoni li teżisti fil-liġi dwar l-adozzjoni. Dan qed ngħidu għax fil-każ ta' koppji miżżewġin li jridu jadottaw, dawn iridu jkunu ilhom miżżewġin tliet snin mentri fil-każ ta' persuna waħedha li trid tadotta mhemm l-ebda impożizzjoni ta' terminu. Diġà kellna sentenza li qed tgħid li din is-sitwazzjoni hija diskriminatorja, però sar appell minnha u ma naħsibx li għandna għalfejn noqogħdu nistennew il-qorti tal-appell xi tgħid biex nindirizzaw sitwazzjoni anomala li rriżultat u tirriżulta. Jien nixtieq nisma' lill-ministru jgħid xi ħaġa fuq il-liġi tat-tfal però jidher li jew għaddietlu jew forsi mhux qed jikkonsidraha. Qed ngħid dan għax ftit tal-ġranet ilu ċċelebrajna Jum it-Tfal u stennejt li jkun hemm stqarrija f'dan is-sens meta f'dan l-aspett qed ikun hemm kummenti fil-*media* konkordanti dwar il-bżonn ta' liġi dwar it-tfal li permezz tagħha kulħadd ikun jaf fejn qiegħed u t-tfal verament jingħataw id-dritt tagħhom speċjalment quddiem il-qrati.

Min-naħa tiegħi nixtieq ningħaqad mal-Kummissarju għat-Tfal li f'dawn l-aħħar ġranet ikkundannat l-esplojtazzjoni tat-tfal fuq il-mezzi tax-xandir għas-sitwazzjonijiet ta' tfal li kienu qed jintużaw għal skopijiet ta' sensazzjonaliżmu fix-xandir bl-iskop ewlieni li jattira udjenza li tissimpatizza ma' dawn is-sitwazzjonijiet. Fl-opinjoni tiegħi huwa kundannabbli li tuża t-tfal għal dawn l-affarijiet u nħeġġeġ lill-awtorità tax-xandir biex tkun aktar viġilanti għall-protezzjoni tat-tfal għax il-mezzi tax-xandir għandhom ikunu mezz ta' edukazzjoni għat-tfal u mhux mezz ieħor li permezz tiegħu d-drittijiet tat-tfal jiġu mittiefsa.

Issemma wkoll il-*fostering*. Jien nemmen li t-tfal għandu jkollhom dritt li jgħixu f' familja. Fejn il-familja naturali ma tirnexxix it-tfal għandhom dritt għall-familja alternattiva u f'dan il-kontest il-*fostering* huwa ideali biex it-tfal jesperjenzaw il-konċett ta' familja. Issib ħafna nies li jgħidulek li ma jidħlux għaliha ħaġa bħal din għax bilkemm jistgħu jlaħħqu mal-familja tagħhom aħseb u ara jekk ikollhom ħalq ieħor x'jitimgħu. Għalhekk jekk il-*fostering allowance* tiġi riveduta jkun hemm aktar nies li jagħmlu kuraġġ biex jidħlu għal din il-missjoni. Ma nemminx li hawn min jidħol għal din it-tip ta' missjoni biex jieħu l-*allowance,* għax l-*allowance,* tkun kemm tkun, mhijiex biżżejjed biex tpatti għal dak kollu li jkun qed isir ma' dawn it-tfal, però hemm bżonn li ssir aktar kampanja intensiva biex inħajru aktar nies.

Sur President, dwar Għawdex tkellimt b'mod estensiv fil-*budget,* però xtaqt nerġa' ntenni l-fatt li aħna għandna nuqqas kbir ta' servizzi f'Għawdex. Fil-fatt qed nerġa' nsemmi dan għax proprju nhar is-Sibt kellna każ ieħor fil-qorti ta' żagħżugħ ta' 15-il sena li tressaq il-qorti, damu 12-il siegħa jipprovaw jaraw fejn se jitfgħuh u spiċċa fix-*short stay* fl-isptar mentali. Issa dan it-tifel għandu problema ta' *challenging behaviour,* però żgur li m'għandux problema ta' saħħa mentali u allura żgur li postu ma kienx fl-isptar mentali. Għalhekk jien inħeġġeġ li din il-problema f'Għawdex tiġi indirizzata għax ma jistax ikun li nibqgħu b'nuqqas ta' servizzi u b'nuqqas ta' post addattat f'każijiet fejn ikun hemm bżonn *sheltering* ta' emerġenza.

L-aħħar qasam li se nindirizza huwa dak dwar il-persuni b'diżabilità. Il-ġimgħa l-oħra fakkarna l-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità. Din il-ġimgħa għadna fil-ġimgħa tal-persuni b'diżabilità u proprju għada għandna l-parlament tal-persuni b'diżabilità. Fil-fatt din il-ġimgħa saru diversi diskussjonijiet dwar il-konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità li l-Gvern Malti, għalkemm iffirmaha, għadu ma rratifikahiex. U żgur mhux forsi li l-gvern irid jimpenja ruħu minn issa sabiex iwettaq il-preparamenti kollha meħtieġa biex meta din il-konvenzjoni tiġi ratifikata tkun tista' tiġi mħaddma b'risq il-persuni b'diżabilità kollha. Meta nitkellmu fuq servizzi u aċċessibilità għal persuni b'diżabilità rridu nżommu f'moħħna li ħafna minnhom huma kapaċi li jimmaniġjaw ħajjithom b'mod indipendenti dment li ma nkunux aħna stess li noħolqu l-problemi fl-aċċessibilità. Għalhekk fejn jidħlu servizzi u problemi oħrajn relatati ma' dawn il-problemi li qegħdin noħolqu rridu nippjanaw aktar bi ħsieb.

Issa nixtieq ngħid xi ħaġa fuq iċ-ċentri tal-adulti. Wara li tkellimt f'dan il-parlament jidher li ċ-ċentru ta' Għawdex ħa spinta sew. Filwaqt li l-Ministru għal Għawdex dejjem twegħedna li se jsir, issa qed tgħidilna li se jkun lest fix-xhur bikrin tas-sena d-dieħla u nawgura li jibda jaħdem kemm jista' jkun malajr. Dwar iċ-ċentri ta' Malta l-ġimgħa l-oħra naf li ġiet organizzata attività f'Birkirkara u nqala' inkonvenjent kbir għax min għażel il-post ma kienx għaddielu minn rasu li kien hemm *toilet* u *changing room* waħda biss li riedet tintuża mill-persuni b'diżabilità kollha li attendew għal din l-attività. Milli jidher din iċ-*changing room* kienet *garage* li qabel kien fih żewġ karozzi u kienet maħmuġa ħafna. Wara li ngħibdet l-attenzjoni dwar dan il-fatt ġie deċiż li l-klijenti li kellhom bżonn in-*nappy changing* kellhom jittieħdu fiċ-ċentru ta' Fleur-de-Lys biex jinbidlulhom il-ħrieqi. Ġara li nqalgħet konġestjoni kbira apparti l-inkonvenjent li nqala' għax kien hemm skariġġ ta' ħaddiema li bdew iġorru lill-klijenti bit-*tail lifts* għal Fleur-De-Lys biex ibiddlulhom u kien hemm min kellu jeħduh id-dar għax minħabba problemi ta' inkontinenza spiċċaw ixxarrbu. Dan jikkuntrasta bil-kbir meta wieħed iqis li t-tema ta' din is-sena għall-ġimgħa dedikata għal persuni b'diżabilità kienet "Aċċess għal kulħadd u suċċess għal kulħadd". Żgur li din l-attività ma kenitx ta' suċċess. Fiċ-ċentri hemm ukoll problema tal-ikel.

Filwaqt li qabel l-ikel kien joħroġ minn kċina waħda li kienet armata fiċ-ċentru ta' Marsascala, illum kull ċentru jrid jaħseb għalih. Il-problema hija li fiċ-ċentri mhemmx flus u allura qed jispiċċaw f'sitwazzjoni li min jaħdem hemm qed ikollu joħroġ il-flus hu bl-isperanza li xi darba jitħallas lura. Problema oħra hija li skont il-kuntratt tal-*care workers* dawn suppost isajru għal għaxra min-nies però qed jispiċċaw iridu isajru għall-klijenti kollha li hemm fiċ-ċentru li huma aktar minn għaxra. Rigward it-tmexxija taċ-ċentri ta' min jgħid li din qed issir bi tqanqiċ. Sinċerament ħafna qed jiġu jgħiduli li hemm sparpaljar kbir ta' flus għal dak li jirrigwarda trasport fejn mid-dehra mhemmx kontroll. Staqsejt lill-ministru dwar din il-problema u għamilt mistoqsija parlamentari però għadni nistenna tweġiba. Appellajtlu biex jindaga ftit fuq is-sitwazzjoni pero' s'issa għadni ma ħadt *feedback* ta' xejn. Jien informata li l-kbarat tal-Fondazzjoni Sapport għandhom il-karozza *self-drive* magħhom 24 siegħa kuljum u apparti l-kiri tal-karozza qed jitħallsilhom il-*petrol.*

S'hemmhekk forsi l-affarijiet jidhru normali però jien informata wkoll li kull nhar ta' Ġimgħa meta jkun ġej il-*weekend,* karozza partikolari tittieħed biex tinħasel u din l-istess karozza timtela bil-*petrol.* Xi ħtieġa hemm li dan isir il-Ġimgħa meta din il-persuna partikolari fil-*weekend* ma taħdimx? Nistaqsi wkoll jekk din il-vettura kull meta tintuża hijiex qed titniżżel fil-*logbook* bħalma jitniżżlu l-vetturi l-oħrajn kollha li jintużaw fiċ-ċentri. Apparti minn hekk, dan l-aħħar fil-fondazzjoni ngħataw *transfers* li żgur li ma jagħmlux sens u dan jagħti lok li wieħed jissuspetta bil-qawwa li l-intenzjoni

vera warajhom hija altru minn ġenwina u altru milli qed isiru skont l-esiġenzi tas-servizz. Għal darb'oħra nerġa' nistieden lill-ministru biex jagħmel eżerċizzju dwar l-andament ta' din il-parti tal-fondazzjoni u jindirizza l-anomaliji li qed ikun hemm meta nitkellmu fuq livelli aktar għolja tas-support.

Sur President, jien nixtieq nagħlaq id-diskors tiegħi billi għal darb'oħra nirringrazzja lil dawk l-għaqdiet u l-organizzazzjonijiet kollha li jaħdmu fil-qasam tal-persuni b'diżabilità. Ħarġet pubblika li s-Sur Joe Gerada tefa' r-riżenja tiegħu mill-kariga li kien jokkupa s'issa u naħseb li huwa doveruż min-naħa tiegħi li nirringrazzjah ta' dak kollu li għamel f'dan il-qasam u nawguralu minn qalbi li fil-karigi li jkollu fil-futur ikollu suċċess bħalma kellu s'issa. Il-qasam soċjali huwa suġġett għal qalbi ħafna, suġġett li iqarrabni ħafna mat-tbatijiet tan-nies u qed jixprunani dejjem aktar biex niġi hawnhekk u nitkellem dwar dan. Dan nagħmlu bl-isperanza li dan ma jaqax fuq widnejn torox biex il-kondizzjoni ta' dawn in-nies fil-bżonn tiġi għall-aħjar u nispera dejjem li l-ministru u l-istaff kollu tiegħu u dawk kollha li huma nkarigati min-nies fil-bżonn jagħtu widen lil dawn in-nies u jindirizzaw il-ħteġijiet tagħhom. Nirringrazzjak.

**Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Abbozz Nru 17**
S 73 20.01.09

**ONOR. JUSTYNE CARUANA**: Sur President, meta quddiemna jkollna abbozz ta' liġi bħal dan nipprova nintervjeni biex nagħti l-kontribut tiegħi kemm mil-lat politiku kif ukoll mil-lat legali u mill-esperjenza tax-xogħol li jkolli. Kif qal tajjeb l-Onor. Alfred Sant qabli, ir-riforma fil-liġi tal-kera ilna żmien nitkellmu dwarha u huwa minnu li s-sistema mhi xejn feliċi, però meta ġie quddiemna dan l-abbozz ta' liġi, bħal ħafna oħrajn jien bqajt deluża ħafna bil-kontenut tiegħu. Dan qed ngħidu għax kemm mil-lat soċjali - allura mil-lat uman - kif ukoll mil-lat legali u minn dak akkademiku, dan l-abbozz ta' liġi jidher li sar bl-għaġla wisq u aktar ma taqrah aktar tibda ssiblu difetti u affarijiet li wieħed lanqas jippretendihom jew jimmaġina li jsibhom f'abbozz ta' liġi bħal dan. Illum fl-intervent tiegħi se nitkellem b'mod ġenerali, però peress li l-istadju ta' kumitat se jsir fis-sessjoni plenarja tal-parlament nispera li jkolli l-opportunità li nidħol aktar fid-dettall u namplifika fuq is-suġġett.

Jiena, bħal sħabi l-membri parlamentari li jipprattikaw il-professjoni legali, niltaqa' ma' ħafna każijiet relatati mal-kera. Ġieli niddefendi lis-sidien u ġieli niddefendi lill-inkwilini, ovvjament skont il-każ għax xogħli rrid nagħmlu. Peró hija verità li jeżistu inġustizzji kbar, speċjalment fil-konfront ta' sidien ta' proprjetà. Għandek familji li l-proprjetà tagħhom tkun ilha mikrija lil terzi għal ġenerazzjonijiet sħaħ u ma jkunux jistgħu jeħduha lura, tant li jkun hemm minnhom li jkunu jridu jiddejnu biex jixtru proprjetà oħra għalihom. Aħna qegħdin ngħidu li problemi bħal dawn, fejn għandek inġustizzji li nistgħu nsejħulhom ġenerazzjonali, għandhom jiġu indirizzati. Peró biex issir ġustizzja soċjali - u għall-Partit Laburista din hija l-fulkru tat-twemmin tiegħu - ma tistax taqbad il-barri minn qrun wieħed biss, għax jekk tagħmel hekk tkun qed toħloq żbilanċ kbir, u f'dan il-każ l-iżbilanċ se jkun għad-detriment tal-inkwilin. Fil-fatt għandek eluf ta' inkwilini li se jiġu milquta b'din il-liġi, li milli jidher tant saret bl-għaġla li lanqas biss sar studju soċju-ekonomiku dwarha. Kif qalu sħabi qabli, għandna nuqqas empiriku, nuqqas ta' informazzjoni u nuqqas ta' *data* u allura iktar rridu noqogħdu attenti kif nitkellmu għax din il-liġi se jkollha impatt enormi fuq il-familji li huma direttament milquta.

Ladarba tilleġisla, il-liġi ssir għal kulħadd. Għalhekk huwa importanti li qabel ma tagħmel liġi, hi x'inhi, speċjalment jekk din ikollha kontenut soċjali qawwi bħal m'għandha din, tkun taf lil min se tolqot u kif se tolqot. Irridu nżommu wkoll quddiem għajnejna li l-bidliet proposti f'dan l-abbozz ta' liġi qed jiġu ppreżentati lilna f'kuntest partikolari fejn għandek realtajiet kiefra. Illum il-familji tagħna huma mgħobbijin b'piżijiet enormi. Għandek mijiet ta' nies li għandhom l-impjieg tagħhom qed jiġi mhedded, oħrajn qegħdin jitilfu l-impjieg u oħrajn li l-ġranet tax-xogħol tagħhom qed jiġu ridotti minħabba problemi internazzjonali u effetti ta' reċessjoni li qed jinħassu fid-dinja kollha. Ovvjament aħna m'aħniex eċċezzjoni u allura dan kollu se jaffettwa l-livell ta' għajxien tal-familji tagħna. Imbagħad trid tqis ukoll li l-gvern lanqas għamel studju dwar l-impatt soċju-ekonomiku taż-żidiet fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kif ukoll ta' piżijiet oħra li qed jerfgħu l-familji tagħna. Ovvjament f'dan il-kuntest kollu ma tistax tiġi hawnhekk u bl-iktar mod leġġer taqbad abbozz ta' liġi u tapprovah mingħajr ma tara kif l-affarijiet verament huma u kif se jintlaqtu dawn in-nies. Lili wkoll ikkuntattjawni ħafna nies minn mindu bdiet tissemma r-riforma fil-liġi tal-kera u qaluli li għaddejjin minn inċertezza kbira dwar kif se jintlaqtu b'din il-liġi. Għalhekk huwa importanti li aħna nwasslu l-messaġġ u l-inkwetudni ta' dawn in-nies.

Sur President, xtaqt insemmi fatt li ġara qabel ma ħriġna bir-*recess* tal-Milied. F'waħda mil-laqgħat li kellna fil-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali, li għaliha attendew Fr. Charles Tabone u Dr. Angela Abela, fost affarijiet oħra tkellimna dwar il-faqar f'pajjiżna u l-problemi relatati miegħu. Għalkemm il-gvern iħobb ipoġġi l-faqar f'pajjiżna taħt it-tapit, din hija realtà li ma nistgħux niċħduha u li qed taffettwa l-iktar it-tfal. F'ħin minnhom waqt din il-laqgħa partikolari Fr. Charles Tabone semma l-kwestjoni tal-*affordable housing* u sar ukoll aċċenn għall-kwestjoni tal-kera. Qed insemmi dan l-intervent partikolari għax nemmen u nħoss sinċerament li l-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali, li huwa struttura fi ħdan dan il-parlament, kien ikun pjattaforma importanti ħafna biex tiġi diskussa din il-liġi u l-effett soċjali tagħha. B'hekk kien ikollna eżerċizzju utli ħafna biex

imbagħad niġu bih hawnhekk. Huwa għalhekk li mbagħad jiskatta l-mod ta' kif nagħmlu l-kritika aħna, Sur President. Għax meta għandek xi ħaġa li soċjalment għandha ċerta rilevanza u li se toħloq ċertu impatt soċjali, trid tara kif teżawrixxi l-istrutturi kollha biex tapprofondixxi l-argument fuq is-suġġett. U ladarba jeżisti dan il-kumitat, dan għandu jindirizza l-bżonnijiet u l-ħteġijiet soċjali ta' pajjiżna. Din kienet waħda mill-prijoritajiet li għandna bħalissa fil-pajjiż, u dan il-kumitat kien ikun pjattaforma utli biex jiġi diskuss dan is-suġġett. Forsi fil-futur meta jkollna *issue* simili, jintlaqa' s-suġġeriment li qed nagħmel u l-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali jiġi utilizzat aħjar u aktar.

Kif għedt, minkejja li għandna dawn il-problemi kollha u l-gvern qed jippreżenta dan l-abbozz, il-membri parlamentari ta' din in-naħa qegħdin ngħidu li għalkemm il-gvern qed jipproponi numru ta' emendi, din il-liġi li għandna quddiemna mhijiex soċjalment ġusta għax se jkun hemm min ibati permezz tagħha. Però, konvenjentement, il-gvern qed jaqa' barra mix-xena kompletament għax filwaqt li qed jaġevola lis-sid, qed jitfa' l-piż kollu fuq l-inkwilin. U l-Oppożizzjoni Laburista qed tgħid lill-gvern li mhuwiex *fair* li biex isolvi l-problema se jitfa' l-piż kollu fuq l-inkwilin. Għalhekk aħna qegħdin ninsistu ħafna biex il-gvern jesprimi ruħu u jagħti l-*commitment* tiegħu fuq kif se jerfa' l-piż hu. Għax ta' min jgħid li l-liġi dwar il-kera kienet ilha antiċipata mis-sena l-oħra, jiġifieri qabel ma sar il-*budget,* li tiġi diskussa fil-bidu ta' din is-sena. Però fil-*budget* ma kien hemm maħsub xejn biex jindirizza u jserraħ moħħ il-membri tal-Oppożizzjoni u tal-poplu li min mhux se jkun kapaċi jerfa' l-piż se jgħinu l-gvern. Aħna qegħdin nistennew minn ħin għall- ieħor biex il-gvern, speċjalment il-Ministru Dalli, iserrħilna rasna u jgħidilna li hu lest li jgħin lil min mhux se jlaħħaq biex jerfa' l-piż li se jiġi impost fuqu. Imma s'issa dan għadu ma sarx u allura se nkomplu nistennew.

F'dan id-dibattitu issemmiet il-kera minima ta' €185 fis-sena. Naturalment kull ammont li jissemma, sew jekk inhu ta' €150, kif ukoll jekk inhu ta' €250, hu x'inhu, b'xi mod jew ieħor se jolqot lill-familja. Għaliex? Għax fiż-żmenijiet tal-lum, kull żieda, minima kemm hi minima, se taffettwa lill-familji tagħna li bil-kemm qegħdin ilaħħqu mal-ħajja kif inhi aħseb u ara biż-żidiet li se jkun hemm! Sħabi li tkellmu qabli qalu li skont l-istatistika taċ-ċensiment iż-żieda kif proposta mill-gvern f'dan l-abbozz se taffettwa 46% ta' dawk il-persuni li diġà qegħdin iħallsu l-kera u li l-parti l-kbira minnhom huma pensjonanti. Issa kulħadd jaf kif inhi s-sitwazzjoni tal-pensjonanti u meta wieħed iqis li l-parti l-kbira tan-nies li se jintlaqtu huma pensjonanti, għandu jinnota li qed tixgħel il-bozza l-ħamra u żgur li l-gvern għandu bil-fatti juri li għandu kuxjenza soċjali u jintervjeni f'dawn il-każijiet. Nemmen li tkun kemm tkun il-kera, kemm għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar, il-gvern għandu jkun hemmhekk biex jgħin lil dawn in-nies.

Klawsola 7 ta' dan l-abbozz hija l-fulkru tal-emendi li qegħdin isiru għax titkellem dwar it-tkomplija tal-kirja wara l-mewt tal-inkwilin. Jiena ngħid li din hija proprja l-pjaga fil-każijiet tal-kera, pero' għalkemm forsi fil-kunċett nistgħu naqblu li din hija l-problema prinċipali, żgur li ma nistgħux naċċettaw u naqblu mal-fatt li in konsegwenza ta' dawn l-emendi se jkun hemm min jispiċċa barra fit-triq. Qed ngħid dan għax meta l-gvern qed jipproponielna dan l-abbozz ta' liġi, ma ħasibx għal *stock* ta' *housing* fl-eventwalità tal-*boom* ta' *social cases* li se jkollna. Għalhekk qed nitkellmu b'dan il-mod. F'dan l-abbozz insibu elenkati każijiet limitati ta' min jista' jiret il-kirja. Però meta mbagħad taraha mill-aspett legali - għalkemm il-gvern forsi qed jipprova jindirizza dan l-aspett - xorta se jibqa' l-element ta' interpretazzjoni tal-qrati. Għax meta l-liġi qed issemmi l-werriet, u dan irid ikun joqgħod mal-inkwilin li jkun miet, xorta jrid ikun hemm prova ta' element ta' residenza. U ovvjament dan huwa x-xogħol tal-qorti li dejjem irrikorriet għall-konċett tal-okkupant li jkollu l-*bona fide*. Imma f'dan il-każ il-bord tal-kera se jkun marbut mat-terminu ta' erba' snin fl-aħħar ħames snin.

Għar-rigward il-wild tal-inkwilin, il-mod ta' kif qiegħda l-liġi tista' tippreġudika ħafna lit-tfal, u se nagħti eżempju prattiku biex dak li jkun jifhem x'qed nipprova ngħid. L-abbozz jgħid illi l-wild li jkun jgħix mal-inkwilin għal erba' snin fl-aħħar ħames snin, ikun protett u jekk il-wild ikollu inqas minn ħames snin, dan ikun protett ukoll. Peró se jkollok ħafna każijiet oħrajn li mhux se jkunu protetti b'dawn is-*sections* u se nsemmi eżempju partikolari li forsi min jismagħni jgħid: U iva, imma kemm jista' jkollok minn dawn? Jiena ngħid li jkollok imma anke jekk ikollok wieħed biss, trid

taħseb għalih. Ejja ngħidu li jkun hemm koppja li tissepara, ir-raġel jitlaq, il-mara tibqa' tgħix fid-dar u allura t-titlu tal-kirja taqa' fuqha. Dawn ikollhom tifel ta' sitt snin li l-ewwel jibqa' jgħix mal-omm u mbagħad għal xi raġuni jmur jgħix mal-missier għal perijodu ta' żmien. Il-missier jiddeċiedi li jitlaq – dawn l-affarijiet ġieli ġraw – u dan it-tfel awtomatikament jerġa' jmur jgħix ma' ommu. Wara ftit snin, forsi sentejn jew tlieta, l-omm tmut.

**<u>Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali</u>**
S 77 28.01.09

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, l-ewwelnett irrid nirringrazzja minn qalbi lill-Onor. Josè Herrera li tkellem qabli, li kopra s-suġġett b'mod eżawrjenti ħafna. Fil-fatt jien kelli ħafna affarijiet ippreparati biex nitkellem dwarhom imma ma rridx nirrepeti u allura ħallieli ftit ħafna. Ovvjament nixtieq nagħmel xi punti li biex insemmihom se nkun ftit ripetittiva jiġifieri l-ministru jieħu ftit paċenzja bija.

F'dawn l-aħħar ġranet jew ġimgħat kellna żewġ abbozzi ta' liġi importanti. L-ewwel kellna l-abbozz ta' liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili mbagħad kellna l-abbozz ta' liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali. Però meta jien rajt dan l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna ħassejt li kelli nintervjeni għax kien hemm klawsola partikolari li meta rajtha ħadt gost ħafna biha. Jien inħoss li meta jkollok xi ħaġa tajba trid tirrikonoxxiha u titkellem dwarha. Allura jien ħassejt li kelli nintervjeni biex nirrimarka dwar dan il-fatt.

Jien qed nirriferi għal klawsola 9 ta' dan l-abbozz ta' liġi li tkellem b'mod eżawrjenti ħafna dwarha l-Onor. Herrera, però jien inħoss li għandi nitkellem ukoll minn aspett differenti. Din il-klawsola qed tindirizza anomalija legali li minnha kienu qed isofru ħafna nisa u uliedhom li kienu qed jispiċċaw vittmi ta' inġustizzja kbira minħabba l-mod ta' kif kien *worded* l-artiklu tal-liġi. Issa kif spjega l-Ministru u kif spjega l-Onor. Herrera qabli, l-artiklu 338(z) ta' kapitlu 9 kif inhu fil-preżent – sakemm jiġi emendat wara li tispiċċa d-diskussjoni u jiġi promulgat - jgħid li fejn għandek ordnijiet u kuntratti li jistipulaw manteniment, meta dan il-manteniment ma jingħatax fil-kontest ta' koppji miżżewġin, dik il-parti miż-żwieġ li tkun intitolata għall-manteniment ikollha rimedju li tmur quddiem il-qorti, tagħmel rapport lill-pulizija u mbagħad dawn imexxu l-każ. Għalhekk hawn il-protezzjoni tal-liġi u r-rimedju legali. Dan huwa rimedju effettiv u irħas milli kieku tmur quddiem il-qrati ċivili għax sempliċement tagħmel rapport mentri jekk tirrikorri għar-rimedju ċivili għandek l-ispejjeż tar-reġistru u spejjeż oħrajn. Allura filwaqt li dan huwa rimedju effettiv, huwa wkoll rimedju *affordable.*

Fir-realtajiet tal-lum għandek ħafna koppji li mhumiex miżżewġin però mir-relazzjoni tagħhom jitweldulhom it-tfal. Għalhekk ikollok sitwazzjonijiet fejn dawn ir-relazzjonijiet jintemmu u ġeneralment l-omm tagħmel rikors il-qorti biex jiġi regolat il-manteniment li l-missier irid jgħaddi lit-tfal. Però l-liġi kif inhi llum ma tapplikax għal dawn it-tip ta' ċirkostanzi, fejn għandek ordnijiet ta' manteniment tat-tfal li mhumiex imwielda fiż-żwieġ. Filwaqt li l-qrati tal-maġistrati, mil-lat uman tagħhom, ipprovaw jindirizzaw din il-problema u kien hemm anke okkażjonijiet fejn il-parti li suppost kellha tagħti l-manteniment u ma tatx il-manteniment instabet ħatja, kellek il-qorti tal-appell li filwaqt li apprezzat is-sitwazzjoni u fehmitha, ippronunzjat ruħha li l-liġi trid tiġi osservata. Minkejja r-rikonoxximent ta' din l-anomalija, sakemm għandna l-liġi kif inhi, ma setgħu jagħmlu xejn. Imbagħad kien hemm id-deċiżjonijiet li ġew *overturned.*

Issa bl-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna din is-sitwazzjoni se tiġi rranġata u allura dawn in-nisa - għax rari jkollok raġel li jkun fis-sitwazzjoni opposta - se jkollhom il-manteniment għal uliedhom indipendentement jekk dawn ikunux ġejjin miż-żwieġ jew inkella minn relazzjoni ta' koabitazzjoni. Meta saret din il-liġi ma naħsibx li oriġinarjament kienet saret bi skop ħażin jew b'intenzjoni ħażina però huwa żgur li kienet tistona fil-kontest meta aħna konna qed nippromwovu ħafna liġijiet li jeliminaw kull diskriminazzjoni bejn it-tfal, jiġifieri dawk imwielda fiż-żwieġ u dawk imwielda barra ż-żwieġ. Ovvjament din l-emenda li għandna quddiemna hija f'din id-direzzjoni u allura aħna ta' din in-naħa naqblu magħha.

Issa *to be fair,* kif qal l-Onor. Herrera, kien hemm il-*private members' bill* ukoll. Jiġifieri l-Ministru minn dan l-aspett antiċipana xi ftit ukoll. Min-naħa tiegħi meta bdejna nisimgħu dawn il-każijiet tal-qorti tal-appell kont ukoll ħriġt stqarrija biex appuntu nenfasizzaw fuq din it-tbatija li kienu għaddejjin minnha ħafna *single mothers* li ma kenux qed jingħataw il-manteniment u li kienu qed

jiffaċċjaw diffikultajiet kbar biex jieħdu s-servizzi soċjali mingħand il-gvern. Dan għaliex ċerti ċirkostanzi ma kenux qed jitwemmnu u jkollhom diffikultajiet ukoll biex jieħdu l-benefiċċju soċjali.

Sur President, jien naħdem ħafna f'dawn il-każijiet tal-familja u nista' nassigurak li jinvolvu ħafna sofferenzi u ħafna taqtigħ il-qalb. Għalhekk hemm bżonn li nħarsu aktar lejn dawn il-każijiet mhux mill-aspett ta' dan l-abbozz ta' liġi biss, imma anke b'mod akar ġenerali u ffokat. Hija sfortuna kbira li f'dawn il-każijiet qed jispiċċaw jiżżeffnu fin-nofs it-tfal. Ċertament dan huwa aġir deplorevoli għax it-tfal m'għandhom ebda ħtija jekk ikun hemm problemi fil-koppja u mhuwiex ġustifikat li jkun hemm dik il-pika bejn il-mara u r-raġel li mbagħad tispiċċa taffettwa direttament lit-tfal.

Kif qal tajjeb l-Onor. Herrera fis-seduti tad-distrett – hawnhekk irrid ngħid li f'Għawdex il-każijiet tal-familji jinstemgħu ma' dawk tad-distrett, jiġifieri m'hemmx seduta għalihom; hawnhekk qed nirriferi dejjem għall-kriminal - qed ikollna numru ta' każijiet tal-istess persuni li qed ikunu hemmhekk fuq l-istess affarijiet. Ovvjament ix-xahar tal-manteniment ikun differenti. L-Onor. Herrera semma l-punt importanti ta' meta jkollok każ ġustifikat, fejn ikollok bdil fiċ-ċirkostanzi u jkun hemm proċeduri ċivili għaddejjin biex ikun hemm il-bidla fir-rata tal-manteniment. Dan issuġġerixxa li jkun hemm is-soprassessjoni u l-Ministru qal li qed tiġi redatta l-emenda opportuna. Issa hawnhekk ovvjament qed nitkellmu fuq każijiet li huma ġustifikati u ġenwini. F'dak ir-rigward naqbel imma mbagħad meta jkollok każijiet oħrajn li huma purament kapriċċjużi jien nieħu attitudni u atteġġjament kompletament differenti. Nixtieq ħafna li dan l-aspett jiġi kkonsidrat b'aktar serjetà u nkunu aktar riġidi f'dawn il-każijiet ta' kapriċċi. Hawnhekk qed nitkellmu fuq meta jkollok parti li b'mod kapriċċjuż u mingħajr ebda bażi ta' xejn qed tirrifjuta milli tissomministra l-manteniment biex mingħaliha tinki lill-parti l-oħra meta essenzjalment u finalment minn din l-inkejja kollha jispiċċaw ibatu t-tfal.

Kif għedt, fil-lista tal-kawżi jkollok l-istess isem li jiffigura aktar minn darba meta suppost dawn it-tip ta' każijiet huma sommarji, jiġifieri suppost li jitressqu, jinstemgħu u jinqatgħu. Però qed ikollok ċirkostanzi fejn dawn it-tip ta' każijiet qed jiġu differiti minn seduta għal oħra mingħajr ebda raġuni valida. Ħafna nies jibagħtu ċertifikati mediċi jew jinformaw lill-qorti li jkun inqalagħlhom xi ħaġa u ripetutament dawn il-każijiet jibqgħu jiġu differiti għal seduta wara oħra, b'detriment ta' min ikun għamel il-kwerela biex jieħu l-manteniment. Jien nappella sabiex fejn ikun hemm dan id-dewmien intenzjonat, il-qrati jħarsu lejhom b'aktar attenzjoni. X'ħin kien qed jitkellem l-Onor. Herrera ftakart f'każ partikolari fejn il-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera li tiġi oħt l-Onor. Herrera kienet qed tippresjedi. Fil-fatt kien hemm każ partikolari bħal dan li qed insemmi, ġie prodott ċertifikat, issuspettat li dan ma kienx ġenwin u dak il-ħin stess, *seduta stante*, ġie maħtur tabib biex imur jivverifika jekk dan ir-raġel kienx verament marid jew le. Fil-fatt irriżulta li ma kienx ġenwin u ttieħdu l-passi opportuni. Minn dakinhar 'il hawn għamilna perijodu ta' żmien li dawn id-differimenti abbażi ta' ċertifikati mediċi naqsu mhux ħażin.

Qed insemmi dawn l-affarijiet għax mhuwiex *fair* li minħabba dawn it-tip ta' skużi, min jagħmel il-kwerela biex jitlob il-manteniment joqgħod jistenna biex xi darba jew oħra jinstema' l-każ. Ma rridux ninsew li kull meta jintalab id-differiment il-każ ikun għadu ma nstemax għax ovvjament l-akkużat ma jkunx hemm u allura jkun hemm dan it-tip ta' dewmien. Barra minn hekk, meta jkollok dawn id-differimenti trid tara kif ikunu qed jgħixu l-persuni li jkunu qed jitolbu l-manteniment. Ħafna drabi dawn ikunu jiddependu mill-manteniment biss għax ġaladarba jkun hemm dan id-digriet pendenti, ovvjament ma jkunux jistgħu jirrikorru għall-benefiċċju soċjali u allura jiddependu kompletament mill-isperanza li dawn ikunu se jieħdu rimedju bil-liġi. Ħafna drabi jkollok ħafna nies li joqogħdu jistennew minn seduta għal oħra, ma jiġri xejn u jitilfu l-fiduċja fis-sistema legali, xi ħaġa li m'għandhiex tkun għax il-liġi u l-qrati għandhom ikunu hemmhekk biex jipproteġu u jagħtu sostenn u mhux biex ikunu mezz ta' kif persuna tirrendiha aktar infeliċi u ffrustrata.

Sur President, ħadt gost ħafna b'dak li se jsir fuq il-kwestjoni tar-reċidiva. Meta jkun hemm dawn il-każijiet, ħafna drabi x'ħin l-akkużat jasal f'punt li jirrealizza li l-maġistrat ikun se jagħti sentenza fil-konfront tiegħu, *out of the blues* il-flus jitfaċċaw, jitħallas il-manteniment u l-proċediment jiġi eżawrit *stante* jsir il-pagament u jkun hemm ir-rinunzja tal-kwerela. Ovvjament f'każijiet bħal dawn wieħed

isibha diffiċli biex jemmen li dak li jkun ħa t-tagħlima, però naħseb li din tar-reċidiva hija pass kbir 'il quddiem. Jekk il-parti tar-reċidiva hija inkorporata fl-artiklu stess, ovvjament se tiġi wżata. Issa r-reċidiva nsibuha fil-liġi ġenerali. Però ngħid għalija, jien qatt ma rajt akkuża *a tenur* tal-artiklu 368 imbagħad ikollok ir-reċidiva magħha. Issa jien ma nafx jekk kienx intenzjonat li jitħalla barra t-terminu skont kif insibu fl-artiklu ġenerali li jistipula t-termini tar-reċidiva. Għalhekk naħseb li jkun opportun li wieħed jiċċara jekk din hijiex se tkun hekk jew inkella jekk ir-regoli ġenerali hux se japplikaw *by default*.

Sur President, irridu noqogħdu attenti għax l-istudji dejjem qed juru li dawk is-*single mothers* u tfal li qed jispiċċaw jiġu vittimizzati ħafna drabi jkunu fil-linja tal-faqar jew fir-riskju tal-faqar. Is-*single parent families* u t-tfal dejjem qegħdin ikomplu jaqgħu fir-riskju tal-faqar u llum il-ġurnata qed ngħixu l-fenomenu tal-*feminization of poverty,* li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed isir akut. Wieħed mill-fatturi huwa appuntu minħabba dawn il-problemi ta' manteniment u dawn il-każijiet. Għalhekk irridu niffokaw aktar fuqhom u rridu neħduhom aktar bis-serjetà. Sur President, jien nemmen li n-nisa li jrabbu l-ulied fuq il-manteniment biss għandhom bżonn aktar protezzjoni. Dawn il-każijiet għandhom jitmexxew b'aktar speditezza u apparti l-*hardship* li dawn l-ommijiet ikunu qed jgħaddu minnu, meta l-parti li trid tagħti l-manteniment ma tkunx qed toqgħod għall-ordni tal-qorti, ovvjament dan ikun disprezz flagranti lejn l-awtorità tal-qorti u nemmen bi sħiħ li għandhom jittieħdu l-passi opportuni biex dan ma jkomplix iseħħ.

F'diversi okkażjonijiet f'din il-leġislatura tkellimt ħafna dwar il-liġi tat-tfal. Jien naf li strettament il-liġi tat-tfal m'għandha x'taqsam xejn mal-liġi li qed nitkellmu dwarha llum, però l-liġi tat-tfal hija ħtieġa f'dan il-pajjiż. Nemmen li dan huwa ż-żmien propizju li nibdew nitkellmu fuq din it-tip ta' liġi biex dawk il-liġijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tfal jiġu inkorporati f'liġi waħda u b'hekk inkunu qed nassiguraw aktar protezzjoni lit-tfal. Fil-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali qed nitkellmu ħafna fuq dawn it-tip ta' problemi li jiffaċċjaw it-tfal u fuq it-tip ta' *safeguards and protection measures* li għandna bżonn. Per eżempju, qed insemmu ħafna l-*guardian ad litem.* Dan huwa uffiċjal tal-qorti li jkun qiegħed fil-proċeduri familjari biex jirrappreżenta d-drittijiet u l-interessi tat-tfal. Qed nitkellmu ħafna wkoll fuq l-aċċess fiżiku tat-tfal għall-ġustizzja. Illum m'għandekx il-possibbiltà li tifel jew tifla fiżikament tkun parti mill-proċeduri li jkunu jirrigwardjaw il-futur tagħhom. Huwa opportun ukoll li nsemmu l-avukati tat-tfal. Illum kulma għandna huma żewġ avukati tat-tfal u wasal iż-żmien li dawn jingħataw rwol aktar attiv u ovvjament jiżdied in-numru tagħhom.

Sur President, fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja lill-Ministru li sema' lill-Oppożizzjoni rigward din l-emenda. Kif qal tajjeb l-Onor. Herrera qabli mhux l-ewwel darba li aħna tkellimna dwarha. Ikun tajjeb li ngħidu li l-Ministru sema' wkoll ilment ieħor li aħna ressaqna riċentement dwar emendi fil-Kodiċi Kriminali. Dan juri atteġġjament pożittiv rigward il-ħidma tagħna u jalla jkun hemm istanzi oħra fejn in-naħa tal-gvern jisimgħu dak li qed ngħidu aħna tal-Oppożizzjoni. Minn qalbi nixtieq li f'din il-leġislatura titressaq il-liġi tat-tfal biex l-aqwa teżor li għandna f'pajjiżna ngħożżuh verament. B'hekk ikollna qafas leġislattiv li jkun qed jissalvagwarda d-drittijiet tat-tfal u jkun qed jassigura kwalità ta' ħajja aħjar kif jixraq lil kull tifel u tifla ta' pajjiżna. Nirringrazzjak.

**<u>Mozzjoni tal-Onor Joe Mizzi biex jitħassru l-Avviżi Legali Nri 330, 331 u 338 tal-2008</u>**
S 91 11.03.09

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, nibda dan l-intervent tiegħi billi niddikjara li b'qalbi kollha u b'kuxjenza safja se nivvota favur din il-mozzjoni ħalli nkun leali mhux biss lejn il-kostitwneti tiegħi imma anke lejn il-poplu Għawdxi u Malti kollu. Xtaqt nibda billi nirreferi ftit għal dak li qal il-Ministru John Dalli, fejn għamlilna appell sabiex kulħadd iġorr ir-responsabbiltà tiegħu ħalli l-finanzi tal-gvern jiġu salvagwardjati. Jien nemmen ħafna bl-eżempju għax, kif jgħidu, l-eżempju jkaxkar, u naħseb li l-ewwel eżempju li għandna naraw għandu jiġi min-naħa tal-gvern. Naħseb li ma kenitx deċiżjoni responsabbli li f'dawn il-mumenti tant diffiċli għal ħafna familji f'pajjiżna l-gvern jaqbad u jiddeċiedi li lill-membri u lill-ministri tiegħu, apparti l-paga u r-rimunerazzjonijiet kollha li għandhom, jaqbad u jagħtihom paga oħra ta' membri parlamentari. Żgur li f'dan is-sens ma tantx kien messaġġ sabiħ, speċjalment għal dawk in-nies li qegħdin ibatu.

Fl-intervent tiegħi se nagħti rendikont ta' aspett ieħor fil-ħidma tal-Oppożizzjoni Laburista dwar il-mod ta' kif qed nattakkaw dawn l-avviżi legali. Fil-fatt, apparti l-mozzjoni li għandna quddiemna, aħna rrikorrejna għall-mezzi kollha li tagħtina l-liġi u dan għamilnieh għaliex nemmnu li l-poplu għandu d-dritt li jiġi protett. Aħna konvinti li l-Partit Laburista biss jista' jagħti dik il-protezzjoni li l-poplu jimmerita, għax bil-mod ta' kif qed isiru l-affarijiet qiegħed jidher biċ-ċar li l-gvern mhux veru li għandu għal qalbu l-poplu u mhux veru jinteressah mill-poplu. Jidher li l-gvern ma jinteressah xejn min-nies kollha li f'pajjiżna qegħdin jgħixu fil-faqar.
Fil-fatt, fil-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali qegħdin niddiskutu din it-tema b'mod assidwu ħafna. F'idejna għandna rapport li sar minn Dr Angela Abela u Fr Charles Tabone, fejn dawn qalulna li fl-2005 kellna 60,000 ruħ li kienu qed jgħixu fil-faqar, u mit-tfal kollha ta' pajjiżna kien hemm 21% li qed jgħixu fil-faqar. Issa l-medja fl-Unjoni Ewropea hija ta' 19%. Dan l-istudju sar fl-2005 meta ma kienx hemm din l-inċertezza kbira u meta ma kienx hemm dawk il-piżijiet li għandna llum. Għalhekk nistaqsi x'qed iżomm lill-gvern milli jagħmel studju ħalli naraw fir-realtà fuq xiex qegħdin nitkellmu u l-impatt li qed ikollhom id-deċiżjonijiet tal-gvern fuq il-bwiet tan-nies.

Jiena ta' kuljum iċempluli n-nies u ta' kuljum nara kif nagħtihom parir u niggwidahom dwar kif jistgħu jagħmlu arranġamenti mal-Enemalta dwar il-kontijiet tagħhom. Għaldaqstant niskanta mhux ftit meta għandek il-membri tan-naħa tal-gvern li b'tant ħeġġa qed jiddikjaraw li se jivvotaw kontra din il-mozzjoni bil-qalb! Niskanta kif dawn għandhom qalbhom b'saħħitha daqshekk u kif għandhom kuxjenza bħal dik li jġorru dan il-piż fil-konfront tal-poplu! Nixtieq inkun naf jekk qabel l-elezzjoni humiex se jerġgħu jirrepetu dan il-kliem! Issa x'għamilna aħna fir-rigward tal-aspett legali? L-Onor. Joe Mizzi, il-*whip* tal-Partit Laburista, kiteb lid-direttur tal-Uffiċċju dwar il-Kompetizzjoni Ġusta. Kiteb ukoll lid-direttur tal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur u kiteb ukoll lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. Din l-aħħar ittra ġiet ikkupjata lill-kap tad-Direttorat għar-Regolamenti tar-Riżorsi tal-Enerġija, lill-kap tad-Direttorat għar-Regolamenti tar-Riżorsi tal-Ilma u lill-kap tad-Direttorat għar-Regolamenti tar-Riżorsi Minerali.

Fl-ittri tiegħu l-Onor. Joe Mizzi kkwota l-kapitli 378, 379 u 423 tal-liġijiet ta' Malta dwar il-kompetizzjoni ġusta, tal-affarijiet tal-konsumatur u dwar l-Awtorità Maltija tar-Riżorsi li kollha jikkontemplaw istanza fejn jistgħu jitressqu l-ilmenti sabiex jiġu investigati. B'hekk l-Onor. Joe Mizzi uża dawn il-liġijiet u artikoli partikolari. Lid-direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta sarlu lment a tenur tal-artikolu 12 subinċiż (1) tal-kapitolu 379 tal-liġijiet ta' Malta, liema lment id-direttur ġie mitlub jinvestigah skont kif jirrikjedi u jistipula l-Att imsemmi. L-Onor. Joe Mizzi qallu hekk lid-direttur:

> "Il-fatti li qed jagħtu lok għall-ilment tiegħi u li qed jiġu dettaljament fornuti lilek a tenur ta' dan kollu, jien minn issa qed nitolbok tressaq il-każ quddiem il-Kummissjoni sabiex kemm jista' jkun malajr jiġi investigat il-każ, jittieħdu l-miżuri *interim* kollha opportuni a tenur tal-artikolu 15 tal-kapitolu 379 għax dan huwa każ ta' urġenza u hija meħtieġa azzjoni mmedjata għax teżisti sitwazzjoni li qed tikkaġuna preġudizzju serju, immedjat u irrepparabbli għall-

> interess ekonomiku ġenerali. In vista tas- suespost qed nitolbok tinvestiga u toħroġ kull ordni opportuna biex tassigura osservazzjoni tal-liġi li tagħha int responsabbli statutorjament.".

Min-naħa l-oħra, lid-direttur tal-Uffiċċju tal-Affarijiet tal-Konsumatur sarlu lment a tenur tal-artikolu 12 subinċiż (1) tal-kapitolu 378 fejn dan l-istess direttur intalab jinvestiga skont kif jirrikjedi u jistipola l-Att hawn fuq imsemmi, senjatament l-artikolu 3(2)(ċ). Din id-darba l-Onor. Joe Mizzi lid-direttur qallu hekk:

> "Il-fatti li qed jagħtu lok għall-ilment tiegħi qed jiġu dettaljament fornuti lilek hawn taħt u minn issa qed nitolbok li tressaq il-każ kemm jista' jkun malajr minħabba riskju ta' ħsara mmedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi. Nitolbok ulterjorment sabiex toħroġ miżuri intermedjarji a tenur tal-artikolu 14(b) tal-kapitolu 378, u invista tas-suespost qed nitolbok tinvestiga u toħroġ kull ordni opportuna biex tassigura l-osservazzjoni tal-liġi li tagħha inti responsabbli statutorjament.".

Imbagħad lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, bħala regolatur fil-qasam tar-riżorsi f'pajjiżna, tressqulu l-fatti tal-każ u ntalab biex jieħu l-azzjoni opportuna skont il-kapitolu 423 tal-liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, a tenur tal-artikolu 4 subinċiż (1) tal-kapitolu 423 l-ittra tgħid hekk:

> "Hija kompetenza tal-Awtorità li tirregola, tissorvelja u żżomm fil-konjizzjoni tagħha kull prattika, operazzjoni u attività li tirrigwardja riżorsi ta' enerġija, l-ilma u l-minerali kif ukoll l-awtorità għandha *inter alia* tiżgura kompetizzjoni ġusta f'kull prattika, operazzjoni u attività li tirrigwardja r-riżorsi tal-enerġija, ilma u minerali. Filwaqt li ġibt għall-konjizzjoni tiegħek il-fatti suesposti, għandek tieħu kull azzjoni mmedjata sabiex tassigura l-ħarsien ta' dan l-Att.".

Wara din il-korrispondenza kollha, li kienet pjuttost voluminuża u dettaljata, l-Onor. Joe Mizzi rċieva *acknowledgement*, però ma ġie nformat bl-ebda azzjoni li kienet qiegħda tittieħed. Imbagħad għal dan il-għan ħassejna, kemm l-Onor. Joe Mizzi kif ukoll jiena bħala l-konsulent legali tiegħu, li kellna nagħmlu pass *oltre,* jiġifieri kellna nirrikorru għal mezzi ġudizzjarji. Fil-fatt intavolajna diversi protesti ġudizzjarji kontra dawn l-entitajiet. Dawn il-protesti ġudizzjarji nnotifikajniehom lill-Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu. Innotifikajna wkoll lill-Prim Ministru, lill-Ministru tal-Finanzi u lill-Ministru Pullicino bħala l-ministru responsabbli mir-riżorsi. Ħassejna li kellna ninnotifikaw lil dawn kollha għax ħassejna li għandhom interess f'dan il-qasam u ħassejna wkoll li kien opportun li kulħadd ikun jaf x'aħna nagħmlu u x'aħna ngħidu sabiex eventwalment ħadd ma jiġi jgħid li qed nagħmlu xi ħaġa minn wara dahar xi ħadd.

Biex inkun ġusta rrid ngħid li dawn il-protesti ħallew xi effett għax ftit ġranet wara l-Onor. Joe Mizzi rċieva ittra mingħand id-direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta sabiex nagħmlu laqgħa. Fil-fatt iltqajna mad-diretturi Dr Grima u Dr Vella fl-20 ta' Frar fejn ġew diskussi xi punti, u in segwitu kien hemm ukoll xi korrispondenza. Kien hemm tliet *emails* importanti, waħda fl-20 ta' Frar 2009 li ntbagħtet lili minn Dr Grima, li mbagħad irrispondejtha bil-kjarifiki li kellu bżonn fis-26 ta' Frar, 2009, u min-naħa tiegħu Dr Grima reġa' irrispondieni fid-9 ta' Marzu, 2009. Ovvjament minn dakinhar lil hawn għadna ma smajna xejn. Xi ħaġa li qed ninsistu ħafna fuqha bis-saħħa tal-Onor. Joe Mizzi bl-ilmenti li qed jagħmel hija dwar l-*interim measures,* u qed inħossu li dawn l-awtoritajiet kompetenti, li għandhom dan l-oneru fuqhom, qed ikaxkru saqajhom wisq. Dan imur kontra l-kelma u l-ispirtu tal-liġi li fl-ambitu tagħha qed joperaw dawn l-istess entitajiet.

Huwa minnu wkoll li dawn l-uffiċċji li bgħatnielhom il-korrispondenza u li ltqajna magħhom huma kollha mpjegati tal-gvern, u għalhekk jista' ikollhom xi pressjonijiet jew jista' jkollhom xi diffikultà sabiex jgħaġġlu u jindirizzaw dawn l-ilmenti kif nixtieqdu aħna. Imma jidhrilna li aħna qed nagħmlu kollox skont il-liġi u allura nistennew li l-liġi tkun fuq kulħadd u ċ-ċittadin, li huwa l-konsumatur, jieħu dak li ħaqqu skont il-liġi. Min-naħa tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi ninsabu ftit diżappuntati għax apparti l-*acknowledgement* ma ħadna l-ebda *feedback* ta' xejn, minkejja li l-Awtorità għandha rwol importanti ħafna f'dan il-qasam għax hija r-regolatur. Dan jimplika li r-rwol li għandha l-istess Awtorità, kif stipulat bil-liġi, għandu jkun aktar konformi mal-liġi, u l-istess Awtorità

għandha toqgħod għall-obbligi tagħha *to the full* b'mod immedjat, xi ħaġa li milli jidher din l-Awtorità, minkejja l-portata u r-rwol li għandha fil-pajjiż, mhux qed tagħmel!

Sur President, naħseb li għandi nerġa' ngħid x'inhu r-rwol tal-Awtorità dwar ir-Riżorsi. Din suppost li tirregola, tissorvelja u żżomm fil-konjizzjoni tagħha kull prattika, operazzjoni u attività li tirrigwardja r-riżorsi tal-enerġija, l-ilma u l-minerali. Allura fejn kien dan ir-regolatur meta ċ-ċittadin u l-konsumatur kellu l-aktar bżonnu? Nikkonkludi billi ngħid li aħna ta' din in-naħa qegħdin niddikjaraw li m'aħniex se nieqfu hawnhekk. Peress li n-naħa tal-gvern, fuq din il-mozzjoni li ressaq l-Onor. Joe Mizzi, se jivvotaw bil-qawwa kollha u b'qalbhom kollha kontriha, aħna ngħidulhom li m'aħniex se nieqfu hawnhekk. Il-ħidma tagħna, sakemm tagħtina l-liġi, se nkompluha. Aħna lesti li nirrikorru għar-rimedji legali u ġudizzjarji kollha għaliex nemmnu li biex verament issir ġustizzja u ċ-ċittadin jieħu dak li ħaqqu bi dritt, hemm bżonn li tkun l-Oppożizzjoni li taqbeż għalihom. Din qed ngħiduha bil-konvinzjoni kollha u se nagħmlu dak kollu li hu possibbli sabiex inwettquha, nerġa' ngħid, fit-termini li tagħtina l-liġi u fit-termini kollha li jagħtina d-dritt. U aħna bi dritt se nieħdu dak li ħaqqu l-poplu. Nirringrazzjak.

**Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa - Abbozz Nru 21 - Tieni Qari**
S96 24.03.09

**ONOR JUSTYNE CARUANA:** Sur President, għan-nom tal-Oppożizzjoni niddikjara li aħna naqblu ma' dan l-abbozz ta' liġi u għaldaqstant se nivvotaw favur tiegħu. Ovvjament se nkun qed nagħmel din id-dikjarazzjoni wkoll abbażi ta' xi affarjiet oħra li se nkun qiegħda niddiskuti aktar 'il quddiem. L-ewwel nett nixtieq ngħid li għalkemm l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna huwa qasir ħafna fil-kontenut, fil-fatt fih biss erba' paġni b'kollox, il-kontenut tiegħu huwa importanti ferm. Biss biss li qed niddiskutu l-ugwaljanza u d-drittijiet tan-nisa f'dan il-parlament ukoll fih innifsu huwa pass pożittiv ħafna. Qiegħda ngħid dan għax proprju ftit tal-ġranet ilu, eżattament fid-9 ta' Marzu, li kien jaħbat l-għada ta' Jum il-Mara, jiena kont ħadt Aġġornament f'dan il-parlament fejn appellajt sabiex id-diskussjoni favur l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-mara ma jkunux limitati biss għal ħafna kliem sabiħ in konnessjoni ma' dan il-jum partikolari, fejn f'dan il-jum partikolari jkollna ħafna attivitajiet, fosthom jitkellmu ħafna nies fuq dan is-suġġett, imma ħeġġiġt sabiex nitkellmu dwar din l-*issue* matul is-sena kollha. Dan għaliex in-nisa tagħna għaddejjin minn diffikultajiet kbar is-sena kollha ta' kuljum u mhux f'jum il-mara biss.

Fil-fatt fl-istess Aġġornament kont aċċennajt ukoll għal intervent li kont għamilt f'konferenza organizzata mill-Parlament Ewropew, fejn ukoll f'dik id-diskussjoni kont għamilt enfasi fuq il-fatt li diskussjonijiet bħal dawn m'għandhomx ikunu sporadiċi jew konnessi ma' xi *event* partikolari, imma għandhom ikunu kontinwi u assidwi. Jiena nemmen fil-kontinwità tad-diskussjoni u fil-kontinwità tal-azzjonijiet pożittivi sabiex inwasslu messaġġ pożittiv u qawwi lin-nisa kollha billi ngħidulhom li aħna jimportana mill-gwaj tagħhom. U aħna rridu nagħmlu d-differenza f'ħajjithom. Aħna ta' din in-naħa tal-Kamra nemmnu li l-mara jixirqilha l-aħjar, li jixirqilha kull protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni sabiex tkun tista' tilħaq il-potenzjal u l-milja tagħha. Ikolli nistqarr li ħadt gost nisma' lill-Ministru Dalli jiddikjara li huwa jemmen fil-mara, u li minn naħa tiegħu jħossu jemmen li l-mara għandha tiġi promossa. Fil-fatt, meta jkollna l-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali, bħala rappreżentanti tiegħu, ħafna drabi jibgħat in-nisa. U naħseb li dan għandu rwol importanti f'dan il-qasam sabiex jagħti eżempju lil sħabu u lin-naħa tiegħu tal-Kamra.

Sur President, qabel ma' nibda nħares lejn l-abbozz ta' liġi u nagħmel il-kummenti tiegħi dwaru, nixtieq nagħmel rimarka introduttorja li nħoss li hija importanti ħafna. Fl-introduzzjoni li għamel il-Ministru spjega x'wassal sabiex ikollna dan l-abbozz ta' liġi quddiemna. Però jiena nixtieq ngħid li dan l-abbozz ta' liġi huwa reattiv u mhux proattiv għax dak li hemm imniżżel fih, l-għanijiet tiegħu huma proprju sabiex jimplimenta *to the full* id-direttiva 2002/73 tal-Kummissjoni Ewropea. Għaldaqstant ikun tajjeb li naraw daqsxejn l-isfond ta' dan kollu. Il-Ministru aċċenna ftit għaliha, imma min-naħa tiegħi se nidħol aktar fil-fond tagħha. Proprju fis-27 ta' Novembru li għadda, il-Kummissjoni Ewropea bagħtet opinjoni motivata lil sitt pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, fosthom lil Malta, sabiex jimplimentaw bis-sħiħ ir-regoli tal-Unjoni Ewropea li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni fl-impjiegi u fil-professjonijiet fuq bażi ta' sess, u dan ovvjament skont kif tirrikjedi din id-direttiva. Sussegwentament Malta kienet ingħatat xahrejn sabiex twieġeb għal din l-opinjoni motivata. Il-konsegwenzi kienu li jekk Malta ma twieġibx jew inkella t-tweġiba li tagħti ma tkunx sodisfaċenti, allura l-Kummissjoni setgħet tieħu l-kas quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Fil-fatt, fil-komunikat tas-27 ta' Novembru 2008, kien hemm inkluż ukoll dak li qal Vladimir Špidla, il-Kummissarju tal-Unjoni Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs. Dan qal li aktar kmieni fis-sena 2008 kienet diġà intbagħtet ittra ta' avviż formali lil Malta dwar in-nuqqas tagħha f'dan ir-rigward, u wara l-analiżi tar-risposta li Malta kienet bagħtet għal din l-ewwel ittra, il-Kummissjoni sabet li Malta ma kenitx implimentat id-direttiva kif suppost. Allura dan l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna - jiena rajtu sew - huwa reazzjoni għal dawn il-proċeduri kollha għax effettivament id-direttiva ma ġietx implimentata sew. Jekk wieħed iħares lejn il-*memo* tal-Unjoni Ewropea, riferenza memo/2008/742 li se npoġġih fuq il-mejda tal-Kamra aktar tard u li jġib id-data tas-27 ta' Novembru stess, isib fil-qosor ħafna l-problemi li ltaqgħet magħhom il-kummissjoni fl-eżerċizzju tagħha meta kienet qed

tiskrutinizza s-sitwazzjoni tagħna. Il-kummissjoni sabet tliet problemi prinċipali li huma d-definizzjoni tad-diskriminazzjoni diretta u indiretta li nsibu fid-direttiva għax ma ġewx meħuda fl-Att dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, li m'hemmx garanzija dwar l-indipendenza tal-*equality body* li fil-każ tagħna huwa l-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, u n-nuqqas tal-gvern Malti li jikkomunika lill-istess Kummissjoni d-dettalji fuq regoli u pieni jew sanzjonijiet għar-rigward ta' proċeduri li jinvolvu kumpens għal telf u danni sofferti minn persuna aggravata abbażi ta' diskriminazzjoni skont l-artikolu 3 tal-istess direttiva.

Dawn huma t-tliet ilmenti prinċipali. Jekk imbagħad inħarsu lejn l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna u l-ieħor li se jiġi diskuss aktar 'il quddiem, l-abbozz ta' liġi sussegwenti għal dan li għandu x'jaqsam mal-liġi industrijali Kap 452, issib li dawn it-tnejn jittrattaw it-*threats* u n-naqqasijiet għax qed jirreaġixxu għal dak li qed jgħidulna l-Unjoni Ewropea. Dan qiegħda ngħidu b'dispjaċir għax ma naħsibx li kellna għalfejn noqogħdu nistennew lill-Kummissjoni Ewropea tiġbdilna widnejna biex nagħmlu dawn it-tibdiliet, l-aktar meta konna nafu li din id-direttiva suppost li daħħalnieha bħala parti integrali kollha kemm hi, bid-*definitions* kollha li fiha fil-liġi tagħna, u meta nafu wkoll li minħabba dawn in-nuqqasijiet li kellna fil-liġi tagħna u minħabba n-nuqqas ta' implimentazzjoni sewwa tad-direttivi, kien hemm ħafna u ħafna każijiet ta' diskriminazzjoni u inġustizzji, li kif nafu d-diskriminazzjoni indiretta hija tant soġġettiva u diffiċli biex tipprovaha. U allura hemm bżonn li minn din is-sitwazzjoni tal-lum nieħdu tagħlima u minflok inkunu reattivi nipprovaw inkunu aktar proattivi.

Jiena ningħaqad mal-Ministru fir-ringrazzjamenti li għamel lill-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza. Fil-fatt mhux l-ewwel darba li ltqajt magħhom u naf kemm dawn in-nies ħadmu fuqha. Għaldaqstant nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzjahom minn qalbi tal-ħidma tagħhom u ta' kulma jagħmlu, ta' kull meta kelli attività barra minn Malta u tlabthom l-għajnuna, udawn dejjem tawni l-informazzjoni korretta, aġġornata u affidabbli. Nixtieq nirringrazzjahom tal-koperazzjoni tagħhom u nieħu l-opportunità sabiex nappella lill-Ministru ħalli jara kif iżidilhom il-finanzi tagħhom issa li r-*remit* tal-kummissjoni żdied, għax ovvjament se jkollhom bżonn ta' *budget* akbar sabiex inkomplu għaddejjin bir-ritmu li din il-kummissjoni qabdet. Naf li minn fejn se ġġib il-flus hija dejjem problema. Naf ukoll li l-Ministru kull meta jkollu bżonn il-flus irid minn ministru ieħor, imma jekk irridu li din il-kummissjoni tibqa' taħdem kif inhi, issa li r-*remit* tagħha żdied, hemm bżonn li tingħata aktar flus, naturalment mingħajr ma jitnaqqsu minn x'imkien ieħor li jkun utli.
Sur President, se nagħti ħarsa lejn l-artikoli li għandna f'dan l-abbozz ta' liġi. Jiena ġejja mill-kamp legali u allura forsi se nidħol ftit aktar fid-dettal ħalli niċċara xi affarijiet mill-aspett legali. Kif għedt qabel, id-diskriminazzjoni indiretta hija soġġettiva ħafna u f'ħafna każijiet hija diffiċli mmens sabiex tipprovaha, bħal meta għandek il-każijiet tal-vjolenza domestika. Il-vjolenza psikoloġika hija aktar diffiċli sabiex tipprovaha minn meta jkollok il-vjolenza fiżika. Fil-każ tad-diskriminazzjoni diretta inti għandek eżerċizzju aktar faċli mid-diskriminazzjoni indiretta għax fil-każ ta' diskriminazzjoni diretta inti tista' tagħmel eżerċizzju komparattiv sabiex tipprova toħroġ l-element diskriminatorju ħalli tipprova l-każ tiegħek. Naturalment mhux qed ngħid li hija sitwazzjoni faċli, imma huwa aktar *straightforward* mid-diskriminazzjoni indiretta. U meta rajt kif twessa' l-abbozz ta' liġi sibt li għandek *three tenses*, il-passat, il-preżent u l-futur. Allura għandek id-diskriminazzjoni, it-twettiq tagħha u l-mod ta' kif twessgħet. Żgur li din hija emenda utli u pożittiva ħafna li żgur se tħalli l-frott.

Imma d-diffikultà li għandi hija dwar id-diskriminazzjoni li seħħet. Aħna fil-kamp legali nafu li għal kull azzjoni għandek terminu li fih tista' iġġib il-każ tiegħek. Issa f'dan il-każ hija *open ended*. Issa jien ma nafx jekk kenitx intenzjonata jew inkellha hux se tkun marbuta ma' xi terminu ġenerali li nsibu fl-azzjonijiet ġenerali tad-danni tal-limitu tas-sentejn. Jiġifieri naħseb li huwa importanti li niċċaraw ftit jekk id-diskriminazzjoni li seħħet fil-passat għandniex norbtuha maż-żmien. Per eżempju, azzjoni ta' din it-tip trid titressaq 'il quddiem fi żmien sentejn jew fi żmien ħames snin ħalli dak li jkun ma jkollu l-ebda diffikultà. Aħna fil-kamp legali mdorrijin bit-termini, u allura meta jkollok xi ħaġa op*en ended* bħal dik inħoss li għandi niġbed l-attenzjoni ħalli 'l quddiem ma jkollniex problemi ta' din ix-xorta u din il-liġi tilħaq il-milja tagħha u l-effett mixtieq.

Meta mbagħad niġu għad-diskriminazzjoni indiretta u nħarsu lejn il-Kap 546 kif emendat bl-Avviż Legali 427 tal-2007 insibu li d-diskriminazzjoni indiretta diġà kienet hemm u fil-fatt, il-liġi kif inhi bħalissa tgħid li "diskriminazzjoni" tfisser diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, jew minħabba responsabbilitajiet li ġġib il-familja meta fost l-oħrajn ikun hemm trattament ibbażat fuq provvediment, kriterju jew prattika li tqiegħed fi żvantaġġ, proporzjon sostanzjalment ogħla ta' membri ta' sess wieħed kemm-il darba dak il-provvediment, kriterju jew dik il-prattika ma jkunux xierqa u meħtieġa u jkunu jistgħu jiġu ġġustifikati permezz ta' fatturi oġġettivi li ma jkollhomx x'jaqsmu mas-sess. Issa dik hija s-sitwazzjoni kif inhi fil-preżent, u jekk wieħed jixtarr ftit dan l-artikolu u joqgħod jarah biċċa biċċa kif inhu, isib li għandek diversi fatturi li jxekklu l-mod ta' kif wieħed jista' jressaq il-każ tiegħu u eventwalment anke jipprovah u jirnexxilu fir-riżultat. Dan, kif għedt qabel, għax id-diskriminazzjoni indiretta hija soġġettiva ħafna u skont min ikun qed jevalwa l-każ u skont min ikun qed jiddeċidih.

Bl-emendi li għandna quddiemna ikollok element ġdid u komparattiv bħal fil-każ tad-diskriminazzjoni diretta fejn issa għandek il-possibbiltà fid-diskriminazzjoni indiretta li wkoll titqabbel ma' persuni oħrajn jew ma każijiet oħrajn. Ovvjament, aktar ma titwessa' id-definizzjoni ta' diskriminazzjoni aktar inkunu effettivi fil-ġlieda tagħna favur l-ugwaljanza. Minkejja dan, mhux qed ngħid li se jkun faċli wisq, imma se jkun iffaċilitat ix-xogħol sabiex tiġi biex tipprova l-każ tiegħek meta jkollok diskriminazzjoni indiretta. Qed tissemma wkoll li tista' tinġieb l-istatistika b'sostenn tal-każ tiegħek bħala prova, li naturalment hija xi ħaġa tajba wkoll. Imma tajjeb ukoll li niċċaraw daqsxejn minn issa x'qed jikkontempla l-Ministru meta qed ngħidu l-istatistika, għax f'pajjiżna ssir ħafna statistika. Għandek l-istatistika uffiċjali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, però min ikun qed jagħmel *assignment* l-Università jew inkella jkun qed jagħmel xi teżi, jaf jagħmillek *survey* huwa wkoll u jkollu l-istatistika tiegħu.

Allura meta jkollok dawn it-tip ta' każijiet, x'tip ta' statistika hija produċibbli u aċċettabli f'dawn it-tip ta' każijiet? Dan għaliex jista' jkollok min jipproduċilek statistika li din il-liġi tikkontemplaha, imma mbagħad meta tiġi għall-evalwazzjoni tagħha ikun hemm min jipprova jimmimizzaha għax forsi il-profil tagħha ma jkunx daqshekk għoli. Ovvjament tista' taraha mill-aspett l-ieħor, meta l-abbozz ta' liġi qiegħed tant wiesa' li jista' jkun li tħallih hekk ukoll biex min ikun qed iressaq il-każ tiegħu jkun f'pożizzjoni aktar favorevoli u ma jkunx marbut ma' xi tip ta' statistika li tista' tiġi prodotta. Imma naħseb li ġaladarba qed nagħmlu din id-diskussjoni, ikun utli li jiġu ċċarati dawn il-punti. Għandna leġislazzjoni li matul is-snin sar ħafna titjib u tibdil fiha, għandna l-*framework* u għandna l-faċilitajiet, imma huwa diffiċli ħafna meta jkun hemm persuni, li normalment ikunu nisa, li jiddeċiedu li jagħmlu l-kuraġġ u jirrapportaw dawn il-każijiet. Meta mbagħad isibu ċerti diffikultajiet, aktar u aktar jaqtgħu qalbhom. Jiena mhux l-ewwel darba li ltqajt ma' każijet ta' nisa li għalkemm ikunu għaddejjin minn sitwazzjoni diffiċli u jkollhom każijiet ta' diskriminazzjoni sfaċċata, jibżgħu u jibqgħu daqsxejn lura.

Inti tipprova tipperswadihom u tagħmlilhom il-kuraġġ, però jibżgħu li jekk jitkellmu u jressqu l-każ tagħhom jitilfu l-impjieg tagħhom, bil-konsegwenzi kollha li dan iġib fuq il-familji tagħhom. U llum nafu li mhijiex sitwazzjoni desiderabbli li persuna tispiċċa mingħajr xogħol meta l-familji għandhom tant u tant piżijiet fuqhom. Barra minn hekk, isir aktar diffiċli għalihom li jsibu xogħol ieħor. Kumbinazzjoni lbieraħ fil-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali kont qiegħda nitkellem ma' Sina Bugeja fuq komunikat ieħor tal-Unjoni Ewropea, u appuntu tkellimna fuq dan il-fatt li minkejja li jkollok min ikollu każ ċar u ġustifikat, xorta waħda jsib dik id-diffikultà li jaġixxi. Naturalment ma tagħti tort lil ħadd għax aħna pajjiż żgħir u kulħadd jaf lil kulħadd. Dawn jibżgħu li jiġu *blacklisted,* u meta mbagħad imorru jfittxu mpjieg ieħor jibżgħu li l-kelma tiġri fost l-*employers* u allura jiġu ttimbrati bħala nies li jqumu għad-drittijiet tagħhom.

Għalhekk naħseb li huwa opportun li kemm jista' jkun malajr induru dawra mal-liġi eżistenti u naraw kif nistgħu insaħħu aktar il-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza biex din tkun tista' taġixxi aktar u jiżdiedu l-poteri tagħha ħalli tkun aktar effettiva fil-ġlieda tagħha kontra l-inġustizzji. Fil-fatt jiena nistqarr li meta rajt il-*heading* ta' dan l-abbozz ta' liġi ppretendejt li se jsir eżerċizzju komplessiv u jsiru l-emendi f'dan ir-rigward. Naf li kienu qed jiġu diskussi xi regolamenti f'dawn l-

aħħar xhur u kont qiegħda nistenna - forsi ferħa bla temma - li narahom hawnhekk ħalli l-kummissjoni tingħata aktar poteri u tkun tista' tmexxi l-każijiet li jiġu għandha.

Sur President, xi ħaġa li tinkwetani hi li l-liġi oriġinali tgħid li minkejja li jkollok rapport minn persuna aggravata li jersaq għand il-kummissjoni sabiex jiġi investigat u jirriżulta li l-każ huwa fondat, għandek problema bir-riżultanzi. Il-liġi tgħidlek li biex ir-riżultanzi tal-istħarriġ tal-kummissjoni jkunu jorbtu liż-żewġ partijiet, irid ikun hemm il-ftehim bil-miktub minn qabel. Issa ovvjament dan fih innifsu jġib ċerti diffikultajiet, għax ikun hemm min, minħabba raġunijiet ta' konvenjenza, li ma jkunx lest li jagħmel dan, u allura jekk inti ma jkollokx ir-riżultanzi tal-kummissjoni li jkunu vinkolanti, wieħed jibda jiddubita x'effett se jkollha l-investigazzjoni.

U minkejja l-*goodwill* ta' kulħadd, il-*legal framework* mhu favorevoli xejn sabiex jipproteġi lil min ikun qed jagħmel l-ilment, u ċertament li ma jagħtix dik is-saħħa lill-kummissjoni li tkun tista' tinforza l-affarijiet li jkun hemm bżonn isiru. Fil-fatt din ma tkunx tista' tinforza d-deċiżjoni tagħha abbażi tar-riżultat li tkun sabet hi stess. Imbagħad għandek aspett ieħor fejn għandek l-istanza. Hawnhekk il-liġi tippermetti lill-kummissjoni li tressaq il-kas quddiem il-qrati. Issa, safejn naf jien, qatt ma ġara li l-Kummissjoni għal Promozzjoni tal-Ugwaljanza rnexxielha tressaq każ il-qorti, u fil-fatt ilbieraħ waqt il-Kumitat Permanenti għall-Affarijet Soċjali staqsejt għalfejn huwa hekk.

Ir-risposta ta' Sina Bugeja kienet li ħafna jippreferu jieqfu fi stat ta' medjazzjoni biex ikun hemm arranġament bonarju bejn iż-żewġ partijiet. Ovvjament, minkejja li l-każ ikun sod u b'saħħtu biżżejjed sabiex jitressaq il-qorti, ikollok min jilmenta li jibża' jkompli bil-każ u allura ma jkunx irid jipproċedi. Għalhekk, minkejja x-xogħol siewi li tkun għamlet il-kummissjoni, meta tiġi għas-*si* u n-*no*, jekk il-*claimer* ma jkunx lest li jixhed, il-każ jieqaf hemm. Jiena naħseb li rigward dan hemm bżonn li ndaħħlu emenda. Fil-liġi tagħna dwar il-vjolenza domestika diġà hemm preċedent fejn il-prosekuzzjoni, minkejja li l-vittma ma tkunx trid tixhed il-qorti, xorta waħda l-prosekuzzjoni għandha d-dritt li tinsisti li l-każ jitkompla.

Hawnhekk għandna sitwazzjoni analoga fejn għandek vittma ta' diskriminazzjoni li ma tkunx trid tixhed il-qorti minħabba biża' jew intimidazzjoni. Jekk min jilmenta ma jkunx irid ikompli bil-każ, il-kummissjoni trid tieqaf awtomatikament. Kemm-il darba jkun hemm emenda f'dan is-sens li qiegħda nissuġġerixxi, il-kummissjoni jkollha d-dritt li tinsisti li l-każ jitkompla minkejja li l-vittma ma tkunx trid tixhed. F'dan ir-rigward naħseb li huwa opportun li ninvestu aktar f'kampanji ta' promozzjoni ħalli jkun hawn aktar *awareness* fuq id-drittijiet ta' dak li jkun u jkollna aktar kampanji sabiex nuru li min jipprova jintimida lil xi ħadd milli jkompli l-każ tiegħu jew inkella milli jixhed f'każ partikolari, ikun qiegħed iwettaq reat kriminali u għaldaqstant jista' jeħel pieni ħorox. Min qiegħed isofri minn dan l-aġir għandu bżonn li jkun protett.

Sur President, f'dan l-abbozz ta' liġi, b'mod ripetut, qegħdin insibu l-kelma "indipendenti". Kif għedt qabel, dan l-abboz ta' liġi huwa konsegwenza tal-fatt li skont il-Kummissjoni Ewropea, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza mhijiex indipendenti. Fil-fatt, minkejja dawn l-emendi li għandna quddiemna, ma naħsibx li se jrendi din il-kummissjoni indipendenti. Ħalli nagħmilha ċara. Jiena mhux qiegħda nallega jew nilmenta li l-kummissjoni qiegħda taġixxi b'xi mod *biased* favur il-gvern jew kontra l-gvern, imma jekk għandek direttiva li tirrekjedi li jkollok *equality body* indipendenti, allura jridu jsiru l-emendi opportuni sabiex din issir indipendenti. Issa billi żżid il-kelma "indipendenti" ma jfissirx li int se tagħmilha indipendenti! Fil-fatt jekk tara daqsxejn l-Att prinċipali ssib li l-kummissarju jiġi maħtur mill-prim ministru fuq parir tal-ministru, u li l-membri tal-kummissjoni jiġu wkoll maħtura mill-prim ministru fost dawk il-persuni li l-prim ministru jidhirlu li jkunu l-aktar addattati. Mela diġà għandek element diskrezzjonali qawwi, għax qed ngħidu "skont kif jidhirlu l-ministru".

Imbagħad għandek il-*budget* tal-kummissjoni li joħroġ mill-*budget* tal-Ministeru għall- Politika Soċjali. Jekk iddur ukoll il-Kap 456 issib li r-rwol tal-ministru jidher diversi drabi. Per eżempju, il-ministru għandu s-setgħa li jagħmel regolamenti anke fir-rigward tal-proċeduri li taddotta l-kummissjoni. Per eżempju, quddiemi qiegħda nara l-artikolu 18 intitolat "Azzjoni li l-Kummissarju

jieħu wara investigazzjoni". Skont dan l-artikolu, il-ministru jista' jippreskrivi l-proċedura li għandha tiġi segwita mill-kummissjoni. Jiġifieri anke rigward proċedura, il-kummissjoni mhijiex *self-regulatory* imma jrid ikun hemm il-ministru li jippreskrivi l-proċedura, u mbagħad il-kummissjoni trid taddotta dik il-proċedura kif jippreskrivi l-ministru.

Sur President, nerġa' ngħid li billi żżid il-kelma "indipendenti" 'l hawn u 'l hinn ma naħsibx li se jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-Kummissjoni Ewropea. Għandi wkoll diffikultà dwar l-applikabilità tal-*Public Administration Act*. Dan iddiskutejnieh kemm fil-leġislatura li għaddiet u mbagħad anke komplejna matul din il-leġislatura. Fil-fatt huwa l-ewwel Att tal-2009, u jkolli ngħid li għandi dubju jekk il-Kummissjoni għal Promozzjoni tal-Ugwaljanza taqax ukoll fl-ambitu tal-*Public Administration Act* għax dan l-Att jikkontempla *body* bħalma hi l-kummissjoni. Allura jekk inhu hekk, u din hija xi ħaġa li wieħed irid jistudjaha ftit, il-kummissjoni hija organizzata u mmexxija mill-gvern. Mela ċertament tnaqqas u xxekkel ħafna mill-element ta' indipendenza kif tirrikjedi d-direttiva. Issa ġaladarba tkellimna fuq l-obbligi li pajjiżna suppost għamel u li suppost għandu skont din id-direttiva, xtaqt insemmi wkoll xi obbligi oħrajn.

Per eżempju, l-avviż legali Nru 181 tal-2008, u magħha hemm *pari passu* l-OPM *Circular* 30 tal-2008, ipoġġu l-obbligu fuq kull dipartiment tal-gvern li jidentifika kull *policy* jew prattika proċedurali, legali u amministrattiva li jistgħu jkunu diskriminatorji abbażi ta' sess. Hemm ukoll l-obbligu li jipproponu soluzzjonijiet u emendi. Issa minkejja li hemm viġenti dan l-avviż legali kif ukoll ħarġet din iċ-ċirkolari, safejn naf jien għadni ma smajt bl-ebda proċedura bħal din minn xi dipartiment li qed iwettaq dawn l-obbligi statutorji, u huwa għalhekk li qed inressaq dan il-punt ħalli fil-*winding up* forsi ningħata risposta. Naturalment jekk dawn saru nixtieq inkun naf liema huma d-dipartimenti li għamluhom u x'kienu r-rirżultati.

Dawn ir-rekwiżiti huma parti mir-*road-map* fuq l-ugwaljanza għall-2006/2010. Issa din ir-*road-map* telenka wkoll diversi obbligi oħrajn. Per eżempju, għandek il-*gender response budgeting.* Hawnhekk ukoll nixtieq inkun naf min hu responsabbli f'pajjiżna minn dan it-tip ta' *budgeting.* U jekk dawn joħorġu mir-*road-map* li għandha l-Unjoni Ewropea li ovvjament għandha programm sħiħ favur l-ugwaljanza, u aħna bħala pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea rridu nżommu ruħna aġġornati u nimxu fl-istess direzzjoni favur l-ugwaljanza, huwa importanti li kemm jista' jkun inwettqu l-obbligi li għandna *to the full* kemm jista' jkun malajr ħalli n-nisa tagħna ma jkomplux jaqgħu lura. Ladarba qegħdin niddiskutu l-ugwaljanza ma nistax ma nsemmix xi ħaġa li lili dejqitni ħafna bħalma dejqet ħafna lin-naħa tal-Oppożizzjoni.Fl-opinjoni tiegħi hija balbuljata dak li qed jagħmel il-gvern, u din hija xi ħaġa li semmejtha l-ġimgħa l-oħra u ta' qabel ukoll, u se nerġa' nsemmiha llum. Din hija xi ħaġa li ma tagħmlilniex ġieh għax il-gvern qed iħammrilna wiċċna fil-*fora* Ewropea.
Sur President, hawnhekk qiegħda nirreferi għal-lista ta' ħatra ta' imħallfin fil-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fejn għat-tieni darba konsekuttiva l-gvern qed jibgħat listi ta' nomini magħmulha minn irġiel biss. Ovvjament il-Kunsill tal-Ewropa qed jirrifjuta din il-lista għax qed jinsisti - *rightly so* - li l-liġi tgħid li dawn il-listi iridu jinkludu fihom anke ismijiet ta' nisa. Il-gvern Malti qed jgħid li m'għandniex min hu kapaċi jew lil min ninkludu f'din il-lista, imma l-Kunsill tal-Ewropa mhux qed jaċċetta dawn ir-raġunamenti. Naturalment aġir bħal dan min-naħa tal-gvern qiegħed jimmina l-prinċipju tal-ugwaljanza u tal-opportunitajiet indaqs, indipendentement mis-sess. Fil-kamp legali aħna għandna nisa kapaċissimi, u anke jekk tara l-istatistika ta' kemm għandna avukati u ta' kemm għandna nisa fil-ġudikatura, ikolli ngħid li għamilna avvanz kbir għax il-livell huwa għoli ħafna.

Għaldaqstant ma nistax nifhem kif il-gvern qiegħed jinsisti fuq il-pożizzjoni tiegħu u ma jagħmilx eżerċizzju komprensiv kif għandu jkun biex il-lista tinkludi n-nisa wkoll. Ovvjament dan kollu jirrifletti ħażin mhux fuq pajjiżna biss imma fuq kull min jappartjeni għan-naħa tal-gvern. Dan jikkontrasta bil-kbir ma' dak li kien qed jgħid il-ministru ftit qabel meta qalilna li huwa jemmen ħafna fil-potenzjal tal-mara għax imbagħad il-gvern tiegħu, meta ġie biex jinnomina mara għal din il-lista, ma kienx kapaċi jsib waħda! Meta mbagħad tqis li fid-diversi livelli kostituzzjonali għandna protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni, jistona mhux ftit li jkollok gvern li jkollu ħafna paroli fuq l-impenn favur l-ugwaljanza u mbagħad joħroġ bi vroma bħal din li qed tħammrilna wiċċna ma'

kullimkien! Jekk imbagħad il-gvern qiegħed jaġixxi b'dan il-mod ma nistgħux nippretendu li jkun hemm min ma jsegwix dan l-eżempju għax, kif ngħidu, l-eżempju tajjeb ikaxkar imma l-eżempju ħażin ikaxkar aktar!

Sur President, ma nistax ma nsemmix il-fatt li fil-*gender equity index,* sena wara l-oħra, Malta dejjem qiegħda taqa' lura fil-pożizzjoni tagħha. Fil-fatt, is-sena l-oħra konna fis-76 post u din is-sena ninsabu fit-83 post. Issa ta' min jara daqsxejn ir-raġunijiet għalfejn qegħdin naqgħu daqshekk lura. Jekk wieħed jara r-rapport tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza li joħroġ kull sena jsib li minkejja l-isforzi kollha, xorta waħda qiegħed ikollna ġlieda kbira. U din hija l-ġlieda tal-kultura, tal-mentalità tal-isterjotipi, u fejn b'konsegwenza ta' dan qiegħda tbati l-*issue* tal-ugwaljanza. Żgur li f'dan il-qasam ma nistax ma nsemmix ir-rwol tal-edukaturi kollha f'pajjiżna li huwa kruċjali ħafna. Għalhekk huwa importanti ferm li l-kurrikulu nazzjonali jinkludi aktar edukazzjoni favur l-ugwaljanza.

F'dan l-istess rapport hemm imniżżel ukoll li jeżistu diffikultajiet kbar fil-qasam tal-impjiegi fejn in-nisa tagħna li jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol huma ħafna inqas minn ta' pajjiżi oħrajn. Meta mbagħad naraw daqsxejn l-*age group* insibu li fejn l-etajiet żgħar qed ikunu aktar *gainfully occupied,* meta jaslu għal etajiet akbar, jiġifieri fiċ-*child bearing age,* l-istampa tinbidel, u dan għal raġunijiet li huma ovvji. Fil-fatt meta tasal fl-istadju fejn mara ġġib it-tfal, minħabba r-responsabilitajiet tal-familja, is-sitwazzjoni tinbidel. Issa hija realtà wkoll li llum il-ġurnata, biex in-nisa ma jitilfux mill-introjtu tagħhom lejn il-familja, qiegħed ikollhom jidħlu aktar kmieni għax-xogħol. Naturalment dan b'detriment għas-saħħa tagħhom u anke għall-*attachments* li l-omm suppost ikollha mat-tarbija tagħha fl-ewwel xhur tat-trobbija.

Sur President, hawnhekk ma nistax ma nsemmix il-kwestjoni taċ-*childcare facilities,* għax meta tħares lejn l-istatistika ssib li l-provvista ta' dawn il-faċilitajiet f'pajjiżna huma l-inqas fost il-pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea. Fil-fatt aħna nikklassifikaw fl-aħħar post fil-klassifika ta' *childcare centres* fl-Unjoni Ewropea kollha! Issa nafu li sar ħafna diskors fuq iċ-*childcare centre* ta' Ħal Far u fuq dak ta' Għawdex, u għalhekk inħoss li għandi nagħmel mistoqsija fuqhom. X'sar minnhom dawn iċ-*childcare centres?* Fiex wasalna u meta se jibdew jintużaw? Jiena dejjem ngħid li mara li jkollha t-tfal, l-akbar uġigħ ta' ras li jkollha huwa fejn se tħalli t-tfal meta hi tkun għax-xogħol. Jien illum naf x'jiġifieri għax ngħix din is-sitwazzjoni wkoll. Fil-fatt, jekk ommi tqum ma tiflaħx ikolli problema kbira fejn se nieħu t-tifla għax, speċjalment f'Għawdex, teżisti biss *childcare facility* waħda u din hija tal-Knisja, li biex iżommulek tifel jew tifla hemmhekk għandek problemi kbar.

Apparti minn hekk, għandek *childcare facilities* 'l hawn u 'l hemm privati. Imma ma tantx jagħmel sens li inti tmur taqla' lira biex imbagħad ikollok tħallas lira u nofs fiċ-*childcare centres!* X'ġara miċ-*childcare subsidy scheme*? L-aħħar li staqsejt fuqha l-Ministru kien qalli li għad hemm xi negozjati għaddejjin mal-Unjoni Ewropea minħabba l-*European Social Fund.* Meta tara l-pajjiżi Skandinavi ssib li skema bħal din ħalliet ħafna frott għax ikollok *affordable childcare facilities* li jkunu jistgħu jintlaħqu mill-familji. Barra minn hekk, l-ommijiet ikollhom rashom mistrieħa li t-tfal qegħdin f'ambjent tajjeb waqt li huma jkunu għax-xogħol. Tajjeb ukoll li naraw daqsxejn is-sistema edukattiva f'pajjiżna. Ikun tajjeb li l-iskejjel jibqgħu miftuħin wara l-ħin ħalli jkunu jistgħu jżommu t-tfal sakemm il-ġenituri tagħhom jiġu lura mix-xogħol.

U ġaladarba qed nitkellmu fuq ix-xogħol, dan l-aħħar kien hemm ukoll statistika fejn ingħad li bil-mod il-mod in-nisa li huma *gainfully occupied* aktar qed jiżdiedu. Fih innifsu dan huwa fatt pożittiv, però tajjeb li naraw x'tip ta' xogħol qed isibu n-nisa, għax sfortunatament jirriżultali li n-nisa li qed jimpjegaw ruħhom, l-aktar matul din is-sena u nofs jew sentejn, qed jinfiltraw is-suq tal-*part-time* u s-suq prekarju, li ovvjament mhuwa stabbli xejn. Dan lanqas jagħti dak is-serħan tal-moħħ li mara jkollha bżonn kemm għar-rigward tal-qligħ għall-familja tagħha u anke għall-kontinwità tax-xogħol. Tajjeb li naraw daqsxejn x'qed jingħad fuq Malta fir-rapporti li qed isiru barra minn Malta. Per eżempju, ta' min jara daqsxejn x'qed jgħid il-*World Economic Forum* fejn minn 130 pajjiż qed jgħidu li fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-mara fid-dinja tax-xogħol Malta tinsab fil-107 post. Irridu naraw għalfejn pajjiżi oħra qed javvanzaw filwaqt li aħna sejrin lura jew qed inżommu l-pożizzjoni tagħna.

F'rapporti bħal dawn normalment aħna nitqabblu ma' Ċipru, imma dan il-pajjiż jinsab miexi 'l quddiem filwaqt li aħna le. X'jonqosna nagħmlu biex aħna ningranaw xi ftit? Xtaqt insmemi wkoll dawk in-nisa li jkunu telqu l-iskola u mbagħad, x'ħin jistabbilixxu l-familja u aktar ma jikbru fiż-żmien, aktar ikunu jixtiequ jkomplu l-istudji tagħhom. Fil-fatt jiena kelli każ ta' omm b'żewġt itfal li r-raġel tagħha tilef ix-xogħol. Din kienet qiegħda tagħmel kors l-Università u staqsietni jekk tistax b'xi mod tieħu xi għajnuna ħalli tkun tista' tkompli bl-istudji tagħha. Issa min ikun student għandu l-*grants*, l-i*schemes* u l-istipendju, imma mara bħal din ma tieħu xejn. Ovvjament meta għandek mara li qed tagħmel dawk l-isforzi u s-sagrifiċċji kollha u ma jkolliex dak is-sostenn, din se taqta' qalbha u l-probabbiltà tkun li tabbanduna l-istudji tagħha, xi ħaġa li jitfa' lilha u lil min hu bħalha lura mmens.
F'dibattitu bħal dan nixtieq nistaqsi wkoll x'inhi l-pożizzjoni uffiċjali tal-gvern fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea fuq iż-żieda fil-*maternity leave* ta' erba' ġimgħat. Dan għaliex, kif għedt qabel, illum il-ġurnata hemm studju li juri li aktar ma ttawwal il-*leave* tal-maternità wara li l-mara jkollha t-tarbija tagħha jkun aktar ta' benefiċċju għal saħħitha u, barra minn hekk, tkun qed tinkoraġġixxi l-prokreazzjoni, xi ħaġa li tagħmel sens għal pajjiżna meta nafu li għandna problema ta' demografija. Il-Kummissjoni wkoll kienet qiegħda tipproponi ż-żieda tal-*leave* f'każijiet speċjali u partikolari tat-twelid b'komplikazzjonijiet li jeħtieġu rikoveru itwal fl-isptar. Naħseb li dan ukoll jimmerita attenzjoni u diskussjoni. Dawn huma kollha proposti li jagħmlu sens u li hemm bżonnhom ħafna f'dan il-pajjiż. Għaldaqstant nixtieq inkun naf x'jaħseb dwarhom il-gvern u x'inhi l-pożizzjoni uffiċjali tiegħu.

Naħseb ukoll li wasal iż-żmien li nħarsu ftit lejn il-liġi tal-*parental leave.* Qiegħda ngħid dan għax il-*parental leave* għandu jkun mibdul b'tali mod li jkun hemm aktar irġiel li jkunu inċentivati jeħduh ħalli huma jibqgħu d-dar jieħdu ħsieb it-tfal u b'hekk jagħtu ċans lill-mara tavvanza xi ftit fil-karriera tagħha. Kif nafu, hija xi ħaġa tradizzjonali li l-*parental leave* jeħduh in-nisa. Dan iħalli l-konsegwenzi għax il-mara, x'ħin tieħu l-*leave,* ikollha tassenti ruħha minn fuq il-post tax-xogħol u b'hekk titlef l-opportunitajiet u taqa' lura. Għalhekk hemm bżonn li jkun hemm modifiki fil-*parental leave* sabiex aktar missierijiet jieħdu r-rwol li tradizzjonalment s'issa qiegħda tieħdu l-mara. Naturalment dan għandu jsir biex ikun hemm aktar promozzjoni tal-ugwaljanza u tal-konċett tal-*burden sharing* fil-familja. Huwa wkoll mezz li bih il-mara tista' tiġi megħjuna ħalli timxi aktar 'il quddiem.

Apparti minn hekk, lili jinkwetani ħafna li l-*parental leave* kif inhu llum huwa dritt suġġettiv ħafna għax jiddependi ħafna mill-*employer.* Dan għaliex l-*employer,* anke meta jagħtik ir-risposta tiegħu jekk jaċċettax il-*parental leave* jew le, hija xi ħaġa prekarja ħafna. Fil-fatt naħseb li din hija xi ħaġa *flimsy* ħafna u hemm bżonn li tiġi msaħħa ħalli nevitaw l-abbużi. L-abbużi jsiru, imma ftit li xejn jitkellmu dwarhom għax ovvjament kulħadd jibża' għal ħobżu! Imma dan ma jfissirx li ma jkunx hemm abbużi u lanqas ifisser li m'għandniex nindirizzawhom. Apparti minn hekk, naħseb li hemm bżonn li l-*parental leave* fis-settur privat u fis-settur pubbliku jiġu *in line.*
Sur President, biex mara tkun aktar f'pożizzjoni li tikkonċilja l-familja tagħha max-xogħol kif qed tgħid ir-*road-map* fuq l-ugwaljanza tal-2006 u 2010, hemm bżonn li l-*family friendly measures* jiġu msaħħa, u jrid ikun hemm aktar konverġenza bejn is-settur pubbliku u s-settur privat. Is-settur pubbliku huwa aktar ivvantaġġjat għax huwa aktar faċli li jdaħħal dawn l-affarijiet. Dawn it-tip ta' miżuri jiswew il-flus minħabba raġunijiet ta' ekonomija, ta' finanzi u fatturi oħra. Ovvjament is-settur privat irid jiġi megħjun biex il-*family friendly measures* jiġu introdotti fuq il-postijiet tax-xogħol. Per eżempju, ir-*reduced hours,* it-*teleworking* u t-*temporary jobs* għandhom jiġu nkoraġġuti aktar fis-settur pubbliku. Imma minkejja li l-gvern jiftaħar li daħħal ħafna *family friendly measures* ma nistax ma nsemmix dak li ġie mwieġeb minn diversi ministri għall-mistoqsijiet parlamentari li għamilt dwar it-*teleworking.*

Fil-fatt kien hemm min wieġeb li hemm wisq spejjeż involuti sabiex jiddaħħlu dawn it-tip ta' sistemi, speċjalment dak tat-*teleworking.* Fl-opinjoni tiegħi dan mhuwiex aġir responsabbli u lanqas mhu ġust li tgħolli l-aspettattivi ta' ħafna nisa u ommijiet, li l-ewwel tgħidilhom li għandhom it-*teleworking available* u mbagħad meta niġu għas-*si* u n-*no* jgħidulhom li hemm wisq spejjeż involuti biex idaħħluhom fid-dipartimenti jew fil-post tax-xogħol tagħhom. Xi ħaġa li rriżultat f'laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali li saret mal-Kummissjoni kontra l-Vjolenza Domestika u ma' Dr.

Angela Abela, irriżulta biċ-ċar li meta jkollok pożizzjoni ta' inugwaljanza fil-familja, fejn il-mara ma tkunx rispettata jew ma tkunx f'pożizzjoni ugwali bħar-raġel, ikun aktar probabbli li l-mara tisfa vittma tal-vjolenza domestika. Għaldaqstant l-appell tiegħi huwa li l-gvern jara daqsxejn il-liġi dwar il-vjolenza domestika ħalli jara fejn huma l-*loopholes* u jagħmilha aktar effettiva. B'hekk din il-liġi tkun aktar tappella għal dawk il-vittmi ħalli jirrikorru aktar għall-għajnuna u ma jibqgħux fis-sofferenza tal-erba' ħitan ta' djarhom.

Fuq nota ġenerali rrid ngħid li n-nisa f'pajjiżna, speċjalment dawk li huma waħedhom u li qed irabbu lil uliedhom, qed jirrappreżentaw persentaġġ għoli ħafna ta' dawk il-persuni li qegħdin fil-faqar jew f'riskju ta' faqar, u għalhekk dawn in-nies huma suġġetti għall-esklużjoni soċjali. Għal dawn in-nisa għandha tissaħħaħ ix-xibka soċjali sabiex niżguraw li ħadd ma jaqa' lura. Naf li kull meta tinħoloq kriżi ekonomika, l-ewwel li jħossuha u jbatu minnha huma proprju dawn in-nisa u t-tfal tagħhom. Allura hemm bżonn li fir-rigward ta' dan is-settur tant importanti tas-soċjetà tissaħħaħ ix-xibka soċjali ħalli dawn in-nies jiġu protetti kemm jista' jkun minn dawn l-effetti tar-riċessjoni.

Sur President, meta nħarsu lejn is-saħħa tal-mara nixtieq nisħaq fuq l-importanza tal-*awareness.* Fil-ġranet li ġejjin f'dan il-parlament se nippreżenta petizzjoni li saret mill-*Breast Cancer Awareness Group* fuq il-*breast screening programme*. Qabel l-elezzjoni sar ħafna furur fuq il-*breast screening programme* u issa, *to be fair*, ilqajt b'sodisfazzjon li ġie identifikat post fejn se jkun *housed* dan is-servizz. Madankollu ma nistax ma nirrimarkax li pajjiżna huwa wieħed mill-uniċi żewġ pajjiżi fl-Unjoni Ewropea li għad m'għandniex dan il-programm viġenti! Dan meta l-inċidenza tal-marda tal-kanċer, speċjalment dak tas-sider, huwa fost l-ogħla mill-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea. Meta nħarsu daqsxejn lejn is-sitwazzjoni f'Għawdex naraw li hawnhekk is-sitwazzjoni hija tal-biki, għax lanqas il-*mammogram* m'għandna. B'hekk in-nisa Għawdxin, kull meta jkunu jridu jagħmlu dan it-test, iridu joqogħdu fil-lista mal-bqija tan-nisa l-oħra Maltin. Min-naħa tiegħi nappella lill-gvern sabiex jintensifika l-isforzi tiegħu ħalli l-*breast screening programme* jibda jitħaddem kemm jista' jkun malajr.

Ladarba semmejt lil Għawdex ma nistax ma nsemmix lin-nisa Għawdxin. Jiena waħda minnhom u kuljum niltaqa' ma' ħafna nisa li jkollhom xi problema jew oħra u l-ewwel dmir tiegħi huwa li nitkellem fuqhom. Ma nistax ma nsemmix kif għandna problemi u barrieri kbar biex in-nisa tagħna jinfiltraw fid-dinja tax-xogħol. Ma nistax ma nsemmix lill-ħaddiema tal-Pamargan li ħafna minnhom huma nisa u li tilfu l-impjieg tagħhom. Qabel kont tgħaddi miż-żona industrijali kont tara ħafna tfajliet u nisa sejrin għax-xogħol hemmhekk biex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-bżonnijiet tal-familji tagħhom, u llum, il-ftit li kien għad fadal, qegħdin jitkeċċew ftit ftit.

Naturalment is-sitwazzjoni familjarji ta' dawn in-nies, f'termini ekonomiċi, marret għall-agħar u dawn in-nisa qed ikollhom problemi kbar sabiex jerġgħu jimpjegaw ruħhom minħabba li m'hemmx opportunitajiet. Fir-rigward ta' vjolenza domestika jew f'każi aktar gravi ta' abbandun, għandna nuqqasijiet kbar għax lanqas *shelter* ta' emerġenza m'għandna fejn dawn in-nies ikunu jistgħu jiġu milqugħa. Naħseb din hija xi ħaġa tal-mistħija għax bħalma jkun hemm każi f'Malta li jintbagħtu fix-*shelters,* l-istess għandu jkun hemm *shelters* f'Għawdex għax in-nisa tagħna jimmeritaw l-istess protezzjoni bħan-nisa Maltin. Saru diversi appelli u d-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Familja ilu jokrob għal dawn l-affarijiet, imma l-appelli u t-talbiet s'issa waqgħu fuq widnejn torox! Sadanittant qegħdin ibatu ħafna nies.

L-aħħar aspett li xtaqt nitkellem dwaru huwa li meta nilleġislaw f'dan il-parlament irridu nkunu aktar *gender sensitive* u nappella sabiex isiru aktar *gender impact assessments*. Dan qed ngħidu għax xi kultant, anke meta tara abbozz ta' liġi, mid-diċitura tiegħu tinduna li min kien qed jagħmlu kien qed jaħseb biss għall-irġiel. U żgur li dan m'għandux ikun hekk. Naħseb li l-ewwel sinjal irridu nagħtuh minn hawnhekk. Il-parlament huwa assoċjat mad-dinja tal-irġiel u m'għandux ikun hekk. Il-fatt li bħala numru aħna n-nisa qegħdin f'minoranza ma jfissirx li m'aħniex qegħdin hawnhekk. U ġaladarba l-parlament huwa magħmul min-nisa u mill-irġiel, irrispettivament min-numri, irridu nimxu aktar lejn il-bilanċ bejn is-sessi.

Jekk in-numru tan-nisa f'dan il-parlament jibqa' dak li hu forsi jkun aktar diffiċli, u nifhem li ħafna nisa jħossuha bi kbira biex jinfiltraw fil-ħajja politika. Imma l-messaġġ irridu ngħadduh minn hawnhekk għax kemm-il darba l-parlament jibqa' jiffunzjona kif inhu, li mhu *family friendly* xejn, mhux se jgħaddi messaġġ tajjeb. F'dan ir-rigward nixtieq insemmi xi ħaġa partikolari. It-tifla tiegħi darba ġibtha hawnhekk u x'ħin ġejt biex nibdlilha n-*nappy,* kelli npoġġiha fuq il-mejda tal-Oppożizzjoni. U jekk xi ħadd minna jkun jixtieq iġib it-tfal miegħu għax forsi ma jkollux fejn iħallihom, u dak li jkun ikun irid ibiddel in-*nappy* tat-tfal, lanqas *nappy changer* ma jsib hawnhekk! Allura żgur li ma nistgħux ngħidu li l-parlament huwa *family friendly,* u kemm-il darba ma nkunux kapaċi ngħaddu ċerti messaġġi minn hawnhekk, il-messaġġi ċertament mhux se jgħaddu tajjeb lejn is-soċjetà Maltija.

Sur President, nikkonkludi billi nappella lin-nisa kollha ta' pajjiżna sabiex ma jaċċettawx li jiġu mkasbra u mċaħħda mid-drittijiet tagħhom. Nappellalhom sabiex jgħożżu d-dinjità tagħhom u ta' wliedhom. Huwa kollu ta' xejn li nagħmlu l-liġijiet jekk in-nisa tagħna ma jagħmlux il-kuraġġ u jitkellmu. Finalment nixtieq nirringrazzja lill-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, lill-Konfederazzjoni Nazzjonali tal-Għaqdiet tan-Nisa, lill-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa u l-għaqdiet u l-entitajiet kollha li bla waqfien jaħdmu favur l-ugwaljanza u d-drittijiet tan-nisa. Nistqarr li kull konferenza li mmur nixba' nisma' fuq id-drittijiet tan-nisa u fuq kemm hemm bżonn li biex ikollok soċjetà demokratika, irid ikollok in-nisa.

Kulħadd jitkellem b'dak il-mod, u huwa aċċettat li biex ikollok demokrazija, irid ikollok il-preżenza tan-nisa. Imma fl-aħħar mill-aħħar biex din is-sitwazzjoni tiġi għall-aħjar, u biex dak kollu li hemm fuq il-karta verament iseħħ fir-realtà, naħseb li rridu nkunu aħna n-nisa li ma noqogħdux nistennew li xi ħadd jagħmlilna ħajjitna faċli, għax ħadd mhu se jagħmlilna hekk! Għalhekk irridu nkunu aħna li niġġieldu kontra d-diskriminazzjonijiet u rridu nkunu aħna li nikkumbattu il-*glass ceilings* li jeżistu u li nħossuhom kontinwament. Irridu nkunu aħna li nieħdu dak li hu tagħna bi dritt. Id-dritt tal-ugwaljanza u d-drittijiet tan-nisa mhumiex xi pjaċiri li se jingħatawlna, imma huma drittijiet. U f'dan il-pajjiż irridu naħdmu iktar sabiex il-mara tieħu dak li hu tagħha bi dritt u mhux inħallu kollox fuq il-karta! Nirringrazzjak.

**Estimi tal-Awtorita Marittima ta' Malta għas-sena 2009**
S111 12.05.09

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, ġaladarba qed nintervjeni f'dan id-dibattitu bħala deputata Għawdxija żgur li ma nistax ma nitkellimx dwar aspett importanti li jolqot lilna l-Għawdxin u aspett li nistenna li jiġi indirizzat meta jsir il-*winding up*. Hawnhekk qed nirreferi b'mod partikolari għas-saga tal-mollijiet taċ-Ċirkewwa, saga li hija eżempju ċar ta' kif gvernijiet Nazzjonalisti wieħed wara l-ieħor urew ineffiċjenza grassa u nuqqas ta' kapaċità li jwettqu dak li jwiegħdu. Kif qal il-kollega tiegħi l-Onor. Joe Debono Grech, hawnhekk mhux qegħdin nitkellmu fuq proġett li tħalla fuq l-ixkaffa għal xi sena jew tnejn imma li ilu snin twal fuq l-ixkaffa, u jien l-ewwel waħda m'iniex sodisfatta bil-kelmtejn li qal il-Ministru fl-introduzzjoni tiegħu.

Kulma qal huwa li dalwaqt se jkollna dan il-proġett lest. Sadanitant għandna dawk il-passiġġieri kollha tal-Gozo Channel, speċjalment dawk li ma jkunux bil-karozza tagħhom, li għaddejjin minn inkonvenjenti kbar speċjalment fis-sajf meta jkun hemm dik ix-xemx u dik is-sħana kollha, imbagħad fix-xitwa minħabba l-kesħa u x-xita. Ngħidu li qegħdin nipprovaw nagħtu *image* tajjeb ta' Għawdex lit-turist li jkun ġej għal ġurnata Għawdex, imma l-ewwel impressjoni li dan jieħu hija ħażina ħafna, għax meta jkollok post lil ma jkunx addattat u ma jkunx attraenti biex toqgħod tistenna fih ċertament ma tiħux dik l-impressjoni tajba.

Għandek ukoll l-aspett tal-Għawdxin kollha *when they commute*. Naħseb l-agħar parti hija meta tikkonsidra li kull nhar ta' Tnejn filgħodu jkollok esodu ta' ħaddiema u studenti li fil-parti l-kbira tagħhom ikunu żgħażagħ, li jitilqu minn Għawdex u jaqbdu l-vapur tas-6.00 a.m. biex imorru Malta għax-xogħol jew għall-Università jew għall-iskejjel l-oħra li jiffrekwentaw. Ikollok min se jkun jagħmel ġimgħa sħiħa Malta u jkun mgħobbi b'basket daqsxiex bil-ħwejjeġ, kotba u ikel. Għandek strappata mill-vapur għalfejn ikun hemm it-trasport pubbliku li hija mikxufa. Fil-bnazzi forsi hija xi ħaġa tajba li tibda l-ġurnata billi tagħmel dik l-i*sprint,* għax litteralment trid tiġri biex tilħaq post fuq it-trasport pubbliku! Però meta tkun ix-xita u l-maltemp, meta jkun hemm ksieħ iqaxxar u jkollok baħar tiela' għalik, nista' niggarantilek li mhijiex *sprint* pjaċevoli.

Jiena, l-ewwel waħda, għamilt snin twal kull nhar ta' Tnejn nagħmel din l-i*sprint* kemm bħala studenta u eventwalment meta bdejt naħdem. Nista' ngħidlek li mhux l-ewwel darba li jkun hemm il-baħar tiela', ilma jċaflas, jiena u niġri min jaf kemm-il darba ħadtha għal wiċċi u spiċċajt ġurnata sħiħa b'saqajja juġgħuni. Jien mhux l-ewwel waħda u l-anqas jien l-aħħar waħda, għax dawn l-affarijiet għadhom jiġru, u ċertament li fiż-żmenijiet tal-lum dawn mhumiex affarijiet aċċettabbli. Pjuttost huwa trattament degradanti għal dawk l-Għawdxin kollha li, *sopra corna bastonate,* wara li ma jsibux l-opportunitajiet tagħhom f'Għawdex imbagħad biex jivvjaġġaw lejn Malta jispiċċaw b'dawn id-diffikultajiet kollha minħabba dawn in-nuqqasijiet!

Niġi issa għall-inkonvenjenti li qed jinħolqu lill-ħaddiema tal-Gozo Channel kemm dawk li jaħdmu fuq il-moll taċ-Ċirrkewwa kif ukoll dawk li x-xogħol tagħhom jikkonsisti prinċipalment fix-xogħol ta' barra. Kulma għandhom biex jistkennu huma żewġt ikmamar żgħar esposti għall-elementi u lanqas *toilet* m'għandhom fejn wieħed ikun jista' jaqdi l-bżonnijiet naturali tiegħu. Din ukoll hija degradanti. Nista' ngħidlek li darba minnhom kelli bżonn inbiddel lit-tifla imma minħabba n-nuqqas ta' faċilitajiet kelli nbiddlilha fil-karozza. Dan, fiż-żmenijiet tal-lum, mhuwiex aċċettabbli iktar, u iktar huwa inaċċettabbli meta tqis li ilna iktar minn għaxar snin niġu mwiegħda dan it-*terminal* u nisimgħu kantalieni twal min-naħa tal-gvern.

Sur President, bħala Oppożizzjoni min jaf kemm-il darba għamilna *press conferences* iċ-Ċirkewwa biex nipprotestaw dwar dan l-atteġjament inkompetenti u inkonsistenti tal-gvern. Niftakar li l-aħħar darba li mort jien fiċ-Ċirkewwa kien qabel l-elezzjoni. Konna morna flimkien mal-Onor. Sant xi ġranet qabel l-elezzjoni fejn l-Onor. Sant kien elenka l-istazzjonijiet kollha ta' din il-*via sagra,* u wieħed dejjem jistenna u jispera li eventwalment naslu x'imkien. S'issa għadna ma wasalniex! Naħseb li huwa tajjeb li bħala parti minn dan id-dibattitu naraw din il-*via sagra* kemm kellha

stazzjonijiet differenti, kemm kellha verżjonijiet differenti, u kemm huwa iktar importanti li l-Gvern illum jagħti rendikont ta' dan kollu. Dan qed ngħidu għax waqt l-eżerċizzju li kont qed nagħmel u li se ngħid dwaru iktar 'il quddiem, wieħed jara kemm huma kbar u grossolani l-inkonsistenzi. Ċertament kieku jien kont minflok in-naħa l-oħra kont inħammar wiċċi bil-verżjonijiet inkonsistenti li taw. Verament jgħodd is-*saying* li l-ispiżjar milli jkollu jagħtik! Il-*billboard* li qed juża l-Partit Nazzjonalista fil-kampanja elettorali "Skont iz-zokk il-fergħa" naħseb jgħodd għalihom stess, għax gvern Nazzjonalista, wieħed wara l-ieħor, ħlief inkonsistenzi ma jagħtikx!

Sur President, qed ngħid dan għax dwar meta dan il-proġett kellu jkun lest hemm bejn wieħed u ieħor seba' verżjonijiet! Fis-sena 2001 l-Onor. Ċensu Galea li dakinhar kien ministru kien wiegħed li l-proġett tal-mollijjiet kien se jitlesta sa nofs is-sena 2003. Fl-2002, sena wara, l-istess l-Onor. Ċensu Galea kien ħabbar li l-proġett taċ-Ċirkewwa kien se jitlesta fl-2004. F'Lulju tas-sena 2004 l-istess Onor. Ċensu Galea - u f'Lulju tas-sena 2004 kien iż-żmien meta l-proġett kellu jitlesta – kien ħabbar li x-xogħol kien waqa' lura u allura l-proġett kien se jiġi ridimensjonat. F'Settembru tal-istess sena jiġifieri, tas-sena 2004, il-Prim Ministru Gonzi kien wiegħed li l-proġett taċ-Ċirkewwa kien se jitlesta sas-sena 2006. Imbagħad, fis-27 ta' Settembru tal-2005, jiġifieri ftit ġranet wara, l-istess Ministru Ċensu Galea fil-parlament kien qal li ma kienx f'pożizzjoni li jagħti dettalji preċiżi dwar il-proġett tal-mollijiet taċ-Ċirkewwa.

Fis-16 ta' April tal-2005 il-Prim Ministru Lawrence Gonzi biddel għal kollox il-verżjoni li kien ta seba' xhur qabel u ħareġ b'miri ġodda dwar it-tlestiija tal-proġett. Dakinhar kien wiegħed li x-xogħol fiċ-Ċirkewwa kien se jibda malli jitlesta x-xogħol fl-Imġarr li dak iż-żmien kien mistenni li jkun lest sal-2006. Imbagħad għal darb'oħra fl-2006 il-Ministru Ċensu Galea flimkien mal-Ministru Giovanna Debono kienu għamlu żjara fil-moll tal-Imġarr Għawdex u dak iż-żmien il-Ministru Ċensu Galea kien qal li qatt ma ngħatat data fissa ta' meta kellu jkun lest il-proġett tal-mollijiet. Issa reċentement kellna l-Prim Ministru Gonzi li qalilna li l-gvern kien qed jistenna li jġib il-fondi mill-Unjoni Ewropea għall-proġett fiċ-Ċirkewwa. Din hija għar-rigward id-data tat-tlestija.

Sur President, anke dwar l-ispiża tal-proġett tal-mollijiet kien hemm mill-inqas erba' jew ħames verżjonijiet. Nibdew b'dak li qal l-Onor. Francis Zammit Dimech fl-1999, jiġifieri għaxar snin ilu. Dak iż-żmien kien qal li l-proġett tal-mollijiet kien se jiswa mill-inqas Lm8 miljuni li huma ekwivalenti għal €18.6 miljuni. Fl-2001 il-Ministru Ċensu Galea kien qal li l-proġett kellu jiġi jiswa €28 miljun, ekwivalenti għal Lm12-il miljun, jiġifieri Lm4 miljuni iktar. Fl-2002 l-istess Onor. Ċensu Galea kien ħareġ b'verżjoni oħra u kien ħabbar li l-proġett kellu jiswa €30.2 miljuni, ekwivalenti għal Lm13-il miljun, mentri fis-sena 2005 l-Awtorità Marittima ħarġet tgħid li l-proġett tal-mollijiet għandu jiġi jiswa madwar €35 miljun, ekwivalenti għal Lm15-il miljun. Il-verżjonijiet huma waħda iprem mill-oħra.

Imbagħad reċentement kellna stqarrija maħruġa mill-Ministeru ta' Austin Gatt fejn irriżulta li l-proġett kif kien iddisinjat kien se jqum wisq u allura kienu ntalbu pjanti biex jirrendu dan il-proġett irħas. Ovvjament, fejn jidħol Għawdex, il-fattur tal-*cost* jieħu rilevanza ikbar. F'oqsma oħra ma jimpurtax jekk jintefqu l-flus u jekk hemm bżonn jintefqu iktar milli jkun stmat, imma fejn jidħol Għawdex nixxaħħu! Skont din l-istqarrija qalu li l-proġett kien stmat li se jiġi jiswa €15.5 miljuni. Fir-rigward ta' din l-istqarrija naħseb li huwa opportun li jingħataw kjarifiki. Ir-raġuni hija li l-gvern qed jgħid li f'dawn l-aħħar ġimgħat issottometta applikazzjoni ġdida lill-Unjoni Ewropea biex jingħataw il-fondi għall-mollijiet u għat-*terminal* taċ-Ċirkewwa. Nafu li f'Jannar tal-2008 kienu ġew sottomessi pjanti biex jingħataw dawn il-fondi u issa se nerġgħu nissottomettu applikazzjoni ġdida bil-pjanti l-ġodda.

Sur President, nixtieq nirreferi għall-mistoqsija parlamentari 2342 li saret minn deputat tan-naħa tal-gvern, l-Onor. Ċensu Galea, lill-Ministru Austin Gatt fejn staqsa meta hu maħsub li jitkompla x-xogħol fuq it-*terminal* tal-passiġġieri. Ir-risposta kienet li l-proġett mistenni jitkompla lejn l-aħħar tal-2009, basta jkunu ħarġu l-permessi neċessarji. Qed nassumi li l-permessi li saret riferenza għalihom huma l-permessi tal-MEPA, però m'hemm imsemmi mkien u m'hemm l-ebda riferenza dwar il-fondi tal-Unjoni Ewropea. Għar-rigward tal-aspett tal-fondi naħseb tajjeb li ninnotaw x'wieġeb il-Prim

Ministru fil-parlament dwar din l-istess applikazzjoni. Iċ-ċavetta ta' dan il-misteru - mhux iċ-ċavetta, għax qed jinħoloq misteru ikbar hawnhekk - hija mistoqsija 6756, li minflok qed tikkjarifika, fl-opinjoni tiegħi, iktar qed toħloq konfużjoni. Il-Prim Ministru wieġeb hekk:

> "Ninsab informat li l-applikazzjoni oriġinali għall-fondi mill-Unjoni Ewropea bil-pjanti preċedenti kienet ġiet sottomessa f'Jannar 2008. Wara, il-pjanti tat-*terminal* taċ-Ċirkewwa nbidlu, din l-istess applikazzjoni ġiet riveduta, u se tkun sottomessa fil-ġimgħat li ġejjin taħt is-sejħa ristretta tal-*cohesion fund* li nfetħet għall-perijodu bejn id-9 ta' Marzu u 17 ta' April 2009. L-applikazzjoni tkun tista' titpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra wara li tkun approvata.".

Din hija r-risposta tal-Prim Minisitru. Issa l-mistoqsija 6756 ġiet imwieġba fl-20 ta' April, jiġifieri wara d-data tal-iskadenza li l-istess Prim Ministru semma fit-tweġiba tiegħu sabiex tkun tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Ġaladarba t-terminu msemmi għas-sejħa tal-applikazzjoni għall-*cohesion fund* kien skada għax l-istess risposta ssemmi s-17 ta' April, allura kif il-Prim Ministru, meta qed jirrispondi tlett ijiem wara, qed jgħid li l-applikazzjoni għad trid tiġi sottomessa?! Nixtieq nistaqsi x'kienet ir-raġuni u nixtieq tweġiba serja, għax il-poplu qed jistenna tweġiba serja. Hija verżjoni kontradittorja! Anke r-risposta stess mhijiex qed tagħmel sens, u nistenna li fil-*winding up* ikun hemm risposta adegwata.

Xtaqt insemmi l-famuża baga li l-Ministru semma li dalwaqt tiġi. Jekk il-permessi ġew approvati f'Awwissu li għadda, għaliex għadna sal-lum il-ġurnata nistennew din l-imbierka baga?! Il-Ministru f'risposta parlamentari li ta qal li din se tkun *in place* f'nofs din is-sena. F'nofs din is-sena, jekk m'iniex sejra żball, huma ftit ġimgħat oħra. Għaliex il-Ministru ma tax data speċifika meta din se tkun *in place*? Kemm se ndumu nistennew l-affarijiet ġejjin Għawdex? Għawdex dejjem hekk, nistennew u nistennew, u kollox jiġi bil-lajma! Lill-Ministru ngħidlu li jekk hemm bżonn tara xi ħaġa, aqbad u araha, u jekk hemm bżonn taqbad il-barri minn qrunu, aqbad il-barri minn qrunu! Imma ma jistax ikun li f'Għawdex noqogħdu nistennew kollox ġej bl-akkarija u kollox ġej qisu bil-karità. Jekk hemm l-affarijiet li mhux sejrin sew, lill-gvern ngħidlu jiftaħ għajnejh!

Sur President, jien ma niekol minestra ma' ħadd, u la ħadd ma jħokkli dahri u lanqas inħokk dahar ħadd, però l-affarijiet f'Għawdex nippretendi li jiġu indirizzati dejjem u mhux meta tkun ġejja xi elezzjoni u jibdew jaqgħu ħafna ideat u ħafna *slogans* u propaganda 'l hawn u 'l hemm! L-interessi ta' Għawdex għandhom jiġu salvagwardati dejjem u f'kull ċirkostanza. Jiena m'iniex sodisfatta biż-żewġ kelmiet li qal il-Ministru Austin Gatt, u allura nippretendi li fuq dawk il-ftit punti li qajjimt ikolli risposta ċara u diretta. Normalment il-Ministru Austin Gatt jaf ikun dirett, u allura nistenna din it-tip ta' risposta mingħandu. Grazzi. Sur President.

<u>**Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar il-Lotteriji u Logħob Ieħor - Abbozz Nru 31**</u>
S145 6.10.09

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, aktar kmieni din is-sena rċevejt telefonata li inkwetanti xi ftit. Fil-fatt kienet ċemplitli waħda mara u b'vuċi kemmxejn allarmanti qaltli li f'Għawdex kien għadu kemm fetaħ stabbiliment ġdid tal-kaxxi tal-logħob. Din il-mara kompliet tgħidli li dan il-ħanut infetaħ proprju qrib żewġ skejjel partikolari u spjegatli wkoll li minn dawk in-naħat jgħaddu wkoll ġenituri bit-tfal tagħhom sabiex imorru lejn l-iskejjel primarji tagħhom. Din il-mara kienet inkwetata ħafna fuq il-periklu li seta' jkun hemm għal dawn it-tfal. Imma apparti milli riedet tagħtini l-informazzjoni, din il-mara xtaqet tkun taf jekk dawn il-*premises* humiex qegħdin joperaw b'mod legali jew le.

Ikolli nistqarr li dak il-ħin ma kontx naf fuqiex qiegħda titkellem u allura ħassejt li kelli nirrikorri għall-għajnuna. Fil-fatt kelli nitlob parir u l-ewwel li rrikorrejt kienu proprju għand il-Pulizija ta' Għawdex. Min-naħa tagħhom dawn qaluli li dak il-ħanut ma kellux il-liċenzja biex jopera u li kienu se jieħdu l-passi meħtieġa. Ftit tal-ġranet wara dan il-ħanut ingħalaq, imma rriżulta li wara ftit ġranet reġa' fetaħ minħabba li kien hemm xi *loophole* legali u allura dawn ħadu vantaġġ minnha. Wara ftit taż-żmien reġa' fetaħ ħanut ieħor, din id-darba qrib knisja, u nista' ngħidlek li f'Għawdex qam fervur sħiħ u kien hemm saħansitra diversi ittri fil-gazzetti minħabba li n-nies ma ridux li jkun hemm dawn l-affarijiet fin-*neighbourhood* tagħhom. Hawn ġew, jekk hawn xi ħadd li jgħid li l-logħob tal-azzard beda minn meta bdew jinfetħu dawn l-*outlets*, naħseb li jkun qiegħed jiżbalja għax dan it-tip ta' vizzju ilu magħna.
Ilbieraħ il-Prim Ministru Gonzi qalilna li anke fi żmien Kristu, is-suldati Rumani kienu lagħbu l-ħwejjeġ tiegħu. Dan jurina li dawn it-tip ta' vizzji ilhom magħna għal sekli sħaħ. Madankollu xorta waħda huwa vizzju ikrah u li jista' ikisser il-familji fi żmien qasir ħafna għax in-nies li jaqgħu vittmi tal-logħob tal-ażżard jispiċċaw jiżolaw ruħhom l-ewwel mill-familja tagħhom u mbagħad mill-bqija tas-soċjetà. Barra minn hekk jidħlu fi problemi finanzjarji. Għaldaqstant dibattitu bħal dan bilfors trid tieħdu mil-lat soċjali għax għandu impatt qawwi ħafna fuq in-nukleu l-aktar importanti tas-soċjetà tagħna li hija l-familja. Fil-professjoni tiegħi, ħafna mix-xogħol li nagħmel huwa relatat max-xogħol tal-familja, jiġifieri ma' xogħol legali mill-aspett familjari, u sfortunatament ma' każijiet ta' dan it-tip niltaqa' wkoll, u f'dawn l-aħħar xhur innotajt li dawn it-tip ta' problemi żdiedu.

Fil-fatt fejn qabel kont tiltaqa' ma' każ kultant ta' familja li titkisser minħabba il-vizzju tal-logħob, illum il-ġurnata dan sar aktar komuni. Fil-fatt studji xjentifiċi jgħidulek li l-fatturi ekonomiċi li jkunu għaddejjin madwarna jħallu mpatt dirett fuq iż-żieda tal-inċidenza fuq il-vizzji tal-logħob. Issa studju Amerikan partikolari jgħid hekk:

> *"Studies show that gambling increases when economic times are uncertain and people are concerned about their future. People are also seeing to take gambling as a way to run away from their problems such as anger and loneliness."*

Sur President, meta fil-pajjiż ikollok l-inċertezza, dan se jħalli effetti diretti fuq iż-żieda tal-logħob, u naħseb li ħadd ma jista' jiċħad li f'pajjiżna bħalissa qiegħda tirrenja ċerta inċertezza. Għandna ħafna nies li huma mgħobbijin bil-piżijiet tal-ħajja. Għandek ħafna nies inkwetati bil-prekarjetà tax-xogħol u dan kollu se jimpinġi fuq il-ħajja normali ta' dak li jkun, bil-konsegwenza li jkollok anke min jirrikorri għall-vizzju tal-logħob tal-ażżard. Se nsemmi każ partikolari għax naħseb li huwa rilevanti ħafna għal dak li qed nitkellmu fuqu llum. Dan huwa każ ta' raġel ta' familja, bi tlitt itfal. Dan kellu x-xogħol bil-paga minima u kellu wkoll *part-time job.* Meta tilef il-*part-time job* u ma setax isib ieħor, ġietu l-idea brillanti li jmur jilgħab f'dawn il-kaxxi tal-logħob għax mingħalih li dak li ma kienx qed iġib mill-*part-time job* kien se jġibu mill-kaxxi! Sfortunatament beda b'dik l-idea żbaljata sakemm eventwalment spiċċa daħal aktar fil-fond, u l-vizzju daħal aktar fih, tant li spiċċa nqabad fin-nassa tal-vizzju tal-logħob tal-ażżard. Eventwalment imbagħad mhux talli ma ġabx il-flus li kien tilef mill-*part- time job* talli spiċċa mbagħad bi problemi finanzjarji kbar li affetwaw lilu u lill-familja tiegħu.

Xi ħaġa oħra hija li għalkemm l-istudji jgħidulek li l-irġiel jilagħbu aktar min-nisa, f'pajjiżna għandna fenomenu partikolari. Hawnhekk qiegħda nirriferi għat-tombla li tintlagħab fl-attivitajiet soċjali li jorganizzaw il-partiti politiċi sal-*coffee mornings* li jagħmel il-kappillan! Dawn huma affarijiet li ngħixuhom ta' kuljum fil-ħajja politika tagħna u narawhom b'għajnejna stess. Jiena naħseb li niżbaljaw jekk dak li naraw ma nevalwawhx sew. Issa sakemm tmur *coffee morning* u jkun hemm it-tombla u tilgħab ġok wieħed biex tgħaddi l-ħin ma naħsibx li hija xi ħaġa daqshekk gravi. Imma meta mbagħad tara gruppi ta' nisa li jkollhom xi ħames jew sitt ġokijiet quddiemhom, logħba wara l-oħra, u kollha għaddejjin f'ferneżija sħiħa biex jipprovaw ilaħħqu magħhom, naħseb li mbagħad hemmhekk dak ikun każ li jkun aktar profond. Jiġifieri dawn in-nies ikunu daħlu sew fil-vizzju għax il-vizzju ma jiġix bil-karti u bil-kaxxi biss imma jiġi wkoll bil-logħob tat-tombla. Il-ħasra hi li ħafna minnhom ikunu ommijiet jew nanniet li jieħdu magħhom lit-tfal tagħhom biex imbagħad jagħtuhom dak l-eżempju.

Kif nafu, bħal kull vizzju ieħor, il-vizzju tal-logħob jiswa l-flus. Kellna każi ta' nies li minħabba l-vizzju tagħhom tilfu x-xogħol li kellhom għax tant daħlu f'dan il-vizzju, li spiċċa jikkontrollalhom ħajjithom u allura ġew jaqgħu u jqumu kemm mill-professjoni tagħhom kif ukoll mix-xogħol tagħhom. Dawn it-tip ta' nies, meta jibdew jitilfu jsiru aggressivi ħafna, speċjalment mal-familjari tagħhom u ma' min jiġi quddiemhom. Nafu wkoll li hemm relazzjoni qawwija bejn il-logħob tal-ażżard u l-użura li hija wkoll pjaga kbira fis-soċjetà. Nafu b'ħafna każi ta' nies li sfaw vittmi ta' dawn is-sangisugi u spiċċaw irvinati kemm finanzjarjament kif ukoll fuq livell personali u familjari.

Huwa fatt ukoll li għalmin ikun iddisprat għax ikollu d-djun tal-logħob, u fl-istess ħin ikollu wkoll il-vizzju li jrid isostnih, l-aktar soluzzjoni faċli u immedjata għalih hija li jissellef fuq l-idejn permezz tal-użura, bil-konsegwenzi kollha li dawn iġibu magħhom. Dan iwassal lil dak li jkun sabiex jaqa' f'ċirku vizzjuż li sfortunatamment ikompli jissika aktar u jkun ta' piż. Il-fatt li għandna dawn l-*outlets* tal-logħob li qegħdin ifaqqsu qishom faqqiegħ, jiena personalment ma naqbilx magħhom. Hawnhekk qiegħda ngħid ċar u tond li ma naqbilx ma' dawn it-tip ta' *outlets* u ma' din il-legalizzazzjoni ta' dan il-logħob.

Sur President, mhux se ngħid li l-liġijiet li għandna quddiemna mhumiex pożittivi imma aħna, bħala Oppożizzjoni, qegħdin nitkellmu fuq dak li qed naraw. Min-naħa tagħna nistiednu lill-gvern sabiex jiftaħ il-kotba kollha u jgħidilna x'għandu f'moħħu ħalli wara ħadd ma jgħid xejn. Meta jkollok settur li tirregolah, tista' tillimita l-abbuż li jkun hemm. Mela ma tillimitax! *Pari passu* ma' dan irid ikollok sistema tajba ta' inforzar u nafu li f'pajjiżna dejjem kellna problemi biex ninforzaw. Fil-fatt kull settur li pprovajna nirregolaw dejjem kien ikollna l-problemi għax kien ikollna lil min jiskappa minn hawn u min jiskappa minn hemm. Mar-regoli u mal-inforzar irid ikun hemm affarijiet oħra għax ma nistgħux nistrieħu biss fuq dawn l-aspetti. Idealment għandu jkun hemm politika komprensiva li tiffoka fuq din il-problema li dejjem qiegħda tikber. Naħseb li rridu naħdmu aktar fuq il-prevenzjoni u fuq programmi ta' kura u riabilitazzjoni. Dawn jiswew ħafna flus u rridu naraw xi pjanijiet għandu l-gvern fuq dan l-aspett.

L-edukazzjoni f'dan il-qasam hija kruċjali mmens u nemmen li l-aqwa edukaturi kienu, għadhom u jibqgħu l-ġenituri stess. Għalhekk sta għall-ġenituri li jagħtu l-ewwel u l-aħjar eżempju lil uliedhom. Fil-fatt l-istudju li kkwotajt aktar qabel fid-diskors tiegħi jgħid ukoll li l-bniedem li għandu l-vizzju tal-logħob "*is likely to have a parent with a gambling problem*." Għalija hija inaċċettabbli kif omm jew nanna tieħu t-tfal jew in-neputijiet tagħha jagħmlu s-sigħat jilagħbu t-tombla jew inkella kif ikollok missier li s-Sibt wara n-nofsinhar, jew il-Ħadd wara n-nofsinhar, jieħu t-tfal tiegħu l-każin u dawn joqogħdu jarawh jilgħab il-karti għall-flus. Illum il-ġurnata t-tfal diġà huma esposti għal ċerti affarijiet. Dawn jgħaddu ħafna ħin fuq l-internet, u hemm ċerti logħob li jistgħu jaċċedu għalih permezz tal-*mobile* tagħhom. Nafu wkoll li għandek gruppi ta' żgħażagħ li qed jilagħbu logħob tal-ażżard minn fuq il-kompjuter tagħhom ġewwa djarhom stess. Għaldaqstant din il-problema qiegħda tikber ukoll fost iż-żgħażagħ.

Sur President, hawnhekk xtaqt nirrimarka fuq xi ħaġa oħra. Jiena noqgħod qrib tal-iskejjel sekondarji u nnotajt ħafna li fost it-tfal addoloxenti, il-kelma "imħatra" hija frekwenti ħafna. Issa tgħiduli x'fiha ħażin li f'ilsienek ikollok din il-kelma? Il-fatt hu li dawn it-tfal u addoloxenti mhumiex jużaw biss il-kelma "imħatra" imma qegħdin jagħmlu wkoll l-imħatri għall-flus. Issa allura fl-iskejjel tagħna, kemm noqogħdu attenti għall-atteġġjamnet u lingwaġġ simili? U kemm qed naġixxu fuqu? Rigward l-edukazzjoni fost il-kbar, dan huwa importanti ħafna għax trid teduka lil min diġà qed jilgħab u trid tedukah sabiex kemm jista' jkun dan id-delizzju - għax fil-bidu hekk isejħulu – ma jispiċċax iġibu f'vizzju. Għalhekk huwa importanti ħafna li tingħata l-edukazzjoni għall-kbar minħabba l-ġestjoni tas-sitwazzjoni u l-kontroll.

F'Għawdex għandna l-Fondazzjoni OASI li tagħmel ħafna xogħol siewi. Minn hawnhekk nixtieq insellmilhom u nirringrazzjahom tax-xogħol li jagħmlu, imma din il-Fondazzjoni għandha problema minħabba nuqqas ta' fondi. Hemm bżonn ta' programmi apposta ħalli min qiegħed f'dan ir-riskju, nevitawlu milli jaqa' fil-vizzju. Min diġà qiegħed maqbud fix-xibka, irridu naraw kif se noħorġuh minnha u nirriabilitawh ħalli jkun hemm aktar stabbilità u normalità fil-ħajja familjari tiegħu. Fl-aħħar parti ta' dan l-intervent tiegħi nixtieq insemmi l-ħidma li qiegħda ssir fil-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali. Dan huwa kumitat parlamentari magħmul miż-żewġ naħat tal-Kamra u huwa attiv ħafna. Fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu dan il-kumitat għandu l-familja u dak kollu li jista' jsaħħaħha, imma anke dak li jista' jfarrakha.

Fil-fatt konna ddiskutejna s-suġġett tal-vizzju tal-logħob tal-ażżard u x'effetti qiegħed iħalli fuq il-familji. Wara li smajna l-esperti konna għamilna rakkmandazzjonijiet fejn l-enfasi kienet fuq l-edukazzjoni u l-protezzjoni ta' min huwa l-aktar vulnerabbli, speċjalment it-tfal li qed jiġu influwenzati ħafna minn dan it-tip ta' vizzju. Konna kkummentajna wkoll dwar ir-reklami li wieħed isib fil-*magazines* u fil-ġurnali ta' kuljum li jistgħu jħallu impatt negattiv fuq it-tfal. Bħala kumitat se nkomplu naħdmu f'dan il-qasam. Fil-fatt illum u għada hemm id-*DOHA Colloquium* li huwa *symposium* fejn id-diversi esperti u kelliema fil-qasam familljari se jiddiskutu l-familja moderna u l-isfidi li din trid tiffaċċja fid-dinja tal-lum.

Sur President, l-aħħar kumment tiegħi huwa f'forma ta' appell. Kull vizzju huwa ikrah u jista' jwassal għat-tifrik tal-familja. Għalhekk nappella lil dawk kollha li qegħdin f'riskju li jaqgħu f'xi vizzju u li jibżgħu għall-familja tagħhom sabiex ma jkunx il-vizzju li jieħu l-kontroll u jaħkem in-normalità tal-ħajja tagħhom ħalli ma jkunux huma stess ir-rovina tal-familja tagħhom, anzi għandhom jaraw kif se jaħdmu aktar sabiex isaħħu l-familja tagħhom. Dan għandhom jagħmluh għall-ġid tal-familja tagħhom u għall-ġid ta' uliedhom stess. Nirringrazzjak.

**<u>Voti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali</u>**
S 169 24.11.09

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, naħseb huwa doveruż li nifirħu lill-Ministru għall-aħbar li smajna. F'dawn l-aħħar xhur kellna diversi okkażjonijiet fejn ġiet diskussa l-familja u materji oħra relatati fejn semmejna l-isfidi moderni li qed tiffaċċja l-familja llum. Fil-fatt fid-diskors tiegħu l-Prim Ministru tkellem ħafna dwar il-familja u l-valuri tagħha, imma meta naraw fir-realtà x'qed isir għall-ġid tal-familji nsibu storja differenti għaliex żgur li mhux qed isir biżżejjed biex ngħinu lill-familji, u inqas u inqas qed isir biex inqas familji jispiċċaw fil-faqar u f'esklużjoni soċjali li dan kollu jġib miegħu. Min hu vulnerabbli m'aħniex qegħdin naqbduh fix-xibka tagħna u mhux qed jirnexxilna noħorġuh mill-għawġ u miċ-ċirku vizzjuż li jispiċċa jintefa' fih. Jidher li anke meta l-gvern ibiddel l-affarijiet qed jagħmel dan mingħajr ma qabel jagħmel l-istudju doveruż, jiġifieri l-istudju dwar l-impatt soċjali fuq il-familji tagħna. Dan qegħdin narawh ripetutament bil-konsegwenza li meta qegħdin jittieħdu d-deċiżjonijiet fuq livell governattiv dawn qed jimminaw l-istabbilità tal-familji tagħna.

Ara xi ħadd ma jaħsibx li ż-żidiet li qed ikollna - qed nirreferi b'mod partikolari għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma u issa wkoll irridu nibdew nitkellmu fuq il-gass, kif ukoll l-għoli tal-ħajja u l-inċertezza li teżisti fil-pajjiż - ma jkollhomx effett u ma jkollhomx *strain* fuq il-familji tagħna, u mbagħad jirriżultaw f'konsegwenzi u problemi familjari li qegħdin niffaċċjaw kuljum fil-qrati tagħna. Jien naħseb li jrid ikun *sine qua non* li qabel ma l-gvern jagħmel xi ħaġa jew jintroduċi xi tibdiliet isir studju soċjo-ekonomiku. Għal dan il-għan hemm id-dipartiment tal-familja fl-Università ta' Malta u hemm ukoll il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Familja li għandhom ikunu għodda utli ħafna biex dan l-istudju jkun jista' jiġi kkumpilat. Però jekk ma jkollokx riżorsi żgur li dawn l-affarijiet ma jistgħux isiru. Hija ħasra kbira li għandek nies li huma kompetenti ħafna li minħabba n-nuqqas ta' riżorsi mhux qed ikunu jistgħu jwettqu dan ix-xogħol għall-ġid tal-familji tagħna.

Meta mbagħad niġu għas-servizzi offruti lill-familji, meta ltqajt ma' tal-Appoġġ kienet qamet il-kwestjoni tar-riżorsi. Veru li l-vot f'dan il-*budget* żdied, però jien informata li dan mhuwiex biżżejjed. Jidher li lanqas hemm pjan biex jiġu riveduti l-kondizzjonijiet tal-ħaddiema għax f'dan is-settur il-kondizzjonijiet mhuma attraenti xejn, u allura inqas professjonisti qegħdin jitħajru jersqu lejn dan is-settur biex jaħdmu għall-ġid tal-familji tagħna. Żgur li jekk għandna esperjenzi ta' suċċess għandna naħdmu fuqhom u m'għandniex inkunu aħna li nkissruhom u nimminawhom għad-detriment tal-familji tagħna. Żgur ukoll li hemm bżonn li tiġi riveduta l-Liġi tal-Familja. Naf li dan mhuwiex il-ministeru li taħtu taqa' l-ġustizzja, però għandu jkun vejikolu importanti biex dan finalment isir. Għandna problema kbira minħabba l-inġustizzji li qegħdin isiru fil-qrati tagħna u hemm bżonn li tiġi ndirizzata. Jiena naħseb li huwa faċli li jiġi xi ministru minn tan-naħa l-oħra jgħidilna li qed jipprova jaqbad il-barri minn qrunu fis-settur familjari billi jattakka lis-*single mothers*! Però min-naħa l-oħra għandna lill-Prim Ministru li bl-ikbar ipokresija jiġi hawnhekk f'din il-Kamra u jgħidilna li għalkemm għandna din il-problema t-tfal ma jaħtu xejn. Jien naħseb li din hija politika ipokrita u ċertament li wieħed irid jinnotaha.

Niġi għall-kwestjoni tal-*sexual health policy* li l-Onor. Farrugia semmieha wkoll. Meta qegħdin ngħixu fi żmien kritiku fejn qed jinħass il-bżonn ta' din il-*policy*, iktar u iktar meta n-numru ta' *single mothers* u anke t-*teenage pregnancies* qegħdin jiżdiedu, f'dan il-*budget* ma rajna xejn. Familji b'saħħithom tfisser li jkollna trobbija tajba għal uliedna li jixirqilhom l-aħjar u l-aqwa, anke l-frott waqt il-ħin tal-iskola. Fil-fatt dan l-aħħar ġew imnedija l-i*standards* nazzjonali għat-trobbija tat-tfal fid-djar residenzjali u fil-*foster care*. F'dan il-*budget* qegħdin naraw ukoll illi l-*allowance* għat-tfal *in care* żdiedet u din hija xi ħaġa inkoraġġanti ħafna. Però kellna għalfejn nistennew dawn is-snin kollha biex naraw dawn it-tibdiliet? Meta niġu mbagħad għall-implimentazzjoni ta' dawn l-i*standards* hemm għalfejn nistennew għaxar snin oħra biex dawn jitwettqu? Il-*foster carers* qegħdin jistennew li jkun hemm iktar appoġġ għall-problemi li jistgħu jinqalgħu. Kumment li għamluli huwa li jixtiequ li l-linja diretta 179 tkun *manned* 24 siegħa kuljum għal kull eventwalità li tista' tinqala'.

Issa ngħid xi ħaġa dwar il-Kummissarju għat-Tfal. Kumbinazzjoni l-ġimgħa l-oħra fakkarna l-20 anniversarju tal-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Tfal. Żgur li ma nistgħux nibqgħu nindirizzaw il-bżonnijiet tat-tfal bil-mod sparpaljat kif qegħdin nagħmlu bħalissa. Żgur ukoll illi għandna bżonn kemm jista' jkun malajr struttura fiżika biex tilqa' lil dawk it-tfal bi problemi li għandhom bżonn ta' għajnuna u terapija. Ma nistgħux nibqgħu nitfgħu lit-tfal il-ħabs u Monte Carmeli għaliex m'għandniex dan il-post sigur fejn inqegħduhom. Nistaqsi jekk aħniex qegħdin nagħmlu biżżejjed biex nipproteġu lit-tfal kontra l-abbuż sesswali. Nappella wkoll għal żieda fil-pieni f'dawk it-tip ta' każijiet tant koroh u trawmatiċi. Nirrepeti li hemm bżonn li tidħol liġi tat-tfal. Inħoss ukoll li hemm bżonn isiru tibdiliet fil-liġi biex jidħol l-istitut tal-kuratur għat-tfal kemm *ad ventrem,* biex jiġu protetti t-tfal qabel it-twelid, kif ukoll dawk *ad litem,* ħalli waqt proċeduri bejn il-ġenituri tagħhom it-tfal ikollhom *say* f'dak li jkun qed jiġi diskuss u deċiż dwarhom. Ma jistax ikun li f'pajjiżna nibqgħu b'avukat tat-tfal wieħed għal Malta kollha, u fuq kollox ma jistax ikun li l-istitut tal-avukat tat-tfal jibqa' fl-arja u ħadd ma jaf eżatt xi rwol għandu.

Sur President, nixtieq nagħmel riferenza għal-liġi tal-adozzjoni. Fejn waslu l-proposti għall-emendi għal-liġi tal-adozzjoni? Nirreferi wkoll għal dak li qal is-segretarju permanenti, is-Sur Borg, li qiegħed preżenti f'din il-Kamra, li kull tifel u tifla li jispiċċaw bil-problemi huwa falliment tal-Istat. Qal ukoll li t-tfal u l-familji huma prijorità u li l-problemi ma jistgħux jistennew. Naqbel miegħu perfettament, u allura jiena nistaqsi x'qed jistenna l-gvern biex naraw x'se nagħmlu għal dawn it-tfal? Għaliex dawn it-tfal qed jaqgħulna barra mix-xibka? X'qed isir fl-iskejjel biex inkunu pronti għal kull eventwalità u problemi li jistgħu jinqalgħulhom it-tfal? Kemm qegħdin inkunu proattivi biex nidentifikaw lil dawk il-familji li potenzjalment jista' jkollhom problemi li jaffettwaw lill-familji tagħhom u t-trobbija ta' wliedhom u naħdmu fuqhom? Ir-risposta hi li sfortunatament qed isir ftit li xejn għax dejjem ninħbew wara l-problema tar-riżorsi u sadanittant, skont iċ-*child well-being index,* pajjiżna qiegħed fl-aħħar post fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u tifel jew tifla minn kull ħamsa qegħdin jgħixu fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali.

F'dan il-*budget* il-gvern qed jgħid ukoll li qed jieħu miżuri favur in-nisa. Din hija xi ħaġa tajba, anzi aħna ta' din in-naħa ngħidu li għandna bżonn ta' iktar minn dawn il-miżuri. Tajjeb li tingħata t-*tax refund*. Jien ukoll applikajt, imma għadni ma ħadt xejn! Però jien naħseb li għalkemm dawn il-flus jgħinu ħafna lill-familji meta jkollhom tarbija, din mhijiex ir-raġuni li mara toħroġ taħdem wara li twelled. Illum is-sitwazzjoni hija dik li hi, trid u ma tridx, trid toħroġ taħdem għax il-familji mhumiex qegħdin ilaħħqu mal-ħajja. Però żgur li l-uġigħ ta' ras għal kull mara, inkluża jien, hi fejn se tħalli t-tfal. Tajjeb li qed isir investiment fiċ-*childcare facilities* għaliex bħala pajjiż Ewropew qegħdin lura f'dan il-qasam skont il-*Barcelona objectives*.

Wara kollox x'inhu l-pjan tal-gvern dwar bilanċ bejn ix-xogħol u familja, għax għadna ma nafux? Qatt sar xi studju biex naraw x'jistgħu jaffordjaw iħallsu l-familji Maltin bħala miżati għas-servizzi taċ-*childcare*? Tajjeb li ngħidu li dan il-gvern ixxaħħaħ meta ried iżid il-*maternity leave* b'ġimgħa meta din kellha tkun bi ħlas. Din ovvjament riedet issir għax ridna nkunu konformi mal-minimu mitlub mill-Unjoni Ewropea. Tista' tipproponi l-Unjoni Ewropea li jkun imħallas mija fil-mija l-*maternity leave* għaliex qabel ma jkun sfurzat, dan il-gvern mhu se jiċċaqlaq qatt! Din rajnieha wkoll fl-emendi li saru aktar kmieni din is-sena għal-liġi dwar l-ugwaljanza.

Apparti l-*maternity leave,* żgur li hemm iktar x'jista' jsir. Per eżempju, il-*family friendly measures* għandhom ikunu ta' veru u mhux fuq il-karta biss u li jingħataw skont min tkun. Għandna bżonn nagħtu iktar spinta lit-*telework,* il-*flexiwork* u t-*tempting jobs*. Però fuq kollox nemmen li għandha ssir reviżjoni tal-*parental* u l-*paternity leave*. Fil-fatt rari nisimgħu diskors fejn l-importanza tar-rwol tal-missier qed tiġi enfasizzata. Illum il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa qed jitkellem kif għandek tinvolvi lill-irġiel bħala mezz biex nilħqu l-ugwaljanza bejn is-sessi. Jekk il-*parental leave* isir aktar attraenti għall-missirijiet, dan ikun ifisser li mhux il-mara bilfors trid tieħu l-*career break* u titlef l-opportunitajiet kollha li jkun hemm sakemm tkun barra mix-xogħol. Bilanċ ifisser li n-nisa u l-irġiel flimkien jippjanaw il-familja u x-xogħol tagħhom għall-ġid tal-membri kollha u l-iżbilanċ bejn il-koppja, bejn l-irġiel u n-nisa, jista' biss iġib diżgwid. Din hija r-raġuni prinċipali għaliex iktar ma

titla' 'l fuq fis-settur tal-pożizzjonijiet importanti inqas issib nisa. Fil-fatt skont rapport maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea qed jingħad hekk:

> *"The impact of parenthood on employment is negative for women whereas it is positive for men."*.

Din hija xi ħaġa li m'għandhiex tkun għax meta titwieled tarbija fil-familja l-ferħ li ġġib din it-tarbija ikun kemm għall-missier u kemm għall-omm u allura anke r-responsabbiltà tat-trobbija tat-tfal trid tkun kemm għall-missier u kemm għall-omm. Però kemm se ndumu nitkellmu dwar dan u Malta qatt ma jsir xejn? Fil-fatt jekk naraw il-*gender equality index* insibu li din is-sena erġajna waqajna lura. Mhux billi jiġi l-Prim Ministru hawnhekk jitkellem fuq il-parteċipazzjoni tal-mara, għaliex jekk il-Prim Ministru qabel ma ġie jitkellem hawnhekk ra l-*gender equality action plan* 2009/2010 tal-ETC kieku kien jitkellem mod ieħor. Fil-fatt skont dan l-*action plan* jirriżulta li l-impjieg fost in-nisa huwa ta' 38.6% meta l-*average* Ewropew huwa ta' 62.5%, filwaqt li r-rata għall-irġiel f'Malta hija ta' 72.7% li hija kważi d-doppju tar-rata għan-nisa. L-*employment level* li għandna f'Malta huwa l-iktar wieħed baxx fl-Unjoni Ewropea. X'qed isir mir-rapporti kollha li qegħdin isiru mill-NCP? Nixtieq inkun naf jekk hux qed isir *gender responsive budgeting* speċjalment f'dan il-*budget* partikolari.

Nixtieq nirreferi għas-settur tas-saħħa għax qed nara lill-Onor. Joseph Cassar. L-ewwel nett tajjeb li ġie ntrodott il-*breast screening programme.* Grazzi għan-nom tan-nisa kollha li ilhom jistennew dawn is-snin kollha. Però nistaqsi x'inhi r-raġuni li mara li jerġa' jitfaċċalha l-kanċer għat-tieni darba mhijiex intitolata għall-Herceptin b'xejn? Għamilt mistoqsijiet parlamentari, imma r-risposta dejjem tkun li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra. Nistaqsi wkoll x'qegħdin nistennew biex nattakkaw bis-serjetà il-faqar fost in-nisa. X'hemm maħsub għal dawk in-nisa li jibqgħu d-dar? Mela dawn mhux xogħol siewi qegħdin jagħmlu wkoll? Meta se nemendaw il-liġi kontra l-vjolenza domestika? Għada niċċelebraw il-jum dinji kontra l-vjolenza domestika. Għaliex mhix qed tiġi riveduta l-*policy* dwar ix-*shelters*, b'mod partikolari dwar iż-żmien massimu li mara u wliedha jistgħu joqogħdu f'dawn ix-*shelters*? Għaliex l-Istat qed jippermetti li l-vittmi tal-vjolenza jiffaċċjaw vjolenza doppja meta jinħarġu huma minn ġo djarhom u mhux il-parti vjolenti? Hemm bżonn ta' emenda fil-liġi. Fuq kollox nistaqsi rigward ir-*road map* fuq il-*gender issues* tal-Unjoni Ewropea u nippretendi li l-gvern xi darba jagħti rendikont ta' dan.

Il-persuni b'diżabilità qegħdin jissemmew ħafna fil-*budget* u hija xi ħaġa tajba wkoll. Però l-fatt li qed jiġi rikonoxxut li hemm bżonn ta' reviżjoni fil-politika naħseb li mhux biżżejjed, għax illum suppost qegħdin nitkellmu fuq fażi ta' ratifikar tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u suppost dan il-proċess diġà għadda. Naqbel li għandu jiġi rivedut ir-reġistru tal-persuni b'diżabilità għaliex għandna ħafna abbużi u fl-istess ħin għandna ħafna inġustizzji għax mhux qegħdin jiġu nklużi ħafna nies li qegħdin isofru minn xi tip jew ieħor ta' diżabilità. Naqbel ukoll mal-proposti li saru dwar il-postijiet tax-xogħol. Però nixtieq niġbed l-attenzjoni li matul is-sena li għaddiet waqt il-ġimgħa tal-persuni b'diżabilità kien tkellem iċ-*chairperson* tal-KNPD u kien qal li waqt laqgħa li għamel lill-*employers*, l-attendenza kienet fqira immens. Ovvjament irridu naraw ukoll ir-rispons mhux daqshekk sodisfaċenti tad-diversi skemi u inċentivi li kien hemm għall-*employers* biex jimpjegaw il-persuni b'diżabilità.

Jien nemmen ħafna li l-persuni b'diżabilità għandhom potenzjal enormi u hemm ħafna oħrajn li rridu nsegwuhom biex niskopru l-potenzjal li għandhom. Però irridu noqogħdu attenti li ma nitilqux mill-konċett li l-persuni b'diżabilità għandhom bżonn ta' ħafna *love and care,* u dan mhux neċessarjament isibuh fuq il-post tax-xogħol. Qed ngħid dan għaliex għandna ħafna istanzi ta' persuni b'diżabilità li qegħdin fuq diversi postijiet tax-xogħol u jispiċċaw *bullied* u sfruttati anke minħabba l-kondizzjoni tagħhom. Inħeġġeġ biex ikun hemm iktar *monitoring* u inforzar tal-liġi biex jipproteġu d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Nistaqsi x'ġara fuq l-abbozz ta' liġi dwar il-*guardianship* u fuq l-abbozz ta' liġi dwar is-saħħa mentali? Xi pjan għandu l-gvern biex iżid il-postijiet rikreattivi li huma aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità? X'ġara mis-suġġeriment li kont għamilt lill-Ministru aktar kmieni din is-sena dwar il-bajjiet aċċessibbli għax wara kollox il-persuni b'diżabilità għandhom dritt li jirrikreaw ruħhom kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa.

Rigward iċ-ċentri ta' matul il-jum nixtieq niġbed l-attenzjoni li ripetutament qed ikun problemi minħabba l-frustrazzjoni li qed tirrenja fost il-ħaddiema ta' dawn iċ-ċentri. Hemm il-kwestjoni tal-*allowance* li ttieħdet lill-klijenti bl-iskuża li se jintużaw waqt attività partikolari, u tajjeb li naraw dawn il-flus fejn qegħdin imorru. Nistaqsi għal darb'oħra għaliex it-trasport qed ikun daqshekk mezz ta' kif qegħdin jintnefqu l-flus li jieħu l-*bulk* tal-*budget* taċ-ċentri u mhux qed ikun daqshekk effiċjenti. X'se jiġri mir-*resource centre* ta' Corradino u x'se jiġri issa li ċ-ċentru ta' Pembroke ingħalaq? Hemm ħsieb li jinfetaħ ieħor? Il-ħin għalaqli, però nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jaħdmu fis-settur soċjali u grazzi ħafna tal-qalb kbira li għandu kulħadd. Nirringrazzjak, Sur President.

**Abbozz ta' Liġi li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Abbozz Nru 34**

S191 9.2.10

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, bħal kull sena wara li jiġi diskuss il-*budget* nerġgħu nifthu dan id-dibattitu biex ovvjament inkomplu nespandu fuq li nkunu għedna. B'dan il-mod, jekk ikun hemm xi fehmiet li rridu nippreżentaw, ikollna l-opportunità li nagħmlu dan. Kif kont qed ngħid, f'dawn l-aħħar ġimgħat u xhur f'diversi oqsma u konferenzi li kellna f'pajjiżna kienet qed tiġi diskussa ħafna u spikkat ħafna t-tema tal-familja, u r-raġuni hija li l-familja f'pajjiżna f'dawn iż-żmenijiet għaddejja minn ċerti żviluppi u minn ċertu taqlib. Huwa fatt li l-familji tagħna jinsabu għaddejjin minn sfidi ġodda minħabba affarijiet li qegħdin ngħixuhom fi żmenijiet kontemporanji li huwa opportun tajjeb u għaqli li nistudjawhom tajjeb, nitgħallmu minnhom u anke nevalwawhom fil-kuntest kemm kontemporanju kif ukoll fil-kuntest taż-żmenijiet imgħoddija ħalli nkunu kapaċi nilqgħu u naħsbu għall-futur tagħna kemm bħala ċittadini kif ukoll bħala pajjiż in ġenerali.

Mr Speakefr, naħseb illi spiċċa ż-żmien li nqisu l-problemi familjari in iżolament bħala xi ħaġa li tiġri bejn l-erba' ħitan tad-djar. Jiena nemmen li problemi fl-iktar ċellola bażika tas-soċjetà tagħna jkollhom effett amplifikat fuq is-soċjetà in ġenerali. U allura l-problemi familjari huma problemi tagħna lkoll u huwa d-dmir tagħna li proprju minn hawn ġew nibdew nindirizzawhom bis-serjetà. Diskors dwar il-familja nisimgħuh anke minn diversi esponenti tal-gvern imma ovvjament meta mbagħad niġu għat-twettiq tal-ġid tal-familji hawnhekk niġu għal storja differenti. Dan qed ngħidu għax żgur li mhux qed isir biżżejjed biex ngħinu lill-familji tagħna li qegħdin fi problemi u inqas u inqas qegħdin nagħmlu biex ngħinu familji li qegħdin *on the verge* tal-problemi. Ovvjament imbagħad dawn jispiċċaw bil-problemi u l-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu.

Mr Speaker, jiena qed nirreferi b'mod partikolari għall-faqar u l-esklużjoni soċjali. Jidher li kull meta l-gvern jiġi biex ibiddel xi ħaġa, dan jagħmlu mingħajr ma jsir studju. Aħna ta' din in-naħa dejjem insistejna li kull meta jsir ċertu tibdil dan għandu jsir fl-isfond u wara li jkun sar studju soċjo-ekonomiku, biex ovvjament naraw l-impatt soċjali fuq il-familji tagħna. Dan qed ngħidu aktar u aktar fil-kuntest taż-żidiet fit-tariffi tad-dawl u tal-ilma u iktar u iktar illum il-ġurnata fejn qegħdin nisimgħu wkoll dwar iż-żidiet li mistenni li jkun hemm għar-rigward il-provvista tal-gass. F'pajjiżi oħra l-prezz tal-gass qed jorħos imma f'pajjiżna se jiġri bil-kontra u dawn il-piżijiet kollha qed joħolqu *strain* fuq il-familji tagħna.

Xtaqt nirreferi għal dak li qal l-Onor. Dalli dan l-aħħar. Dan l-aħħar kien hemm il-konferenza nazzjonali dwar il-familja u l-Onor. John Dalli qal hekk:

"Għandu jkun hemm sforz ġenwin u qawwi bejn il-forzi politiċi, ekonomiċi u soċjali biex il-familji f'pajjiżna jkomplu jissaħħu billi jsiru għażliet responsabbli li jħarsu lejn il-ġejjieni tal-familji tagħna.".

Ovvjament dan id-diskors jgħodd għall-gvern ukoll għaliex jekk il-gvern stess ma jiħux deċiżjonijiet responsabbli, allura żgur li ma jistax jippretendi li jkun hemm ħaddieħor li jieħu dawn ir-responsabbiltajiet. B'dispjaċir kbir ngħid li jiena personalment lill-gvern illum il-ġurnata narah bħala l-ikbar għadu tal-familji tagħna għaliex qed ikompli jagħsarhom b'piżijiet li ma jifilħux għalihom. Il-koppji tagħna jridu jaħdmu kemm jifilħu biex iżommu l-familja tagħhom għad-detriment imbagħad tal-ħajja familjari.

Illum nafu ukoll anke mill-istudji li qed nagħmlu mil-laqgħat fil-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali li l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja illum huwa meqjus bħala wieħed mid-dilemmi kbar li qed jiffaċċjaw il-familji tagħna. Anke fil-kontest li qed jgħidulna m'hemm l-ebda formula speċifika li kull familja tista' tadotta. M'hemmx soluzzjoni *one size fits all* imma hija xi ħaġa li trid tittekiljaha l-koppja fi sfond u f'qafas provdut mill-istat.

F'pajjiżna xbajna nisimgħu bil-*family-friendly measures* u miżuri oħrajn, pero' bir-rispett kollu, għalkemm għandna ħafna minn dawn fuq il-karta, meta imbagħad tiġi għas-*si* u n-*no* hemm fattur importanti li ma jridx jiġi skartat. Hemm element ta' diskrezzjoni qawwija. Meta inti tapplika suppost hemm il-kriterji li wieħed għandu jissodisfa pero' imbagħad meta tiġi għas-*si* u n-*no*, dan l-element ta' diskrezzjoni qed iwassal ukoll għal każijiet ta' diskriminazzjoni. Għalkemm nitkellmu fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, għalkemm huwa konvenjenti għall-gvern li jitkellem fuq dan il-binarju, fir-realta' s-sitwazzjoni mhijiex hekk. Ovvjament dan qed narawh rifless fl-opportunitajiet tal-impjiegi. Fil-fatt jekk naraw daqsxejn il-*gender equities*, il-*quality action plan* għas-sena 2009/2010 - u dan huwa studju tajjeb li għamlitu l-ETC - jirriżulta li *female employment* huwa 38.6% meta l-*average* fl-Unjoni Ewropea huwa dak ta' 62.5%. Dan jikkuntrastja meta l-*employment rate* għall-irġiel f'Malta hija d-doppju, li hija 72.7%. Dan minkejja l-fatt li n-numru ta' gradwati nisa mill-universita' ta' Malta u minn istituzzjonijiet oħrajn huwa iktar min-nofs tal-gradwati kollha.

Skont dan ir-rapport kif ukoll rapport ieħor maħruġ mill-kummissjoni nazzjonali għall-promozzjoni tal-ugwaljanza, d-diffikultajiet kbar li jeżistu għan-nisa biex jidħlu fis-settur tax-xogħol u jibqgħu fis-settur tax-xogħol huma abbinati ħafna mal-familja speċjalment meta jkun hemm it-tfal u jkun hemm pjanijiet biex jiġu t-tfal. Żgur li f'dan il-kontest irridu nitkellmu fuq l-adegwatezza jew le tal-*childcare provision* f'pajjiżna. Nafu li pajjiżna huwa fl-aħħar post fil-provvista ta' *childcare* u ovvjament din trid tiġi indirizzata għax irridu nkunu realistiċi u rridu ngħiduha kif inhi li l-ikbar uġigħ ta' ras li jkollhom il-ġenituri speċjalment l-ommijiet meta jiġu biex jiddeċiedu joħorġux jaħdmu jew le, hija appuntu fejn se jħallu lit-tfal. L-investiment fiċ-*childcare facilities* huwa xi ħaġa li għandna nħarsu lejha bis-serjeta'. Ovvjament dan wara kollox jinkwadra ruħu wkoll fil-*Barcelona Objectives.*

Pero' biex inkun qed nitkellem fuq stampa ikbar, jien min-naħa tal-gvern qatt ma rajt ebda *policy document* jew *policy* ħolistika dwar il-pjan tal-gvern għar-rigward il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja. Vera li għandek miżuri u skemi sporadiċi, pero' bħala studju jew bħala *policy* ħolistika m'għandniex u naħseb li huwa opportun li anke fil-kuntest ta' provvista ta' *childcare facilities* għandu jsir studju anke għar-rigward il-miżati. Irridu naraw il-familji tagħna kemm jistgħu jħallsu, kemm jifilħu jħallsu għax inutli jkollok provvista ta' *childcare facility* u l-koppji tagħna ma jistgħux jaffordjaw li jħallsu. Veru li kien hemm iċ-*childcare facility scheme* li hija miżura proviżorja pero' rridu nħarsu iktar *long term.*

Mr Speaker, irridu nistudjaw bir-reqqa s-suċċess ta' pajjiżi oħrajn. Per eżempju l-pajjiżi Skandinavi li huma l-aħjar mudelli. Illum il-ġurnata anke Slovenja, per eżempju, għamlet qabżiet kbar għal dak li jirrigwardja dan il-qasam. Nemmen ukoll li għandna dipartiment fl-universita', id-dipartiment tal-familja, li jista' jieħu rwol iktar prominenti f'dan il-qasam għax jekk inti għandek dipartiment u għandek nies kompetenti li jaħdmu u joperaw ġewwa fih, hija ħasra li dan id-dipartiment ma jiġix fornut bir-riżorsi biex naħdmu fuq din it-tip ta' politika. Ovvjament imbagħad jidħol ukoll l-element ta' riċerka li jista' jagħmel dan id-dipartiment. Jista' jkollna wkoll *policy* abbażi l-informazzjoni u jista' wkoll jixpruna ħidma interministerjali bl-injezzjoni meħtieġa ta' riżorsi kemm umani u kemm materjali.

Mr Speaker, irrid ngħid ukoll li illum il-kumitat tal-ministri tal-kunsill tal-Ewropa qed jitkellem ħafna iktar fuq l-aspett tal-importanza tal-missier fl-involviment tal-familja biex ovvjament tingħata ċans il-mara. Per eżempju jissemma l-immodifikar tal-*parental leave* li jrid isir iktar attraenti biex l-irġiel ikunu huma li joqogħdu d-dar jieħdu ħsieb it-tfal. Ovvjament b'dan il-mod il-*leave* ma teħdux il-mara imma jeħduh forsi t-tnejn biex ovvjament ikun hemm il-bilanċ fl-irwoli.

Ovvjament, kif għedt qabel, rigward il-*family friendly measures* nitkellmu ħafna fuq it-*teleworking,* il-*flexy work* u dan l-aħħar ukoll qed nisimgħu ħafna fuq il-ħtieġa tal-*job sharing* u tat-*temping jobs,* pero' imbagħad hija ħasra kif meta imbagħad kien hemm proposta fuq livell tal-Unjoni Ewropea għall-estensjoni tal-*maternity leave* din waqfet. Huwa inkwetanti wkoll il-fatt li fis-settur privat qegħdin ħafna agħar mis-settur pubbliku għax waqt seminar li ġie organizzat il-ġimgħa l-oħra fuq livell ta' partit, ħarġet statistika importanti fejn irriżulta li 76% tal-kumpaniji privati lanqas għandhom *family friendly policy.* Din ovvjament ma tirriflettix tajjeb għall-ġejjieni. Kumment li għamlu dawn l-

imprendituri kienet li huma jridu jaraw minn fejn se jsostnu dawn it-tip ta' *family policies* u l-gvern ma jagħtix għajnuna. Ovvjament iridu jsiru diskussjonijiet għax kemm mill-gvern, kemm mis-settur privat u kemm ukoll mir-rappreżentanti tad-dipartiment tal-familja u anke mill-kummissjoni tal-familja biex ikollna politika tal-*family-friendly measures* li tkun ħolistika u tkun *across the board* għaż-żewġ setturi.

Tajjeb li nibdew nitkellmu wkoll dwar in-nisa li jibqgħu d-dar. Minkejja li ngħidu li l-mara hija apprezzata kemm jekk taħdem barra u kemm jekk tibqa' d-dar, ir-realta' mhijiex hekk. Naħseb li wasal iż-żmien li nibdew nitkellmu fuq rikonoxximent formali tax-xogħol li l-mara tagħmel fid-dar, anke fil-forma ta' xi remunerazzjoni jew xi benefiċċju jew xi *allowance*. Fuq kollox żgur li rridu nassiguraw li l-mara tingħata d-dinjita' tagħha. Żgur li l-każ li rajna fil-ġurnali dan l-aħħar ta' mara li kellha twelled kważi fil-bieb tal-isptar huwa inċident deplorevoli ħafna u żgur imur kontra mhux id-dinjita' ta' din il-mara biss, imma kontra d-dinjita' tan-nisa kollha. Nispera minn qalbi li ma nerġgħux nisimgħu b'affarijiet barbariċi bħal dawn.

F'dan il-kontest ukoll xtaqt insemmi l-*policy* tal-gvern tal-Herceptin. Mara li jitfaċċalha l-kanċer għall-ewwel darba għandha dritt għal Herceptin b'xejn, imma jekk jerġa' jitfaċċa l-kanċer għat-tieni darba l-gvern ma jfornix il-Herceptin b'xejn. Jekk hemm dan id-difett fil-*policy* għandu jiġi indirizzat immedjatament. Għamilt ma nafx kemm-il mistoqsijiet parlamentari, s'issa naħseb li jammontaw għal xi tużżana, però s'issa għadni ma ngħatajtx tweġiba u nispera li meta jkun hemm ir-*reshuffle* ikolli t-tweġiba li qed nistenna.

Mill-aspett ta' saħħa llum iktar minn qatt qabel qed tinħass il-ħtieġa li jkun hemm il-*gender budgeting* li jkun għodda utli ħafna għall-ħarsien tas-saħħa tal-mara. Dan wara kollox kif qed jitkellmu fil-kunsill tal-Unjoni Ewropea. Żgur li rridu naraw ukoll it-trobbija tat-tfal tagħna għax familji b'saħħithom ifissru trobbija tajba għal uliedna li jixirqilhom l-aħjar u l-aqwa. Ngħid dan ukoll fil-kuntest tal-frott tal-iskola, għax dan l-aħħar, filwaqt li kullimkien fl-Ewropa għaddejja kampanja dwar l-importanza u l-utilita' li t-tfal jieħdu l-frott waqt il-ħin tal-iskola, aħna f'pajjiżna, għax aħna dejjem *the odd one out* mid-dehra nqalgħet polemika fuq din ukoll fejn it-tfal lanqas m'hu qed jingħataw il-frotta sħiħa waqt il-ħin tal-iskola.
Xtaqt nagħmel riferenza ukoll għat-tnedija riċenti li saret tal-i*standards* nazzjonali għat-trobbija tat-tfal fid-dar residenzjali u tal-*foster care.* F'dan il-*budget* li sar fl-aħħar tas-sena l-oħra kien hemm ukoll żieda fl-*allowance* tat-tfal *in care,* u din hija xi ħaġa pożittiva ħafna, kif kienet pożittiva ukoll il-kampanja biex jiżdiedu l-*foster carers.* Dawn l-affarijiet ġew wara ħafna snin twal ta' *foster carers* u ta' nies involuti fis-settur li litteralment kienu qed jokorbu għal dawn ir-riformi. Waqt il-konferenza li attendejt għaliha fejn ġew imnedija dawn l-i*standards,* intqal ukoll li dawn il-miżuri li kien hemm ippjanati qegħdin fuq medda ta' għaxar snin. Kien qam *foster carer* li qal li ilu jistenna ħafna, u ma jħossx li hu sew li għandu jkompli jistenna dan iż-żmien kollu biex jibda jara xi ħaġa tiċċaqlaq. Naħseb li dan ir-raġel għandu raġun għax jekk il-gvern kien qed jaħseb fuq dawn l-i*standards* ovvjament messu ħaseb biex dawn l-i*standards* jidħlu b'mod immedjat u mhux b'mod daqshekk *long-term.* U mill-informazzjoni li għandi jekk il-gvern jinjetta l-fondi li hemm bżonn ovvjament dan it-terminu m'għandux għalfejn ikun daqshekk twil u allura l-effetti tajbin u l-benefiċċji nkunu nistgħu narawhom anke qabel.

Anke dwar il-politika tat-tfal m'għandniex politika tat-tfal li hija konċentrata fuq il-bżonnijiet tat-tfal. Kollox sew, għandna *blanket provision* fil-liġijiet ta' Malta li tgħid li l-aħjar interessi tat-tfal jipprevalu. Kollox sew għandna konvenzjoni internazzjonali tat-tfal li ġiet iffirmata u ratifikata f'pajjiżna pero' sfortunatament, it-tfal li iktar huma vulnerabbli f'pajjiżna m'għandniex l-istrutturi meħtieġa biex nieħdu ħsiebhom. Qed nirriferi in partikolari għal dawk it-tfal bi problemi li għandhom bżonn għajnuna u terapija. Dawn m'għandniex fejn nilqgħuhom u qed nispiċċaw nibagħtuhom jew il-ħabs jew Mount Carmel u allura ovvjament il-problema minflok tiġi indirizzata qed tiġi iktar aggravata u dawn it-tfal qed jiġu stigmatizzati minn eta' żgħira.

Hemm bżonn illum iktar minn qatt qabel li tidħol liġi tat-tfal. F'dan il-parlament ili ħafna nitlob li ssir din il-liġi tat-tfal, u anke fil-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali. Pajjiżi li aħna nqisuhom inqas żviluppati

minna għandhom il-liġi tat-tfal u allura ma nistax nifhem għalfejn f'pajjiżna m'għandux ikollna din il-liġi.

Dan l-aħħar ukoll fil-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali qed nitkellmu ukoll fuq il-kuratur *ad ventrem,* li hija sistema ta' statut legali li permezz tagħha tkun tista' tiġi protetta t-tarbija meta tkun għadha fil-ġuf tal-omm. U llum fil-kuntest tad-drittijiet tat-trabi sa minn qabel jitwieldu, naħseb li llum il-ġurnata hija iktar valida u hija iktar pertinenti li nistudjaw bħala kumitat u nagħmlu l-proposti biex dik timmaterjalizza ruħha u tiġi formulata f'liġi.

Finalment għar-rigward il-qasam tat-tfal nixtieq nikkwota dak li qal is-Sur Borg li huwa s-segretarju permanenti fi ħdan il-ministeru għall-politika soċjali. Dan qal li kull tifel u tifla li tispiċċa bi problemi huwa falliment tal-gvern. Jien allura lil min ġej minflok il-Ministru Dalli, li ovvjament se jkun jew se tkun responsabbli mill-qasam tat-tfal ngħidlu li jekk għandna dawn it-tfal li qegħdin bi problemi, allura awtomatikament jirriżulta b'mod ċar li hemm il-falliment tal-istat allura nappellaw biex kemm jista' jkun malajr nibdew nidentifikaw lil dawk it-tfal fl-iskejjel tagħna li potenzjalment jistgħu jimmanifestaw ċerti problemi biex naġixxu fuqhom kemm jista' jkun malajr. Qed ngħid dan fil-kuntest ukoll li skond iċ-*child well-being index* f'pajjiżna t-tfal ta' pajjiżna qegħdin fl-aħħar post. Dan qed ngħid b'dispjaċir kbir għax ovvjament nixtieq li t-tfal ta' pajjiżna jkunu fl-aħjar u fl-aqwa livelli fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.

Dwar il-persuni b'diżabilita' aħna kontinwament inżommu f'moħħna li l-persuni b'diżabilita' għandhom kull dritt li jgħixu ħajja kemm indipendenti, dinjituża kif ukoll produttiva. Żgur li f'dan il-qasam għad baqa' ħafna xi jsir speċjalment għal dak li jirrigwardja l-għajnuna lill-familji tal-persuni b'diżabilita' u iktar u iktar għal dak li jirrigwardja s-servizz individwali li jkollhom bżonn persuni b'diżabilita' u l-familji tagħhom. Nemmen bi sħiħ li huwa dmir tal-gvern li f'dawn il-każijiet tat-tbatija jintervjeni u jagħti l-għajnuna meħtieġa immedjatament. Ta' kull sena meta jkollna l-ġimgħa tal-persuni b'diżabilita' nitkellmu fuq il-konvenzjoni internazzjonali dwar il-persuni b'diżabilita' li ġiet iffirmata mill-gvern pero' minkejja li Malta saret firmatarja ta' din il-konvenzjoni għad jonqos l-iktar pass importanti li huwa r-ratifikar ta' din il-konvenzjoni. Jidher li l-kummissjoni nazzjonali għal persuni b'diżabilita' ilha li ssottomettiet ir-rakkmandazzjonijiet tagħha lill-gvern biex ovvjament inkunu nistgħu niġu *in line* mal-konvenzjoni biex tiġi ratifikata u ovvjament il-persuni b'diżabilita' jsaħħu d-drittijiet li huma għandhom. Min-naħa tal-gvern jidher li wasalna sa *standing point* li mhux qed jaġixxu fuqha. Għalkemm il-kummissjoni qed tgħid li jridu jinbidlu dik u dik, min-naħa tal-gvern qed ikun hemm it-tkaxkir tas-saqajn u dan ovvjament qed itawwal il-proċess ta' ratifikat.

Mr Speaker, irrid ngħid li għall-konferenza l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' din is-sena kumbinazzjoni għażlu tema importanti ħafna li hija tema relatata max-xogħol. Fil-kuntest tal-persuni b'diżabilita' l-valur tax-xogħol naħseb li jakkwista valur iktar importanti fil-kuntest ovvjament tal-ugwaljanza u għat-trattament ugwali. F'pajjiżna għandna liġi għall-opportunitajiet indaqs, kif għedt qabel, pajjiżna wkoll iffirma l-konvenzjoni internazzjonali tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilita' u għandna wkoll liġi li tmur lura sal-1969. Meta qed nitkellmu fuq drittijiet tal-persuni b'diżabilita' liġijiet fuq il-karta għandna, pero' imbagħad meta niġu għall-attwalita', għar-realta', f'dan il-qasam għadna lura mmens.

Il-liġi tal-1969, li ovvjament ġiet emendata matul is-snin, tirrigwardja l-impjiegi fejn bis-saħħa ta' din il-liġi stess hemm impjiegi garantiti ta' 2% għal persuni b'diżabilita'. Meta nsemmu dawn it-2%, li qisha hija xi kwota riservata għal persuni b'diżabilita', fl-opinjoni tiegħi hija tip ta' diskriminazzjoni pożittiva biex ovvjament nippruvaw negħlbu l-ħitan li jimblokka l-aċċess għad-dinja tax-xogħol. Meta nqisu dawn it-2% jien nistaqsi, imma fir-realta' kemm teżisti din? Kemm hemm intrapriżi, u fuq kollox il-gvern qed jimpjega 2% tal-*workforce* tiegħu li huma persuni b'diżabilita'? Jien meta għamilt mistoqsijiet parlamentari dan ma rriżultax. Jekk qed naraw li din il-liġi wara dawn is-snin kollha, li ilha fis-seħħ din ma ħadmitx, ma tatx il-frott mixtieq allura naħseb li *its about time* li naraw għaliex u naraw x'hemm bżonn isir biex din il-liġi ssir effettiva. Dan ngħiduh iktar u iktar għax nafu li minkejja li ħafna persuni b'diżabilita' jixtiequ jidħlu fid-dinja tax-xogħol u jixtiequ jkunu produttivi, pero' qed jiġu mċaħda mid-dritt tax-xogħol minħabba l-kondizzjoni tagħhom. Hemm

diskriminazzjoni qawwi li qed isseħħ fil-konfront tagħhom u hemm anke ċertu element ta' *bullying* meta jiġu għall-impjiegi.

Nixtieq insemmi wkoll id-*disablement resettlement unit* li hemm fi ħdan l-ETC. Hawn irridu naraw jekk din il-*unit* hijiex tilħaq l-għanijiet tagħha jew le. U tajjeb li nitkellmu fuq dawn l-affarijiet għax illum il-ġurnata skont l-istatistika li ġiet provduta lilna llum 3% tal-popolazzjoni ta' pajjiżna huma persuni b'diżabilita'.

Xtaqt insemmi xi ħaġa li ltqajt magħha dan l-aħħar ukoll. Bħala partit kellna laqgħa mal-Malta Guide Dogs Foundation li hija dik il-fondazzjoni li tipprovdi klieb għal persuni neqsin mid-dawl. Dawn il-persuni spjegawlna x'inhu l-proċess biex persuna nieqsa mid-dawl ikollha kelb li jista' jiggwidaha. Spjegawlna wkoll li kelb li jiggwida persuna nieqsa mid-dawl jiswa €12,000 u ovvjament biex persuna jkollha dan il-kelb li jkun *trained* hemm proċess fi ħdan il-fondazzjoni però hemm limitazzjonijiet minħabba l-flus, għax kif għedt qabel il-*guide dogs* jiswew il-flus. Waħda mit-talbiet tagħhom kienet għaliex m'għandux ikun hemm *budget* allokat għalihom biex huma jkunu jistgħu jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex tiżdied il-fornitura ta' dawn il-*guide dogs* biex il-persuni neqsin mid-dawl ikollhom il-gwida meħtieġa biex jgħixu ħajja iktar indipendneti. Tkellimna wkoll dwar iċ-ċentru għal persuni neqsin mid-dawl u dwar il-ħtieġa li f'dan iċ-ċentru jkun hemm qabża fil-kwalità anke minħabba d-diffikultajiet u l-istruttura ħażina li hemm. Dawn spjegawli li kieku l-persuni neqsin mid-dawl kienu jaraw kieku jibżgħu jidħlu hemm ġew. Għar-rigward it-tuition, it-*training* li jingħata hemmhekk inġibditilna l-attenzjoni li hemm bżonn li minflok jgħaddu l-ħin, huwa utli li jingħataw ħiliet biex ikunu jistgħu jiġġestixxu d-diżabilità tagħhom.

Hemm ukoll il-kwestjoni tal-persuni li jkunu vittma ta' xi disgrazzja u allura jispiċċaw b'diżabilità permanenti. Sfortunatament il-liġi tagħna tagħmel distinzjoni bejn min jitwieled b'diżabilità u min jitwieled mingħajr id-diżabilità imma minħabba xi diżgrazzja jew inċident jispiċċa b'diżabilità. Filwaqt li fl-ewwel każ hemm il-pensjonijiet u l-benefiċċji, fit-tieni każ m'hemmx u allura minħabba dan id-difett fil-liġi qed issir diskriminazzjoni bejn il-persuni b'diżabilità nnifishom. Nemmen li din il-*policy* għandha tinbidel kemm jista' jkun malajr għax kemm jekk titwieled b'diżabilità u kemm jekk eventwalment tiġi b'diżabilità s-sitwazzjoni ta' ħajtek hija l-istess u l-bżonnijiet u l-*burdens* huma l-istess kemm għalik kif ukoll għall-familja tiegħek.

Dwar iċ-ċentri għat-taħriġ għall-adulti l-istess kemm-il darba tkellimt f'dan il-Parlament u kull meta tkellimt kien għar-raġuni li jkun hemm xi ġenituri jew ikun hemm xi ħadd li jiġbidli l-attenzjoni dwar il-kondizzjoni ħażina li hemm f'dawn iċ-ċentri. Repetutament u ilment rikorrenti huwa l-frustrazzjoni li teżisti fost il-ħaddiema taċ-ċentri. Fil-fatt kont għamilt xi mistoqsijiet parlamentari dwar it-*turnover* tal-i*staff* u ħareġ ċar mir-risposti li ngħatajt li fi ftit xhur kien hemm taqlib relattivament kbir tal-ħaddiema. Fil-fatt, bħalissa qed tiġi ċirkolata petizzjoni fiċ-ċentri tal-adulti fejn min qed jiffirma mhux qed jaqbel li jkun hemm *staff movement* ta' dawn iċ-ċentri għax dan kollu qed ikollu effett negattiv fuq il-klijenti taċ-ċentri u qed ikun kontroproduttiv għall-ħidma li qed jagħmlu. Dawn il-ħaddiema jgħidulek li qegħdin hemmhekk mhux għax ix-xogħol tagħhom huwa hekk imma għax jemmnu li l-persuni b'diżabilità jixirqilhom servizz ta' kwalità u jagħmlu dan ix-xogħol minn qalbhom b'sens ta' missjoni kbira. Mhux l-ewwel darba li appellajt biex l-awtoritajiet jagħtu kas ta' x'qed jiġri fiċ-ċentri speċjalment min-naħa tal-Gvern però jidher li xahar wara ieħor, sena wara oħra din il-problema qed tkompli tiggrava ruħha u kemm-il ħaddiema kif ukoll il-kondizzjoni tal-klijenti ta' dawn iċ-ċentri sejra għall-agħar.

Fl-aħħar nixtieq nitkellem ftit dwar Għawdex. Qed nara l-Ministru għal Għawdex faċċata tiegħi. Id-diċeriji huma dawk li huma imma wieħed irid jara x'se jkunu r-riżultati tad-diċeriji. Jiena dejjem nispera li l-ġid ta' Għawdex ikun fuq nett. Dan qed ngħidu għax sfortunatament l-affarijiet f'Għawdex għalkemm in-naħa tal-Gvern ipinġuhom bil-kuluri *pastel*, ir-realtà mhijiex hekk. Altru r-realtà taraha kif inhi u altru toqgħod tpinġiha. Ovvjament meta tpinġiha tidher isbaħ imma fir-realtà ma tkunx.

Qed ngħid dan għax dan l-aħħar ġiet ippubblikata statistika fejn irriżulta li l-qagħda soċjo-ekonomika ta' Għawdex sejra lura. Reġa' kellna l-istatistika fejn qed tgħidilna li l-qgħad żdied u per

konsegwenza awtomatika dan jaffettwa l-livell tal-għixien tal-Għawdxin. Fid-diskors tal-*budget* kont insistejt ħafna dwar il-fatt li l-faqar f'Għawdex qed jgħolli rasu u nemmen li lanqas nistgħu nkomplu ninjorawh. Ħafna jgħidulek li sakemm m'għandniex tallaba fit-toroq l-affarijiet mhumiex daqshekk gravi. Il-faqar u l-esklużjoni soċjali mhuwiex dak il-faqar li elimina Gvern Laburista meta tela' fil-gvern u neħħa t-tallaba mit-toroq u neħħa l-qamel mill-irjus tan-nies imma huwa tip ta' faqar kontemporanju fejn jekk tkun imċaħħad jew ma tistax tipparteċipa *to the full* fil-ħajja tiegħek inti meqjus li qed tgħix fil-faqar jew f'riskju ta' faqar. F'Għawdex għandek kemm trid ċirkostanzi bħal dawn. Jekk iddur dawra fl-iskejjel, per eżempju, tinduna li jkollok ħafna ġenituri li mhux qed jibagħtu t-tfal għall-ġiti u għall-attivitajiet tal-iskola għax ma jistgħux jaffordjaw, u dan huwa tip ta' faqar li huwa ċar u manifest.

Ili s-snin ngħid li għar-rigward Għawdex hemm bżonn li jkun hemm studju partikolari. Fil-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali konna ddiskutejna rapport li sar minn Dr Angela Abela u minn Fr Chalres Tabone però dan l-istudju li sar meta daħal fil-fond fir-realtà soċjali u kulturali ta' pajjiżna waqaf sal-Mellieħa. Jien għedtilhom li f'rapport u studju bħal dan messhom qasmu l-fliegu u raw daqsxejn x'inhi s-sitwazzjoni reali ta' Għawdex. Hemm bżonn li jsir dan it-tip ta' studju biex imbagħad skont ir-riżultanzi li jkollna jsir programm li, jekk hemm bżonn, ikun b'sinerġija sħiħa bejn il-ministeri differenti u jkollna programm ħolistiku li jolqot il-problemi endemiċi li dejjem laqtu lill-Għawdex però li llum iktar qed jippenetraw fil-fond u ovvjament qed jaffettwaw il-*way of life* tagħna lkoll.

Nixtieq nerġa' nagħmel riferenza għal dak li qal l-isqof ta' Għawdex għax sakemm qed nitkellmu aħna biss, forsi dak li jkun jgħid għax dejjem inpinġu kollox iswed imma llum il-ġurnata għandna l-isqof ta' Għaqdex li perjodikament qed joħroġ jitkellem barra mingħajr ma jiddejjaq minn ħadd u qed jgħid l-affarijiet kif verament huma. Dan qed jinkwieta ruħu fuq il-qagħda li hemm f'Għawdex. Per eżempju qalilna li min għandu l-viżjoni ta' Għawdex ma jistax ma jitħassibx quddiem il-fatt li s-settur tal-impjiegi sejjer lura, ma jistax jgħid li dan kollu jawgura futur. Dan x'qed jgħid l-isqof ta' Għawdex u aħna ta' din in-naħa dejjem inkwetajna fuq dawn l-affarijiet, dejjem tkellimna fuqhom, imma mbagħad iqumu tan-naħa l-oħra bil-kemm ma jipprovawx jirredikolawna. Min imur fid-djar u min jisma' lin-nies u l-weġgħat tan-nies jaf x'jien ngħid u jaf li t-tbatija f'Għawdex qed tikber. L-isfortuna hija li dejjem nipprovaw nostru kollox taħt it-tapit.

Fil-ftit ħin li baqgħali xtaqt nagħti xi eżempji ta' tmexxija ħażina li hemm f'Għawdex. Din mhijiex xi waħda minn dawk l-affarijiet li tisma' għax f'Għawdex tisma' ħafna affarijiet però se nirreferi għal x'qal l-awditur ġenerali fir-rapport li ħareġ. L-awditur ġenerali iffoka fuq żewġ oqsma li fl-opinjoni tiegħi huma importanti ħafna u jolqtu ħafna nies. L-ewwel item kien dwar l-isptar ġeenrali ta' Għawdex li huwa l-ikbar dipartiment tal-gvern f'Għawdex u l-iktar li jimpjega nies. Skont l-awditur, fl-isptar hemm taħwid kbir, hemm rebus sħiħ. Ilna nafu li fl-isptar hemm taħwid kbir però issa ġie konfermat iswed fuq l-abjad mill-awditur. Jidher li hemm nuqqas ta' kontroll, hemm nuqqasijiet kbar u l-awditur stess qed jiġbed l-attenzjoni għal diversi irregolaritajiet u nfiq li mhumiex *accounted for*. Ħaġa li żgur belħet lil kulħadd meta ħareġ dan ir-rapport hija li kienu qed joħorġu ikliet għal 2,954 persuna iktar milli kien hemm pazjenti. Issemmew ukoll diversi irregolaritajiet ta' kif jinxtara l-ikel u anke kif jitħallas u ssemmew ukoll irregolaritajiet dwar ir-regolamenti tal-VAT li mhux qed jiġu mħarsa. Jissemma wkoll il-*procurement* tal-*medical supplies* fejn hemm ukoll nuqqas ta' *stock records* u diskrepanza fil-prezzijiet jiġifieri bejn dak li kien immarkat u dak li kien effettivament ġie mħallas.

Dan huwa eżempju wieħed fuq livell żgħir aħseb u ara fuq il-livelli l-kbar. Per eżempju meta nitkellmu fuq it-toroq dan huwa eżempju ieħor. It-toroq jibdew bi stima mod imma mbagħad nispiċċaw bi stimi ħafna akbar u kull proġett ta' Għawdex jispiċċa hekk. Dan huwa eżempju ċar kif l-affarijiet f'Għawdex jitmexxew.

Ovvjament meta nitkellmu fuq in-nuqqasijiet tal-isptar ġenerali, fuq naħa l-awditur qed jgħidlek li hemm infiq żejjed imma mbagħad min-naħa l-oħra rridu naraw l-effett l-ieħor. Minħabba l-infiq żejjed ta' naħa qed tispiċċa biex tbati naħa oħra għax imbagħad għandek pazjenti u nies li jmorru joqogħdu fil-*queue* għall-mediċini u ma jsibux. Għandek pazjenti li jridu jmorru jagħmlu trattament

jew test u makni f'Għawdex m'hemmx u jridu jittieħdu Malta għaliex il-gvern ilu jwiegħed ma nafx kemm li se jixtri l-apparat u qatt ma jinxtara. Għandek ilmenti wkoll minn pazjenti li llum il-ġurnata jilmentaw li lanqas *toilet paper* u sapun ma jsibu fit-*toilets,* jiġifieri dan huwa ċirku vizzjuż li qed narawh idur u jidħol fil-profond ukoll.

L-awditur qed isemmi qasam ieħor importanti li huwa s-servizz tal-*Home Help* għall-anzjani u għall-persuni b'diżabilità. Dan is-sevizz f'Għawdex huwa meqjus bħala servizz importanti imma dejjem kien meqjus bħala settur li permezz tieħu jinqdew il-ħbieb tal-ħbieb. Anke rigward il-*helpers.* F'Għawdex aħna nafu lil xulxin u kulħadd jaf ħafna minnhom x'simpatiji jkollhom. Meta mbagħad niġu għar-rapport tal-awditur, filwaqt li qed jiġi kkonfermat li qed ikun hemm ħafna talbiet imma ovvjament hemm konferma wkoll li minkejja li qed ikun hemm it-talbiet qatt ma jkun hemm riżorsi biżżejjed biex it-talbiet jiġu milqugħa. Fit-talbiet qed jingħad ukoll li minkejja li jkun hemm talbiet għall-għajnuna li jiġu milqugħa, jgħaddu diversi xhur qabel ma l-għajnuna effettivament tibda tingħata. Fil-fatt jien naf ħafna familji li għandhom persuni b'diżabilità u naf ħafna anzjani li ilhom ħafna jistennew u jokorbu għall-għajnuna u jitolbu żidiet fis-sigħat imma dawn it-talbiet ma jintlaqgħux. Imma mbagħad għandna r-rapport tal-awditur li qed jikkonferma u jgħid li rriżulta ċertu taħwid fejn għandek *helpers* li tħallsu żejjed ta' sigħat li m'għamlux. Għandek ukoll każijiet fejn ingħata servizz mingħajr ma ġie approvat mill-bord u żgur li affarijiet bħal dawn jirriflettu ħażin ħafna fuq il-ġeneralità tal-operat mhux ta' dan id-dipartiment biss imma tal-mod kif qed jitmexxa l-Ministeru għal Għawdex, fejn hemm nuqqas ta' kontabilità u fejn jirrenja l-klijenteliżmu. Dan ovvjament ikun b'detriment għax-xogħol ġenwin ta' min ikollu bżonn.

Jien ħaġa nixtieq ngħid, li Gvern Nazzjonalista għamel suċċess kbir f'Għawdex rigward konċett important ħafna, li d-drittijiet tal-persuni ġabhom pjaċiri. Kull min ikollu bżonn xi ħaġa jġibuh f'pożizzjoni li jrid imur jokrob għand xi ħadd biex qisu qed jagħmillu pjaċir biex jagħtih dak li huwa tiegħu. Din hija mentalità u kultura ħażina. Jien nikkundannaha u nispera li tan-naħa l-oħra hemm min jikkundannaha wkoll. Li nixtieq żgur huwa li l-problemi ta' Għawdex ma jkunux xi ħaġa sporadika, li kultant meta jkun konvenjenti, nibdew nitkellmu dwarhom, imma jkunu fuq nett tal-aġenda u ġenwinament nispera li min jiġi hawnhekk jiftaħar li hu Għawdxi u li għandu għal qalbu lil Għawdex isarraf din il-*pride* u dan is-sens ta' patrijottiżmu mhux bil-paroli biss, għax kulħadd huwa kapaċi jiġi jitkellem hawnhekk u jipprova jidher sabih, imma biex fir-realtà dak li jgħid isarrfu bil-fatti li jkunu għall-ġid ta' Għawdex, għall-ġid tal-Għawdxin u nerġa' ngħid li tkun xi ħaġa konsistenti u *all throughout* u mhux ikun diskors ta' konvenjenza fejn Għawdex jiġi wżat biss għal skopijiet ta' propaganda. Nirringrazzjak.

**Abbozz ta' Liġi dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp - Abbozz Nru 43**
S201 17.3.10

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, il-Prim Ministru Gonzi semma frażi li jkun tajjeb li nibda biha. Fil-fatt qal "awtorità bis-snien". Madankollu jrid ikollna awtorità li turi snienha ma' kulħadd u mhux kif għandna stanzi u ċirkostanzi partikolari fejn għandek l-Awtorità li turi s-snien u ssallab lil ċerti nies u mbagħad għandek ċirkostanzi u każijiet oħra li l-istess Awtorità tiffaċilitahom kemm tiflaħ anke meta ma jkunx il-każ. L-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna jgħid hekk:

> "Ikun id-dmir ta' kulħadd flimkien mal-Gvern li jħares l-ambjent u li jgħin fit-teħid ta' miżuri preventivi u rimedjali biex iħares l-ambjent u jimmaniġġja r-riżorsi naturali b'mod sostenibbli.".

Imbagħad fil-klawsola ta' wara, jiġifieri fi klawsola 4, nsibu d-dmirijiet tal-gvern li jħares l-ambjent għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. Bdejt appuntu b'dawn il-klawsoli għax se niddedika l-parti kbira tal-intervent tiegħi fuq Għawdex, u dan se nagħmlu fil-perspettiva u fil-kuntest ta' eko-Għawdex bħala "eku-Għawdex". Qed nikkwalifika eko-Għawdex bħala "eku" għax dik kienet waħda mill-għajtiet tal-Partit Nazzjonalista qabel l-elezzjoni u llum, sentejn wara, għadna nistennew li din eko-Għawdex tibda tieħu xi forma materjali! Fil-fatt mall-*budget* ngħatajna ktejjeb dwar il-proposti tal-gvern għall-2010/2012 u meta kont qiegħda nifli dan il-ktejjeb - u kif għamilt jien għamlu ħafna nies oħra kemm minn din in-naħa kif ukoll barra minn dan il-parlament – rajt fih affarijiet li ilna s-snin nitkellmu dwarhom!

Dawn huma affarijiet bżonnjużi għal Għawdex u hemm il-ħtieġa li jiġu implimentati b'mod immedjat, imma meta tara daqsxejn l-affarijiet issib li ma tantx huma relatati ma' dak il-kunċett u mal-viżjoni ta' eko-Għawdex li wieħed kien jistenna jew jimmaġina li se jkun hemm meta bdejna nisimgħu b'din il-*buzzword*. Fil-fatt meta tisma' lill-esponenti tal-gvern jitkellmu fuq eko-Għawdex qishom lanqas huma ma jafu xi tfisser eżattament. Anke meta titkellem ma' diversi *stakeholders* li għandna f'Għawdex u ma' persuni li jinvolvu ruħhom fid-diversi aspetti soċjali u ekonomiċi ta' Għawdex issib li dawn għandhom ukoll diffikultà biex jifhmu r-rwol tagħhom f'eko-Għawdex u x'se jkun l-implimentazzjoni tagħha. Fil-fatt fil-ktejjeb li tqassam lilna nsibu frażi li mportanti li naraw daqsxejn xi tfisser. Din il-frażi tgħid hekk:

> *"Sustainable development like eco-Gozo may still sound abstract to many..."*

Imma bir-rispett kollu, jekk bħala kunċett huwa astratt u diffiċli, huwa d-dmir tal-gvern li jispjega u jattwa bil-fatti minflok bil-kliem biss u jurina eżattament x'hemm u x'hemmx. Fil-fatt, għalkemm intqal ħafna, fil-konkret għadna ma rajna xejn, u fejn fuq naħa waħda għandek ħafna diskorsi fuq l-iżvilupp sostenibbli u fuq l-importanza tal-ambjent u l-valur miżjud li l-ambjent jista' jgħaddi lill-gżira Għawdxija, fuq in-naħa l-oħra għandek il-barka tal-gvern fuq diversi atroċitajiet ambjentali li se nitkellem dwarhom aktar tard! Ovvjament meta n-nies tara dawn l-affarijiet, fejn min-naħa qed isir diskors mod u mbagħad fir-realtà qed isir mod ieħor, in-nies se titħawwad għax in-nuqqas ta' koerenza ġġib magħha konfużjoni fl-imħuħ tan-nies.

Fuq eko-Għawdex xtaqt insemmi wkoll l-aspett ekonomiku għax l-ambjent Għawdxi huwa *an added value* għalina u allura huwa aspett li kapaċi jgħin lill-qasam ekonomiku tal-gżira. Fil-fatt, l-opportunitajiet ta' impjiegi fis-settur ambjentali huma ta' potenzjal, imma meta tara l-ħsebijiet tal-gvern fuq dan, bħal per eżempju, kif se jiġu promossi l-*green jobs* f'Għawdex, issib daqsxejn ta' inkonsistenza. Fil-fatt, meta staqsejt lill-Prim Ministru qalli li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra, u s'issa diġà staqsejtu tliet darbiet! Allura meta l-Prim Mininistru jgħidlek dawn l-affarijiet bilfors li tibda tiddubita xi ftit. Meta mbagħad staqsejt lill-Ministru għal Għawdex din qaltli li qed isir *scouting* bl-*internet* u li qed jattendu għal xi fieri u affarijiet hekk! Imbagħad meta staqsejt lil xi ministri oħra, kien hemm min irrispondieni b'mod koerenti bħall-Ministru tal-Finanzi, imma mbagħad kien hemm

il-Ministru Austin Gatt li qalli li kienu qegħdin jippromwovu l-*green jobs* billi jnaqqsu l-użu tal-karti! Jiġifieri għandna dan it-tip ta' taħwid fil-kunċetti u li allura żgur ma jgħaddix messaġġ tajjeb lin-nies. Sur President, il-perċezzjoni tal-Għawdxin fuq l-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar hija waħda negattiva ħafna u dan minħabba li ħafna nies iħossu li din l-awtorità mhux qiegħda timxi sew magħhom għax qed ikollok il-ħuta l-kbira li qed tibla' l-ħuta ż-żgħira. Fil-fatt dan qed iwassal biex ħafna aktar nies jaħdmu fuq bażi volontarja favur l-ambjent. Issa meta titkellem ma' dawn in-nies kollha jaqblu dwar il-fatt li l-gvern mhu qed jagħti l-ebda widen għal dak li qed jgħidu, anzi jgħidulek li saru u għadhom isiru diversi tentattivi sabiex jalqgħulhom ħalqhom, speċjalment meta jitkellmu fuq spekulaturi kbar u influwenti. Per eżempju, ftit tax-xhur ilu attendejt għal protesta li kienet organizzata mill-kunsilli lokali tal-Għarb u ta' San Lawrenz. Għal din il-protesta kien hemm ukoll preżenti diversi għaqdiet ambjentali u persuni oħra involuti f'dan il-qasam. Din il-protesta kienet fir-rigward ta' applikazzjoni għal *mushroom factory* qrib Ta' Dbiegi f'San Lawrenz stess. L-applikazzjoni saret f'żona li hija *outside developement zone* u l-entratura proposta għal din il-fabbrika kienet se tkun proprju mill-villaġġ tas-snajja' li hemm f'Ta' Dbiegi, li safejn naf jien hija proprjetà tal-gvern jew inkella tal-Malta Enterprise.

Waqt li kont hemmhekk bdejt nimmaġina t-trakkijiet tad-demel deħlin minn ġol-entratura ta' Ta' Dbiegi waqt li jkunu hemm it-turisti ġol-*crafts village* li hemm hemmhekk. Fil-fatt, waqt li kont qiegħda naħseb fuq dawn l-affarijiet, is-sindku tal-Għarb, David Apap kien għaddej bid-diskors tiegħu u kien qed jikkumenta f'dan is-sens. Waqt l-istess diskors is-sindku elenka diversi raġunijiet għaliex din l-applikazzjoni ma kenitx tagħmel sens. Waħda mir-raġunijiet kienet li fil-qrib kien hemm *5-star hotel,* u allura dan il-proġett ma kienx se jkun ta' ġid għas-settur turistiku. Ovvjament imbagħad kien hemm implikazzjonijiet ta' *policies* u ta' ippjanar li kienu qegħdin jikklaxxjaw bejniethom. Din l-applikazzjoni hija *temporarily suspended* u għalhekk għadha m'għaddietx. Fil-fatt il-bord tal-MEPA għadu qiegħed jistenna xi dokumentazzjoni min-naħa tal-perit.

Sur President, xtaqt insemmi każ ieħor li jirrigwarda il-*belvedere* tal-Qala. Naħseb li dan ukoll huwa każ li għandu jissemma għar-raġuni li huwa wieħed minn dawk il-permessi li kienu ħarġu lejlet l-elezzjoni imma li mbagħad ġie rifjutat għax kienu saru ħafna oġġezzjonijiet. Kien hemm ukoll *stop notice* fuqu u suppost li ma ġietx ipproċessata l-applikazzjoni qabel ma sar is-sanzjonar imma mbagħad, konvenjentement, kien inbidel il-*local plan* u din iż-żona li kienet tikkomprendi *restaurant* u dar, *out of the blues,* bħalma jagħmel Harry Potter, ġiet trasformata u ġiet meqjusa bħala *hamlet*! B'hekk imbagħad ħareġ il-permess! U b'kumbinazzjoni l-familjari tal-applikant ta' dan l-iżvilupp hija persuna qrib ħafna l-Partit Nazzjonalista u kkontestat ukoll l-elezzjonijiet lokali fuq il-lista tal-Partit Nazzjonalista.

Hemm ukoll il-proġett tar-Ramla l-Ħamra li f'opinjoni tiegħi huwa wkoll oxxenità kbira. B'kumbinazzjoni din il-ġimgħa inztertajt quddiem il-bord tal-MEPA waqt li kont qiegħda neżerċita x-xogħol professjonali tiegħi u sirt naf li filwaqt li inizjalment kien hemm żewġ applikazzjonijiet, l-*outline permit* u l-*full development permit*, irriżultali li kien hemm *objector,* li kienet il-kunsilliera tal-Partit Laburista fix-Xagħra, li għamlet oġġezzjoni fuq applikazzjoni waħda biss, fuq l-*outline* permit. Allura mbagħad biex jeliminaw lil din l-*objector* u jkun hemm it-triq imwittija, ġie rtirat l-ewwel permess ħalli issa qiegħed jinstema biss il-*full development permit.* Li xtaqt ngħid ukoll huwa li waqt is-smigħ tal-appell innotajt li kien hemm tibdil fl-uċuħ għaliex issa qegħdin jidhru kuntratturi u spekulaturi li f'Għawdex nafuhom ħafna peress li dawn huma n-nies li f'Għawdex huma magħrufa ħafna għax jieħdu huma x-xogħol kollu tat-toroq. Allura jidher li se jkun hemm żvolta anke fil-proċess ta' dan il-permess.

Fuq Ħondoq ir-Rummien hemm ukoll kwestjoni li għandha tissemma f'dan it-tip ta' dibattitu. Din l-applikazzjoni ilha għaddejja mill-2002. Kien sar *referendum* fost in-nies tal-Qala fejn 85% tan-nies vvotaw kontra dan il-proġett. L-oriġini ta' dan il-proġett kienet meta din il-proprjetà kienet ġiet meħuda sabiex isir il-moll tax-xatt fis-sebgħinijiet. Imma mbagħad b'sempliċi dikjarazzjoni din l-*area* kollha li kienet tikkonsisti fi 68 tomna waqgħet f'idejn il-privat. Issa sal-2006 din iż-żona kienet fl-*outside development zone* u mbagħad ġiet fil-*local plan,* fejn inizjalment kienet imniżżla bħala *recreational area* imma b'bidla ta' żewġ kelmiet din ġiet imniżżla bħala *tourist resort.*

Għandek il-każ tal-Wied tal-Marga fil-Qala li wkoll huwa każ ta' min isemmih. Tajjeb ngħidu li kieku ma kienx għall-involviment ta' persuna partikolari li taħdem ħafna għall-ambjent f'Għawdex, kieku l-MEPA stess għamlet rakkmandazzjoni għall-ħruġ ta' dan il-permess minkejja li kienu saru żewġ rapporti dwar l-impatt fuq l-ilma. Rapport minnhom kien sar mill-Inġinier Marco Cremona li llum il-ġurnata, fil-qasam tal-idroloġija għandu ċertu isem, filwaqt li r-rapport l-ieħor sar mill-Malta Resources Authority li wkoll kienet qalet li jekk dan il-permess joħroġ kien se jkollu effett ħażin ħafna fuq l-ilma li hemm f'dan il-post. Inkun qed nonqos jekk ma nsemmix il-*Waste Transfer Station*. Naf li warajja se jitkellem il-Ministru tar-Riżorsi u allura forsi jkun jista' jagħtini spjegazzjoni u jindirizza wkoll din il-problema li sejra nqajjem.

Nerġa' ngħid li meta ġie mħabbar li se jsir il-*waste transfer station* fix-Xewkija jien ma qbiltx miegħu u għadni sal-lum m'iniex qiegħda naqbel miegħu. Dan qiegħda ngħidu għax skont ir-rapport li għamlu l-SLR *Consultants* dan il-*waste transfer station* seta' sar banda oħra. Imma l-aktar ħaġa li qiegħda tinkwetani hija li f'dan il-post se jkun hemm spazju apposta sabiex jiġi stivat materjal tossiku li jinġabar u jakkumola minn diversi partijiet f'Għawdex u jista' jkun li anke minn Malta. Din hija xi ħaġa li lili tinkwetani, u hawnhekk se ngħid eżatt x'inhi d-deskrizzjoni eżatta ta' dan il-post. Fid-deskrizzjoni tax-xogħol qed jingħad hekk: *"Facility for interim storage and sorting of small amounts of hazardous waste"*. Meta rajt il-pjanti jidher li ma tantx huwa spazju żgħir. Naf li hemm appell pendenti għall-*outline permit* quddiem il-bord tal-MEPA li jinsab differit għal Ottubru li ġej, imma saret ukoll applikazzjoni għal *full permit* li ġie approvat u l-*waste transfer station* diġà beda jiffunzjona.

U allura ġaladarba se jkun hawn il-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali li taħtu taqa' l-*Wasteserv,* se nkun qiegħda nistenna spjegazzjoni mingħandu dwar dan l-*interim storage* għal *hazardous waste* x'qed jifhem bih, għal xiex se jintuża, kemm hu kbir u x'se jiġi stivat fih. Dan qed nagħmlu għax irrid konfort, irrid spjegazzjoni, irrid dikjarazzjoni, irrid garanzija, xi ħaġa li sserraħli rasi li dan l-i*storage* mhu se jkollu l-ebda effett ħażin kemm fuq is-saħħa tan-nies tax-Xewkija u kemm fuq l-ambjent tal-madwar. Tajjeb ngħid ukoll li dan it-tip ta' serħan il-moħħ tlabtu fid-dibattitu tal-*budget speech* imma ħadd ma weġibni min-naħa l-oħra. Għaldaqstant illum nispera li jkolli din it-tweġiba li tant qiegħda nitlob bil-ħerqa.

Xtaqt insemmi wkoll il-kwestjoni tal-*air strip* f'Għawdex għax dan l-aħħar qed ikun hemm min qed iħossu komdu jitkellem kif jidhirlu mingħajr ma tana l-istudji f'idejna. Li naf jien hu li dak li qed idejjaq lill-Għawdxin huwa li jiġu n-nies jitkellmu fuq affarijiet li jikkonċernaw lilna l-Għawdxin mingħajr ma l-Għawdxin qegħdin jiġu kkonsultati. Hawn min qed jaħseb li għax qed jitkellmu erbgħa 'l hawn u erbgħa 'l hemm, kemm favur u kemm kontra, allura din qiegħda tirrifletti l-opinjoni ġenerali tal-Għawdxin. Imma nerġa' ngħid li meta niġu għal deċiżjonijiet bħal dawn jkun opportun li l-poplu Għawdxi jiġi kkonsidrat u kkonsultat. U żgur li deċiżjoni, kemm favur u kemm kontra, għandha tittieħed wara li jsiru l-istudji opportuni u wara li jiġu studjati bir-reqqa l-interessi u r-rieda tal-poplu, xi ħaġa li għandha tkun l-ewwel u l-aqwa konsiderazzjoni. Jiena naqbel li hemm bżonn ta' *link* bl-ajru ħalli Għawdex ikun aktar aċċessibbli u t-turisti jkollhom faċilità oħra ta' kif jaċċedu għall-gżira, però żgur li l-aspett ambjentali, l-aspett soċjali u l-aspett ekonomiku jridu jiġu kkonsidrati bir-reqqa.

Sur President, hawnhekk nixtieq nagħmel parentesi żgħira billi nwassal messaġġ li ġie mgħoddi lili permezz ta' *email* minn xi attivisti ambjentali Għawdxin. F'din l-*email* qaluli hekk:

> "Ir-riforma tal-MEPA mhux se tkun ta' aġevolazzjoni għalina għax il-bord u d-DCC huma maħtura mill-ministri u b'hekk inħossu li mhux se jkun hemm indipendenza vera. Aħna l-NGOs għalhekk inħossuna urtati għax jekk tikkonsidra l-ammont ta' ħin li niddedikaw ma' kull każ, biex imbagħad issib li ftit wara trid terġa' tibda mill-ġdid għax lil dawn il-kbar il-MEPA stess tħallilhom tieqa minn fejn jgħaddu, din hija frustranti ħafna. Aħna żgħar u qed neħduha mal-ġganti! Hija ħasra li l-gvern iżomm ma' dawn il-kbar u lilna jiddobba bina meta jaqbel lilu.".

Qiegħda nwassal dan il-messaġġ għax inħossni li bħala rappreżentant tal-poplu, ġaladarba rċevejt din l-*email,* kelli nittrażmettiha lil din il-Kamra. U naħseb li għandhom raġun, għax li kieku ma joħorġux jipprotestaw sabiex isemmgħu leħinhom...... Wara kollox, skont kif qed jingħad f'dan l-abbozz ta' liġi, dawn in-nies qegħdin jagħmlu d-dmir tagħhom għax qegħdin jipproteġu u jitkellmu favur l-ambjent.

Fl-aħħar parti tal-intervent tiegħi xtaqt naqsam esperjenza li kelli dan l-aħħar meta mort nirrappreżenta lil Malta fl-Eġittu f'konferenza dwar it-tibdil fil-klima, xi ħaġa li hija relatata ħafna mas-suġġetti li qed niddiskutu llum. Fil-fatt, filwaqt li f'pajjiżna jsir ħafna diskors dwar is-suġġett tat-tibdil fil-klima, meta kont qiegħda fl-Eġittu ddiskutejna dan is-suġġett mill-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi. U dan għaliex, bħal kull ħaġa oħra, l-effetti tat-tibdil fil-klima, li lilna bħala gżira taffettwana ħafna aktar, jinħassu b'mod differenti fuq in-nisa minn dawk fuq l-irġiel. F'din il-konferenza dħalna fil-fond dwar id-diversi aspetti ambjentali u ħassejtni qisni ħuta barra mill-ilma għax f'pajjiżna dan id-dibattitu qatt m'għamilnieh mill-aspett ta' *gender.*

Sur President, naħseb li din hija linja li għandna nikkonsidraw 'il quddiem, speċjalment jekk irridu nippromwovu l-kunċett ta' *gender sensitive budget.* Fil-fatt meta jitfasslu l-*policies* u l-pjanijiet dwar l-infrastruttura, l-aspett tal-ugwaljanza ma jidħol imkien. U din hija ħasra għax skont il-*European Health Interview Survey* jirriżulta li n-nisa inġenerali, u b'mod ġenerali, għandhom diffikultà akbar mill-irġiel sabiex jimmaniġġjaw il-ħajja tagħhom ta' kuljum. Dawn qed isejħulhom *the activities in daily living.* Għalhekk aktar u aktar hemm il-ħtieġa li fi kwestjonijiet ta' ippjanar tidħol il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-gvern, min-naħa tiegħu, għandu jifhem l-importanza tal-*gender responsive budgeting* sabiex inkomplu niġġieldu n-nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi anke mill-aspett ta' ambjent u ippjanar. Fl-aħħar nett nispera li l-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar, kif ukoll in-nies li jaħdmu fiha, ikunu verament motivati mill-liġi u ispirati mil-liġi. Hemm bżonn li nifhmu li ħadd mhu 'l fuq mil-liġi u li din l-Awtorità u l-liġijiet li għandna għandhom jipprevalu fuq kulħadd. Nirringrazzjak.

**<u>Abbozz ta' Liġi dwar il-Ħarsien tat-Tfal (Konvenzjoni ta' l-Aja) - Abbozz Nru 56</u>**
S 259 06.10.10

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, dan l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna - li fuqu għadu kemm tkellem l-Onor. Josè Herrera u min-naħa tiegħi ħadt gost ħafna nisimgħu għax nieħu pjaċir nitgħallem - huwa wieħed importanti ħafna għax fih qegħdin nitkellmu fuq id-drittijiet tat-tfal. U kull meta qegħdin nitkellmu fuq id-drittijiet tat-tfal, kemm f'dan il-parlament kif ukoll barra minnu, inkunu qegħdin ngħollu d-drittijiet u l-kwestjonijiet relatati mat-tfal u l-bżonnijiet tagħhom fuq l-aġenda parlamentari u allura fuq l-aġenda nazzjonali. Fil-fatt, kull meta nisimgħu b'xi pass 'il quddiem f'dan il-qasam li jolqot it-tfal, li kif għedt huwa qasam importanti ħafna, bħala Partit Laburista dritt nesprimu ruħna b'mod pożittiv għax ikun ifisser li sar progress. Madankollu nixtieq ngħid li f'kull stqarrija li jiena nagħmel – u dan id-dibattitu mhux se jkun eċċezzjoni – dejjem nenfasizza li huwa inutli li pajjiżna jidħol f'obbligi internazzjonali jekk fuq bażi domestika ma jitteħdux il-miżuri kollha meħtieġa u opportuni sabiex id-drittijiet ma jibqgħux biss fuq il-karta.

Huwa inutli li tgħid lit-tfal li għandhom id-drittijiet tagħhom jekk meta tiġi għall-kwestjonijiet attwali u għall-problemi li jkunu qegħdin jiffaċċjaw dawn it-tfal insibu li dawn it-tfal ma jistgħux jirrikorru għalihom u ma jkunux jistgħu jinfurzaw id-drittijiet tagħhom. Fil-fatt huwa fatt innegabbli li f'pajjiżna t-tfal għandhom limitazzjonijiet kbar fejn jidħol l-infurzar tad-drittijiet tagħhom u aktar u aktar fejn jidħol l-aċċess għall-istituzzjoni ġudizzjarja u legali. It-tfal m'għandhom ebda *locus standi* fil-qrati tagħna u l-opportunitajiet biex isemmgħu leħinhom huma limitati ħafna u diskrezzjonali għall-ġudikant li jkun qiegħed jisma' l-każ.

Għalkemm fl-aħħar snin ġiet introdotta l-figura tal-avukat tat-tfal, li wkoll kien pass fid-direzzjoni t-tajba u kien pass pożittiv ħafna, irriżulta li dan mhuwiex biżżejjed biex jiggarantixxi li t-tfal iwasslu leħinhom. U meta spiċċajna b'avukat wieħed tat-tfal, ċertament ma konniex f'sitwazzjoni idonea sabiex niggarantixxu dan id-dritt li t-tfal iwasslu l-vuċi tagħhom. Min-naħa tiegħi nerġa' ngħid għal darb'oħra, kif intenni fl-istqarrijiet u fid-dibattiti li nintervjeni fihom, li hemm bżonn li jkollna diversi emendi fil-liġijiet tagħna u hemm bżonn ta' bidla radikali. L-ewwel pass ikun il-liġi tat-tfal bħalma hemm f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja, inklużi dawk Afrikani li aħna nqisuhom bħala pajjiżi tat-tielet dinja imma li f'dan l-aspett huma ħafna aħjar minna.

Sur President, proprju matul din il-ġimgħa rċevejt risposta għall-mistoqsija parlamentari li għamilt lill-Ministru Cristina fuq il-liġi tat-tfal. Il-Ministru, minflok weġbitni dwar din il-liġi qaltli li bħalissa l-ministeru tagħha qiegħed iħares lejn il-liġijiet li jappartjenu lit-tfal u se jelenka fejn hemm il-ħtieġa ta' emendi legali li mhumiex riflessi fil-liġi domestika. U proprju ftit qabel, f'dan id-dibattitu, il-Ministru semmiet ukoll il-politika tat-tfal li mistennija tiġi konkluża sal-aħħar ta' din is-sena. Jiena ngħid li għalkemm hija xi ħaġa tajba, *it's about time* li jkollna din it-tip ta' politika u nistieden lill-*working group* li qed jaħdem fuq din il-politika sabiex jikkonsulta u jara ftit ir-rapporti li ħejjejna aħna bħala Kumitat għall-Affarijiet Soċjali.

Dawn ir-rapporti huma utli ħafna għax għandhom ħafna materjal lest. Jiena persważa li dawn jistgħu jkunu utli fit-tnedija u fix-xogħol li għaddej għall-politika tat-tfal. Nerġa' ngħid li hemm bżonn ta' *rethinking* qawwi f'dan il-qasam għax huwa inutli - nefasizza ħafna fuq dan il-punt – li tgħid lit-tfal li għandhom id-drittijiet tagħhom jekk imbagħad, meta jiġu għas-*si* u n-*no,* ma jsibux dik l-għajnuna li jkunu qegħdin jistennew. Fuq bażi psikoloġika din tagħmel ħafna ħsara u saħansitra tfarrakom lit-tfal għax noħolqulhom diżillużjoni kbira mhux biss għas-sitwazzjoni partikolari li jkunu qegħdin fiha imma li taffettwahom ukoll fil-fond u taffettwahom tul ħajjithom kollha.

Jiena dejjem ngħid li għalkemm għandna l-figura tal-Kummissarju tat-Tfal, li tidher fuq il-*media* tippromwovi d-drittijiet tat-tfal, f'moħħ it-tfal din hija l-figura li meta jkollhom problema din se tkun tista' tgħinhom. Issa mhux qed ngħid li l-figura tal-Kummissarju tat-tfal mhijiex importanti, anzi ngħid li din għandha rwol importanti ħafna fil-politika tat-tfal u fil-politika soċjali, imma l-Kummissarju, għalkemm tista' tinvestiga u tista' tirrikmanda, ma tistax issolvi l-problema *there and*

*then*. Allura jekk għandna l-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal *on paper*, għandna din id-diffikultà għax meta tiġi biex tattwaha jew tinvokaha nsibu li mhijiex parti integrali mil-liġi tagħna. Fil-fatt m'għandniex l-għodda legali meħtieġa.

Per eżempju, jiena nvokajtha f'kawża ftit ilu meta kont qiegħda nittratta każ ta' kura u kustodja, u ġustament l-avukat tan-naħa l-oħra qalli li kemm-il darba m'hemm l-ebda provvediment fil-liġi domestika, jiena limitata ħafna fuq kemm nista' ninvoka l-artikoli ta' din il-Konvenzjoni. Allura din hija anomalija legali kbira li trid tiġi ndirizzata għax għandna konvenzjoni tajba ħafna biex tindirizza d-diffikultajiet u d-drittijiet li għandhom it-tfal, imma huwa inutli li toqgħod tgħid kif pajjiżna daħal f'*commitment* u f'obbligi internazzjonali jekk imbagħad l-emendi meħtieġa fil-liġi domestika jibqgħu ma jsirux. Issa dan l-aħħar ħriġt ukoll stqarrija dwar il-ħtieġa tal-attwazzjoni tad-drittijiet tat-tfal u ngħid ukoll li minħabba l-frustrazzjoni li qed ikollhom it-tfal minħabba li mhux qed isibu l-għajnuna li għandhom bżonn, qed ikollna problema biex insalvaw lil dawn it-tfal vulnerabbli. Qed nitilfuhom anke fil-kors tal-problema tagħhom u qed nitilfuhom fil-kors tat-tfulija tagħhom. Konsegwenza ta' hekk dawn it-tfal qed jispiċċaw bi problemi psikoloġiċi u mentali, u għalhekk qed ikollna żieda fl-inċidenza tal-kriminalità fost it-tfal tagħna.

Hija ħasra li meta staqsejt lill-Ministru għall-Politika Soċjali dwar x'miżuri qed jieħu l-gvern biex it-tfal ma jispiċċawx il-ħabs u xi pjanijiet għandu l-gvern fir-rigward ta' tfal li jiċċappsu mal-kriminalità, din qaltli biex nistaqsi lill-ministru konċernat. Sinċerament ngħid li bqajt mistagħġba b'din it-tweġiba għax meta għandek ministru responsabbli mit-tfal, mill-edukazzjoni tagħhom u responsabbli wkoll mill-politika soċjali, kont nistenna li jkollha rwol pjuttost ċentrali f'dawn it-tip ta' *issues* li qiegħda nsemmi. Naf ukoll li Malta tipparteċipa fl-*EU Crime Prevention Network* (EUCPN). Fil-fatt fil-leġislatura li għaddiet, meta kien qiegħed jiġi ppubblikat id-dokument dwar iż-żgħażagħ, kont għamilt proposta f'dan is-sens għax l-EUCPN għandu ħafna programmi, esperjenzi u rapporti li aħna nistgħu nimportawhom f'pajjiżna ħalli lit-tfal tagħna nbegħduhom mill-kriminalità u mill-effett negattiv li dan kollu jista' jġib miegħu.

Sur President, wara dawn il-ħsebijiet ġenerali se ngħaddi biex nitkellem fuq dan l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna. Fl-introduzzjoni tagħhom, il-Ministru Carmelo Mifsud Bonnici kif ukoll il-Ministru Dolores Cristina daħlu sew fil-*background* ta' din il-Konvenzjoni. Tajjeb ngħid li din il-Konvenzjoni hija waħda konsegwenzjali u hija ramifikazzjoni tat-tħassib u kuxjenza dwar id-drittijiet tat-tfal. Fil-fatt din li għandna quddiemna hija t-tielet waħda minn sensiela ta' tliet konvenzjonijiet importanti. L-ewwel waħda kienet tal-1980 li titratta l-aspetti ċivili u ċ-*child abductions*, għandek it-tieni waħda tal-1993 li wkoll titratta l-protezzjoni tat-tfal u l-koperazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-*inter-country adoptions*. Imbagħad għandek it-tielet waħda, dik li qed niddiskutu llum, li saret fl-1996 u daħlet fis-seħħ fl-2002. Ovvjament din tal-aħħar hija aktar wiesgħa fl-iskop tagħha u tkopri sensiela ta' aspetti u miżuri ta' natura ċivili għall-protezzjon tat-tfal.

Fuq nota ġenerali tajjeb ngħid li din il-Konvenzjoni għandha regoli li jiddeterminaw l-operat tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi kontraenti sabiex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu lit-tfal, u dan għaliex il-protezzjoni tat-tfal huwa kunċett kruċjali għal din il-Konvenzjoni. Fil-fatt ir-regoli tal-Konvenzjoni jipprovaw jevitaw kemm jista' jkun li jkun hemm konflitt fid-deċiżjonijiet dwar it-tfal, u r-responsabbiltà primarjament tintefa' fuq il-pajjiż li fih il-minuri jkollu r-residenza abitwali tiegħu. Apparti minn hekk tippermetti li kull pajjiż li fih ikun jgħix il-minuri jkunu jistgħu jittieħdu l-miżuri meħtieġa f'każ ta' emerġenza jew miżuri proviżorji ta' protezzjoni. Issa *at a side* xtaqt nagħmel din l-enfasi għax l-abbozz ta' liġi jitkellem fuq "tifel" filwaqt li l-kelma adattata għandha tkun "minuri". Dan qiegħda ngħidu għax meta qed tgħid "tifel", id-diċitura tagħna sfortunatament teskludi lit-tifla u naħseb li m'għadux iż-żmien li noqogħdu nagħmlu din id-distinzjoni biex inkunu *gender neutral*. Issa ħalli nkompli fuq dak li kont qiegħda nitkellem fuqu qabel.

Ir-raġuni prinċipali wara din it-tip ta' konvenzjoni u l-liġi li għandna quddiemna huwa minħabba l-fatt li matul dawn l-aħħar snin rajna bixriet ġodda fil-ħajja familjari. F'kuntest fejn għandek aktar moviment tal-persuni minn pajjiż għal ieħor, ta' koppji ta' nazzjonalità differenti li mbagħad ikollhom it-tfal u li sfortunatament jispiċċaw jisfaxxaw, qed ikollok żieda fl-inċidenza relatati mat-tfal, fosthom

għall-aċċess. Huwa fatt li f'pajjiżna għandna ħafna minn dawn il-problemi li qegħdin jifnu lil ħafna nies, speċjalment lit-tfal tagħna. Meta mbagħad għandek il-komplikazzjonijiet ta' membri tal-istess familja li jkunu tfarrku u jkunu qegħdin jgħixu f'pajjiżi differenti, dik is-sitwazzjoni tiġi ħafna u ħafna aktar diffiċli, bil-battalji legali jkunu ħafna iktar ikkomplikati u ovvjament tista' tidħol aktar animosità. Għalhekk, li għandu jsir u li nispera li qed isir hu biex issir armonizzazzjoni ta' dawn it-tip ta' liġijiet, anke permezz ta' konvenzjonijiet bħal dawn.

Fl-aħħar mill-aħħar kull battalja legali li sfortunatament tispiċċa fi gwerra bejn il-partijiet, issir fejn issir, hija dejjem trawmatika fuq it-tfal, u aktar ma jkollna minn dawn il-każijiet, aktar irridu naħsbu u nilleġislaw għalihom biex nipproteġu l-aħjar interessi tat-tfal. Issa l-karatteristiċi prinċipali ta' din il-Konvenzjoni li huma applikabbli partikolarment għalina huma l-ewwel nett it-tisħiħ tal-Konvenzjoni tal-1980 dwar iċ-*child abduction.* Fil-kuntest tal-aħbarijiet koroh li smajna dan l-aħħar dwar ir-rwol li għandu pajjiżna fit-traffikar u l-bejgħ ta' minuri, dan huwa aspett importanti ħafna għalina. Għandek it-tieni aspett li huwa fuq il-proċeduri ta' koperazzjoni fuq każijiet ta' minuri li ma jkunux akkumpanjati. Għalina din ukoll hija importanti minħabba t-tfal refuġjati f'pajjiżna, *asylum seekers* u immigranti irregolari li jinħtieġu protezzjoni enormi.

It-tielet aspett huwa l-*cross-frontier placement of children*. Issa hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq il-*fostering* u arranġamenti oħra li ma jaqgħux taħt ir-*regime* tal-adozzjoni. Din hija importanti ħafna sabiex nipproteġu lit-tfal mill-isfruttament u mit-traffikar għal skopijiet sesswali u għal skopijiet ta' skjavitù. Imbagħad għandek il-kunċett tal-*integrated system* dwar ir-regoli ta' protezzjoni sabiex tiġi assigurata l-protezzjoni tal-minuri u għandek ukoll l-*inclusive system,* għax il-Konvenzjoni tieħu in konjizzjoni sistemi varji sabiex toffri l-aktar u l-akbar protezzjoni possibli għall-minuri. Aspett importanti ieħor ta' din il-Konvenzjoni huwa l-moniteraġġ u r-*review system* li permezz tagħha l-*Hague Conference* tolqot il-*post convention services* sabiex tgħin lill-istati kontraenti jattwaw bl-aħjar mod possibbli din il-Konvenzjoni.

Issa meta niġu għall-abbozz ta' liġi *per se* nsibu li dan finalment huwa dak l-instrument legali li permezz tiegħu din il-Konvenzjoni se tiġi ratifikata minn pajjiżna. Fuq l-aspett legali li tinvolvi l-qrati tagħna daħal fiha l-Onor. Herrera u għaldaqstant jiena se nillimita ruħi għall-parti amministrattiva tagħha. L-ewwel u qabel kollox naħseb li jkun tajjeb li jingħad li għalkemm din il-Konvenzjoni saret fl-1996, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2002. Bħala Partit Laburista nqisuha pass pożittiv imma min-naħa tiegħi nixtieq nistaqsi għalfejn kellna dan id-dewmien kollu sabiex niġu hawnhekk u niddiskutu dan l-abbozz ta' liġi. Ta' min jgħid li biex aħna stajna nidħlu parti minn din il-Konvenzjoni kellna bżonn l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt din l-awtorizzazzjoni ngħatat permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ewropa 2003/93 u li ngħatat fid-19 ta' Diċembru 2002. Imbagħad ingħatat deċiżjoni oħra tal-Kunsill tal-Ewropa 2008/431 li ngħatat fil-5 ta' Ġunju 2002 fejn ingħatat l-awtorizzazzjoni lill-istati membri li kienu għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni, fosthom Malta, sabiex jirratifikawha. Għaldaqstant aħna kellna l-awtorizzazzjoni fl-2002 u ġejna niddiskutu dan l-abbozz ta' liġi fl-2010.

Tajjeb ngħid ukoll li fid-deċiżjoni ta' Ġunju 2008 il-membri kollha, inkluż Malta, kellhom jiskambjaw l-informazzjoni dwar il-qagħda tal-proċeduri relatati mar-ratifika sal-5 ta' Diċembru tas-sena li għaddiet. Issa mill-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea Malta biss ma ffirmathiex u meta kont qiegħda nara ftit l-affarijiet qabel ma ġejt hawnhekk, ġejt f'dubju għax normalment l-ewwel niffirmaw konvenzjoni u mbagħad niġu hawnhekk biex nirratifikawha. Issa tista' issir mod ieħor imma normalment hekk isir. Fil-fatt min-naħa tiegħi għamilt kuntatt mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin sabiex jgħiduli x'inhi l-pożizzjoni uffiċjali u min-naħa tagħhom ikkonfermawli li aħna lanqas biss aħna firmatarji ta' din il-Konvenzjoni. Allura huwa inutli li niġu hawnhekk nippridkaw meta mbagħad aħna l-uniku membru tal-Unjoni Ewropea li għadna ma ffirmajniex din il-Konvenzjoni.

Sur President, dan id-dewmien kien ta' detriment għal min kellu bżonn il-provvedimenti ta' din il-Konvenzjoni. Meta dħalt fil-*website* tal-ATCH u bdejt nara l-lista tal-pajjiżi li ffirmaw il-Konvenzjoni sibt li hemm pajjiżi li huma kemm membri tal-Unjoni Ewropea kif ukoll oħrjan li mhumiex. Fost dawn il-pajjiżi nsibu l-Ingilterra, ir-Rumanija, il-Latvia, l-Italja, il-Marokk u l-

Ukrajna. Qegħda nsemmi dawn il-pajjiżi b'mod partikolari għax aħna għandna ħafna ċittadini minn dawn in-nazzjonijiet li għandhom jew kellhom relazzjonjiet ma' ċittadini Maltin, u li minn dawn ir-relazzjonijiet kellhom it-tfal. Għalhekk din il-Konvenzjoni u r-regoli tagħha setgħu ġew applikati. Biss biss ta' min jgħid li fl-aħħar ħames snin, skont mistoqsija parlamentari li ġiet imwieġba f'dawn l-aħħar ġranet, kellna 1,167 żwieġ bejn Maltin u barranin u li ovvjament kellhom it-tfal minn dawn iż-żweġijiet. Tajjeb ngħidu li fil-qrati tagħna kellna diversi każijiet ta' koppji minn nazzjonalità differenti fejn il-parti barranija normalment tiddeċiedi li titlaq barra minn Malta u tkun trid tieħu t-tfal magħha. Dawn huma każijiet li jinsabu quddiem il-qrati tagħna, każijiet li huma diffiċli ħafna kemm fuq bażi emozzjonali kif ukoll fuq kuntest legali, u għalhekk għandek ħafna problemi li din il-Konvenzjoni tista' ssolvihom.

Din il-Konvenzjoni ssemmi ħafna d-dritt tat-tfal li jsemmgħu leħinhom. Għandek l-artikolu 23 li jsemmi li r-rikonoxximent ta' miżura tista' tiġi rifjutata jekk din il-miżura tkun ingħatat mingħajr ma l-minuri ikun ingħata l-opportunità li jsemma' leħnu. Naħseb li dan l-artikolu huwa importanti ħafna u li għandu għalfejn jagħtina *food for thought*. Qiegħda ngħid hekk għax jekk ma jkunx hemm tibdiliet fil-liġi ħalli l-vuċi tat-tfal tagħna tiġi garantita se jkollna problema. Jiena ngħid li hemm bżonn l-introduzzjoni ta' uffiċjal tal-qorti li awtomatikament ikun fil-proċeduri li jirrigwardaw it-tfal. Dan jissejjaħ *guardian ad litem* u m'għandux ikun jiddependi la fuq id-diskrezzjoni tal-imħallef u lanqas fuq xi talba tal-ġenituri imma għandu jkun parti awtomatika fil-proċeduri ħalli verament ikun il-veikolu biex it-tfal iwasslu l-vuċi tagħhom. Fil-fatt dan ġie diskuss diversi drabi fil-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali.

Naf li warajja se jitkellem l-Onor. Vassallo li se jidħol fid-dettal ta' rapport partikolari li għamilna dwar il-Qorti tal-Familja, fejn f'dan ir-rapport enfasizzajna ħafna fuq id-dritt tal-minuri li jsemmgħu leħinhom fil-proċeduri ta' separazzjoni. Jekk ma nindirizzawx dan in-nuqqas inkunu qegħdin nirriskjaw a tenur ta' din il-Konvenzjoni li nitilfu l-ġurisdizzjoni. Issa jekk naraw il-*website* tal-HACH insibu lista ta' pajjiżi bid-dikjarazzjonijiet u riservi li għamlu sabiex jassiguraw li l-awtoritajiet ikollhom u jżommu l-ġurisdizzjoni. Naħseb li jkun opportun li qabel ma tingħalaq din id-diskussjoni jkollna idea ċara ta' dak li se jiġi ddikjarat u riservat minn pajjiżna jekk inhu l-każ. Dan qiegħda ngħidu anke fid-dawl tad-diffikultajiet u konflitti li semma l-Onor. Herrera minħabba d-diversità mhux neċessarjament konformi mar-*regime* legali differenti u allura l-possibbiltà u l-potenzjal ta' konflitt bejn id-diversi strumenti legali.

L-aħħar punt li xtaqt insemmi huwa fuq kif il-Konvenzjoni tiddependi ħafna fuq ix-xogħol u l-ħidma ta' awtorità ċentrali, li skont l-artikolu 6 tal-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna għandhom jitwettqu mid-direttur responsabbli. Issa jiena qed nifhem li mhux se jkun id-direttur imma s-*set-up* kollu tad-Dipartiment tal-*Welfare*. Li xtaqt nistaqsi hu, u nispera li xi ħadd jirrispondini, xi preparamenti saru jew qed isiru fi ħdan dan l-istess Dipartiment sabiex ikunu f'pożizzjoni li jwettqu dawn il-funzjonijiet. Qiegħda nagħmel din il-mistoqsija għax fil-kuntest ta' din il-Konvenzjoni, il-funzjonijiet tad-Dipartiment tal-*Welfare* se jkunu delikati ħafna. Nafu li d-Dipartiment diġà għandu problema ta' riżorsi u allura meta se tiġi introdotta din ix-xi ħaġa ġdida l-*burden* se jiżdied u *at the end of the day* se jaffettwa l-*output* ta' dan id-Dipartiment. Din hija xi ħaġa li ħadd ma jixtieqha, u għalhekk nixtieq inkun naf jekk il-gvern huwiex se jinvesti aktar jew huwiex se jagħmel il-preparamenti meħtieġa ħalli dan id-dipartiment jiffunzjona tajjeb. Nerġa' ngħid li dan huwa suġġett vast ħafna u xtaqt ngħid aktar imma l-kummenti li kelli ngħid se niktibhom x'imkien jew inkella ngħaddihom lil xi kollega biex jgħidhom hu. Nirringrazzjak.

**Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) - Abbozz Nru 44**
S 268 27.10.10

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, illum qed nitkellmu dwar suġġett importanti ħafna li huwa delikat u sensittiv. Jien nerġa' ntenni dak li kont għedt xi ġranet ilu meta konna qegħdin niddiskutu l-Konvenzjoni tal-AJA, li kull meta nitkellmu dwar it-tfal u dwar *issues* li għandhom x'jaqsmu mat-tfal, hija dejjem xi ħaġa pożittiva għax inkunu qegħdin ngħollu l-interessi tat-tfal fuq l-aġenda nazzjonali. Għalkemm diġà ntqal ħafna u ngħata diġà l-*background*, tajjeb li nerġa' ntenni x'wassal għal din il-kawża kostituzzjonali. Din hija kawża li kienet ġiet deċiża fil-Prim Istanza, li mbagħad spiċċat quddiem il-qorti tal-appell kostituzzjonali, fejn provvediment tal-liġi li għandna fil-Kodiċi Ċivili, ġie dikjarat diskriminatorju għax il-liġi tagħna kienet qed tagħmel distinzjoni bejn koppja miżżewġa li trid tadotta u koppja *de facto*, jiġifieri koppja li mhijiex miżżewġa u li parti minnha, tagħmel talba biex tadotta, fejn fil-każ tal-aħħar ma kienx hemm ir-rekwiżit tat-terminu, jiġifieri ż-żmien ta' tliet snin. Fil-fatt dan id-dibattitu huwa konsegwenzjali għal artiklu 242 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-artiklu jgħid li meta jkun hemm sentenza ta' din ix-xorta, din is-sentenza trid tiġi mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, kif ġiet imqiegħda u mbagħad is-subinċiż (2) jgħid li meta jkun hemm sentenza ta' dan it-tip, il-Prim Ministru matul il-perijodu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat, ikun hemm ir-regolamenti li jħassru l-istrument jew id-dispożizzjoni rilevanti li tkun ġiet dikjarata li tmur kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea. Jiġifieri Kapitlu 12 tal-liġi nnifisha, li huwa l-kodiċi li jirregola l-proċedura u l-organizzazzjoni tas-sistema tagħna, hu marbut ma' terminu u għalkemm dan it-terminu mhuwiex tassattiv, għax il-kelma "diċitura" hija li jista' u allura hemm element ta' diskrezzjoni, xorta hemm dak il-perjodu li huwa indikattiv li wieħed għandu jsegwi.

Din is-sentenza, kif qal tajjeb l-Onor. Herrera, ingħatat fit-3 ta' April, 2009, jiġifieri aktar minn sena u nofs ilu, u huwa biss illum li qegħdin nitkellmu dwarha għax finalment, qabel ma din l-emenda tgħaddi mill-Kamra tad-Deputati u mbagħad aktar tard fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, dan il-provvediment diskriminatorju li ġie ddikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali bħala tali, għadu fis-seħħ. Jiġifieri nerġa' ntenni li ma naħsibx li kien opportun li jkun hemm dan id-dewmien biex abbozz ta' liġi ta' ftit vrus, idum daqshekk biex jasal quddiemna.

Fil-fatt xtaqt ukoll nagħmel riferenza għad-diversi mistoqsijiet parlamentari li għamilt jien, li għamel il-Kap tal-Oppożizzjoni, li għamlet l-Onor. Marie Louise Coliero Preca u li għamel l-Onor. Joe Mizzi dwar dawn l-emendi. Fil-fatt fi tmienja minn dawn ir-risposti, li jinsabu quddiemi, kien ġie ndikat li l-informazzjoni kienet se tingħata f'seduta oħra. Ma naħsibx li din kienet xi ħaġa opportuna, aktar u aktar meta tqis li dan l-abbozz ta' liġi ilu fuq l-aġenda għal ma nafx kemm-il xahar. Anzi biex inkun korretta rrid ngħid li kien hemm żewġ abbozzi ta' liġi; wieħed sar fi żmien meta l-Kummissarju John Dalli kien għadu ministru u dan li għandna quddiemna llum. Nerġa' ngħid illi fl-opinjoni tiegħi ma kienx hemm għalfejn ikun hawn dan id-dewmien kollu u sadanittant naħseb li dawk il-persuni li kienu nvoluti kemm f'din il-kawża kif ukoll dawk li ġew ippreġudikati minħabba din is-sitwazzjoni, jixirqilhom għall-inqas spjegazzjoni u apoloġija għal dan id-dewmien kollu.

Issa jien m'iniex qed nipponta subgħajja lejn xi ħadd però huwa fatt li abbozz ta' liġi tant qasir idum sena u nofs biex jasal f'dan l-istadju u jitla' fuq l-aġenda parlamentari. Tajjeb ngħidu li bħala sentenza ma naħsibx li kien hemm kontestazzjoni. Essenzjalment huwa eżerċizzju akkademiku bellezza, bħala avukat tieħu pjaċir taqrah, kif qal l-Onor. Herrera, għax daħal fi kwestjonijiet tad-drittijiet umani u kien motivat kif tirrikjedi l-liġi u ġie kkwotat każistika importanti. Jiġifieri fuq kollox id-diskriminazzjoni, il-provvediment, ġie ġustifikat adegwatament mill-Qorti Kostituzzjonali tagħna. Nerġa' ntenni li dan id-dewmien ma kienx xieraq. Jien iltqajt personalment mas-Sinjuri Debono biex nara eżattament x'kienet is-sitwazzjoni u nħoss li l-isforzi li għamlu huma u l-emozzjonijiet kbar li għaddew minnhom huma kif ukoll il-flus li nefqu biex għamlu din il-kawża u

jiġġieldu din is-sitwazzjoni, *it's about time* li jingħatalhom dak li tant iġġieldu għalih. *As an aside* din kienet introduzzjoni biex niċċara ftit din is-sitwazzjoni.

Tajjeb ngħid li kif qal tajjeb il-Ministru, madwar sentejn ilu f'dan il-Parlament, saret diskussjoni wiesgħa fuq is-suġġett tal-adozzjoni meta kien qed jiġi diskuss l-abbozz ta' liġi tal-amministrazzjoni dwar l-adozzjoni. Matul dan id-dibattitu li sar sentejn u nofs ilu, kien ħareġ b'mod qawwi kemm sitwazzjonijiet ta' adozzjoni jġibu magħhom emozzjonijiet kbar, jiġifieri huwa fatt rikonoxxut li dawn huma sitwazzjonijiet delikati ħafna u li ovvjament iġibu dawn l-emozzjonijiet li jaffettwaw ħafna lill-koppja. Però tajjeb ngħid x'intqal f'dik id-diskussjoni. Fil-fatt għandi d-dibattiti quddiemi, qrajthom sew u kien spikka kumment tal-Ministru meta qalet li dak iż-żmien, meta kien qed jiġi ppreparat l-abbozz ta' liġi, kienet saret diskussjoni u konsultazzjoni wiesgħa.

Ovvjament meta tagħmel konsultazzjoni, inti tagħmilha bil-ħsieb li tindirizza l-problemi li jiffaċċjaw il-persuni li jkunu għaddejjin mis-sitwazzjoni però fl-intervent tiegħi se nipprova nsemmi diversi problemi li jiltaqgħu magħhom il-koppji li fil-fatt ma ġewx indirizzati mil-liġi u mid-dibattitu li sar dak iż-żmien. Allura naħseb li dan kollu huwa prova ċara li l-konsultazzjoni ma kienet wiesgħa xejn għax kieku saret kif suppost, il-problemi ġew *ormai* riżolti. Kif inhu xieraq li ngħid, l-adozzjoni tagħna hija regolata bil-liġi, allura biex persuna tkun tista' tibda proċess ta' adozzjoni li eventwalment jiġi finalizzat, trid tissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi u trid ukoll toqgħod għall-proċedura li hemm stabbilita fil-Kodiċi Ċivili. Imbagħad, meta ġie ntrodott l-Att tal-2008, kien hemm ukoll konċetti ġodda li huma pożittivi ħafna fejn, apparti li ġie ffaċilitat il-proċess, kien hemm ukoll garanziji biex ma jkunx hemm abbużi u sfruttament ta' ebda tip, speċjalment fir-rigward tal-adozzjonijiet ta' barra minn Malta fejn ikun hemm involuti ċerti problemi, speċjalment ta' flejjes li jintalbu taħt pretest jew ieħor, imma li ovvjament jikkaratterizzaw ċertu element ta' abbuż u sfruttament. U peress li l-koppji li jkunu se jadottaw ikunu f'sitwazzjoni daqsxejn emozzjonali, ikunu aktar vulnerabbli għal dan it-tip ta' sfruttament. Allura din il-liġi ħolqot appuntu reati u pieni relattivi għal min jabbuża minn dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet.

Ġaladarba d-diskussjoni saret, naħseb li huwa opportun illi *at this stage* nagħmlu daqsxejn ta' *stocktaking* tas-sitwazzjoni, inħarsu lejn l-aħħar sentejn u naraw xi progress sar kif ukoll x'nuqqasijiet kien hemm sabiex jiġu ndirizzati. Żgur li l-kondizzjoni ta' qtigħ il-qalb ta' koppji li jridu jadottaw ma naqsitx għax ma' kulmin titkellem jgħidlek li din hija sitwazzjoni daqsxejn diffiċli. Ħafna jgħidulek li meta jiġu biex ifittxu l-għajnuna, isibu problemi kbar anke bħala kuntatti. Aħna m'għandniex servizz bħalma għandhom l-Italja, per eżempju. Dawn għandhom iċ-CIFA, li hija entità li tgħin lill-koppji biex isibu tfal *available* għall-adozzjoni. F'Malta dan il-qasam huwa limitat immens u l-koppji ma tantx isibu għajnuna. Huwa kategoriku u assolut il-fatt li jekk trid tadotta u ma jkollokx flus, speċjalment jekk se tadotta tfal minn barra l-pajjiż, l-adozzjoni ma ssirx. Għax kif għedt, jintalbu l-ħlasijiet u jekk ma jkollokx biex tħallas, l-adozzjoni ma sseħħx. Allura adozzjoni ta' tfal minn barra minn Malta tfisser ukoll piż kbir finanzjarju fuq il-familja. Biss biss għandek l-ispejjeż tal-koppja li jridu joqogħdu ġejjin u sejrin barra minn Malta biex jiġi ffinalizzat il-proċess minn barra.

U ilment li rċevejt u li nixtieq inressaq lil din il-Kamra huwa għar-rigward l-*adoption leave* li huwa ta' ħames ġimgħat u li jingħata lill-koppji wara li ssir l-adozzjoni. Il-koppji jgħidulek li dan il-*leave* għandhom bżonnu qabel ma ssir l-adozzjoni għax l-iskariġġ li joqogħdu ġejjin u sejrin barra minn Malta qabel jagħmluh, jiġifieri ħafna drabi jkollhom jieħdu l-*leave* kollu tagħhom u anke jispiċċaw jieħdu l-*unpaid leave.* Allura qed isir suġġeriment sabiex dawn il-koppji jingħataw *special paid leave* addizzjonali bl-intenzjoni li jtaffi ftit mill-*burden* li jkunu għaddejjin minnu. Fil-fatt kont għamilt mistoqsija parlamentari 5552, fejn staqsejt lill-Prim Ministru jekk il-gvern kellux il-ħsieb li dan it-tip ta' *leave* jiġi modifikat u estiż biex ikopri s-safar kollu konness mal-proċess ta' adozzjoni, imma sfortunatment ir-risposta kienet biss fuq l-*adoption leave* li huwa *available* bħalissa.

Xieraq ukoll li nirriferi għall-mistoqsija parlamentari li kont għamilt lilek, Sur President, meta kont ministru tal-affarijiet barranin, peress li kont irċevejt ilment għar-rigward l-ispejjeż in konnessjoni ma' legalizzazzjoni ta' dokumenti. Dak iż-żmien biex tagħmel legalizzazzjoni ta' dokument – għax ovvjament skont il-Konvenzjoni jrid jgħaddi minn dan il-proċess – kien hemm ċertu spejjeż involuti,

spejjeż illi meta tqishom u meta tgħoddhom mal-ispejjeż l-oħra, tarahom żejda. Niftakar li bl-intervent tiegħek meta kont ministru, dawn l-ispejjeż kienu ġew eliminati. Naħseb li tkun ħaġa pożittiva jekk min hemm minflokok u min hu involut fil-proċess tal-adozzjoni, jieħu l-eżempju tiegħek u jsegwi l-passi tiegħek.

Għalkemm s'issa qed nitkellem fuq il-proċess ta' adozzjonijiet ta' barra minn Malta, ma nistax ma nsemmix il-problemi li jiltaqgħu magħhom il-koppji f'Malta stess għax ma nistax ngħid li l-proċess f'Malta huwa ward u żahar u mingħajr intoppi. Fil-fatt ilment prinċipali li nirċievi ripetutament huwa rigward id-dewmien għall-*home study report.* Fil-fatt qabel is-sajf kont ġejt avviċinata minn koppja oħra li kienet imdejqa minħabba s-sitwazzjoni ta' dewmien, dak iż-żmien jidher li l-bord ma kienx kompost u allura kien hemm *backlog* li ried jiġi indirizzat. Tajjeb li ngħidu li sal-istadju li jiġi ffinalizzat dan il-proċess, ikun hemm *home study report* u jiġi mgħarbel mill-bord u tittieħed id-deċiżjoni jekk il-koppja tkunx eliġibbli jew le, il-koppja ma tkunx tista' tagħmel avvanzi. U kif qal l-Onor. Herrera, għandna sitwazzjonijiet ta' koppji li jkunu stinkaw, għamlu l-*homework* tagħhom u sabu t-tfal *available for adoption* imma minħabba dan id-dewmien, ma jkunux jistgħu jipproċedu. Allura l-opportunità li jkunu sabu b'tant ħidma u b'tant sagrifiċċji, tisfalhom fix-xejn. Huwa frustranti ħafna li trid toqgħod tistenna l-ħniena tal-bord sabiex jindirizza din il-*backlog*. Allura ladarba jeżisti dan il-*backlog* għaliex ma jsirx sforz akbar u addizzjonali biex jiġi ndirizzat kemm jista' jkun malajr? Nifhem li mhumiex affarijiet intenzjonati però nifhem ukoll li bi ftit sforz u bi ftit aktar ħidma, dawn il-problemi jistgħu jiġu eliminati.

Xi ħaġa oħra li rrid insemmi hija l-*e-mail* li kienet intbagħtet lilna l-membri parlamentari kollha minn Dr Ruth Scott, meta fl-2008 kienet qed tiġi diskussa l-liġi. Ma naħsibx li din hija xi ħaġa sigrieta, Sur President. Se nerġa' ntenni l-kummenti li kienet għamlet Dr Ruth Scott dakinhar għax dawn għadhom ma ġewx indirizzati. Nirriferi b'mod partikolari għall-kumment li għamlet dwar l-aġenzija Appoġġ fejn qalet li jekk din l-aġenzija kienet ineffiċjenti minħabba l-*workload* eżistenti tagħha, kien inutli li żżidilha l-*workload* billi tassenjalha aktar xogħol. Kull meta nkunu qegħdin niddibattu u tissemma l-aġenzija Appoġġ, jingħad li filwaqt li din l-aġenzija tagħmel xogħol siewi ħafna, huwa fatt li għandha limitazzjoni ta' riżorsi umani. Din hija problema *recurrent* u jsir kemm isir, qatt m'hi qiegħda tiġi indirizzata adegwatament għax waħda mill-problemi prinċipali hija kondizzjoni ta' xogħol li għandhom dawn il-ħaddiema. Qed ngħid dan għax hemm nuqqas ta' stimolu minn ċerti ħaddiema li naħseb li għandu jiġi indirizzat.

Anomalija oħra li xtaqt nitkellem dwarha fil-liġi dwar l-adozzjoni hija fir-rigward tal-età ta' min irid jadotta. Skont artiklu 115 ta' Kapitlu 16, min jadotta jrid ikollu minn tal-inqas 28 sena. Meta din l-età ġiet diskussa fil-liġi tas-sena 2008, ukoll kien hemm reviżjoni però sfortunatament din ma kenitx biżżejjed. Qed ngħid dan għax għandna koppji li għalkemm jikkwalifikaw skont il-kriterju ta' tliet snin, li appuntu llum ġie dikjarat anti-kostituzzjonali, imbagħad ma jikkwalifikawx minħabba l-età. Forsi hemm min jgħid li l-età ta' 28 sena qiegħda hemm biex tassigura li persuna li tkun se tadotta tifel jew tifla, tkun matura biżżejjed. Però ma jfissirx li inti se torbot il-maturità ma' dik l-età, jiġifieri m'hemm l-ebda kriterju, la xjentifiku u lanqas soċjali, li jabbina l-maturità mal-età ta' 28 sena. Naħseb illi din hija xi ħaġa li trid tiġi indirizzata.

Fil-fatt f'dawn l-aħħar ġranet irċevejt *e-mail* mingħand mara li qalet hekk:

> *"We are aware that currently this act is being reviewed with respect to the three year marriage requirement for couples and would like to know what could be done, in order also to propose an amendment, to this Adoption Act with reference to the age requirements.*
>
> *Hope that our request is considered and given the due importance it deserves, not only for ourselves, but for many other couples who are passing throughout the same experience.*".

Qed inwassal il-messaġġ ta' din il-mara li tixtieq tadotta. Hija xewqa pjuttost leġittima li koppja li ma jkunx jista' jkollha tfal tkun trid tadotta b'rispett sħiħ lejn id-dritt ta' min irid jiġi adottat. Allura għan-nom ta' din il-persuna, qed inressaq din il-proposta u qed nabbinaha wkoll mal-intervent li kien

għamel fid-dibattitu l-Ministru Joseph Cassar fl-2008, fejn ukoll kien ikkummenta dwar il-fattur tal-età. L-Onor. Cassar kien qal illi meta koppja tkun se tadotta, hemm differenza kbira bejn meta din tkun għadha żgħira u meta tkun kbira fl-età, għax ovvjament aktar ma tkun żgħir, aktar taddatta ruħek għaċ-ċirkostanzi. Naħseb illi jekk l-età ta' 28 sena tinżel għal tal-inqas 25 sena, ma naħsibx li tkun qed issir xi bidla drastika għad-detriment tal-aħjar interess ta' min se jiġi adottat.

Ilment ieħor li rċevejt huwa rigward il-proċedura tal-qorti għax fl-aħħar fażi hija l-proċedura legali li hija taħt l-iskrutinju tal-qrati tagħna u hekk għandu jkun. Tajjeb li l-qrati tagħna jżommu l-kontroll u jkollhom l-iskrutinju biex jassiguraw li t-tfal li se jiġu adottati jkollhom l-aħjar u l-aqwa protezzjoni possibbli. Però tajjeb li ngħidu li wara dawk il-proċeduri kollha, wara dawk l-ispejjeż kollha, *the final stage* ikun li l-qorti taħtar espert li jagħmel ir-rapport tiegħu, li essenzjalment ma jkun xejn differenti mill-*home study report*, bid-differenza li meta jiġi ffinalizzat dan ir-rapport, il-koppja tirċievi l-kont. Ħafna drabi l-koppja tara dan il-kont żejjed, speċjalment wara l-ispejjeż li tkun nefqet biex iġġib it-tfal minn barra u ovvjament tkun qiegħda tipprepara l-ambjent u d-dar tagħha biex tilqa' lil dawn it-tfal. Is-suġġeriment li xtaqt nagħmel huwa jekk huwiex possibbli li dawn l-ispejjeż ma jiġux assorbiti mir-rikorrenti, imma forsi jkun hemm xi tip ta' mekkaniżmu li jew jorħsu jew altrimenti jiġu assorbiti forsi b'xi tip ta' mekkaniżmi legali u ta' għajnuna li tingħata lil din il-koppja. Dan qed nabbinah ukoll mal-legalizzazzjoni tad-dokumenti li kont għamilt int, Mr Speaker, biex forsi jkun hemm min isegwi l-passi tiegħek u din il-problema tiġi indirizzata wkoll.

Sur President, ilqajt bi pjaċir is-suġġeriment li sar rigward l-artiklu 116 għax fil-fatt kienet waħda mill-punti li għandi x'nagħmel illum għax kif tgħid il-liġi, biex digriet ta' adozzjoni jinħareġ u allura adozzjoni minn barra tiġi effettiva *to the full effect* skont il-liġijiet ta' Malta, it-tifel jew tifla jridu jkunu ilhom tliet xhur għand ir-rikorrenti. Normalment li jiġri hu li malli t-tifel jew it-tifla li jkunu se jiġu adottati, jaslu Malta, il-koppja tibda l-proċeduri biex jiffinalizzaw kemm jista' jkun malajr. U normalment l-espert li jitqabbad kulma jagħmel hu li jirrikkmanda lill-qorti tagħti d-digriet f'data li tiġi wara dawk it-tliet xhur. Jiġifieri essenzjalment u fis-sustanza ma jkun qed ibiddel xejn u kulma jkun qed jagħmel huwa li jtawwal id-digriet biex ikun konformi ma' din il-liġi. Din hija formalità u naħseb li m'hemmx bżonn, kif intqal tajjeb fl-introduzzjoni, li dan ir-rekwiżit ta' tliet xhur jibqa' fis-seħħ, għalkemm naqbel u nisħaq li dejjem għandu jkun hemm viġenti l-iskrutinju tal-qrati tagħna biex, kif għedt qabel, ikun hemm aċċertazzjonijiet li t-tfal li jkunu qegħdin jiġu adottati jkunu qegħdin jingħataw l-aħjar possibbli.

Biex nikkonkludi ngħid li d-dritt tal-familja huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali u t-tfal għandhom dritt li jkollhom il-familja. Nemmen li għall-koppji li ma jistax ikollhom tfal, ix-xewqa li jadottaw hija leġittima wkoll, allura jekk tabbina d-dritt tat-tfal max-xewqa tal-ġenituri, issib li din hija formula tajba u importanti ħafna biex it-tfal tagħna u anke t-tfal li ġejjin minn pajjiżi oħra u li sfortunatament ma kellhomx ix-xorti li jkunu mal-familja naturali tagħhom għal diversi raġunijiet, permezz tal-adozzjoni tkun tista' tintlaħaq il-milja tad-dritt tal-familja. Fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jaħdmu mat-tfal, lil dawk kollha li jagħtu servizz f'dan il-qasam u li jagħtu lil dawn it-tfal sfortunati li ġew maħkuma minn dawn is-sitwazzjonijiet intortament l-għożża, it-trobbija u l-indukrar kollu li għandhom bżonn. Jalla l-missjoni ta' dawn in-nies tkun apprezzata aktar u tkun megħjuna aktar biex it-tfal verament ikollhom dak li jixirqilhom. Nirringrazzjak.

**<u>Voti għall-Ministeru għal Għawdex</u>**
**(Unedited and unrevised not for official use before publication)**
S 277 8.11.10

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, l-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lill-Onor. Refalo tal-intervent tiegħu u nsellem ukoll lill-kollegi tan-naħa l-oħra wara battikata li ġejna hawnhekk għax lilna l-Għawdxin dan in-naqra baħar li għandna biex niġu hawn jaffettwana wisq.

Sur President, f'dik il-parti tal-*budget speech* li titkellem dwar Għawdex ma tantx rajna differenza mis-snin ta' qabel, ħlief li żdiedet id-doża ta' medjokrità li insultat l-intelliġenza ta' ħafna Għawdxin. Dejjem nirrepetu l-istess affarijiet, qatt ma nisimgħu xejn ġdid u allura mhux talli l-problemi jibqgħu hemmhekk, talli jiġu ħafna għall-agħar. Peress li jiena l-kelliema ewlieni dwar il-qasam soċjali min-naħa tal-oppożizzjoni, ma nistax ma nitkellimx dwar Għawdex mil-lenti soċjali. Fil-fatt din is-sena hija ddedikata għall-fqar u għall-esklużjoni soċjali u allura tajjeb li niddedika parti mill-intervent tiegħi lil dan l-aspett.

Fil-fatt jekk nanalizzaw l-istatistika b'mod oġġettiv kif ukoll nabbinawha mar-realtajiet li naraw ta' kuljum fost il-poplu Għawdxi, speċjalment f'dawn l-aħħar snin, insibu li kellna xejriet u bixriet li kienu differenti mis-snin ta' qabel għax il-familji tagħna għandhom piżijiet kbar x'iġorru. Fejn qabel kellna ommijiet u missirijiet li apparti x-xogħol tagħhom, kellhom ukoll *part-time jobs* biex iżommu l-livell tal-għajxien tal-familja tagħhom tajjeb, illum din ir-realtà m'għadhiex teżisti f'Għawdex u n-nuqqas ta' xogħol hija fattwali ħafna. U minbarra n-nuqqas ta' xogħol għandna wkoll żieda fl-isfruttament tal-ħaddiema, fejn il-prekarjetà saret *the order of the day* u apparti minn hekk, naqqsu l-garanziji fuq il-post tax-xogħol. Qed tirrenja sitwazzjoni ta' sfruttament fejn għandek ħaddiema mneżża' minn kull dinjità. Għax jekk jitkellmu għad-drittijiet tagħhom, jiġu mhedda li jekk ma joqogħdux għal ċerti kondizzjonijiet se jiġu mkeċċija 'l barra u dan ma jagħmel xejn ġid u ġieħ lilna l-Għawdxin, speċjalment min qiegħed f'din is-sitwazzjoni. Nieħu l-opportunità biex nuri s-solidarjetà tiegħi ma' dawk kollha li għaddejjin minn dawn iż-żmenijiet diffiċli, b'mod partikolari l-ex-impjiegati tal-Bryvarc Ltd., li aċċenna għalihom l-Onor. Refalo, li wara li ġew imwiegħda ħafna affarijiet, wara li ġew sfruttati fuq il-post tax-xogħol tagħhom u wara li ġew umiljati, fl-aħħar spiċċaw biex tkeċċew, daħku bihom u ma ħallsuhomx. Fil-fatt għamilt sensiela ta' mistoqsijiet parlamentari biex nara x'għamel il-gvern biex jiddefendi l-interessi tal-ħaddiema ta' din il-fabbrika però ħlief tidwir ta' diskors ma ħadt l-ebda risposta. Ovvjament dan it-tidwir ta' kliem ma sewa ta' ebda għajnuna.

Niġi issa għas-*survey on income and living conditions.* F'Għawdex kellna 5,450 persuna li tgħix fir-riskju tal-faqar, jiġifieri 17% tal-irġiel Għawdxin u 19% tan-nisa Għawdxin jgħixu fir-riskju tal-faqar ukoll. B'kollox dan jammonta għal 18% tal-popolazzjoni Għawdxija. Meta dawn il-figuri jiġu kkomparati mar-reġjuni l-oħra ta' Malta nsibu li r-reġjun ta' Għawdex għandu l-ogħla rata ta' persuni f'riskju ta' faqar. Dan il-persentaġġ li qed insemmi huwa ta' dawk il-persuni wara li jkunu ħadu benefiċċji u għajnuniet oħrajn. Allura jekk nieħdu n-numru ta' nies f'Għawdex qabel ma jieħdu s-*social transfer* għandna 8,560 ruħ, li jammontaw għal 29% tal-popolazzjoni Għawdxija, li jgħixu fil-faqar jew fir-riskju tal-faqar. Il-medja għal Malta hija ta' 6,676 ruħ, jiġifieri n-numru li għandna f'Għawdex jeċċedi bil-bosta l-medja li għandna f'Malta kollha. Issa dan in-numru ma jinkludix l-anzjani għax imbagħad in-numru ta' anzjani li wkoll qegħdin jgħixu f'riskju ta' faqar huwa ta' 4,340. Jiġifieri meta tgħodd dan kollu flimkien, jiġu 12,900 ruħ li jgħixu fil-faqar jew f'riskju ta' faqar.

Sur President, dan id-diskors diġà għamiltu s-sena l-oħra però jidher li ġie njorat kompletament u meta ġejt hawnhekk biex naġġorna l-affarijiet skont l-istatistika li ħarġet, sibt li 43% tal-popolazzjoni Għawdxija qiegħda tgħix f'riskju ta' faqar u allura f'livell ta' għajxien baxx ħafna. Dan ifisser li ħafna qegħdin imissu l-faqar relattiv b'idejhom. Statistika oħra ta' rata ferm għolja u ta' min jinnotaha u janalizzaha f'Għawdex hija ta' persuni li jieħdu l-*unemployment benefit.* Jekk imbagħad inqabblu l-istatistika tal-NSO dwar il-qgħad bejn Għawdex u Malta u nissegmentaw il-kategoriji skont l-età, insibu li f'Għawdex hija ħafna ogħla minn ta' Malta. Fil-fatt ir-rata ta' persuni taħt l-20

sena li jirreġistraw f'Malta hija ta' 6.7%, filwaqt li dik ta' Għawdex hija ta' 6.9%. Ir-rata ta' persuni ta' bejn l-20 sena u l-24 sena f'Malta hija ta' 9.9%, filwaqt li ta' Għawdex hija ta' 15.8%. Ir-rata ta' persuni ta' bejn il-25 sena u d-29 sena f'Malta hija ta' 10.6% filwaqt li ta' Għawdex hija ta' 14.4%. Imbagħad ir-rata ta' persuni ta' bejn it-30 sena u l-44 sena f'Malta hija ta' 31% filwaqt li f'Għawdex hija ta' 31.8%. Dan juri biċ-ċar li r-rati f'Għawdex huma ħafna ogħla minn ta' Malta u allura dan jindika wkoll li l-etajiet kritiċi huma ta' meta wieħed ikun għadu żgħir u jkun għadu qed jibda l-ħajja tiegħu imma sfortunatament mhux qed jilħqu l-aspettattivi tagħhom anke wara snin sħaħ ta' studju.

Nafu wkoll li l-qgħad reali f'Għawdex mhuwiex dak biss kif indikat fl-istatistika li toħroġ perjodikament għax għandna ħafna nies li minkejja li jinstabu qiegħda, la jirreġistraw fuq Part 1 u lanqas fuq Part 2 għax parti sostanzjali mill-popolazzjoni mhijiex ekonomikament attiva. U dan apparti wkoll li riċentement qed ikollna numru sostanzjali ta' persuni li għal raġunijiet banali ħafna qed jispiċċaw maqtugħin mir-reġistrar bl-addoċċ. Fil-fatt fl-aħħar ta' Settembru ġie organizzat *seminar*, xtaqt ħafna li ġejt mistiedna ħalli nkun nista' nsegwi iktar mill-qrib u fih ġie diskuss il-*long-term unemployment*, problema li f'Għawdex tidher li hija ħafna iktar akuta minn Malta. Skont l-istatistika li ġiet ippreżentata mis-Sur Scerri, li huwa s-*senior manager* fl-Employment Services Division tal-ETC, terz tal-persuni kollha qiegħda f'Għawdex huma appuntu *long-term unemployed* u ġiet enfasizzata wkoll iż-żieda fil-faqar f'Għawdex b'konsegwenza ta' dan.

Sur President, għalkemm is-Sur Scerri elenka diversi programmi, bir-rispett kollu jidher li dawn mhumiex qegħdin iħallu l-frott tagħhom f'Għawdex. Nixtieq nirringrazzja lill-i*staff* tal-ETC f'Għawdex tal-isforz kollu li għamlu però l-problema hi li t-tmexxija tal-ETC mhijiex tifhem ir-realtajiet tagħna l-Għawdxin. Jiġifieri huwa inutli li tagħmel sett ta' korsijiet f'Malta li f'Għawdex ma jsirux. Huwa inutli li l-ETC tippretendi li jkun hemm *long-term unemployed* Għawdxin li tibgħathom jaħdmu f'Malta għax dan il-fatt aktar ikompli jiskoraġġixxi lil dak li jkun. U inqas u inqas jagħmel sens illi persuni li jkollhom ċerti kondizzjonijiet, bħal uġigħ f'daharhom jew f'partijiet oħra ta' ġisimhom, tibgħathom jagħmlu

xogħol li jirrikjedi strapazz. Jiddispjaċini imma dawn mhumiex affarijiet addattati u jien narahom sempliċement bħala skuża biex lil dak li jkun taqtgħu mir-reġistrar. Allura nemmen li hemm bżonn ta' rivalutazzjoni tas-servizz tal-ETC f'Għawdex.

Imbagħad f'paġni 39, 40 u 41 ma ssib assolutament xejn. F'paġna 22 issemma l-Micro Enterprise Park, li s-sena l-oħra ssemma f'paġna 21. Fil-fatt ix-xogħol fuq dan il-park, li għandu applikazzjoni numru PA7350/2005, kellu jinbeda s-sena li għaddiet, din is-sena ntqal li se jinbeda s-sena d-dieħla però jidher li l-applikazzjoni tal-MEPA tinsab sospiża għax ma ġewx sottomessi l-pjanti opportuni u nispera li l-Ministru tagħti spjegazzjoni ta' dan. Nerġa' nsemmi applikazzjoni numru PA2849/2007 għall-uffiċini fi Triq Enrico Mizzi. Nerġa' ngħid li din l-applikazzjoni suppost kienet intiża biex jinbnew *premises* għall-*back office* f'Għawdex, hija opportunità tad-deheb li jkollok aktar ħaddiema Għawdxin li jaħdmu f'Għawdex però jidher illi din il-possibbiltà għadha ma seħħitx u aktar ma ndumu, aktar inkunu qegħdin inċaħħdu lil ħafna Għawdxin mill-possibbiltà li jiffrankaw dik it-tbatija kollha li joqogħdu ġejjin u sejrin Malta u lura.

L-Onor. Refalo semma ħafna t-toroq però jien se nillimita ruħi għall-famuża triq li tagħti għal Ta' Pinu li hija maqsuma f'żewġ partijiet; dik il-parti li tagħti mir-Rabat sas-siġra Ta' Pinu, kif insibuha aħna u l-parti l-oħra li tagħti mis-siġra sas-Santwarju Ta' Pinu li x-xogħol fuqha għadu għaddej. Ta' min ifakkar li l-ewwel parti, dik li tagħti mir-Rabat sas-siġra Ta' Pinu, tlestiet qabel l-elezzjoni u ftit wara, kienu tfaċċaw fiha xi xquq. Nafu wkoll li saru xi xogħlijiet minn taħt, baxx baxx, biex mingħalihom jitgħatta kollox u ħadd ma jinduna b'xejn. Fil-fatt din il-parti tat-triq ġiet tiswa aktar milli kien stmat. Waħda mir-raġunijiet, fost oħrajn, kienet li lanqas kienu ħasbu għas-servizzi li kellhom jgħaddu minn din it-triq u allura kellha terġa' tinqala' mill-ġdid. Għaldaqstant, apparti li x-xogħol dam għaddej, ġie jiswa aktar.

Fil-fatt kont għamilt żewġ mistoqsijiet parlamentari lill-Ministru, waħda numru 20067 u l-oħra numru 20068, fejn iddistingwejt iż-żewġ partijiet tat-triq u staqsejtha kemm ġiet tiswa l-manutenzjoni ta' din il-parti tat-triq biex jimtlew ix-xquq u x'passi ttieħdu mill-gvern fil-konfront ta' min għamel ix-xogħol, għax jekk żviluppaw dawn ix-xquq sinjal li x-xogħol ma sarx kif suppost. Però l-Ministru lagħbitli bid-diskors u qaltli li x-xogħol fuq it-triq Ta' Pinu għadu qed isir u allura m'hemmx ħtieġa ta' manutenzjoni. Jiġifieri għalkemm jien għamilt mistoqsijiet speċifiċi fuq iż-żewġ partijiet separati tat-triq, il-Ministru, biex iddur mal-lewża, għażlet li tirrispondi dwar parti minnha biss. Issa biex neliminalha kull dubju, għandi żewġ ritratti li se npoġġihom fuq il-Mejda tal-Kamra biex il-Ministru tkun taf għal-liema parti qed nirriferi u mbagħad tirrispondini dwarha.

Ħalli nitkellem ftit dwar is-saħħa. Sur President, dan l-aħħar qed ikolli nidħol l-isptar b'mod regolari minħabba l-viżti li jkolli nagħmel minħabba t-tqala tiegħi u tingħafasli qalbi meta nara ċerta telqa li hemm. Jiddispjaċini wkoll li wara li nkun għamilt xi mistoqsijiet parlamentari u ningħata tweġiba, jibdew jistaqsu lill-ħaddiema biex jaraw min tani l-informazzjoni, bħallikieku għajnejn m'għandix u moħħi qiegħed hemm biex iżomm ix-xagħar biss! Dawn l-affarijiet m'għandhomx isiru u jien nikkundannahom bl-akbar qawwa. Hija ħaġa tal-mistħija li sena wara l-oħra niġu mwiegħda li fl-isptar ta' Għawdex se jkollna d-dipartiment tar-radjoloġija, it-teatri l-ġodda, id-dipartiment tad-dentistrija, l-ambulanzi u ħafna affarijiet oħrajn u dawn jibqgħu ma jsirux. Il-Ministru ilha s-snin tgħidilna li dalwaqt jiġu imma aħna xbajna nisimgħu dan il-kliem. Li kieku jiena kont minflok il-Ministru kont nistħi niġi hawnhekk u nerġa' nitkellem dwarhom.

Ħaġa oħra tal-mistħija – qed ngħid dan għax għaddejt minnu jien - hija l-inkubaturi tat-trabi li hemm fl-isptar ġenerali ta' Għawdex. Xi żewġ *budgets* ilu kont tkellimt dwar din il-problema u se nerġa' insemmiha. Skont risposta ta' mistoqsija parlamentari li għamilt, jidher li fl-1971, jiġifieri qabel ma twelidt jien, kienu nxtraw tliet inkubaturi u mbagħad tmur fl-Isptar Mater Dei u jirriżultalek li fil-kuritur tal-*gynaechology* għandek inkubaturi modernissimi li qegħdin hemmhekk litteralment jistennew biex jintużaw għal kull eventwalità. Nixtieq inkun naf ukoll jekk huwiex minnu li ġo kaxxa x'imkien fl-isptar hemm l-*ultrasound 4D,* li hija teknoloġija modernissima. Din ovvjament mhijiex qed tintuża. Irrid nistaqsi wkoll jekk huwiex minnu li hemm persuna li lesta tiġi Għawdex biex toffri s-servizz tagħha li ilha x-xhur tistenna l-approvazzjoni tal-ministeru biex tagħmel dan. Jekk dan huwa minnu, din hija xi ħaġa verament tal-mistħija. Min suppost jieħu ħsieb dawn l-affarijiet mhux biss għandu jġorr ir-responsabbiltà politika u amministrattiva imma jġorrha wkoll fuq il-kuxjena tiegħu. Il-Ministru hija mara, nistenna li tissimpatizza ma' ċerti affarijiet, bħalma nistenna li tifhem il-ħtieġa mminenti tal-*mammogram*. Nispera wkoll li meta jaslu l-ambulanzi l-ġodda, jaslu wkoll l-inkubaturi, l-*ultrasound 4D* u s-servizzi l-oħra li għandna bżonn f'Għawdex. Jien għadni nistenna ċ-*childcare centre*, li l-applikazzjoni tiegħu hija numru PA2357/09 u t-*target date* kienet is-6 ta' Awwissu ta' din is-sena. Però wara ħafna snin ta' wegħdiet għadu ma sar xejn, għalkemm issa l-Ministru Fenech semma *childcare centre* ieħor fix-Xewkija li lanqas biss nafu xejn dwaru.

Issemmiet ukoll il-privatizzazzjoni taż-Żewwieqa, li ftit ilu kont ħadt Aġġornament dwarha u ddiskrivejtha bħala s-sigriet ta' Fatima għax ħadd ma jaf xejn dwarha. Fil-fatt issir kritika li l-proċess ta' privatizzazzjoni ma kien trasparenti xejn u li kien hemm diversi irregolaritajiet. Fost dawn kien hemm il-fatt li meta nħareġ it-*tender* u ntgħażlet il-kumpanija li rebħitha, kienu nbidlu t-*terms* tal-offerta, li l-*concession area* fil-port tal-Imġarr żdiedet, illi r-*requirements* għall-irmiġġi l-ġodda nbidlu minn *pontoons* għall-irmiġġijiet ta' bagi u li l-gvern iżjed iffoka fuq kemm se jdaħħal fil-bidu milli kemm kien se jsir investiment ġewwa Għawdex. U spiċċajna f'sitwazzjoni ta' *take it or leave it*, għax l-operatur beda jhedded li jekk ma jitħallsux il-prezzijiet li qed jimponi, *they might as well* jitilqu. Però l-problema hi li min għandu dgħajsa hemmhekk u se jneħħiha, m'għandu mkien fejn jeħodha u din hija xi ħaġa kundannabbli. Meta l-Ministru Fenech kien għamel il-*press conference* biex iħabbar il-kumpanija rebbieħa, kien qal li sakemm isir investiment ġdid, ma kenux se jogħlew il-kirjiet tal-*pontoons*. Fil-fatt ir-rata għoliet bejn 20% u 35% u sal-lum għadu ma sar ebda tibdil fl-infrastruttura tal-*marina.*

Issemmiet ukoll l-iskola l-ġdida tas-subien. Din hija xi ħaġa pożittiva. Veru li sar xi tibdil u manutenzjoni fl-iskejjel l-oħra però safejn naf jien din hija l-ewwel skola ġdida li nbniet minn Gvern

Nazzjonalista għax l-oħrajn kollha nbnew minn Gvern Laburista. Jien kont hemmhekk għall-ewwel ġebla għax nappoġġja dawn it-tip ta' inizjattivi, però nitlob spjegazzjoni għat-taħwid li hemm rigward il-faċilitajiet sportivi, per eżempju, fejn wara li bdew ix-xogħlijiet u avvanzaw sew, fid-9 ta' Settembru ħareġ permess għal *public car park* f'din l-iskola. Dan il-permess ma kienx inkluż fil-pjan oriġinali u issa ġie approvat. Nistaqsi wkoll għaliex l-ewwel kien sar tħammil fil-parti fejn kien hemm l-uffiċċju tal-edukazzjoni u anke saru l-pilastri tal-konkrit u mbagħad reġa' intradam kollox u ovvjament dan ifisser ħela ta' flus jekk sar bla raġuni ta' xejn.

Sur President, ħalli nitkellem dwar is-settur turistiku. Dan huwa importanti ħafna għal Għawdex però ċertament ma nistgħux ma nirrikonoxxux li dan is-settur ħa daqqa 'l isfel fejn l-operaturi li stennew *budget* b'miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva, spiċċaw biex ma ħadu xejn u għadhom qegħdin jistennew l-iskemi li ġew imħabbra s-sena li għaddiet u li għadhom fuq l-ixkaffa. Irreġistrajna żieda minima fin-numru ta' turisti, però l-profitt naqas u r-raġuni hija li l-ispejjeż żdiedu. Jgħidulek li għalkemm għandhom ħafna spejjeż, ma jistgħux jgħollu l-prezzijiet għax inkella ma jibqgħux kompetittivi. U dan anke rriżulta b'mod ċar mis-*survey* li sar riċentement mill-Gozo Business Chamber, illi l-maltempata f'Għawdex għadha għaddejja ġmielha. Biex tgħaxxaqha issa erġajna spiċċajna mingħajr il-*link* bl-ajru u l-gvern jidher li m'għandu l-ebda impenn biex jissussidja dan is-servizz tant essenzjali. Rigward il-*cruise liners,* se nillimita ruħi għall-baga tax-Xlendi għax skont mistoqsija parlamentari numru 20720, il-Ministru Gatt qal li din qatt ma ntużat. Issa din swiet madwar €280,000, saret b'ħafna pompa u saret għalxejn. Għandek il-Prim Ministru jippriedka bil-kultura tat-tfaddil u mbagħad għandek il-gvern li jisparpalja bl-addoċċ. Hija pożittiva l-allokazzjoni ta' €0.5 miljun però rridu naraw min se jkun responsabbli minn din l-allokazzjoni biex naraw illi Għawdex effettivament jingħata r-reklamar li jixtieq.

**THE CHAIRMAN:** Onor. Caruana, niġbidlek l-attenzjoni li sar il-ħin.

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, se nagħlaq b'eko-Għawdex, li hija l-viżjoni tal-gvern però qatt daqs din is-sena ma kellna daqshekk sfreġju ambjentali. Insemmi Tal-Muxi, fejn għandek rimi ta' skart li qed isir illegalment minn Road Construction Limited. Jien għamilt sensiela ta' mistoqsijiet parlamentari f'dan il-Parlament però ma ġewx imwieġba. Insemmi l-każ riċenti tad-Dwejra fejn saret ħsara irreparabbli u din hija xi ħaġa tal-mistħija għax l-ambjentalisti qed jgħidulna li sirna pajjiż tat-tielet dinja. U jien nistaqsi: X'eko-Għawdex għandna jekk qegħdin isiru dawn l-isfreġji? Issemmiet l-afforestazzjoni. Dawn huma affarijiet tajbin però bqajt skandalizzata nisma' bl-Ulysses Grove. Jien ilni s-snin nisma' lis-Sur Portelli jitkellem dwar dan il-proġett, jgħid li sab intoppi kbar minn kullimkien u mbagħad jiġi l-gvern, frisk frisk bħal ħassa, u jippreżentalna dan il-proġett bħala xi ħaġa oriġinali tiegħu mentri fil-fatt mhux hekk.

Issemma l-proġett tal-qorti. Meta se jsir dan il-proġett? Kien hemm ukoll applikazzjoni għal *photovoltaic field*, liema applikazzjoni ġiet sospiża u nieħu l-opportunità biex nistaqsi x'ġara mill-iskema tal-pannelli li spiċċat mertu tal-investigazzjoni tal-pulizija. Jien nagħlaq hawnhekk u ngħid li l-affarijiet tajbin li jsiru f'Għawdex nirrikonoxxihom pero' sinċerament inħoss li l-poplu Għawdxi jinsab batut, għandu bżonn l-għajnuna u Għawdex mhux qed jingħata l-attenzjoni li jeħtieġ. Jekk il-gvern mhux se jieħu dan l-impenn, jiddispjaċini ngħid li se nerġgħu niġu sena wara l-oħra nitkellmu fuq l-istess affarijiet u s-sitwazzjoni ta' Għawdex qatt ma titjieb.

Qabel nagħlaq irrid nitlob il-permess biex inqiegħed xi dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra.

**THE CHAIRMAN:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Żewġ ritratti li juru konsenturi fit-triq u fil-bankina tat-triq Ta' Pinu f'Għawdex.

**<u>Voti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja</u>**
**(Unedited and unrevised not for official use before publication)**
S281 10.11.10

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, dan huwa gvern li jħobb isemmi ħafna lill-familji tagħna imma fl-istess waqt huwa l-istess gvern li taħtu kien hawn rekord ta' tkissir ta' familja! U dan qiegħda ngħidu anke mill-bażi tal-professjoni u mill-esperjenza tiegħi, fejn qed nara li l-kaġun prinċipali tat-tkissir tal-familji huma l-piżijiet. Nitkellmu ħafna dwar il-politika tal-familja u tar-riformi fuq il-liġi tal-familja, affarijiet li għandna bżonnhom ħafna, imma żgur li l-akbar għajnuna li nistgħu nagħtu lill-koppji u lill-familji tagħna hija dik li ma ngħabbuhomx aktar milli jifilħu. Dan qiegħda ngħidu fil-kontest tar-realtà tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali. Fejn qiegħda l-Kummissjoni Nazzjonali tal-Familja u x'inhu l-irwol tagħha meta qegħdin jiġu implimentati ċerti miżuri? Fejn huwa s-*social impact assessment* sabiex naraw jekk il-familji tagħna jifilħux mal-piżijiet tal-ħajja? Huwa għal din ir-raġuni li aħna bħala partit qegħdin nitkellmu fuq il-konċett tal-*living wage* għax ma jistax ikun li nħallu l-familji tagħna jkomplu jaqgħu taħt il-*poverty line* meta nafu li din is-sena hija wkoll iddedikata għall-ġlieda kontra l-faqar. U żgur mhux jgħin *budget* anti-soċjali bħal dan, fejn il-gvern qed jippretendi li jindirizza dawn il-piżijiet u l-ġlieda kontra l-faqar billi jżied €1.16 biex mingħalih itaffi din il-problema!

Kull meta nsemmu l-aġenzija Appoġġ dejjem tqum il-kwestjoni tar-riżorsi u l-kwestjoni tal-*waiting lists*. Huwa minnu li fil-*budget* jidher li żdied il-vot tal-Appoġġ imma jiena ninsab informata li dan mhuwiex biżżejjed u lanqas ma jidher li hemm xi pjan sabiex jiġu riveduti l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema f'dan is-settur. Għandek problema ta' tqassim ħażin ta' riżorsi umani u għandek ċerti problemi fil-koordinazzjoni tat-tqassim tax-xogħol. Ma nafx għalfejn il-gvern dam daqshekk biex alloka l-*budget* għad-dipartiment tal-familja fi ħdan l-università ta' Malta. Fil-fatt, għalkemm il-*budget* ġie allokat, il-korsijiet se jibdew jingħataw mis-sena d-dieħla. Żgur mhux forsi li t-tfal huma komponent importanti ħafna tal-familji tagħna. Anzi huma l-aktar komponent li għandna ngħożżu u l-aktar li għandna nindokraw. Huwa fatt li għandna numru sostanzjali ta' tfal li qegħdin fir-riskju tal-faqar. U jekk naraw l-istatistika taċ-*Children* 2010 li ħarġet mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika nsibu li għandna diversi bozoz ħomor li huma indikattivi ħafna.

Fil-fatt f'dawn l-aħħar ġimgħat fil-parlament tkellimna darbtejn fuq il-kwestjoni tat-tfal u fuq l-issues li jirrigwardjaw it-tfal. Kellna dibattitu fuq il-Hague Convention u kellna dibattitu fuq l-emendi tal-liġi tal-addozzjoni. Fid-dibattitu tal-Hague Convention il-Ministru kienet qalet li sal-aħħar ta' din is-sena se jkollna l-politika tat-tfal imma mbagħad, il-Ministru Fenech, fl-i*speech* tiegħu qal li din il-politika tat-fal se tkun imwettqa jew imnedija s-sena d-dieħla. Nispera ħafna li dan iż-żmien ma jitwalx aktar milli hemm bżonn għax huwa imperattiv li naqbdu l-barri minn qrunu. Per eżempju, din is-sena smajna ħafna fuq każijiet ta' tfal vulnerabbli li ntefgħu l-ħabs għax m'għandniex faċilitajiet apposta għalihom. Smajna b'każijiet ta' tfal li jgħixu f'ambjent ta' abbuż u minħabba n-nuqqas ta' faċilitajiet tħallew fl-ambjent tal-abbuż li kienu qed jissubixxu. Ma jistax ikun li t-tfal bi problemi familjari jispiċċaw fl-Isptar Monte Carmeli minħabba nuqqas ta' faċilitajiet. Fil-fatt, il-problema ta' tfal fil-kura residenzjali hija xi ħaġa ta' natura urġenti u ta' natura imminenti.

Fil-*budget* issemmiet iċ-ċifra ta' €400,000 imma ma ngħatajna l-ebda dettalji fuqha u allura nixtieq ħafna li jkollna ftit informazzjoni

u dettalji dwar dan. Għandna bżonn ta' aktar akkomodazzjoni speċjalizzata għal minuri bi problema fl-imġieba tagħhom, li għandhom *learning difficulties* u li għandhom problemi ta' saħħa mentali. Hemm bżonn li l-*juvenile justice system* tiġi indirizzata u dan għandu jinkludi wkoll *juvenile correctional facility* adegwat jew xi tip ta' *secure unit*. Jiena dejjem nisħaq li post it-tfal mhuwiex fil-faċilità korrettiva ta' Kordin għax dak il-post huwa intiż għall-adulti u mhux għat-tfal. Għalhekk hemm bżonn li din il-problema tiġi indirizzata. Hemm bżonn ta' aktar professjonisti sabiex jgħinu lil tfal bi problemi ta' imġieba. Għandna bżonn żieda fin-numru ta' avukati tat-tfal u fuq kollox għandna bżonn il-liġi tat-tfal kif ukoll l-implimentazzjoni u l-introduzzjoni tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal li tiġi inkorporata fil-liġi domestika.

Irrid insemmi wkoll il-ħtieġa ta' aktar fondi li għandhom jiġu allokati għall-*aftercare service* sabiex tfal li jirċievu sapport wara li taqa' l-*care order* jew jitilqu mid-dar residenzjali tagħhom, ikunu jistgħu jieħdu dik l-għajnuna li tant għandhom bżonn. Ripetutament, f'kull dibattitu jew f'kull stqarrija li nagħmel, dejjem ngħid li d-drittijiet fuq il-karta mhumiex biżżejjed u t-tfal li għaddejjin minn problema u li għandhom bżonn għajnuna kbira għandhom bżonn li meta jirrrikorru għall-għajnuna, din isibuha. Il-kwestjoni tal-*waiting list* tat-tfal li għandhom bżonn l-għajnuna professjonali trid tiġi indirizzata immedjatament. Tinkwetani ħafna ż-żieda tal-kriminalità fost it-tfal f'pajjiżna. Fil-fatt meta staqsejt xi pjan għandu l-gvern sabiex it-tfal ma jispiċċawx il-ħabs minħabba konnessjoni mal-kriminalità, il-Ministru weġbitni li din ma taqax taħtha u li allura kelli nagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru konċernat. Naħseb li l-Ministru għall-Politika Soċjali għandu jkollu rwol ċentrali ħafna f'dawn it-tip ta' *issues*.

Per eżempju, xtaqt nistaqsi fuq jekk l-esperjenzi li qegħdin nieħdu jew il-programmi li qed nipparteċipaw fihom fl-EUCPN u fil-Euro Child aħniex qed nimportawhom f'Malta ħalli nkunu aktar f'pożizzjoni li nikkumbattu l-problemi fost it-tfal u ż-żieda fil-kriminalità. Ta' min jinnota biż-żieda ta' tfal li jabbużaw mid-droga u l-alkoħol, xi ħaġa li rajniha wkoll fil-ġurnali tagħna u issa qegħdin nisimgħu b'każijiet ta' tfal li għandhom inqas minn għaxar snin li għandhom problema ta' droga. Nappella wkoll sabiex ikollna Kummissarju tat-Tfal li jkollha aktar snien ħalli meta t-tfal jirrikorru għandha tkun f'pożizzjoni li tindirizza adegwatament u konkretament l-ilmenti li jkunu qegħdin jiġu indirizzati lil dan l-uffiċċju.

Il-gvern ftaħar ħafna bil-miżuri favur in-nisa imma nibda biex ngħid li din is-sena, fil-*gender equity index* erġajna nżilna għal 104 post. Il-Prim Ministru ftaħar ħafna biż-żieda tan-nisa li jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol imma waqt li kont qiegħda nipprepara d-diskors tiegħi sibt ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea ntitolat "*Report on Equality between Women and Men 2010*" fejn Malta tispikka b'mod partikolari. B'dispjaċir ngħid li din il-*highlight* fuq Malta hija minħabba l-fatt li aħna qegħdin fl-aħħar post u għadna 'l bogħod mit-*targets* tal-aġenda ta' Lisbona, u allura huwa aktar milli ovvju li f'pajjiżna n-nisa għadhom lura ħafna fil-qasam tal-ugwaljanza. Li hu interessanti f'dan ir-rapport hu li jagħtik il-persentaġġ ta' tkabbir ekonomiku li kieku kellna ugwaljnaza sħiħa bejn is-sessi f'pajjiżna. U l-persentaġġ li ħareġ minn dan ir-rapport huwa ta' 45%, li jfisser li jekk pajjiżna jirnexxilu jilħaq ugwaljanza sħiħa bejn is-sessi, ikollna żieda ta' 45% fil-GDP! Żgur li dan il-persentaġġ mhuwiex wieħed żgħir. Huwa ċar li investiment fil-mara u investiment fil-familja jfisser tkabbir ekonomiku għall-pajjiż kollu u eventwalment fuq is-sostenibilità tax-xibka soċjali kif nafuha llum.

Dan twassalni għall-*family friendly measures*. Ma nistax nifhem għalfejn il-Gvern Malti, anke permezz tal-membri parlamentari Ewropej tiegħu, ivvota kontra l-estensjoni tal-*maternity leave* għal 20 ġimgħa. Huwa mument propizju li l-gvern joqgħod bilqiegħda mal-i*stakeholders* kollha sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni għaż-żieda tal-*maternity leave,* li wara kollox dawn huma miżuri mhux biss favur in-nisa imma favur il-familja. Il-gvern ma jistax jippretendi li l-piż iġorruh kollu l-*employers* u ta' min jinnota li 70% tas-settur privat ma jħaddanx il-*family friendly measures* u allura l-gvern ma jistax ikompli jinjora dawn l-affarijiet. Ta' min jgħid ukoll li skont rapporti li għamilna aħna bħala partit jidher biċ-ċar li jekk tiżdied il-*maternity leave* jkun hemm żieda ta' 9% tal-parteċipazzjoni tal-mara fid-dinja tax-xogħol.

Fil-*budget* issemma wkoll il-ftuħ taċ-*childcare centres*. Dawn huma affarijiet tajbin ħafna imma hemm bżonn li jsir ħafna aktar. Nirreferi għar-rapport li ħareġ mill-uffiċċju tal-Awditur Ġenerali f'Lulju li għadda fejn dar diversi *childcare centre facilities* li qed jiġu offruti fil-preżent. Min-naħa tiegħi nixtieq nikkummenta fuq il-fatt li għamel elenku ta' *shortcomings* li hemm f'dawn iċ-*childcare centres* minħabba n-nuqqas ta' *standards* li jeżistu. U l-kwestjoni tal-i*standards* hija importanti ħafna għax iċ-*childcare centre facilities* iridu jkunu *up to standard* sabiex joffru dak is-servizz u dak l-ambjent li għandhom bżonn it-tfal sabiex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom. Nerġa' nistaqsi fiex wasalna fir-rigward tal-*flexy-time* fis-settur pubbliku kif ukoll dwar l-element diskrezzjonali meta niġu għall-allokazzjoni tat-*teleworking*, xi ħaġa li m'għandhiex tkun.

Kif nafu l-*parental leave* huwa mezz importanti ħafna sabiex inħajru aktar irġiel joqogħdu d-dar jieħdu ħsieb it-tfal. U joqogħdu jieħdu ħsieb it-tfal għar-rġuni li l-irwol tal-missier fit-trobbija tat-tfal huwa importanti u kruċjali ħafna. Jekk is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi u l-*parental leave* ma jkunx inċentivat bħalma hu f'pajjiżi barranin, is-sitwazzjoni se tibqa' kif inhi. Nistaqsi wkoll x'qed jiġri fir-rigward tal-*gender responsive budget,* speċjalment f'dan il-*budget* partikolari. Per eżempju, staqsejt lill-Ministru għal Għawdex fejn din qaltli li dan it-tip ta' *budget* m'hemm l-ebda ħtieġa għalih u din hija ħasra. Dwar is-settur tas-saħħa nixtieq nirreferi għar-rapport "European Health Interview Survey" fejn irriżulta b'mod ċar li n-nisa f'pajjiżna għandhom aktar diffikultajiet sabiex jimmaniġġjaw l-*activites in daily living.* Għalhekk nistaqsi lill-gvern x'qed jagħmel dwar dan.

Hawnhekk nixtieq nerġa' insemmi l-*breast screening programme* li kienet xi ħaġa pożittiva ħafna u li aħna bħala oppożizzjoni dejjem għamilna pressjoni fuq il-gvern dwarha. Madankollu nemmen li issa wasal iż-żmien li nimxu aktar 'il quddiem u nifirxu l-faxxa ta' nies li jkunu eliġibbli għal dan il-programm. Għandna wkoll nestendu dan it-tip ta' *screening* għal tipi oħra ta' kanċer, b'mod partikolari dak tal-utru. Nistaqsi xi pjanijiet għandu l-gvern fir-rigward tan-nisa li jibqgħu d-dar għax milli jidher il-gvern ma tantx japprezza l-valur tax-xogħol li jagħmlu n-nisa fid-djar. Niftakru fil-wegħda tal-Lm5 li kien għamel il-gvern ma nafx kemm-il sena ilu imma minn dakinhar ma smajna xejn aktar. Irrid insemmi wkoll il-vjolenza domestika, fejn ta' min jinnota b'dispjaċir li l-vot tal-Kummissjoni kontra l-vjolenza domestika reġa' naqas. Fil-fatt anke l-konfederazzjoni tal-għaqdiet tan-nisa kkritikat dan il-fatt għax din kienet irrikmandat li dan il-vot jirdoppja. Għalhekk nistaqsi xi pjanijiet għandu l-gvern meta s-sena d-dieħla se tkun s-sena ddedikata għall-ġlieda kontra l-vjolenza domestika.

Inħeġġeġ ukoll sabiex issir reviżjoni tal-liġi kif ukoll tal-*policy* eżistenti dwar it-terminu massimu ta' kemm il-vittmi ta' vjolenza domestika kif ukoll tat-tfal tagħhom jistgħu joqogħdu fix-*shelters*. Dwar il-qasam tad-diżabilità - li huwa qasam vast ħafna imma ma fadallix ħin – ikolli ngħid li kien pass pożittiv ħafna li ngħataw ċerti eżenzjonijiet permezz ta' dan il-*budget* imma xorta

waħda mhuwiex biżżejjed. Nerġa' infakkar li l-Konvenzjoni tal-Persuni b'Diżabilità għadha fi *status quo* għax ma ġietx irratifikata minn pajiżna minkejja d-diversi wegħdiet li kellna. Hawnhekk nirriferi wkoll għall-European Network for Independent Living, fejn skont stqarrija li saret riċentement fil-Jum Dinji tad-Drittijiet Umani ssemmejna f'dawl negattiv ħafna għax għadna ma lħaqniex ċerti livelli stabbiliti. Fil-fatt dan l-aħħar, fil-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali, konna qegħdin niddiskutu rapport dwar id-diżabilità fiżika u dwar problemi oħra li qalulna bihom il-ġenituri, u minn hemmhekk ħareġ biċ-ċar li għandna nuqqas ta' għajnuna kbira, speċjalment meta koppja jkollha tarbija b'diżabilità għax l-għajnuna li jingħataw ma tkunx waħda mmedjata.

F'dan il-kontest – xi ħaġa li semmiha wkoll l-Onor. Bartolo - hemm bżonn li l-*waiting lists* jiġu indirizzati minnufih u li sa mill-ewwel ftit sigħat tat-twelid ta' dik it-tarbija, il-ġenituri jingħataw kull sapport meħtieġ, kif ukoll isir assessjar ħolistiku u serju ħalli mill-bidu nett nidentifikaw il-problema u jitfassal programm ta' ħidma biex nindividwaw l-*adaptive skills* u l-potenzjal li jkollu dak it-tifel jew dik it-tifla. Rigward ix-xogħol u l-persuni b'diżabilità għandna liġi li tmur lura sal-1969, fejn permezz tagħha hemm garantit 2% tal-*job opportunities* lill-persuni b'diżabilità. Madankollu qatt ma rajna l-frott minn din il-liġi. Fil-fatt dan l-aħħar għamilt sensiela ta' mistoqsijiet parlamentari fuq din il-liġi u jkolli nistqarr li l-eżitu tat-tweġibiet ma kienux sodisfaċenti ħafna. Hija ħasra li għandna biss 3% tal-popolazzjoni tal-persuni b'diżabilità li jixtiequ jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol imma minħabba l-kondizzjoni tagħhom dawn qed jispiċċaw jiġu ddiskriminati.

Nixtieq nistaqsi wkoll f'liema stadju wasal l-abbozz ta' liġi dwar il-*guardianship* u xi pjanijiet għandu l-gvern fuq postijiet rikreattivi jew postijiet oħra li jkunu aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali ħalli dawn ikunu jistgħu jiltaqgħu fihom. Fuq kollox, meta suppost għandna lill-MEPA li hija l-*watchdog* sabiex tassigura l-aċċessibilità għal postijiet pubbliċi, qegħdin naraw diffikultajiet kbar li qed jispiċċaw ukoll f'każijiet quddiem il-qorti minħabba n-nuqqas ta' aċċessibilità. L-aħħar punt li xtaqt insemmi huwa fuq iċ-ċentri għal matul il-jum, fejn nixtieq nagħmel mistoqsija li għamiltha drabi

oħra u li dejjem bqajt bla risposta fuqha. U hawnhekk qed nirriferi għall-problema tat-trasport li hemm fiċ-ċentri għal matul il-jum. L-ispiża tat-trasport hija waħda fenomenali u hemm bżonn li naraw kif qed jintefqu l-flus għax meta jissemmew id-*day centres* qatt ma tissemma l-problema tal-*waiting lists* kif ukoll il-problema tal-i*staff ratio* bejn iċ-ċentri ħalli titjieb il-kwalità tas-servizz lejn il-klijenti kif ukoll il-piż li jkollu jġorr l-i*staff*.

Fl-aħħarnett nikkonkludi d-diskors tiegħi billi nirringrazzja lil dawk kollha li jaħdmu fil-qasam soċjali u mal-persuni vulnerabbli għax ix-xogħol tagħhom huwa apprezzat ħafna. Fil-fatt dawn in-nies jagħtu s-*sapport* lil dawk li m'għandhomx vuċi f'pajjiżna. Min-naħa tiegħi nħeġġeġ lill-gvern sabiex jieħu dan is-settur b'aktar serjetà. Nirringrazzjak.

**<u>Private Members' Motion - Mozzjoni tal-Oppożizzjoni dwar iż-Żamma ta' Referendum dwar id-Divorzju (Mozzjoni Nru. 208)</u>**
S322 7.3.11

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Grazzi. Kif diġà ntqal, dan huwa dibattitu importanti ħafna u naħseb li għandu jitniżżel fl-istorja bħala okkazjoni importanti ħafna. Naħseb li ġie ribadut li f'dan id-dibattitu kull wieħed u waħda minna, almenu ta' din in-naħa tal-Kamra, qed nesprimu ruħna kif inħossu skont il-kuxjenza tagħna, u għad-differenza tan-naħa l-oħra, aħna ta' din in-naħa għandna l-fakultà assoluta, kif qal tajjeb l-Onor. Vella, li nitkellmu kif inħossu mingħajr ma xi ħadd ġie jimponi fuqna bħalma għamel il-Partit Nazzjonalista billi ħa pożizzjoni fuq kwestjoni tant delikata bħal din. Jien nemmen fermament li kienet irresponsabilità kbira li f'din id-diskussjoni partit ewlieni f'pajjiżna jieħu pożizzjoni. Dan aktar u aktar meta ħadd mill-partiti m'għandu mandat elettorali sabiex jiddeċiedi favur jew kontra d-divorzju.

Rigward in-nuqqas ta' mandat elettorali, hawn konverġenza f'dan id-dibattitu u allura hemm konverġenza wkoll – u jkun tajjeb li jkun hemm enfasi fuq din il-konverġenza - li dan huwa mument fejn għandna nagħtu l-vuċi lill-poplu. B'konsegwenza ta' dan in-nuqqas ta' mandat elettorali kien għalhekk li aħna ta' din in-naħa - u nerġa' nuża l-kliem li uża l-Onor. Vella - b'mod magħqud, unanimu u nżid ukoll kompatt, ressaqna din il-mozzjoni li permezz tagħna nagħtu dritt lill-poplu jiddeċiedi hu. Kull wieħed u waħda se jkollu d-dritt li jesprimi l-vot tiegħu skont il-kuxjenza mingħajr ma jkun hemm la indħil u lanqas influwenza jew saħansitra pressjoni mingħand l-ebda entità politika. Aħna nemmnu li l-poplu huwa sovran, u kemm-il darba ħadd minna m'għandu l-mandat elettorali mill-poplu, allura għandu jkun il-poplu li jgħid tiegħu u jiddeċiedi dwar l-introduzzjoni tad-divorzju jew le. B'mod konsistenti ma' dak li dejjem għedt, jien ma naqbilx mad-divorzju, però naqbel perfettament ma' din il-mozzjoni.

Kien għalhekk li jien ivvotajt favuriha, u ffirmajtha, biex nuri l-appoġġ sħiħ tiegħi għal din l-istess mozzjoni u se nivvota favur tagħha fit-tema ta' dan id-dibattitu. Jien nemmen fiż-żwieġ u fil-familja, però ċertament ma naqbilx ma' min juża u jitkellem dwar iż-żwieġ u l-familja għall-konvenjenza politika. Jekk verament irridu nkunu sinċieri ma nistgħux noqogħdu nilagħbu bil-ballun politiku f'din il-kwestjoni għaliex tkun irresponsabilità u nuqqas ta' serjetà kbira. Segwejt b'attenzjoni kbira dan id-dibattitu u nistqarr li ddejjaqt ħafna bl-abbuż tal-kelma "sinċerità" mill-membri tan-naħa l-oħra, qishom qabdu kantaliena biex jippruvaw jiżirgħu d-dubju fil-moħħ tan-nies li aħna, b'xi mod jew ieħor, qed nippruvaw nagħmlu xi ħaġa diżonesta jew naġixxu b'mod diżonest billi qed nressqu din il-mozzjoni.

Issa din hija mozzjoni li mhux biss titkellem dwar id-divorzju, imma qed tmur 'l hemm għax qed tidħol fi kwestjonijiet importanti bħall-interessi tat-tfal. Jien nurta ruħi ħafna b'dan it-tip ta' diskors ipokrita, diskors li ma jagħmilx ħafna sens għax għalija dan id-dibattitu dwar il-familja huwa dibattitu importanti ħafna, u qed jiddispjaċini mmens li hawn ġew hawn min qed jilgħab din il-logħba politika biex jipprova jieħu vantaġġ mis-sitwazzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, min qed jagħmel dan, qed jagħmel dan għad-detriment ta' min qed ibati u għad-detriment ta' dawk kollha li qegħdin f'sitwazzjoni ta' abbuż.

It-tbatija la għandha affiljazzjoni politika u lanqas għandha simpatija politika għaliex tista' tiġi fuq kulħadd, kemm fuq laburist u kemm fuq nazzjonalist għax mis-sema 'l isfel kulħadd xorta. Jien nistqarr li għandi xorti kbira li ġejja minn familja magħquda u kemm ommi u missieri kif ukoll in-nanniet u l-bqija tal-familja tiegħi dejjem ittrasmettewli valuri qawwijin ħafna. Jien qiegħda fi stadju fejn għadni nibni l-familja tiegħi, u allura naf u nifhem kemm titlob sagrifiċċji u *commitments* il-familja, però nerġà nagħmilha ċara li jien mad-divorzju ma naqbilx mhux minħabba kwestjoni ta' reliġjon anke jekk jiena Kattolika prattikanti. Naħseb ukoll li għalkemm il-Knisja għandha kull dritt li tgħid tagħha, ma naqbilx li din il-kwestjoni għandha tingħata xi bixra politika-reliġjuża.

Sur President, smajt lill-Onor. Vella jitkellem u se nkompli fuq dak li kien qed jgħid għaliex meta smajt lill-Monsinjur Gouder isemmi d-dnub il-mejjet, dan qajjem diversi imwiefen, fosthom anki fil-

familja tiegħi. Jien ġejja minn familja li batiet ħafna kemm min-naħa t'ommi u kemm min-naħa ta' missieri fi żmien id-dnub il-mejjet u naħseb li ħadd ma jixtieq li jerġgħu jitfaċċaw trawmi bħal dawn, trawmi li ħafna nies u familji għadhom iġorruhom magħhom. Jekk ikun dan il-każ, se jkollna deċiżjoni li ma tkunx oġġettiva dwar id-divorzju. Nerġa' ngħid li l-Knisja għandha dritt li tesprimi ruħha, li tgħid tagħha, anzi mmur *oltre* minn hekk u ngħid li għandha l-obbligu li tgħid tagħha, bħalma min-naħa l-oħra għandha l-obbligu li tara li l-koppja qabel tiżżewweġ tkun preparata biex tagħmel dan.

Jien ukoll avukat tat-Tribunal Ekklesjastiku u allura għamilt il-kors u ngħatajt iċ-ċertifikat mit-Tribunal Ekklesjastiku u naħdem ukoll fil-każijiet tal-annullament. Li kieku l-Knisja tipprepara lill-koppji aħjar għaż-żwieġ, kieku t-Tribunal Ekklesjastiku m'għandux daqshekk każijiet quddiemu. Li kieku d-domandi li jsiru waqt proċess ta' annullament, li huma domandi *standard form* għal kulħadd, jew parti minhom isiru qabel ma jiġi ċċelebrat iż-żwieġ, kieku żgur nevitaw li ħafna żwiġijiet jiġu mbagħad dikjarati nulli, jiġifieri qishom qatt ma saru, mill-istess Tribunal Ekklesjastiku. F'din id-diskussjoni tajjeb li nkunu ċari li m'aħniex qed nitkellmu fuq proċeduri tal-Knisja. Hawnhekk qed nitkellmu fl-ambitu u fl-aspett ċivili taż-żwieġ u d-divorzju li ma jaffetwa bl-ebda mod l-aspett sagramentali taż-żwieġ. Jekk xejn, dak l-aspett jaqa' biss u esklussivament taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku u huwa regolat eklussivament bid-dritt Kanoniku.

Żgur mhux forsi li l-liġi tad-divorzju hija relatata maż-żwieġ u mal-familja. F'diskussjoni ta' din in-natura irridu niffokaw fuq il-familja. Jien għalhekk dejjem emmint li jekk jidħol id-divorzju f'pajjiżna, dan għandu jkun parti minn pakkett u parti minn riforma ħolistka favur il-familja u favur it-tisħiħ tal-familja. Il-Partit Nazzjonalista mill-banda l-oħra, u tajjeb li nirrimarka u anki bħala argument politiku, huwa l-ikbar ipokrita meta jiddikjara li huwa kontra d-divorzju għaliex jemmen fil-familja. Dan meta huwa l-gvern tal-Prim Ministru Gonzi stess li huwa l-għadu tal-familja. F'kull dibattitu li jirrigwarda l-familja din dejjem insemmiha għaliex nemmen li qatt daqs dawn l-aħħar snin ma kellna sitwazzjoni daqshekk gravi fil-qasam tal-familja, fejn għandna rekord ta' tkissir u fallimenti ta' żwieġ.

Jien ma nħobbx inkun negattiva, u tajjeb li ngħidu li għandna ħafna familji magħqudin, però lanqas nistgħu, mill-banda l-oħra, nitfgħu taħt it-tapit il-problemi li għandna li sfortunatament fil-qasam tal-familja qegħdin kull ma jmur jiżdiedu. Inħoss li jekk nibqgħu nitfgħu taħt it-tapit, kulma nkunu qegħdin nagħmlu huwa li nipprattikaw il-politika tan-nagħma li permess tagħha żgur mhu se nsolvu xejn imma kull ma nkunu qegħdin nagħmlu huwa li nipprokrastinaw din l-azzjoni li hemm bżonn li tittieħed. U l-azzjoni li hemm bżonn tittieħed fil-kamp tal-familja u fil-qasam taż-żwiġijiet hija indipendenti mill-fatt jekk jidħolx id-divorzju jew le. Iktar ma ndumu ntawlu u ndewmu l-azzjonijiet li hemm bżonn li jittieħdu, aktar il-problemi jkomplu jiggravaw.

Sur President, qed nitkellem b'dan il-mod għaliex ix-xogħol tiegħi huwa fost il-familji, mhux biss mil-lat politiku, għax ovvjament il-ħajja politika tlaqqgħek man-nies, iddaħħlek fid-djar tan-nies, u allura tidħol dik l-intimità mal-kostitwenti li tkun tista' titkellem fuq affarijiet familjari. Imma anke fuq livell professjonali bħala avukat, il-biċċa l-kbira tax-xogħol tiegħi kien u għadu fil-qasam tal-liġi tal-familja. F'dawn l-aħħar snin li ili nipprattika ta' avukat kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta ovvjament stajt niżen ftit x'qed iwassal għal dan it-tifrik ta' żwiġijiet. Ir-raġunijiet huma bosta, kultant ikunu komplessi u kumplikati fejn jidħlu terzi persuni, però żgur li kaġun ewlieni u prinċipali hija l-konsegwenza tal-piżijiet li qed jkollhom iġorru l-familji tagħna, piż li ma jifilħux iġorru, piż li qed jifnihom u qed ikissirhom fil-veru sens tal-kelma, għaliex il-koppja qed tispiċċa tikkumbatti kontinwament biex tlaħħaq mal-ħajja. B'konsegwenza ta' dan, mhux qed jibqgħalhom ħin għal xulxin u għat-tfal tagħhom. Imbagħad jidħlu f'ċirku vizzjuż, f'vizzji u f'kunfidenzi, li mbagħad ikun diffiċli ħafna li joħorġu minnu.

Tajjeb li nirrimarka li meta għidt li l-Gvern ta' Gonzi huwa l-ikbar għadu tal-familja, qed ngħid dan għax il-gvern qed jieħu miżuri mingħajr ma jevalwa l-impatt soċjali fuq il-familji tagħna, miżuri li b'konsegwenza tagħhom reġà feġġ il-faqar f'pajjiżna. Għandna gvern li la għandu struttura li tieħu ħsieb il-familji u lanqas għandu mekkaniżmu li permezz tiegħu kull miżura, liġi jew *policy* tiġi

evalwata biex naraw l-impatt tagħha fuq il-familji tagħna. Hija ħaġa tal-mistħija li f'dawn iż-żminijiet tant kritiċi ma reġgħetx ġiet imwaqqfa l-Kummisjoni Nazzjonali tal-Familja, li ilha wieqfa sa mill-2008. Din il-kummisjoni kellu jkollha rwol ewlieni biex tara l-effett tal-piżijiet tal-ħajja fuq il-familji tagħna u eventwalment tagħmel ir-rakkmandazzjonijiet tagħha lill-Gvern biex lil dawn il-familji ngħinuhom biex ma jkomplux jitkissru, jitfarrku u jinfirdu bil-konsegwenzi kollha li dan qed iġib miegħu speċjalment fuq it-tfal tagħna.

Hawn ġew xi ħadd għamel il-punt li m'għandniex biżżejjed informazzjoni u hemm bżonn li jiġi studjat l-impatt tad-divorzju fuq il-familja u s-soċjetà tagħna. Bir-rispett kollu, din hija xi ħaġa li jmissha ilha li saret għaliex issa ilna xhur sħaħ nisimgħu dwar is-suġġett tad-divorzju, u ilna nisimgħu iktar u iktar dwar iż-żieda fl-inċidenza tat-tifrik ta' żwiġijiet. Mhux biss l-impatt tad-divorzju fuq il-familji kellu jiġi studjat u evalwat imma kellha tiġi studjata wkoll kull miżura, liġi u politika li għamel il-gvern. Il-gvern huwa ipokrita meta jgħajjat bil-valur tal-familja u dan m'għandu l-ebda struttura dedikata lill-familja. Għandna Gvern li dam żmien ikaxkar saqajh biex twaqqaf l-istitut u d-dipartiment tal-familja fl-Università ta' Malta. Meta twaqqaf, imbagħad, ma ngħatax l-*budget* u allura ntilef iktar żmien. Dan huwa l-istess Gvern ipokrita li ma nvestiex qabel fit-tfal tagħna sabiex minn ċkunithom jiġu edukati u mgħallma fuq il-valur tar-relazzjonijiet responsabbli. Huwa l-istess Gvern ipokrita li għadu jkaxkar saqajh biex isiru r-riformi legali u opportuni sabiex t-tfal tagħna jiġu salvagwardjati u jingħataw id-drittijiet li jixirqilhom. Ilna snin nistennew il-liġi tat-tfal u ilna snin nistennew riformi fil-liġi tal-familji.

Fuq kollox ilna ukoll snin nistennew li l-Gvern tassew iħaddem politika favur il-familja sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jlaħħqu max-xogħol u mal-familja, u biex it-tfal ma jitrabbewx mingħajr il-preżenza tal-ġenituri tagħhom. Sfortunatament il-gvern ma solva xejn minn dan minkejja li hemm bżonn ta' rimedju konkret u tanġibbli bl-iktar mod immedjat. Nistqarr li jien skantajt meta smajt lill-Ministru Cristina titkellem fuq l-interessi tat-tfal, għaliex din hi l-Ministru responsabbli mit-tfal u mill-familja u dawn l-affarijiet jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha. Tkażajt iktar u iktar meta mbagħad tkellmet b'mod partiġġjan u politiku u bdiet tattakka lill-Kap tal-Oppożizzjoni li qiegħed hawnhekk isewgi dan id-dibattitu b'attenzjoni kbira. Tkellmet qisu ta' din in-naħa aħna xi marmalja ta' nies bla xukjenza u bla morali ta' xejn u li qed nipprovaw nagħmlu xi ħaġa diżonesta għad-detriment tal-poplu u tal-familji tagħna. Personalment, lill-Ministru Cristina għandi x'ngħidilha fuq il-kuxjenza, għaliex f'Mejju li għadda ma tantx ittrattatni bil-kuxjenza hawnhekk, avolja kelli xahrejn tqala! L-Onor. Deguara wkoll kien kompliċi magħha, imma dan telaq barra mill-Kamra għax kieku kont nieħu pjaċir iktar inħares lejħ u ngħidhielu!

Sur President, meta l-Ministru Cristina tkellmet fuq id-drittijiet u l-interessi tat-tfal u kif dawn se jiġu imminati bid-divorzju, bir-rispett kollu, naħseb li uriet kemm ma tafx x'inhu jiġri f'dan il-qasam. Iktar u iktar uriet kemm ma tafx x'inhi tgħid. L-argument tagħha mpustatu fuq żewġ binari. L-ewwel ippruvat timpustah mill-aspett legali, però f'dak ir-rigward kien hemm l-Onor. Herrera u ggwidaha fuq id-direzzjoni legali li ppruvat tieħu u wriha b'mod ċar li dik kienet direzzjoni li ma kenitx korretta. Dwar l-aspett soċjali, li huwa l-aspett l-ieħor li tkellmet dwaru wkoll, jidher li m'għandhiex *knowledge from the ground*. Qed ngħid dan għaliex fost it-tfal tagħna għandna tbatija kbira.

Għal dawn it-tfal, li l-ġenituri tagħhom għaddejin minn dawn il-problemi, ma tagħmilx differenza jekk hux qed nitkellmu fuq separazzjoni, divorzju jew annullament għax it-tfal fl-aħħar mill-aħħar iridu lil ommhom u lil missierhom iħobbuhom u jagħtuhom dik is-sigurtà li tant għandhom bżonn. Dawn l-affarijiet aħna l-avukati ngħixuhom ta' kuljum fil-qrati tagħna, anki f'każijiet fejn m'hemmx żwieġ, jiġifieri f'każijiet ta' koppji li jkunu jikkoabitaw jew ikollhom relazzjoni li minnha jitwieldu t-tfal. Meta jkun hemm dawn it-tip ta' każijiet li jinvolvu t-tfal, it-tfal dejjem ibatu. Domanda kruċjali u fundamentali f'dan id-diskors kollu hi: Il-Gvern x'qed jagħmel illum għal dawn it-tfal? Divorzju m'għandniex, però għandna s-separazzjonijiet, għandna l-annullamenti u nerġa' ngħid u nenfasizza li qed ikun hemm tbatija kbira fost it-tfal tagħna minħabba l-firda tal-ġenituri tagħhom.

Fil-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali tkellimniha diversi drabi u anki għamilna rapport fuq il-proċeduri ta' separazzjoni u l-effett tagħhom fuq it-tfal. Ġibna l-esperti, fosthom lil Dr. Angela Abela, Fr. Charles

Tabone u anke lil Dr. Charles Azzopardi. Kumment li laqatni ta' Dr. Charles Azzopardi kien li t-tbatija ta' tfal f'każ ta' firda tal-ġenituri tagħhom lanqas b'40 sena terapija ma tmur! Għandna din it-tbatija kbira li għaddejja fil-pajjiż u Alla jbierek għall-Gvern qisu xejn mhu xejn, u tan-naħa l-oħra qed jitkellmu fuq din it-tbatija qisha xi ħaġa li m'aħniex qed ngħixu f'dan il-pajjiż! Sfortunatament għandna sistema li għalkemm hija suppost ibbażata fuq l-aħjar interessi tat-tfal, fiha kollox jispiċċa jinqaleb ta' taħt fuq skont il-konvenjenza, bit-tfal dejjem jispiċċaw qishom ballun f'saqajn il-ġenituri tagħhom. Sadanittant għandna sistema li ma tagħtix vuċi lit-tfal.

Għandna sistema tal-avukat tat-tfal li rriżultat ineffettiva għax qed jittieħdu deċiżjonijiet suppost fl-aħjar interessi tat-tfal u dawn it-tfal qed jispiċċaw, b'konsegwenza ta' dan kollu, fi tbatija ikbar. Il-frustrazzjoni u d-diżillużjoni tagħhom dejjem qed tikber f'ċerti proċeduri. Jiena niskanta u nistgħaġeb kif toħroġ tant mibegħda fil-qorti bejn żewġ persuni li xi darba setgħu kienu jinħabbu u ġabu fid-dinja lil dawn it-tfal. Il-partijiet jagħmlu l-almu tagħhom biex jaraw kif iħammġu u jweġġgħu lill-parti l-oħra b'kull mod possibbli, u sfortunatament anki jużaw lit-tfal tagħhom biex jieħdu li jridu jew biex ipattuha lil xulxin. Dan it-tip ta' abbuż qed jiżdied, qed nispiċċaw b'ħafna kawżi ġol-istess kawża, għaliex waqt il-proċess tal-kawża tas-separazzjoni qed jiġu intavolati diversi rikorsi oħrajn u anki kawżi ta' natura kriminali minħabba jew għax ma jiġix eżerċitat l-aċċess kif stipulat jew inkella għax ma jkunx qed jingħata l-manteniment kif ordnat. Qed nispiċċaw b'kawzi li minnhom qed jiġu ramifikati diversi proċeduri oħrajn.

Sur President, ngħid ukoll li għandek min ikun kuntent li jintefa' l-ħabs basta ma jkunx qed ipaxxi lill-parti l-oħra. Din hija l-kelma li jużaw: Jien kuntent jew kuntenta immur l-ħabs basta ma npaxxix lill-parti l-oħra! Minn dan id-diskors u atteġġjament kollu l-vittmi jkunu biss it-tfal. Rigward l-aċċess, tajjeb li ngħidu wkoll li l-aċċess huwa importanti biex it-tfal u l-ġenitur li jkollu dritt għall-aċċess iservi biex ikun hemm *bondage* bejn it-tfal u l-ġenitur. Jekk it-tfal ikunu qegħdin imċaħħda mill-ħin ma' dak il-ġenitur, u jekk ovvjament ma jingħatax il-manteniment li jkun hemm ordnat mill-qorti, allura t-tfal ikunu qed jiġu mċaħħda mill-bżonnijiet kemm emozzjonali tagħhom u anki materjali. Dan apparti l-ħsara psikoloġika li tkun qed issirilhom.

Qed nispiċċaw ukoll b'ħafna tfal fl-għases tal-Pulizija biex isir il-*pick-up* u l-*drop-off* tat-tfal, u ħafna tfal din l-esperjenza qed idejjaqhom u tittrawmatizzahom ħafna għaliex l-aċċess jassoċjawh mal-għassa tal-Pulizija u allura ma jkunux iridu jmorru. Għandna problemi dwar l-aċċess superviżjonat għaliex minħabba nuqqas ta' riżors uman, jekk ikun hemm xi *social worker* li minħabba raġuni jew oħra ma tkunx tista' tagħmel is-sessjoni tagħha, allura dik is-sessjoni titħassar u t-tfal ma jkunux jistgħu jaraw il-ġenitur tagħhom. Meta jkun hemm *gap* bejn aċċess u ieħor ħafna drabi din titfa' lura r-relazzjoni bejn il-ġenitur u t-tfal. Għandna problema ukoll minħabba n-nuqqas ta' esperti tal-familja. Fil-qrati tagħna m'għandniex biżżejjed ġudikanti u spazju biex il-każijiet tal-familja jiġu trattati kemm b'iktar delikatezza kif ukoll b'mod iktar spedit biex almenu tipprova timminimizza t-tbatija billi l-proċeduri jieħdu inqas fit-tul.

Żgur ukoll li l-qrati tagħna mhumiex *child friendly*. Għandna problemi wkoll li tfal li jkunu ġejjin minn ambjent ta' abbuż, minn sitwazzjoni ta' tifrik tal-familja, jiżviluppaw problemi u anomaliji psikoloġiċi u allura jispiċċaw b'*challenging behaviour* u anki saħansitra jispiċċaw fuq il-kalmanti. Għandi ħafna kazijiet ta' tfal li qed jispiċċaw jieħdu l-Frenalin u li waħda mis-*side effects* tagħha hija li t-tfal isiru iktar aggressivi. Peress li m'għandna l-ebda faċilità għat-tfal, ħafna jispiċċaw fil-Young People's Unit (YPU) jew inkella fis-*short day* t'Għawdex. Għandna wkoll ħafna tfal li minħabba r-rabja li jkollhom minħabba l-ġlied, il-vjolenza u l-abbużi li jkun hemm fil-familja tagħhom, jispiċċaw fil-qrati tagħna imressqa b'akkużi ta' reati ta' vjolenza u anke reati oħrajn. Dan biex ma nsemmix ukoll iż-żieda fl-inċidenza fil-konsum tal-alkoħol u anki l-abbuż tad-droga.

Għandna ħafna tfal ukoll li jispiċċaw barra it-triq jew jiġru minn istitut jew ieħor għaliex wara li ommijiethom u missirijiethom jitilqu lil xulxin ma jkunux iridu jitgħabbew bir-responsabiltà tat-tfal. Għandna wkoll tfal li wara il-firda tal-ġenituri tagħhom, il-ġenitur li jkunu jgħixu miegħu, ħafna drabi tkun l-omm, tidħol f'relazzjoni oħra u jispiċċaw f'sitwazzjoni ta' abbuż kemm fiżiku, kemm emozzjonali u anki sesswali. Dawn huma kollha realtijiet li jeżistu f'pajjiżna. Quddiem dawn il-

realtaijiet kiefra, x'se nagħmlu aħna, bis-sinċerità kollha u b'idejna fuq sidirna? Għalhekk ngħid li hija ipokrisija li ngħidu li bid-divorzju se jiġri dan kollu, għaliex dan diġà qiegħed magħna. Min qed jinjora jew taparsi mhux qed jirrealizza dan kollu li għandna magħna, dan kollu li qegħdin immissu b'idejna, huwa persuna li mhux qed tgħix ir-realtà. Din qed ngħidha bl-ikbar responsabbiltà.

Sur President, sakemm ma jkunx hemm strutturi u mekkaniżmu u pjan kemm fl-immedjat kif ukoll fit-tul biex dawn it-tfal jingħataw vuċi biex ma jitħallewx fi tbatija u fl-abbuż, inutli li noqogħdu ninħlew fuq x'jistà jiġri għax dan diġà qed jiġri, u diġà għandna ġenerazzjoni ta' tfal li minħabba t-tbatija li għaddew minnha ma jridux jafu bi żwieġ u familja għaliex l-esperjenza li għandhom hija qarsa ħafna. Mhuwiex faċli li telgħeb din il-mentalità kontra ż-żwieġ, għaliex il-feriti li għandhom dawn it-tfal huma fondi ħafna, u minħabba l-irresponsabbiltà tal-kbar, minħabba l-egoiżmu tal-ġenituri tagħhom, spiċċajna b'mentalità divorzista mingħajr ma għandna divorzju. Sinċerament ngħid li ma nistgħux nibqgħu passivi u ma nistgħux inħallu din it-tbatija tkompli għaddejja. F'dan il-Parlament ili xhur nisma' bil-politika tat-tfal, politika li ma ssemmiet xejn f'dan id-dibattitu. Din il-politika għandha tkun *in place* kemm jista' jkun malajr, nerġa ngħid indipendentement mill-introduzzjoni tad-divorzju jew le. Ma' din il-politika għandu jkun hemm il-pakkett legali, amministrattiv u infrastrutturali biex il-politika fuq drittiijet u bżonnijiet tat-tfal ma' tibqax fuq il-karta biss imma tiġi ndirizzata b'mod konkret.

Biex nerġa' niġi għal din il-mozzjoni, u anki d-diċitura tal-mozzjoni, nerġa nsostni li din hija mozzjoni li tirrifletti tħaddim konkret tad-demokrazija, u r-referendum huwa eżerċizzju demokratiku pur. Ngħid ukoll li dibattitu ta' sensittività ta' din il-portata ma jistax ikollu bixra politika. Kull wieħed u waħda minna hawn ġew, minkejja l-opinjonijiet differenti li għandna dwar il-liġi tad-divorzju, nirrappreżentaw kemm lil min hu favur kif ukoll lil dawk huma li huma kontra. Huma n-nies li jridu jiddeċiedu. Ma naqbilx li ġie demonizzat kull min hu favur id-divorzju. Jien nirrispetta lil dawk kollha li għandhom opinjoni differenti minn tiegħi dwar din l-*issue*, u ma naċċettax li jiġi xi ħadd min-naħa l-oħra li juża u jorkestra l-opinjonijiet rispettivi tagħna għal skopijiet politiċi. Din hija kwestjoni ta' kuxjenza. Hawn nirringrazzja minn qalbi lill-Kap tal-Oppożizzjoni li tana kull opportunità u spazju biex ngħidu tagħna għaliex Joseph Muscat, mhux f'wiċċu, huwa l-persuna ta' kulħadd u għal kulħadd. Irrispetta dejjem l-opinjoni tagħna anki jekk f'din il-kwestjoni ma taqbilx miegħu.

Rigward din il-mozzjoni, li jien iffirmajtha bil-qalb, inħoss li hija mozzjoni responsabbli ħafna. Hija irresponsabbiltà li l-mistoqsija tar-referendum tkun sempliċement "iva" jew "le", u se ngħid għaliex. Jekk l-"iva" jirbaħ, u jiena ma nafx l-eżitu x'se jkun u ma rridx inkun persuna li ninfluwenza lil xi ħadd, allura jkun hemm id-diskrezzjoni li jidħol kull tip ta' divorzju mingħajr parametri stabbiliti. Jekk id-domanda tkun "iva" jew "le" biss ifisser li jkollna liġi ta' divorzji, kif qal tajjeb l-Onor. George Vella, bħal ta' Las Vegas! Bl-"iva" u "le" biss il-leġislatur ikollu l-libertà u l-fakultà assoluta li jilleġisla kif irid. Bl-"iva" jew "le" biss iż-żwieġ isir għerusija għax ma jkun hemm ebda kontroll ta' xejn. Tkun daħka fil-wiċċ li tgħid li se tagħti l-vuċi billi tgħidlu biex jgħid "iva" jew "le", biex imbagħad jekk il-poplu jgħid "iva" ma jkollu *say* ta' xejn dwar x'tip ta' divorzju se jkollna.

Min-naħa l-oħra, fil-każ tal-mozzjoni tagħna, l-għażla tal-poplu tkun waħda determinanti. Qed ngħid dan għaliex il-poplu li se jivvota favur id-divorzju se jkollu domanda li fiha tinkludi l-parametri tal-liġi tad-divorzju wkoll u allura tajjeb li ngħidu dawn il-parametri x'inhuma. L-ewwel nett irid ikollok dikjarazzjoni jew fatt stabbilit li ż-żwieġ ikun tkisser u tfarrak mingħajr l-ebda tama ta' rikonċiljazzjoni wara li l-koppja tkun ippruvat tagħmel minn kollox biex issalva ż-żwieġ. Dan mhuwiex kunċett ġdid. Dan nagħmluh ukoll fil-proċedura ta' separazzjoni. Hija xi ħaġa li diġà nafuha. Tajjeb ngħidu li skont il-Kodiċi Ċivili tagħna, biex issir seperazzjoni minħabba li ż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment, iż-żwieġ tagħna jrid ikun ilu kuntrattat tal-inqas erba' snin. Għandna ħafna każijiet ukoll fejn il-partijiet ikunu ilhom miżżewġin inqas minn erba' snin, imma minħabba iċ-ċirkostanzi, is-separazzjoni tingħata xorta waħda wara li l-Qorti tkun sodisfatta li jkun hemm raġuni valida.

Niftakar fil-bidu tal-prattika tiegħi, konna immorru s-Sekond'Awla dak iż-żmien, u kien ikun hemm l-Imħallef J.D. Camilleri. Kien jagħmel ħin twil mal-koppja biex jassigura li verament m'hemmx tama li din il-koppja tirrikonċilja. Kultant ikun hemm anki pariri minn xi qassis stess, li appuntu jirrakkmanda li jkun aħjar li l-koppja tissepara. Mhux l-ewwel darba li tellajt lil xi qassis jixhed dwar dan biex appuntu nissostanzja l-argument li ż-żwieġ verament ikun tkisser irrimedjabbilment. Kundizzjoni oħra imsemmija fil-mozzjoni hija li l-koppja trid tkun ilha tgħix separata mill-inqas erba' snin. F'erba' snin prattikament dawn isiru kważi barranin u jkun għadda żmien biżżejjed biex wieħed ikun jista' jipproċedi u jgħid li m'hemmx tama għar-rikonċiljazzjoni. Il-mozzjoni tgħid ukoll li jrid ikun hemm manteniment xieraq lil min ikun intitolat għall-manteniment u fuq kollox lit-tfal, għaliex il-qofol ta' kollox huwa l-ħarsien u l-interessi tat-tfal.

Nerġa' ngħid li dan mhuwiex dibattitu fuq liġi, però fuq din il-mozzjoni li ssemmi dawn l-elementi li jridu jkunu parti integrali mill-mistoqsija tar-referendum. Jekk ir-referendum jgħaddi b'din id-domanda, allura jkun ifisser li l-leġislatur irid idaħħal liġi li tkun konformi ma' dawn l-elementi sabiex jiġi assigurat li ma jkollniex divorzju irresponsabbli. Nafu kemm għandna każijiet ta' tifrik ta' familji, fejn it-tfal jispiċċaw il-vittmi tal-ġenituri tagħhom stess. Nafu li għandna sistema fejn l-interessi tat-tfal, flok jipprevalu, qed jispiċċaw dejjem iktar kalpestati u għalhekk id-domanda għandu jkollha riferenza diretta għall-interessi u s-salvagwardji tat-tfal. Fil-qasam tat-tfal, kif elaborajt iktar qabel f'dan l-intervent tiegħi, hemm ħafna x'isir u din il-ħidma ma tistax tistenna, indipendentement minn jekk jidħolx id-divorzju.

Fuq kollox hemm bżonn ta' ħidma favur iż-żwieġ, possibilment żwieġ dejjiemi, kif dejjem nitgħallmu u jgħidulna, però din il-ħidma favur ż-żwieġ dejjiemi m'għandhiex issir permezz ta' kruċjata kontra d-divorzju u kontra min hu favur id-divorzju. Jien ma naqbilx ma' min qed jiddemonizza lil min hu favur id-divorzju. Nirrispetta lil min hu favur id-divorzju u nuri s-solidarjetà sħiħa ma' min qed jesprimi ruħu favur id-divorzju u qed jirċievi l-kundanna anki ta' membri ekklesjastiċi u anki ta' nies oħrajn. Intenni bl-ikbar responsabbiltà li l-ġlieda biex insalvaw il-familji tagħna, biex insalvaw iż-żwiġijiet tagħna m'għandhiex tkun bejn min hu favur u min hu kontra. Għandha tkun ġlieda favur żwieġ b'saħħtu u dejjiemi kontra dak kollu li qed ikisser lill-koppji tagħna u li qed ikun kaġun ta' ħafna tbatija, speċjalment fost it-tfal, li qed jitilfu l-fiduċja fl-istituzzjoni tal-familja.

Nerġa' nsemmi li gvern favur il-familja u favur it-tfal għandu jaħdem u jistinka bl-iktar mod kontinwu u konsistenti biex il-familji jieħdu r-ruħ u mhux ikompli jgħaffiġhom iktar, imbagħad bl-ikbar ipokrisija, nerġa' ngħid, jiġi hawnhekk f'dan il-Parlament u jitkellem kif qed jitkellem favur il-familja, ovvjament bl-opinjoni *distorted* li jista' jkollu, biex jieħu vantaġġ politiku. Aħna bħala partit, meta nitkellmu fuq it-tfal, qed nimxu fuq kunċett sempliċi però importanti ħafna. Aħna bħala partit nemmnu li dak li huwa tajjeb għat-tfal tagħna huwa tajjeb għat-tfal kollha ta' pajjiżna. Fl-istess waqt imbagħad nemmnu li dak kollu li huwa ħażin għat-tfal tagħna huwa ħażin għat-tfal kollha. Aħna qed nitkellmu u naġixxu b'din il-filosofija u qed nitkellmu b'dan il-kejl għaliex verament irridu l-aħjar u l-aqwa għat-tfal ta' pajjiżna.

Jiena, li jien kontra d-divorzju, b'kuxjenza safja ngħid - u ngħid hekk għaliex verament nemmen hekk - li din hija mozzjoni responsabbli ħafna, hija mozzjoni ġusta ħafna, hija mozzjoni li b'wiċċi minn quddiem jien ukoll flimkien ma' sħabi qed inressaq biex tiġi aċċettata f'dan il-Parlament. Jekk ir-referendum jgħaddi - u tajjeb li din niċċaraha, ħalli min għandu xi dubju, jeliminah - fuq bażi tal-mistoqsija kif qed nipproponu aħna, inkun qed inserraħ mhux biss rasi, imma nkun qed inserraħ il-kuxjenza tiegħi li mhux se jkollna divorzju laxk li jiġi permess għal kull ħaġa ta' xejn, imma se jkollna liġi dwar id-divorzju bil-parametri u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel, u li min jagħmel il-liġi se jkollu jdejh marbutin ma' dawn il-kundizzjonijiet.

Fuq kollox, u se nikkonkludi u nagħlaq fuq din, naħseb li din hija l-ewwel liġi fl-istorja ta' pajjiżna li fiha l-poplu verament ikun attiv u determinanti. Inqisha bħala l-milja tas-sovranità tal-poplu u tad-demokrazija vera, u mhux se nkun jien il-persuna li nxekkel ir-rieda tal-poplu. Grazzi.

## AĠĠORNAMENTI

**S 45 21.10.08**

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, f'din il-leġislatura jiena ngħatajt ir-rwol ta' kelliema ewlenija dwar il-familja, it-tfal, il-persuni b'diżabilità u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Peress li dawn huma oqsma soċjali ġejt ukoll maħtura bħala membru tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali. Il-ħidma f'dan il-kumitat għaddejja ġmielha - fil-fatt għadna kemm spiċċajna minn laqgħa - u nista' nassigura lis-Sedja li qed isir xogħol utli ħafna u jien personalment qed inħossni komda ħafna f'dan il-kumitat.

Peress li dan huwa l-ewwel aġġornament tiegħi nħoss li għandi - bħal ħafna minn sħabi oħrajn - insellem lill-kollega tagħna l-Onor. Karl Chircop u ningħaqad ma' dawk kollha li espremew is-sogħba tagħhom għat-telfa li kellna, telfa li se tinħass ukoll fil-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali għax l-Onor. Karl Chircop kien membru ta' dan il-kumitat. Fil-fatt il-kontribut li dejjem ta f'dan il-kumitat kien siewi ħafna u żgur li jibqa' apprezzat u rilevanti anke għas-snin li ġejjin. Żgur mhux forsi, jien se nkun l-ewwel waħda li se nagħmel ħilti biex insegwi l-eżempju tajjeb li l-Onor. Karl Chircop dejjem ta fil-ħidma tiegħu għall-ġid tal-pajjiż u tal-poplu tagħna.

Sur President, meta kellna l-ewwel laqgħa ta' dan il-kumitat jien ħassejt, bil-kompliċità tal-Onor. Frederick Azzopardi, li kellna nitkellmu dwar realtajiet li niffaċċjaw f'Għawdex. Fil-fatt għaddejna ismijiet ta' persuni li huma involuti fl-ambitu soċjali f'Għawdex biex jiġu mistiedna jitkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom u jaqsmu s-suġġerimenti u l-aspirazzjonijiet tagħhom lil dan il-kumitat. Għamilna l-ewwel laqgħa u kien hemm rispons tajjeb ħafna. Fil-fatt kien hemm kummenti pożittivi ħafna min-nies li attendew u li ħadu gost ħafna li ġew mistiedna f'dan il-kumitat. Tant hu hekk li dawn ħassewhom ottimisti li l-ilmenti tagħhom finalment se jaslu fejn għandhom jaslu.

Issa forsi jkun hawn min jgħid li aħna l-Għawdxin nies kwieti, għandna nies ta' ċerta fibra morali soda u ma tantx ikollna xi problemi soċjali partikolari. Il-verità hi li huwa veru li għad baqgħalna ħafna nies li jgħożżu l-valuri f'Għawdex u huwa veru li għandna ħafna nies li għandhom fibra morali soda ħafna, però huwa veru wkoll li f'ħafna djar f'Għawdex hemm ħafna nies li qed ibatu fis-silenzju minħabba diversi raġunijiet. Min bħali jeżerċita l-professjoni legali żgur li qed jiltaqa' ma' ħafna każi fil-familji Għawdxin li meta tismagħhom tiskanta kif jistgħu jiġru u kif jeżistu. Il-problema hija li jekk dawn joħorġu jitkellmu jsibu intoppi u diffikultajiet kbar għax l-ewwelnett jibżgħu li ma jitwemmnux u t-tieni għax jafu li Għawdex hija komunità żgħira fejn kulħadd jaf lil kulħadd u jibżgħu li jekk jitkellmu, l-affarijiet imorru għall-agħar jew inkella jispiċċaw ilaqqtuha minn x'imkien ieħor.

Deterrent ieħor hu li m'għandekx struttura warajk biex tgħinek, u allura min jeħtieġ l-għajnuna m'għandux postijiet jew inkella *shelters* fejn jirrikorri għall-għajnuna. Filwaqt li f'Malta għandek diversi postijiet, diversi *shelters* u diversi servizzi, f'Għawdex dawn huma prattikament ineżistenti. Per eżempju, id-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Familja għandu riżorsi limitati immens, però minkejja dan isiru l-mirakli. Imma jien m'iniex kuntenta, anzi nesprimi d-diżappunt kbir tiegħi għal dan in-nuqqas. Minkejja dan in-nuqqas għandna Dar Ġuzeppa Debono li mhijiex dar tal-gvern, però toffri kenn u servizz lil persuni vulnerabbli li għaddejjin minn ċerti problemi. Servizz prinċipali li toffri din id-dar huwa li tilqa' fiha tfajliet li jkunu nqabdu tqal, ikunu spiċċaw abbandunati u emarġinati u f'dan il-punt delikat f'ħajjithom isibu li jkollhom bżonn din l-għajnuna. Għalhekk din id-dar tipprovdi kenn u għajnuna. Mhux hekk biss imma apparti saqaf fuq ras dawn it-tfajliet, din id-dar toffri anke taħriġ u tagħlim dwar il-ħiliet marbuta mat-trobbija tat-tfal. Fil-fatt dawn it-tfajliet jiġu segwiti matul it-tqala kollha tagħhom u jsiru preparamenti għal meta t-tarbija tiġi fid-dinja. Jiġifieri qed nitkellmu anke fuq akkomodazzjoni għall-omm u għat-tarbija wara l-ħlas, u servizzi oħra relatati mal-ħajja ġdida li jkollha l-omm flimkien mat-tarbija tagħha.

Jien mort ġo din id-dar u nista' ngħid li hija mgħammra daqs l-aqwa dar li għandek f'Għawdex. Din id-dar tant hija akkoljenti u tant hemm sens ta' mħabba u għożża ġo fiha li malli tirfes fiha tħoss dik

is-serenità li persuna jkollha tant bżonn f'mument tant diffiċli. L-iskop tiegħi llum, apparti milli nfaħħar il-ħidma tan-nies li jaħdmu ġo din id-dar, huwa biex insemmi d-diffikultajiet li qed jiltaqgħu magħhom bi speranza li tingħata l-għajnuna li jeħtieġu, għajnuna li ilhom jitolbu għaliha diversi snin u li sfortunatament għadha ma ngħatatx. Għalhekk nappella li l-għajnuna li se nsemmi aktar 'il quddiem tingħatalhom kemm jista' jkun malajr. Din id-dar timxi b'mezzi limitati ħafna. Dawn jagħmlu *fund-raising,* hemm ħafna voluntiera li jagħtu ħafna mill-ħin tagħhom u jagħmlu xogħol siewi ħafna però ovvjament dan m'huwiex biżżejjed għax biex tmexxi servizz bħal dak trid il-fondi. Huwa minnu li d-dar tieħu għotja ta' flus mingħand il-gvern però hawnhekk mhux qed nitkellmu fuq ammonti kbar imma qed nitkellmu fuq ftit mijiet ta' ewro li ċertament mhumiex biżżejjed biex isostnu s-servizzi.

Bżonn fundamentali u bżonn immedjat huwa dak ta' servizz ta' *care worker* għal bil-lejl. Id-dar ma tistax tħallas dan is-servizz u minħabba dan in-nuqqas qed jispiċċaw f'sitwazzjoni fejn dawn it-tfajliet qed ikollhom jitilqu barra mid-dar filgħaxija biex imorru jorqdu x'imkien ieħor. Normalment il-ġurnata jgħadduha fid-dar però malli jasal il-lejl, minħabba li m'hemmx dan is-servizz, it-tfajliet ikollhom imorru fis-sala tal-maternità fl-isptar ta' Għawdex jew inkella fl-isptar mentali ta' Għawdex, li ċertament m'huwiex ambjent idoneu għal mara tqila. Dan il-fatt qed joħloq problemi enormi. L-ewwelnett għandek l-inkonvenjent tal-ommijiet li jridu joqogħdu jiġru minn post għal ieħor u inkonvenjent kbir għad-diriġenti tad-dar li filwaqt li jagħmlu ħidma sfiqa biex joħolqu u jibnu ċerta stabbilità, imbagħad jiġi l-ħin ta' bil-lejl u jħarbtu litteralment ir-rutina li wieħed jipprova jdaħħal lil dik il-persuna fiha. Ġaladarba m'hemmx dan is-servizz allura dan it-taħwid se jkompli jkun hemm.

Naf li ntalab servizz ta' *care worker* għal bil-lejl lill-Ministeru għal Għawdex, però sfortunatament s'issa din il-*care worker* għadha ma waslitx. Barra minn dan hemm bżonn ukoll ta' *social worker full-time.* Kif għedt qabel, hemm ħafna voluntiera li jagħmlu xogħol f'din id-dar, però l-volontarjat m'huwiex biżżejjed. Bil-fondi limitati li għandhom kulma tista' timpjega din id-dar hija *social worker* fuq bażi *part-time* u jistgħu jaffordjaw iħallsu 17-il siegħa fil-ġimgħa. F'dawn is-17-il siegħa fil-ġimgħa li din id-dar tħallas għas-*social worker* hemm inklużi wkoll it-*travelling time.* Issa forsi jkun hawn min jgħid: Imma f'Għawdex f'ħames minuti ma tmurx kullimkien? Il-problema mhijiex dik biss. Il-problema hija li għandek klijenti - in-nies li jirrikorru għall-għajnuna ta' din id-dar isejħulhom klijenti - li jgħixu Malta, jew għax ikunu Maltin jew inkella Għawdxin li minħabba raġunijiet ovvji jittrasferixxu ruħhom lejn Malta.

Allura f'dawn is-17-il siegħa jiġi nkluż ukoll it-*travelling time* bejn Malta u Għawdex u lura, u x'ħin taqta' dak iż-żmien il-ħin li jibqa' biex jingħata s-servizz huwa limitat. Dan ifisser li l-*visits* ta' wara u ta' qabel qed jispiċċaw isiru darba kull ħmistax. Ovvjament dan imbagħad joħloq il-problemi għax inkella titlef l-allaċċjament li jkun qed jinbena bejn il-klijenta u s-*social worker.* U jekk ikun hemm problema immedjata trid tiġi posposta għax is-*social worker* tmur tagħmel il-*visits.* Minbarra n-nuqqas ta' għajnuna finanzjarja u n-nuqqas ta' riżors uman, din id-dar għandha problemi kbar biex tħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Din id-dar tħallas il-kontijiet bħal kull dar normali oħra, ovvjament issa bir-riformi li se jkun hemm dan il-piż se jkun akbar u rigward utilitajiet din id-dar ma tirċievi għajnuna ta' xejn.

Naf li hemm każi fejn kien hemm ċerti għaqdiet li jingħataw *two-thirds refund* ta' dawn il-kontijiet, però din id-dar ma tingħata l-ebda għajnuna ta' dan it-tip. Ovvjament jekk din id-dar qed tipprovdi servizz u mhux se tingħata din l-għajnuna se tispiċċa f'sitwazzjoni li jkollha tillimita s-servizz li toffri. Sur President, jekk ir-rata ta' ommijiet-xebbiet żgħar qed tiżdied hemm bżonn li nsaħħu s-servizzi. Jekk dawn it-tfajliet ma jsibux għajnuna huwa faċli li jirrikorru għal deċiżjonijiet żbaljati li aħna bħala pajjiż aħna kontra tagħhom. Hawn *consensus* kważi assolut kontra l-abort f'pajjiżna, però jekk ma nagħtux għajnuna konkreta lil min għandu bżonn allura jkun hemm ir-riskju li ħafna tfajliet jieħdu deċiżjonijiet żbaljati. Jien qed nagħmel dan l-appell għax li kieku ma kienx għal din id-dar ħafna trabi ma ġewx fid-dinja għax l-ommijiet kienu jaqtgħu qalbhom u kienu jieħdu d-deċiżjonijiet li kont qed nirriferi għalihom ftit qabel.

Aspett ieħor li rrid nitkellem fuqu f'dan l-aġġornament huwa dan. Aktar ma jgħaddi żmien, iż-żgħażagħ tagħna minn età żgħira ħafna, aktar qed ikunu sesswalment attivi u dan turihulna l-istatistika. Filwaqt li tal-età tiegħi, ta' 14-il sena konna għadna nilagħbu bil-pupi, illum il-pupi jarmuhom ta' età ħafna iżgħar. Meta qed naraw li r-rata tat-tfajliet żgħar li jinqabdu tqal qed tiżdied u qed jiżdied ukoll il-mard trażmess sesswalment fost iż-żgħar tagħna, allura dan jagħti lok, fl-opinjoni tiegħi, li nibdew inħarsu lejn l-edukazzjoni sesswali li qed tingħata lit-tfal minn aspett differenti. Jekk mhux qed jirnexxielna ngħallmu lit-tfal tagħna li s-sesswalità trid tidħol għaliha b'maturità u b'konsapevolezza u li jrid ikun hemm rispett sħiħ lejn is-sesswalità tal-persuna, qed infallu f'dan il-messaġġ. Dan ifisser li rridu nistudjaw modi differenti ta' kif ngħallmu u nedukaw lit-tfal tagħna. Ma naħsibx li baqa' lok li nagħmlu bħall-*ostrich* li ndaħħlu rasna taħt ir-ramel u nippretendu li mhu qed isir xejn. Hemm ħafna x'isir f'dan il-qasam. Fl-iskejjel tagħna għaddejjin ħafna affarijiet u nemmen li hemmhekk huwa *ground* fertili ħafna biex nindirizzaw ċerti problemi u nindividwaw ukoll lil min għandu l-problemi.

L-appell tiegħi huwa li nibdew naħdmu dwar kampanji innovattivi ta' informazzjoni moderna, matura u miftuħa fost iż-żgħażagħ. Filwaqt li nispjegaw il-valuri u r-rispett għandna nispjegaw ukoll il-konsegwenzi tas-sess, bħalma huwa mard trażmess sesswalment. Hemm bżonn ukoll li jkollna aktar informazzjoni dwar il-mezzi ta' kontraċezzjoni. Nerġa' ngħid li llum l-affarijiet inbidlu u allura hemm bżonn li nindirizzaw il-problemi bil-mezzi u bil-lingwaġġ tal-lum.

Sur President, jien se nagħlaq billi nerġa' nirringrazzja lid-diriġenti tad-Dar Ġużeppa Debono, jiġifieri lil Maria Attard u lit-*team* tagħha. Nirringrazzja lil dawk kollha li huma involuti f'ħidma b'risq il-persuni vulnerabbli f'Għawdex li jeħtieġu l-għajnuna. Nappella lill-gvern u lill-awtoritajiet kollha konċernati biex b'mod konkret jgħinu u jappoġġaw lil dawn in-nies li qed jagħmlu tant u tant ġid f'pajjiżna speċjalment f'Għawdex. Nirringrazzjak.

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Mr Speaker, il-bieraħ iċċelebrajna Jum il-Mara u matul dawn il-ġranet, bħal kull sena, nisimgħu ħafna dwar suġġetti b'konnessjoni mad-drittijiet tan-nisa. Jiena ngħid li żgur li suġġett bħal dan m'għandux jingħata importanza biss f'din il-ġurnata imma għandu jkun mertu ta' diskussjoni kontinwa biex nindirizzaw tant problemi li jeżistu u li qed ikunu kaġun ta' sitwazzjonijiet diskriminatorji kontra n-nisa li fis-seklu 21 m'humiex aċċettabbli. Għal dan il-għan li llum iddeċidejt li niddedika dan l-Aġġornament b'impenn lejn il-kontinwità tad-diskussjoni fuq dan is-suġġett. Barra minn hekk, il-ġimgħa li għaddiet jiena kont Brussels fejn attendejt għall-konferenza dwar in-nisa u l-elezzjonijiet tal-parlament Ewropew u sħaqt fuq l-importanza tal-kontinwità tad-diskussjoni u mhux li tkun diskussjoni sporadika, xprunata jew abbinata ma' xi okkażjoni partikolari bħal Jum il-Mara jew, f'dan il-każ, tal-elezzjonijiet tal-parlament Ewropew.

F'din il-konferenza d-diskussjoni pjuttost kienet iddominata mill-elezzjonijiet tal-parlament Ewropew. Hemm kampanja sħiħa dwar il-ħtieġa li jkun hemm iktar nisa fil-parlament Ewropew fil-leġislatura li jmiss biex ikun iktar rappreżentattiv. Din hija xi ħaġa pożittiva u xi ħaġa li hemm bżonnha. Waqt l-intervent tiegħi sħaqt fuq il-punt li tajjeb inpoġġu ż-żiemel qabel il-karru, u dan qed ngħidu għax qabel ma n-nisa jkunu f'pożizzjoni li jitħajru biex ikunu attivi politikament, jridu jiġu indirizzati l-*gender gaps* li ħafna nisa f'pajjiżna jiffaċċjaw kuljum. Ħafna nisa ta' kuljum jgħaddu minn ċerti problemi u allura ta' kuljum għandhom bżonn is-sostenn. Jekk dawn il-*gender gaps* ma jiġux indirizzati b'mod effikaċi u effettiv, allura l-livell ta' parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika mhux se tkun ħafna iktar għolja milli hi llum.

In konnessjoni ma' dan is-suġġett din il-ġimgħa se nkun qed nipparteċipa fil-*working group* tal-Assemblea Parlamentari tal-Mediterran (APM)fejn se tiltaqa' t-*task force* fuq l-ugwaljanza. Tajjeb ngħid li din it-*task force* twaqqfet fuq inijzattiva ta' Malta, proprjament tal-Onor. George Vella, li ssuġġerieli biex nikteb lill-*bureau* tal-PAM biex titwaqqaf din it-*task force*. Kien hemm ukoll intervent impenjattiv ħafna tal-Ambaxxatur Alfred Zarb li ggwidani ħafna f'din il-ħaġa biex finalment irnexxielna noħolqu din in-niċċa u *forum* ieħor fejn nistgħu nitkellmu favur l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Qed insemmi dawn l-affarijiet għax bħala delegazzjoni Maltija fil-APM għandna profil għoli. Dan ma ġiex mix-xejn imma ġie għax naħdmu fiha b'qalbna, u għalhekk qed nitkellem dwarha. Ħafna drabi nimpenjaw ruħna f'ħafna affarijiet u x-xogħol ikun siewi ħafna, però ftit jissemmew dawn l-affarijiet u n-nies ftit ikunu *aware* minn dak li qed nagħmlu barra minn Malta. Minkejja ħafna sforzi li ħafna minna hawn ġew nagħmlu biex ngħollu l-profil tagħna fil-qasam tal-ugwaljanza, nsibu lill-gvern jagħmlilna ftit bsaten fir-roti u jagħmlilna balbuljata bħal m'għamlilna għar-rigward tal-lista tal-ħatriet tal-imħallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Repetutament il-gvern Malti qed jibgħat lista li ma tikkomprendi l-ebda isem ta' mara, u allura l-Kunsill tal-Ewropa qed jirrifjuta li jaċċetta din il-lista u bir-raġun, għax meta għandek prinċipji annunċjati fejn qed jgħidulek ċar u tond li jrid ikollok il-bilanċ u trid tissalvagwardja l-ugwaljanza u l-opportunitajiet indaqs indipendentement mis-sess, allura din is-sitwazzjoni mhijiex aċċettabbli u hija wkoll okkażjoni ta' diskriminazzjoni abbażi tas-sess. Din tistona mhux ftit meta f'pajjiżna għandna protezzjoni legali kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, u fuq livell ta' Kostituzzjoni għandna wkoll id-drittijiet tagħna. Minkejja dawn il-ħafna paroli dwar l-impenn favur l-ugwaljanza, toħroġ vroma bħal din li qed tħammrilna wiċċna ma' kullimkien!

Mr Speaker, jekk għandna l-gvern stess li jaħdem kontra l-ugwaljanza, allura kif nippretendu li nitilgħu 'l fuq fil-*gender equity index* fejn sena wara l-oħra Malta dejjem nieżla l-isfel?! Ta' min jgħid li l-Malawi qegħdin qabilna, u hawnhekk wieħed jistaqsi għaliex. Naħseb ta' min jistħarreġ dwar il-każ u ta' min jistħarreġ dwar ir-raġunijiet veri u proprji għaliex qegħdin nispiċċaw f'dawn il-pożizzjonijiet tant baxxi. Meta nitqabblu ma' Ċipru, per eżempju, li f'ħafna ċirkostanzi nitqabblu magħhom għax huma bħalna bħala daqs u bħala ċertu żvilupp, insibu li Ċipru qed javvanzaw, u aħna lanqas il-pożizzjoni li konna m'aħna qegħdin inżommu imma qegħdin immorru lura!

Fil-fatt, ftit ġranet ilu, ġie pubblikat ir-rapport annwali tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, u minn hawnhekk nieħu l-opportunità biex nifirħilhom għall-ħidma tagħhom. Minkejja r-riżorsi limitati li għandhom qed jagħmlu xogħol siewi ħafna, u minn hawnhekk nirringrazzjahom tal-ħidma u l-impenn tagħhom. F'dan ir-rapport hemm ċar u tond li minkejja l-isforzi kollha li qegħdin isiru, xorta baqa' ġlieda kbira kontra l-kultura u l-mentalità tal-isterjotipi, u żgur li f'dan il-qasam l-edukazzjoni hija fundamentali. Ir-rwol importanti tal-edukaturi kollha f'pajjiżna hu li jippromwovu iktar u jgħallmu iktar fuq l-ugwaljanza. Skont dan ir-rapport jeżistu diffikultajiet kbar fil-qasam tal-impjiegi fejn in-nisa, meta jaslu fl-istadju ta' ħajjithom li jwelldu t-tfal, jinħolqulhom barrieri kbar. Dan ta' min jaħdem fuqu u ta' min jipprovdi soluzzjonijiet.

Sur President, illum il-ġurnata l-ikbar uġigħ ta' ras li jkolli filgħodu jkun jekk ommi tqum ma tiflaħx għax ikolli problema x'se nagħmel bit-tifla. Jiena nifhem lil dawk l-ommijiet kollha li qegħdin f'sitwazzjoni bħali li għandhom trabi jew tfal żgħar u biex joħorġu għal ġurnata ta' xogħol iridu jaħsbu biex dawn it-tfal jissetiljawhom tajjeb. Għandna nitkellmu iktar fuq *childcare centre facilities,* u hija tal-mistħija li fost il-pajjiżi tal-Ewropa għar-rigward tal-provvista ta' dawn il-faċilitajjiet aħna ninsabu fl-aħħar post! Din hija xi ħaġa ta' min jidħol fiha sew. X'sar jew x'se jsir miċ-*childcare centre* ta' Ħal Far li tant ilna nisimgħu bih? Dan ilu ġebel u saqaf ma nafx kemm! X'qed isir dwar iċ-*childcare centre* li hemm f'Għawdex li tant ilna nisimgħu bih imma għadu ma ġie xejn?! Hemm bżonn li jsir investiment qawwi f'dan il-qasam.

Mr Speaker, wasal iż-żmien li l-gvern jagħmel il-pożizzjoni tiegħu ċara dwar il-proposti tal-Kummissjoni Ewropea dwar iż-żieda fil-*maternity leave* li hija xprunata mill-idea li n-nisa għandhom bżonn ta' iktar żmien wara li jwelldu t-trabi tagħhom biex jieħdu saħħithom lura. Dan ikun anke ta' inċentiv biex iktar nisa jkollhom it-tfal. Qed ngħid hekk għax aħna għandna problema ta' demografija, u eventwalment 'il quddiem ikun hemm problema ta' sostenibbiltà tal-*welfare state*. Hemm bżonn ukoll li jiġi rivedut il-*parental leave,* fis-sens li jkun hemm inċentivi biex iktar missirijiet jitħajru jibqgħu d-dar biex jieħdu ħsieb it-tfal. Normalment il-*parental leave* tieħdu l-omm, però naħseb li wasal iż-żmien li jkun hemm inverżjoni tar-rwoli f'dan is-sens biex il-mara tingħata iktar ċans fil-karriera tagħha u ma titlifx opportunitajiet ta' promozzjonijiet minħabba l-assenza tagħha fuq ix-xogħol. M'għandux ikun li dejjem tkun il-mara li tissagrifika l-pożizzjoni tagħha, ir-raġel dejjem jibqa' għaddej, u l-mara tibqa' lura!

Ta' min isemmi l-*family friendly measures* li għalkemm nirrikonoxxi li saru ċerti avvanzi u progress f'dawn l-aħħar snin, żgur li għad baqgħalna ħafna x'isir speċjalment fil-qasam tat-*teleworking*. Minkejja li dan huwa mezz effettiv ħafna kif il-mara tirrikonċilja l-familja u x-xogħol għax taħdem mid-dar, jidher li għadu ma ngranax biżżejjed f'pajjiżna u allura hemm bżonn li naħdmu iktar fuqu. Għandna bżonn naħdmu fuq il-*flexitime* ukoll. Dawn huma konċetti tajbin ħafna, però jrid ikun hemm l-impenn u l-investiment biex in-nisa jkunu jistgħu jibbenefikaw minnhom. Irrid ikun hemm ukoll konverġenza f'dan il-qasam bejn is-settur pubbliku u dak privat, fejn is-settur privat iħares lejn l-*added cost* li jkollu biex jintroduċu l-*family friendly measures*. Jekk ma jkunx hemm għajnuna, jekk ma jkunx hemm inċentiv, is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi.

Xi ħaġa oħra li rriżultat mil-laqgħat li qed nagħmlu fil-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali hija li skont studji li saru, il-pożizzjoni tal-ugwaljanza fil-familja tista' twassal għal vjolenza fl-erba' ħitan tad-dar, u allura wasal iż-żmien li nieħdu *stocktaking* ta' x'inhi s-sitwazzjoni, speċjalment rigward il-liġi tal-vjolenza domestika. Minn meta daħlet il-liġi tal-vjolenza domestika 'l hawn kien hemm progress, kien hemm avvanz, però rridu nistudjaw is-sitwazzjoni biex naraw il-*loopholes* li jeżistu f'din il-liġi u nindirizzawhom biex iktar vittmi jieħdu l-protezzjoni li jeħtieġu u iktar nies jagħmlu l-kuraġġ biex javvanzaw, jirrapportaw u jitilqu mill-ambjent ta' vjolenza li jkunu jgħixu fih.

Fattur ieħor li xtaqt insemmi huwa l-*feminisation of poverty*. Dan l-aħħar qed nisimgħu ħafna dwaru u joħroġ mill-fatt li n-nisa f'pajjiżna, speċjalment dawk li jgħixu waħedhom jew għax huma separati jew għax huma *single* jew għax romol, jirrappreżentaw persentaġġ qawwi ħafna ta' dawk il-persuni kollha f'pajjiżna, li jammontaw għal madwar 60,000 ruħ, li jgħixu f'sitwazzjoni ta' faqar jew qegħdin

f'riskju tal-faqar, u allura jkunu iktar *prone* għall-esklużjoni soċjali. Hemm bżonn li jsir studju approfondit rigward dawn in-nies u hemm bżonn li tissaħħaħ ix-xibka soċjali biex niżguraw li ħadd minn dawn in-nisa ma jibqa' lura, speċjalment dawk bit-tfal.

Rigward is-saħħa tal-mara nixtieq nerġa' nsostni l-importanza tal-*awareness*. Fil-*budget* li sar lejlet l-elezzjoni li għaddiet il-gvern wiegħed il-*breast screening programme,* però s'issa jidher li għadna fil-fażi ta' studju. Illum nistaqsi għaliex aħna wieħed mill-uniċi żewġ pajjiżi fl-Unjoni Ewropea li m'għandniex dan il-programm, u dan meta l-inċidenza tal-marda tal-kanċer, speċjalment dik tas-sider, hija waħda fost l-ogħla mill-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea. Imbagħad biex terġa' tgħaqad, f'Għawdex għandna sitwazzjoni li hija agħar minn dik ta' Malta. Għandna sitwazzjoni tal-biki li lanqas għandna l-makkinarju tal-*mammogram* fl-isptar ġenerali ta' Għawdex. Dan ilu jiġi mwiegħed għal diversi snin, però bħalma jiġri f'ħafna affarijiet f'Għawdex, l-affarijiet dejjem ġejjin imma ma jiġu qatt!

Mr Speaker, ma nistax nieħu aġġornament mingħajr ma niddedika parti għal Għawdex. Diġà aċċennajt xi ħaġa iktar qabel, però jekk il-qagħda tal-mara f'Malta hija ħażina, żgur li f'Għawdex hija ħafna agħar. Rigward l-impjiegi, f'Għawdex għandna barrieri ikbar, u żgur li ma nistax ma nsemmix dawk il-ħaddiema kollha, fil-parti l-kbira tagħhom nisa, li l-ġimgħa l-oħra u fil-ġimgħat u xhur li għaddew tilfu l-impjieg tagħhom mill-fabbrika Pamargan. Snin ilu kont tgħaddi miż-żona industrijali tax-Xewkija, u ħlief nisa u xebbiet jaħdmu hemmhekk ma kontx tara. Illum is-sitwazzjoni hija kompletament differenti għax tgħaddi minn hemm qisu ċimiterju, u meta titkellem man-nisa kollha li kienu jaħdmu hemmhekk jgħidulek li minn meta tilfu l-impjieg is-sitwazzjoni familjari tagħhom f'termini finanzjarji marret għall-agħar u qatt ma rpiljat. Hemm bżonn li Għawdex, bir-rispett kollu lejn kulħadd, jingħata attenzjoni partikolari, mhux għax Malta m'għandhiex bżonn, imma Għawdex iktar u iktar, għax l-opportunitajiet dejjem kienu ħafna inqas minn ta' Malta.

Rigward każi ta' nisa li ġejjin minn sitwazzjoni ta' vjolenza u abbandun, f'Għawdex għandna sitwazzjoni partikolari għax għandna nuqqasijiet ta' strutturi. Fil-fatt, m'hemmx strutturi u m'hemm l-ebda *shelter* ta' emerġenza. Kien hemm dar tal-Knisja li qed tiġi *refurbished* u allura ma tistax tipprovdi s-servizz. Naf li hemm ħafna *social workers*, ħafna nies li jaħdmu f'dan il-qasam, li ilhom jagħmlu diversi talbiet, però dawn it-talbiet s'issa waqgħu fuq widnejn torox. Dejjem nisimgħu li hemm il-ħtieġa, hemm il-proġetti, u li dawn l-affarijiet u dawn l-istrutturi se jiġu provduti, però għadu ma sar xejn! Ħaġa waħda ngħid. Għal ħafna Maltin Għawdex huwa post biex jiġu jiddevertu, u kultant bla limitu u b'nuqqas ta' rispett lejna l-Għawdxin, bħalma ġara fil-karnival tan-Nadur! Imma r-realtà hi li Għawdex għandu l-problemi tiegħu li jeħtieġu attenzjoni immedjata, u b'konsegwenza ta' dawn il-problemi u nuqqasijiet qegħdin ibatu ħafna nies, speċjalment in-nisa u t-tfal tagħhom.

Mr Speaker, ftit tax-xhur ilu smajna bl-iskandlu ta' Lourdes Home. Illum Lourdes Home spiċċat magħluqa u t-tfal kollha spiċċaw Malta. Għandna sitwazzjoni fejn tfal jew minorenni li jkollhom proċeduri legali u jridu jitfgħuhom x'imkien li ma jkunx il-ħabs, li ma jkunx il-*Young People's Unit* (YPU), qed nispiċċaw bil-problema ta' fejn se npoġġuhom, u sfortunatament dawn qed jispiċċaw f'Mount Carmel li ċertament mhuwiex post addattat għax dawn ma jkollhomx problemi mentali. Fl-aħħar nett nixtieq nappella lin-nisa kollha ta' Għawdex u ta' Malta biex ma jaċċettawx li jiġu mkasbra, ma jaċċettawx li jiġu mċaħħda mid-drittijiet tagħhom u biex jgħożżu d-dinjità tagħhom u ta' wliedhom, mhux f'Jum il-Mara biss, imma matul is-sena kollha. Grazzi. Mr Speaker.

**S101 21.04.09**

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, f'dan l-Aġġornament illum nixtieq nitkellem ftit dwar suġġett li nħoss li huwa importanti ħafna, delikat ħafna u sensittiv immens. Fil-fatt f'dawn l-aħħar snin iktar minn qatt qabel qed ngħixu

f'sitwazzjoni fejn iktar koppji qed jiffaċċjaw problemi biex ikollhom it-tfal b'mod naturali. Filwaqt li huwa minnu li għandna ħafna koppji li minkejja li m'għandhomx problemi ta' fertilità xorta qed jagħżlu li ma jkollhomx tfal għal diversi raġunijiet, fosthom ekonomiċi u anke għall-avvanz tal-karriera, però għandek ħafna każi oħra ta' koppji oħrajn li jixtiequ ħafna jżewqu l-familja tagħhom bit-tfal imma ma jistax ikollhom. Ir-raġunijiet għal dan jistgħu jkunu varji u ma nistgħux ma nżommux quddiem għajnejna li dawn il-koppji jgħaddu minn diffikultajiet kbar, kemm emozzjonalment, kemm fiżikament, u eventwalment anke finanzjarji biex jagħmlu dak kollu possibbli, anke permezz tax-xjenza, biex ikunu jistgħu jirrealizzaw din ix-xewqa tagħhom li jkollhom it-tfal.

Jekk ix-xjenza ma tirnexxix jew il-koppja ma tkunx trid tgħaddi minn dan il-proċess ta' trattament jew tirrikorri għal dawn il-mezzi, allura mbagħad it-triq tkun li l-koppja tgħaddi biex tikkonsidra l-adozzjoni. Jiena waħda minn dawk li nemmen li min jadotta tifel jew tifla jkun qed jagħmel ġest nobbli u sabiħ ħafna. Fil-fatt, f'dawn l-aħħar ġranet irċevejt *email* mingħand persuna fejn qaltli hekk:

> "*I feel that the authorities are failing to appreciate that for a couple who cannot concieve, deciding to adopt a child is a great gesture to abandoned children who deserve to have a family.*"

Jiena naqbel ħafna ma' din il-persuna li bagħtitli din l-*email*. Fid-dinja, inkluż f'pajjiżna, għandna ħafna tfal li għaddejjin minn tbatija kbira anke minħabba l-fatt li dawn it-tfal huma mċaħħda minn familja. Din hija ħaġa krudili immens. Tfal mingħajr familja huma tfal li huma iktar vulnerabbli għax m'għandhom lil ħadd min jiddefendihom, u allura jkunu iktar esposti għall-periklu u għall-isfruttament. Għalhekk, min jaddotta jkun qed isalva lil dawn it-tfal minn xorti kiefra u abbużi li jista' faċilment ikun hemm fuqhom. Ikun qed isalvahom ukoll minn dik it-tbatija kbira li tkun iċ-ċaħda minn ambjent familjari, u allura koppji li jaddottaw it-tfal ikunu qed jagħtu dik l-imħabba u l-għożża li jkun jixraq u li jkollhom tant bżonn dawn it-tfal.

Qed nitkellem fuq dan is-suġġett għax f'dawn l-aħħar ġranet l-istitut tal-adozzjoni ngħata prominenza mistħoqqa minħabba sentenza tal-appell li ngħatat mis-sede kostituzzjonali. Din is-sentenza tirrigwarda artikolu tal-liġi li ġie dikjarat diskriminatorju. Bħala sfond legali, l-adozzjoni hija regolata bil-liġi u allura biex persuna tkun tista' tibda proċess tal-adozzjoni trid tissodisfa rekwiżiti tal-liġi u trid toqgħod għall-proċedura stipulata mil-liġi stess. Dawn il-provvedimenti nsibuhom fil-Kodiċi Ċivili ta' Malta. Imbagħad fis-sena 2008 ġie introdott l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni li fost l-oħrajn daħħal konċetti ġodda biex suppost jiġi faċilitat il-proċess tal-adozzjoni u biex ikun hemm garantit proċess fejn ma jkunx hemm abbużi u sfruttament ta' dan it-tip.

Nafu li għar-rigward tal-adozzjoni, speċjalment dawk ta' barra minn Malta, kellna każi fejn kien hemm involuti l-flus u allura f'dan il-każ, permezz ta' din il-liġi, il-leġislatur qed jipprova jindirizza l-element ta' sfruttament finanzjarju ta' persuni li minħabba l-qagħda emozzjonali tagħhom ikunu iktar vulnerabbli. Permezz tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni nħolqu reati bil-pieni relattivi għal min jabbuża minn sitwazzjoni prekarja bħal din. Meta niġu għar-rekwiżiti li timponi l-liġi biex persuna tkun tista' tadotta, nitlaq mill-premessa li dawn huma intiżi biex jiġi assigurat li min jadotta jkun idoneu. Skond il-leġislatur, dawn ir-rekwiżiti huma mezz li permezz tagħhom jiġi protett il-minuri.

Għalkemm wieħed jista' jirrikonoxxi li l-intenzjoni wara l-liġi hija tajba, però meta tibda tidħol iktar fil-fond tibda ssib li minħabba dawn ir-rekwiżiti qed jiinħolqu sitwazzjonijiet diskriminatorji. Fil-fatt,

fis-sentenza li għadni kemm semmejt, il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat diskriminatorju dak il-provvediment tal-liġi li jgħid li biex koppja miżżewġa tkun tista' tadotta trid tkun ilha miżżewġa u tgħix flimkien għal tliet snin. Qabel l-emendi tal-2008, dan iż-żmien kien ta' ħames snin. L-idea hi li jkun hemm garantit li l-familja tkun stabbli peress li minn riċerka rriżulta li l-iktar żmien kritiku għall-istabilità tal-koppja huwa l-ewwel tliet snin. Allura, biex tiġi evitata trawma kkaġunata minn separazzjoni tal-ġenituri li jkunu adottaw, ġie ffissat it-terminu ta' tliet snin.

Sur President, issa, filwaqt li għar-rigward tal-koppji miżżewġa hemm dan it-terminu li jrid jiġi osservat, dan l-istess terminu ma japplikax fil-każ ta' persuni waħedhom jew koppji *de facto*, jiġifieri tnejn min-nies li jgħixu flimkien imma mhux miżżewġin li jkunu jridu jadottaw. Il-koppja li għamlet din il-kawża fil-qorti bbażat l-argument tagħha fuq il-premessa li koppja miżżewġa trid tistenna tliet snin, mentri koppja *de facto* ma tistax. Ovvjament din hija diskriminatorja, u allura fetħu din il-kawża u effettivament kellhom raġun, għax kemm il-qorti tal-prim istanza kif ukoll l-appell it-tnejn li huma qablu mal-argument li teżisti diskriminazzjoni kontra l-koppji miżżewġa li jridu jadottaw meta qed jiġi impost dan it-terminu ta' tliet snin.

Il-qrati ddikjaraw dan il-provvediment tal-liġi diskriminatorju, u ġie ordnat li s-sentenza tintbagħat il-parlament biex il-liġi tinbidel. L-iskop ewlieni ta' dan l-Aġġornament tiegħi huwa biex inħeġġeġ sabiex din l-emenda titressaq kemm jista' jkun malajr. Illum kumbinazzjoni kelli żewġ mistoqsijiet parlamentari lill-Ministru John Dalli fejn staqsejtu x'pożizzjoni se jieħu l-gvern biex titneħħa din id-diskriminazzjoni. Ir-risposta kienet li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar u allura jidher li pożizzjoni għad m'għandniex. L-argument tal-qorti x'kien, Sur President? Tajjeb naraw x'kien l-argument, għax meta daħlet fis-suġġett il-Qorti ħadet kemm l-aspett legali, jiġifieri l-aspett akkademiku studjat, fejn ikkwotat liġijiet u każistika, imma daħlet ukoll fl-aspett uman.

Naħseb huwa importanti li f'dan l-intervent li qed nagħmel nenfasizza ftit fuq dan l-aspett. Kif tista' tiġġudika l-istabbilità ta' koppja skont kemm din il-koppja tkun ilha miżżewġa? Jiena naħdem fil-kamp legali u bħala avukat nagħmel ħafna separazzjonijiet ta' koppji li jkunu ilhom miżżewġin is-snin, u allura li taqbad u tgħid li fi tliet snin koppja tkun stabbli u f'inqas minn tliet snin koppja ma tkunx daqshekk stabbli, ma jagħmilx sens. Kull każ għandu jitqies fuq il-merti tiegħu. Barra minn dan, biex koppja tkun tista' tadotta hemm il-proċess, l-għarbiel, stipulat bil-liġi u hemm l-Aġenzija Appoġġ li tagħmel l-eżerċizzji tagħha permezz tal-esperti tagħha. Permezz ta' dan it-test jiġi deċiż jekk koppja hijiex idonea biex tadotta jew le. Dan kien wieħed mill-argumenti li semmiet il-Qorti biex wassalha biex tiddikjara r-rekwiżit ta' tliet snin taż-żwieġ bħala wieħed żejjed u diskriminatorju.

Sur President, nistqarr li meta nqatgħet din is-sentenza kont qed nippretendi li nsib l-Abbozz ta' Liġi quddiemna minnufih, però ma ġarax hekk. Tant ma ġarax hekk li, kif għadni kemm semmejt, lanqas il-mistoqsijiet parlamentari ma' ġew imwieġba, għax jidher li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u allura m'għandna ħjiel ta' xejn. Issa ġaladarba m'għandniex dan il-*feedback* min-naħa tal-gvern, għan-nom ta' dawk il-koppji li għamlu kuntatt miegħi f'dawn l-aħħar ġranet inħoss li għandi nwassal l-appell tagħhom u ninsisti u nagħmel appell imqanqal u qawwi lill-gvern biex kemm jista' jkun jikkonsidra l-introduzzjoni ta' din l-emenda fil-liġi kif, wara kollox, ġie ordnat mill-Qorti tal-Appell.

Sur President, *to be fair* u biex inkun għedt kollox, lanqas kont nippretendi li jsir appell *in the first place* għax l-ewwel qorti tant kienet konċiża, tant laqtet il-musmar fuq rasu, li sinċerament lanqas kont nippretendi li jsir l-appell mid-Dipartiment tal-i*Standards* fil-Ħarsien Soċjali u mill-Ministeru għal Politika Soċjali. Mill-banda l-oħra, lanqas ma rrid ninterpreta dan l-appell bħala reżistenza biex issir din il-bidla fil-liġi. Il-fatt li din il-kawża kienet tittratta provvediment partikolari ma jfissirx li l-liġi tal-adozzjoni m'għandhiex iktar difetti, u allura nħeġġeġ lill-gvern sabiex kemm jista' jkun malajr jittieħed *stocktaking* tal-liġi dwar l-adozzjoni, speċjalment l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni. Hawn nagħmel riferenza partikolari għall-awtorità ċentrali u għall-aġenzija kreditata li s'issa ftit li xejn smajna dwarhom. Fil-fatt għamilt mistoqsija parlamentari dwar dan u l-istess, ir-risposta li ngħatajt kienet li tweġiba tingħata f'seduta oħra! Niddikjara minn issa li jiena lesta nagħti kull għajnuna lin-naħa tal-gvern għax nemmen li hemm bżonn li l-liġi tiġi riveduta b'tali mod biex tkun verament tajba għal min irid jadotta.

Anomalija oħra li għandha l-liġi u naħseb timmerita konsiderazzjoni fil-fond hija r-rekwiżit tal-età ta' min irid jadotta. Il-liġi tgħidlek li biex tapplika għall-adozzjoni xi ħadd mill-koppja jrid ikollu iktar minn 28 sena. Għal darb'oħra nistaqsi: Għaliex? Għaliex min għamel il-liġi ħaseb li l-maturità tintlaħaq malli tagħlaq it-28 sena u mhux qabel jew wara? Jiena waħda minn dawk li nemmen li l-maturità mhijiex neċessarjament marbuta mal-età, għax għandek nies ta' 16 jew 18-il sena li jkunu iktar maturi minn oħrajn li jkollhom 20 sena jew 25 sena. Jiġifieri żgur li l-argument li użajt għar-rigward taż-żmien taż-żwieġ japplika wkoll għal dan ir-rekwiżit. Fil-fatt, reċentement għamlu kuntatt miegħi koppja - iltqajt magħhom ukoll - fejn dawn ilhom miżżewġin iktar minn tliet snin, u allura jissodisfaw l-ewwel rekwiżit, però ħadd minnhom ma għandu 28 sena. Mela għalkemm skont kriterju minnhom li llum ġie dikjarat diskriminatorju huma meqjusin bħala maturi, għandek imbagħad il-kriterju l-ieħor tal-età ta' 28 sena li ma jissodisfawhx. Din hija anomalija u diskriminazzjoni oħra, u naħseb li timmerita l-attenzjoni mistħoqqa.

Inħoss ukoll li hemm bżonn li jiġu indirizzati l-problemi li jiffaċċjaw koppji li jadottaw tfal minn barra, speċjalment għal dak li jirrigwardja l-*leave* tagħhom biex ikunu jistgħu jsiefru ħalli jlestu l-proċeduri tal-adozzjoni. Fil-preżent għandna l-*adoption leave* li huwa tip ta' *leave* li jingħata wara li tiġi finalizzata l-adozzjoni, però nafu li biex isseħħ l-adozzjoni, speċjalment adozzjonijiet ta' barra, il-koppja tkun meħtieġa li ssiefer diversi drabi, ikun hemm diversi proċeduri, ikun hemm spejjeż enormi, u *sopra corna bastonate,* dawn iridu jieħdu l-*unpaid leave*. Minħabba f'hekk ikun hemm riperkussjonijiet finanzjarji fuq id-dħul tal-koppja. Naħseb li hemm bżonn li nikkonsidraw is-sitwazzjoni prekarja ta' dawn il-koppji li wara dak it-taħbit kollu, wara dik it-tbatija kollha, lanqas ikunu intitolati għal dan il-*leave*!

Sur President, hemm bżonn ukoll li jissaħħu s-servizzi ta' appoġġ għal dawn il-koppji. Ilment li rċevejt huwa għar-rigward tal-proċess quddiem l-*adoption board*. Għandi każ ta' koppja li għandhom ir-rapport tagħhom lest, u kull ma qed jistennew huwa li l-bord tal-adozzjoni jara l-*file* u jagħti l-approvazzjoni tiegħu. Din il-koppja qaltli li hija frustranti ħafna għalihom li ma jistgħu jagħmlu xejn imma jridu joqogħdu jistennew il-ħniena tal-*board*. Nifhem li l-board ma jistax joqgħod jiltaqa' kuljum u l-membri tal-*board* għandhom il-*commitments* tagħhom, però informata li kull ma hemm huwa *backlog* ta' 17-il każ, li bħala numru huwa żgħir, però t-tbatija kollha meta takkumulaha flimkien hija kbira. Jiena naħseb li għandu jsir ftit sforz min-naħa tal-*board* biex jaraw dawn il-*files* u jagħtu l-approvazzjoni li, safejn naf jien, kulma tirrikjedi hija żewġ linji fejn jgħid li ra l-*file* u jiddikjara l-koppja idonea biex taddotta. Jiġifieri mhux qegħdin nitkellmu fuq xi xogħol kbir, għax meta jkollok ir-rapport dan diġà jkun wieħed eżawrjenti, l-opinjoni tkun diġà formulata, u kull ma jridu jagħmlu huwa li janalizzaw il-*file* u finalment jagħtu l-*approval* tagħhom. Nemmen li bi sforz din it-tbatija tista' tiġi eliminata.

Nixtieq nikkummenta fuq x'qaltli koppja oħra. Il-mara kellmitni u qaltli li kull meta jkun hemm dawn it-tip ta' problemi qed jitilfu ċ-ċans. Meta staqsejtha x'ikun dan iċ-ċans spjegatli li mill-Appoġġ ma jagħtuhom ebda kuntatti, mhux bħal m'hemm l-Italja, fejn hemm iċ-CIFA, li hija awtorità li tgħinhom jagħmlu l-kuntatti u tirregola kollox hi. Hawnhekk min irid jaddotta tifel jew tifla minn barra jrid ifendi għal rasu u ma jiggwidawhom ħadd, u allura l-koppja jagħmlu l-kuntatti direttament huma. Din il-mara qaltli li sakemm inkunu qegħdin jistennew ikunu qegħdin jitilfu ċ-ċans, jiġifieri jkun hemm tifel jew tifla *available* għall-*adoption* u minħabba l-fatt li jkun għad m'għandhomx l-*approval,* jitilfu dak iċ-ċans. Sinċerament nemmen li wara dawk l-isforzi kollha biex issib l-*availability* m'għandux ikun fattur burokratiku li għandu jtellef dan iċ-ċans.

F'din il-Kamra nisimgħu ħafna fuq il-familja, u kumbinazzjoni lbieraħ stess l-Onor. Edwin Vassallo għamel aġġornament fuq il-familja u tkellem tajjeb ħafna, għaliex aħna fil-Kumitat Soċjali l-*brief* tagħna huwa appuntu l-familja. Id-dritt tal-familja huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali, u sinċerament nemmen li koppji li ma jistax ikollhom tfal b'mezz naturali għandu jkollhom kull dritt u opportunità li jadottaw. Fl-istess waqt, tfal li jkunu ġejjin minn familji jew ġenituri li ma kinux kapaċi jrabbuhom għandhom dritt li jgħixu ġewwa familja. Ma nistgħux inċaħħdu lil dawn it-tfal mill-

opportunità li jkollhom familja li tħobbhom u tindukrahom. Nemmen fermament li permezz tal-adozzjoni dan id-dritt ikun jista' jilħaq il-mira tiegħu fir-realtà u b'mod konkret.

Għalhekk huwa importanti li jsir l-ezercizzju biex il-liġi tal-adozzjoni tiġi riveduta. Ovvjament din trid tkun iktar mezz effettiv biex id-dritt tal-familja jiġi msaħħaħ u salvagwardat. Dan qed ngħidu kemm għall-koppji li jkunu jridu jaddottaw kif ukoll għat-tfal li għandhom id-dritt jgħixu f'familja fl-għożża u fl-imħabba li jixirqilhom. Kif għedt fil-bidu, dan huwa suġġett sensittiv ħafna u nista' nixhdu mill-ammont ta' telefonati mqanqla li qed nirċievi. Hawn ħafna tbatija fil-pajjiz fir-rigward ta' dan is-suġġett u kulma nista' nagħmel jien - u nispera li jirnexxili nagħmel dan – huwa appuntu li nwassal it-tbatija ta' dawn in-nies b'appell qawwi u sinċier għall-konsiderazzjoni tal-Ministru. Nispera wkoll li meta nagħmel mistoqsija oħra ma jgħidlix li t-tagħrif għadu qed jinġabar jew risposta tingħata f'seduta oħra, imma fir-risposta għall-mistoqsija tiegħi jkollu pront abbozz ta' liġi biex jemenda l-Kodiċi Ċivili u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni.

Biex inkompli fuq l-istess suġġett tat-tfal, imma minn angolu differenti, xtaqt nitkellem ftit dwar rapport li għadu kemm ħareġ u li ġie kkummissjonat minn entità Ingliza li hija ċ-*child poverty action group*. Huwa rapport fejn tiffigura Malta, però sfortunatament Malta qed tiffigura b'mod negattiv ħafna. Dan iċ-*child poverty action group* fir-rapport li għamel qed jippreżenta ċ-*child well-being index*, jiġifieri qed jagħti elenku u qed jagħti indiċi tal-qagħda tat-tfal f'29 pajjiz fl-Ewropa. B'dispjaċir ngħid li f'dan l-elenku Malta tinsab fl-aħħar post, u naħseb li dan għandu jixgħel il-bozza l-ħamra għax huwa qasam li hemm bzonn li nindirizzawh bis-serjetà. Ma jistax ikun li nitkellmu fuq l-aqwa teżor li għandu l-pajjiz, li huma t-tfal, imma mbagħad ikollna rizultati oxxeni bħal dawn. Jiena qed ngħid dan bl-ikbar responsabbiltà, però rrid ngħid ukoll li għalkemm dan ir-rapport qed jixgħel il-bozza l-ħamra, lokalment ukoll għandna studji li għandna nagħtu kashom.

Sur President, qed ngħid hekk għax għandna rapport ta' Dr. Angela Abela u Fr. Charles Tabone, rapport li studjajnieh fil-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali, fejn qed jgħidulna li tifel jew tifla minn kull ħamsa qegħdin f'riskju ta' faqar bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu u li eventwalment ukoll jaffettwa l-iżvilupp fiżiku, intellettwali, soċjali u emozzjonali tat-tfal. Eventwalment ukoll, bħala Kumitat Soċjali, se noħorġu rapport b'diversi rakkomandazzjonijiet. Jiena nispera li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiġu mwettqa għaliex inutli nagħmlu dan ix-xogħol kollu u inutli nagħmlu dawn il-laqgħat u rapporti jekk imbagħad ir-rakkomandazzjonijiet jibqgħu fuq l-ixkaffa! Jiena nħeġġeġ sabiex meta jkollna dawn ir-rakkomandazzjonijiet fuq il-mejda tal-Kamra jkun hemm reazzjoni għalihom. Qed ngħid dan għaliex huwa faċli li niġu hawnhekk nitkellmu fuq id-drittijiet tat-tfal u noqogħdu norganizzaw attivitajiet u nitkellmu fuqhom, imma trid tara fir-realtà xi jkun qed isir.

Jiena nemmen li wasal iz-zmien li noħolqu dipartiment li jkun prattikament riservat għat-tfal, jiġifieri jkun *one stop shop* fejn it-tfal ikollhom dipartiment li jistgħu jirrikorru għalih, li jkun aċċessibbli għalihom, u jkunu jistgħu jressqu l-ilmenti tagħhom. B'hekk biss inkunu nistgħu nittamaw li noqorbu lejn il-milja tad-drittijiet li hemm sanċiti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Jiena minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tat-tfal. Nixtieq nirringrazzja lill-kummissarju tat-tfal attwali u lill-kummissarju tat-tfal preċedenti, li bil-limitazzjonijiet u bir-riżorsi limitati li għandhom ma jistgħux jagħmlu dak li jixtiequ. Dawn tant huma limitati li ma jistgħux ċertament jaspiraw li jilħqu l-obbligi li għandhom fil-liġi.

Xtaqt ukoll nitkellem fuq xi ħaġa mportanti fir-rigward tat-tfal b'diżabilità. Illum għamilt mistoqsija parlamentari li kienet ukoll in segwitu għal diversi mistoqsijiet parlamentari oħrajn li għamilt dwar il-*Guardianship Act.* Din x'tinvolvi? Nafu li l-ikbar uġigħ ta' ras illi għandhom ġenituri li jkollhom tfal b'diżabilità huwa x'se jiġri minn dawn it-tfal wara li jiġu neqsin. Il-liġi tagħna matul is-snin ġiet riveduta u emendata biex tipprova tkopri dawn iċ-ċirkostanzi. Xi ftit snin ilu, per ezempju, f'dan il-parlament kellna l-liġi dwar it-*trusts* illi hija ntiża wkoll biex tkopri dawn is-sitwazzjonijiet, però jidher li din il-liġi mhux ma ħallietx il-frott mixtieq - pjuttost ngħid li għadha ma laħqitx - imma ma qabditx ir-rankatura. Dan aktarx għaliex hija liġi pjuttost kumplessa, u ftit jafu kif jirrikorru għaliha. Jiġifieri *to be fair* irridu ngħidu kollox. Pajjizi barranin għandhom il-*Guardianship Act* fejn joħolqu skema, joħolqu sistema, fejn jiġi appuntat u maħtur dan il-gwardjan biex meta l-ġenituri jiġu neqsin

ikun jista' jamministra l-proprjetà u jkun jista' jieħu ħsieb ta' dawn it-tfal li minħabba d-diżabilità tagħhom ma jkunux kapaċi jieħdu ħsieb tagħhom infushom u jamministraw il-beni tagħhom.

Sur President, meta jien għamilt dawn il-mistoqsijiet kull darba jingħad li hemm proċess għaddej. Din id-darba l-Ministru nfurmani li l-abbozz qiegħed quddiem l-Avukat Ġenerali, u nispera li dan l-abbozz ma jintilifx għand l-Avukat Ġenerali bħalma qed nissuspetta li ġara fir-rigward ta' abbozzi oħrajn, fosthom il-liġi dwar it-tfal. Illum dan l-Aġġornament ddedikajtu fil-parti kbira tiegħu lit-tfal. Nemmen li hemm bżonn li t-tfal jingħataw iktar vuċi, filwaqt li nħoss li d-drittijiet tat-tfal verament għandhom jiġu salvagwardati. Jien tal-fehma wkoll illi t-tbatija li għaddejjin minnha ħafna tfal hija kkaġunata mill-kbar, u hija responsabbiltà tagħna l-kbar li kemm jista' jkun neliminaw din it-tbatija kollha u  ma nkunux aħna l-ħtija ta' din it-tbatija minħabba l-egoiżmu tagħna.

L-appell tiegħi huwa lil dawk il-ġenituri kollha li għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni u li biex mingħalihom jagħmlu xi gwadann jippruvaw jisfruttaw u jinqdew bit-tfal tagħhom. Jiena llum il-ġurnata meta nara ġenituri li għandhom it-tfal għax il-Bambin tahom dan ir-rigal u koppji oħrajn li jixtiequ b'qalbhom kollha li jkollhom it-tfal u m'għandhomx, lil dawk il-ġenituri li għandhom it-tfal ngħidilhom: Irringrazzjaw lil Alla kull ħin u kull mument tar-rigal li takom. Jiena ġenitur, u llum nista'ngħid u nista' nħoss dak li qed ngħid, u allura sinċerament nappella lil dawk kollha biex it-tfal bl-ebda mod u bl-ebda manjiera ma jinvolvuhom fi kwestjonijiet ta' bejniethom u bl-ebda mod ma jikkaġunawlhom *stress*, dannu emozzjonali u dannu ta' xi tip ieħor. Jixraq li verament lit-tfal ngħożżuhom bħala l-aqwa u l-ikbar teżor li qatt jista' jkollna.  Grazzi.

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Sur President, il-ġimgħa ta' qabel l-elezzjonijiet għall-parlament Ewropew kont mistiedna għall-ftuħ uffiċjali taċ-Ċentru Sant'Anna, li huwa ċentru ta' matul il-jum għall-persuni b'diżabilità li jinsab fir-Rabat, Għawdex. Issa bħalma jafu ħafna, jien nipprova mmur kull fejn jistednuni għax huwa d-dmir tiegħI u anke sabiex nara l-affarijiet kif inhuma u b'hekk nitgħallem jien ukoll. Għalhekk meta kien hemm din iċ-ċerimonja inawgurali jien mort ukoll. Wara ċ-ċerimonja kelli l-opportunità li nara sew dan iċ-ċentru u kelli l-opportunità li nifli sew ċerti affarijiet li se nitkellem fuqhom illum. F'dan il-parlament, u anke barra minnu, permezz ta' kitbiet tiegħi mhux l-ewwel darba li semmejt dan iċ-ċentru. Kont ikkritikajt ħafna lill-gvern għax dan iċ-ċentru ilu jiġi mwiegħed għal diversi snin, u bħal ħafna affarijiet oħrajn li jsiru f'Għawdex, dan sar leljiet l-elezzjoni ħalli jkunu jistgħu jiġu l-kbarat jaqtgħu ż-żigarelli. Madankollu sakemm isiru l-affarijiet ma jimportax għax l-aqwa li bis-saħħa ta' xi elezzjoni, Għawdex jieħu xi ħaġa.

Issa tajjeb li naraw daqxejn l-istorja ta' dan iċ-ċentru. Per eżempju, fit-18 ta' Frar 2003, qrib ħafna d-data tal-elezzjoni tal-2003, kien ħareġ il-permess tal-MEPA għall-bini ta' dan iċ-ċentru. Imbagħad fit-18 ta' Awwissu 2004 il-Ministeru għal Għawdex kien ħareġ stqarrija fejn ikkonferma li l-bini tiegħu kien lest. Fl-2007, jiġifieri tliet snin wara, kienet saret applikazzjoni oħra sabiex issir estensjoni tar-*roof structure* li ħarġet madwar sena ilu. Min-naħa tiegħi nista' niddikjara li bejn l-2004 u l-2007 ma rajtx xi xogħol estensiv isir. U kull meta kont nistaqsi lill-ministru dwar ix-xogħlijiet li kienu qed isiru, din kienet ripetutament tassigurani li x-xogħol kien miexi u qiegħed fi stadju avvanzat. Imma fir-realtà kien biss f'dawn l-aħħar xhur li sar ix-xogħol. Ovvjament imbagħad kienet qiegħda toqrob l-elezzjoni u eventwalment dan iċ-ċentru wasal ukoll.

Filwaqt li kont qed nikkritika lill-gvern minħabba d-dewmien fil-ftuħ ta' dan iċ-ċentru, qajjimt ukoll il-fatt li bħala daqs, dan iċ-ċentru kien wieħed żgħir. Fil-fatt fil-*budget speech* li għadda kont diġà aċċennajt għall-ħtieġa ta' *spatial audit,* jiġifieri *standard* internazzjonali dwar l-ispazju għall-persuni b'diżabilità, speċjalment għal dawk li huma *wheelchair bound* u li għandhom problemi ta' mobilità. Issa għalkemm l-ambjenti ta' dan iċ-ċentru huma akkoljenti ħafna, bħala bini huwa sabiħ ħafna u għandek faċilitajiet modernissimi, il-post innifsu huwa żgħir. Meta għandek persuni b'diżabilità, li ħafna minnhom jużaw il-*wheelchair* sabiex jiċċaqilqu minn post għall-ieħor, huwa diffiċli ħafna li dawn jiċċaqilqu bil-kumdità f'dawn il-*premises.*

Irrid ngħid xi ħaġa fuq il-mod ta' kif wieħed jitla' u jinżel mat-tliet sulari li għandu dan il-bini għax jidher li hemm ċerti diffikultajiet. Fil-fatt it-turġien huma dojoq u l-*lift* li hemm mhuwiex daqshekk spazjuż. Meta jien użajt il-*lift* innotajt li sakemm il-persuni jitilgħu fih, trid toqgħod iżżomm il-buttuna tiegħu. Issa jien m'iniex persuna teknika u allura ma nafx jekk din hijiex xi *safety feature* jew le. Però dak il-ħin immaġinajt *care worker* bil-klijent magħha, li filwaqt li tkun qiegħda tipprova ddaħħal il-klijent ġo dan il-*lift,* trid toqgħod iżżomm il-buttuna tal-*lift* magħfusa. Jien nemmen li jew se tagħmel ħaġa jew inkella se tagħmel oħra. Nafu li x-xogħol mal-persuni b'diżabilità jirrikjedi attenzjoni kontinwa, aktar u aktar meta tqis li dan il-post huwa ġdid u l-klijenti għad iridu jidrawh. Issa sakemm jagħmlu dan, se jkunu qegħdin jiddependu kompletament fuq il-*carers* tagħhom.

Naf ukoll li dan il-*lift* diġà ġew jirranġawh xi ġranet wara l-ftuħ uffiċjali ta' dan iċ-ċentru. Nista' ngħid dawn l-affarijiet għax dan iċ-ċentru qiegħed fl-istess triq fejn noqgħod u allura dawn l-affarijiet ninnotahom u noqgħod attenta għalihom. Nerġa' ngħid li għalkemm jien m'iniex persuna teknika, naf li dan il-*lift* mhuwiex biżżejjed sabiex jaqdi l-*loads* li hemm f'dan iċ-ċentru. Dan iċ-ċentru jospita madwar 40 klijent u fih b'kollox tliet sulari. Żgur li l-*lift* mhuwiex biżżejjed sabiex jaqdi dawn il-ħtieġijiet. Naf ukoll li dan iċ-ċentru mhuwiex mgħammar b'*generator* ta' emerġenza u allura kull meta jinqata' d-dawl, il-*lift* ma jkunx jista' jintuża u l-klijenti jkunu jridu jiġu merfugħa u jittellgħu mat-tliet sulari li fih dan iċ-ċentru. Issa forsi jkun hemm min jgħid li d-dawl ma jinqatax kuljum. Imma fiż-żona fejn qiegħed dan iċ-ċentru d-dawl jinqata' ta' spiss għax ftit 'il fuq qiegħda tinbena l-iskola l-ġdida, u kull darba li jkunu qed jagħmlu xi xogħol tal-elettriku, tinqata' l-provvista tad-dawl.

Per eżempju, il-ġimgħa li għaddiet kellna l-famuż qtugħ ta' dawl li dam għaddej ġurnata sħiħa. Dakinhar kont għaddejja minn quddiem dan iċ-ċentru u rajt lill- *carers* ta' dan iċ-ċentru jerfgħu klijenta partikolari li għandha ċertu piż sabiex iniżżluha t-taraġ. Ovvjament dan mhuwiex il-mod ta' kif taħdem u għandu jkun hemm dak kollu meħtieġ sabiex, f'ċirkostanzi ta' emerġenza, ix-xogħol ikun jista' jkompli għaddej mingħajr tbatija u inkonvenjenzi żejda. Għalhekk żgur li hemm bżonn li jkun hemm il-*generator* għall-eventwalità tal-qtugħ ta' dawl. Xi ħaġa oħra li nnotajt huwa n-nuqqas ta' kamra fejn isir in-*nappy changing* tal-klijenti. Normalment f'ċentri ta' ċertu livell, skont *standards* aċċettati, ikun hemm *changing room* li jkollha *hoists* apposta sabiex il-klijenti jkunu jistgħu jittellgħu mingħajr diffikultà u l-*carer* tkun tista' timmaniġġja aħjar. Permezz ta' din il-*hoist* il-klijenti jittellgħu fuq il-*couch* u jkunu jistgħu jbiddlulhom in-*nappy.* Kif nafu ħafna persuni b'diżabilità għandhom ukoll problemi ta' inkontinenza. Dan huwa nuqqas ieħor li nnotajt f'dan iċ-ċentru u naħseb li huwa opportun li wieħed jikkonsidra din it-tip ta' faċilità flimkien ma' spazju ieħor iddedikat għall-każijiet ta' emerġenza, fejn ikollok provvista ta' ossiġnu u *nurse* li tkun tista' tagħti ċerta attenzjoni u kura jekk jinqala xi inċident.

Anke fir-rigward tat-trasport mid-dar tal-klijenti għaċ-ċentru u lura, jidher li kien hemm xi tibdiliet mis-sistema li kienet titħaddem fiċ-ċentru l-qadim. Fejn qabel, meta kienu fiċ-ċentru l-qadim, f'kull vann kien ikun hemm żewġ *care workers* mal-klijenti sabiex jgħinu lil xulxin x'ħin itellgħu u jniżżlu lill-klijenti mill-vann, u anke biex jieħdu ħsiebhom matul il-vjaġġ, issa jidher li qed ikun hemm persuna waħda biss fil-vann. Allura l-*workload* ta' tnejn min-nies issa qiegħda taqa' fuq persuna waħda. Sinċerament dan la huwa sew għall-*care workers* għax ovvjament il-*load* qiegħda taqa' kollha fuq dik il-persuna li tkun fil-vann u lanqas huwa sew għall-klijenti. Jekk qegħdin nitkellmu fuq l-aħjar servizz, u fuq servizz ta' kwalità, żgur li ma nistgħux naqgħu fuq persuna waħda f'kull vann.

Sur President, dan iċ-ċentru huwa nieqes minn spazju miftuħ li jintuża għall-*outdoor activities.* L-uniku spazju li forsi jista' jintuża huwa t-terrazzin u dan jinsab fuq nett, u jiġi fuq in-naħa ta' quddiem taċ-ċentru. Imma s'issa għadni ma rajt l-ebda klijent fuq dan it-terrazzin u għandi dubji serji kemm huwa addattat u aċċessibbli għalihom. Niftakar li meta kienu fiċ-ċentru ta' Għajnsielem, mhux l-ewwel darba li kont ngħaddi minn hemm u kont narahom barra fuq il-bankijiet għall-arja. Imma f'dan iċ-ċentru m'għandhomx l-ispazju meħtieġ u allura lanqas għandhom fejn jagħmlu l-*outdoor activities* tagħhom, bħal per eżempju, ġardinaġġ u affarijiet oħra. Min-naħa tiegħi qiegħda nitkellem fuq dawn l-affarijiet għax innotajthom jiena stess, u nixtieq ħafna li jiġu indirizzati. Il-klijenti ta' dan iċ-ċentru jixirqilhom l-aħjar u l-aqwa, u naf kemm id-diriġenti u l-ħaddiema ta' dan iċ-ċentru għandhom għal qalbhom il-klijenti tagħhom. Naf kemm iħobbuhom u kemm jagħmlu magħhom.

F'dan l-Aġġornament qiegħda nitkellem fuq dawn l-affarijiet għax mill-ħażin għat-tajjeb kulma hemm huwa s-sens komun. U minn dak li rajt li mhux qiegħed kif suppost, qiegħda nsemmih hawnhekk ħalli tittieħed nota tiegħu u jiġi indirizzat għall-ġid mhux tal-klijenti biss imma ta' dawk kollha li jaħdmu fiċ-ċentru u li jiffrekwentawh fuq bażi volontarja. Żgur li m'għandux ikun hemm xi polemika fuq il-ħtieġijiet tal-persuni b'diżabilità u jien verament nixtieq li dawn il-problemi jiġu indirizzati. Ovvjament il-qasam tad-diżabilità f'pajjiżna huwa qasam importanti ħafna u jeħtieġ għajnuna kbira. Kemm ilni kelliema għall-persuni b'diżabilità kemm-il darba ġejt avviċinata minn ġenituri ta' wlied b'diżabilità sabiex ikellmuni fuq id-diversi problemi li jkollhom, speċjalment minħabba l-ħafna bżonnijiet mediċi li ma jistgħux ilaħħqu magħhom minħabba nuqqas ta' finanzi.

Fil-fatt dan l-aħħar iltqajt ma' xi familji ta' persuni *autistic* u dawn spjegawli li l-*modus vivendi* tagħhom huwa diffiċli ħafna. Qaluli kemm għandhom bżonnijiet, fosthom għajnuna speċjalizzata minħabba li każijiet ta' *autism,* ħafna drabi huma komplessi ħafna u jkollhom komplikazzjonijiet oħrajn magħhom. Allura l-bżonnijiet ta' dawn il-persuni huma kbar ħafna u jitfgħu piżijiet enormi fuq il-familji tagħhom. Żgur li hemm bżonn li ssir aktar ħidma f'dan il-qasam ħalli mhux il-persuni *autistic* biss jiġu megħjuna imma dawk il-persuni kollha li għandhom xi diżabilità għandha tingħatalhom l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jgħixu ħajja diċenti u indipendenti mingħajr xkiel u diskriminazzjoni. Dan għandu jsir fl-ispirtu tal-inklużività.

Issa li ġej is-sajf irridu nassiguraw li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgawdu s-sajf. Nafu li l-bajjiet tagħna għandhom problemi kbar ta' aċċessibilità u allura l-persuni b'diżabilità huma mċaħħda milli jkunu jistgħu jgawdu l-bajjiet tagħna bħall-bqija tas-soċjetà in ġenerali. Riċentement għamilt mistoqsija parlamentari lill-Ministru Dalli f'dan ir-rigward u min-naħa tiegħu, il-ministru assigurani li hemm xi pjanijiet *in the pipeline.* Nispera li dawn il-pjanijiet jitwettqu fil-ġranet li ġejjin għax is-sajf diġà qiegħed magħna. Ninsab inkwetata ħafna anke bil-qagħda u l-kondizzjoni tal-ħaddiema taċ-ċentri għal matul il-jum tal-Foundation for Social Welfare Services. Minn meta nħolqot din il-fondazzjoni, il-ħaddiema qed iħossuhom demoralizzati u demotivati ħafna minħabba l-mod ta' kif qegħdin jiġu trattati u bil-mod ta' kif qed jittieħdu d-deċiżjonijiet mingħajr ma jikkonsultaw magħhom. Dawn il-ħaddiema jħossu wkoll li dawn id-deċiżjonijiet mhux qed isiru neċessarjament għall-benefiċċju tal-klijenti taċ-ċentri, li fuq kollox huma l-persuni b'diżabilità.

Sur President, bħala kelliema tal-Partit Laburista, filwaqt li nuri s-solidarjetà tiegħi mal-ħaddiema ta' dawn iċ-ċentri, inħeġġeġ lill-ministru u lill-awtoritajiet kollha kompetenti sabiex jindirizzaw minnufih l-iskuntentizza li qed tirrenja fost dawn il-ħaddiema għax din qiegħda taffettwa ħafna lil dawn il-ħaddiema. Din l-iskuntentizza qiegħda taffettwahom ukoll fl-operat tagħhom. B'dan il-mod qegħdin jiġu affettwati wkoll il-klijenti ta' dawn iċ-ċentri. Għal darb'oħra f'dan l-aġġornament se nerġa' nieħu l-opportunità sabiex inħeġġeġ lill-gvern ħalli ma jkomplix ikaxkar saqajh fuq l-abbozz ta' liġi ta' *guardianship* għall-persuni b'diżabilità. Inħeġġeġ ukoll lill-gvern sabiex iżid l-għajunana finanzjarja lil dawk l-entitajiet kollha li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità.

F'dawn l-aħħar xhur kelli l-opportunità li nżur id-Dar tal-Providenza u Dar il-Kaptan. Ikolli nistqarr li dawn iż-żewġ żjajjar li kelli kienu esperjenzi sbieħ ħafna u tgħallimt ħafna minnhom. Apprezzajt aktar il-valur tal-ħajja u l-kwalitajiet tajba li kull persuna għandha, indipendentement mill-abilitajiet u d-diżabilitajiet tagħha. Dawn id-djar, u djar oħra bħalma hija l-Fondazzjoni Arka f'Għawdex, għandhom bżonn tal-finanzi sabiex ikomplu joffru s-servizzi tagħhom. Jien nemmen bis-sħiħ li l-gvern irid jerfa' l-piż tiegħu u jara li l-għajnuna li għandhom bżonn dawn id-djar tingħatalhom kemm jista' jkun malajr.

Sur President, il-ħin tiegħi skadieli imma qabel nagħlaq nixtieq nagħmel ringrazzjament speċjali lil dawk kollha li jaħdmu mal-persuni b'diżabilità. Dawn in-nies jaqdu d-dmir tagħhom b'imħabba u dedikazzjoni kbira. Żgur li mhuwiex faċli li taħdem mal-persuni b'diżabilità għax irid ikollok vera għal qalbek dan ix-xogħol għax min ikollu qalbu żgħira, bħalma hi tiegħi, isibha diffiċli biex jaħdem ma' dawn in-nies. Jien l-ewwel waħda m'iniex kapaċi u nsibha diffiċli biex naħdem magħhom. Imma lil dawn il-*carers* nammirahom ħafna u jekk għandhom bżonn l-għajnuna, għandna nagħtuhielhom minnufih għax qegħdin jagħmlu xogħol siewi ħafna. Dawn in-nies qegħdin jagħmlu xogħol imprezzabbli b'risq il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Nirringrazzjak.

**ONOR. JUSTYNE CARUANA**: Sur President, l-aħħar darba li jiena tkellimt f'dan il-parlament bħala plenarju kien appuntu wara t-traġedja demokratika li seħħet f'dan il-parlament meta wara li l-maġġoranza tal-membri parlamentari f'din il-Kamra vvotat favur il-mozzjoni mressqa mill-Oppożizzjoni dwar l-estensjoni tal-*power station* ta' Delimara, bil-barka tas-Sedja kien qam il-Viċi Prim Ministru u bl-iktar mod viljakk u kodard kien azzarda jigdeb fuqi u anke qajjem dubju li jien stajt ivvotajt kontra l-Partit tiegħi stess. Issa wara dan l-episodju, fil-fehma tiegħi ikrah ħafna fl-istorja parlamentari ta' pajjiżna, ntqal ħafna però ma sar xejn,

Ma sar xejn mis-Sedja li kellha tagħti *ruling* li s'issa għadu ma ngħatax minkejja li kont tlabtu jien stess u li kellu jingħata iktar tard, imma għaddew diversi ġimgħat u għadni ma smajt xejn. Lanqas għadni ma ħadt apoloġija doveruża li l-gvern kellu jagħmel għal dak kollu li sofrejt minnu jien b'konsegwenza ta' dan il-gideb sfaċċat li sar fil-konfront tiegħi. Jien ngħid 'gideb' u nagħmel enfasi kbira fuq din il-kelma għar-raġuni li aħna tal-Oppożizzjoni ġibna prova skjaċċanti anke permezz ta' *audio recording* li ġie mqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra, fejn jien instmajt nivvota ċar, nivvota 'iva', kif kelli nivvota favur il-mozzjoni tal-Oppożizzjoni, kif ukoll anke ġew imqegħdin dikjarazzjonijiet ġuramentati li saru kemm minni kif ukoll minn sħabi kollha ta' din in-naħa.

Jien naħseb li nkun qed nonqos jekk minn qalbi ma nirringrazzjax lill-Kap tal-Oppożizzjoni, lill-membri sħabi li tant qabżu għalija u kienu ta' sostenn enormi għalija u għall-familti. Nistqarr li għalkemm dik il-ġurnata, ġurnata kerha ħafna, saritli ħsara psikoloġika kbira anke minħabba l-biża' li qabditni li seta' jiġri lili u anke lit-tarbija tiegħi għax, kif qal l-Onor. de Marco, issa aħna qegħdin tnejn, però din l-esperjenza qarsa ħafna għallmitni ħafna u għallmitni wkoll dwar kif għandi nimxi hawn ġew u anke lil min għandi nafda. Saħħet fija wkoll id-dedikazzjoni lejn il-missjoni politika tiegħi għar-raġuni li kienu eluf dawk in-nies li wrew is-solidarjetà tagħhom miegħi u ma familti.

Dawn kienu nies mhux biss Laburisti imma nies ta' fehma politika differenti li jirrispettaw lili u lil familti, għax aħna Għawdex għandna *saying* li jien nemmen ħafna fih, li Għawdex żgħir u n-nies magħrufa. Aħna, jien u familti, familja tal-affari tagħna, familja rispettata ħafna u dan ir-rispett li ngawdu u li dejjem gawdejna ssarraf f'din is-solidarjetà tant kbira li sinċerament kienet impressjonanti ħafna. Il-poplu jinsab warajja u ta' dan jien nirringrazzjah bl-ikbar umiltà u ngħid grazzi u nwiegħed li sakemm il-poplu jibqa' jibgħatni f'dan il-parlament u sakemm il-Bambin jagħtini s-saħħa, jien se nkompli niġġieled għall-interessi tal-poplu tagħna u fl-interess tal-ġustizzja u tas-sewwa li, kif kien jgħid xi ħadd minn tan-naħa l-oħra, is-sewwa jirbaħ żgur! (Onor. Membri: *Hear, hear)*

Dan se jġibni għad-diskors proprju li ppreparajt għal dan l-Aġġornament. Fil-fatt ilbieraħ kont il-pontifikal solenni tal-festa ta' San Ġwann fix-Xewkija u l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Mario Grech għamel paniġierku li fil-fehma tiegħi huwa importanti ħafna. Fil-fatt ġie anke kkwotat fil-ġurnal "The Times" għalkemm ma ġiex ikkwotat fl-intier tiegħu. L-Eċċellenza Tiegħu għamel akkuża serja kontra min għandu l-obbligu li qed imexxi l-poplu imma qed jinħela f'ħafna tpaċpiċ għax mhux qed jgħid il-verità. Qed jgħid li min qed jgħid li pajjiżna miexi fuq ir-rubini mhux qed jgħid il-verità, qed iqarraq bil-poplu, u dan huwa sempliċement tpaċpiċ. Għadni kemm segwejt id-dibattitu tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta u nkompli nikkonferma dak li qal l-Eċċellenza Tiegħu lbieraħ, li għandna gvern li hu mehdi ħafna fit-tpaċpiċ u sfortunatament riżultati tajbin għall-poplu m'aħna naraw xejn.

Fil-fatt l-Eċċellenza Tiegħu huwa Għawdxi u kien qed jitkellem mill-esperjenza li għandu ta' Għawdex. Dan huwa proprju dak li qed jiġri f'Għawdex. Għandna ħafna tpaċpiċ fil-vojt, is-soċjetà qed titmermer, is-sitwazzjoni kemm soċjali kif ukoll ekonomika sejra mill-ħażin għall-agħar, imbagħad niskantaw għaliex il-familji tagħna u t-tessut soċjali tagħna qed jitmermer u qed jitkisser. L-inċertezza qed tikber, il-frustrazzjoni qed tikber, il-piżijiet qegħdin jiżdiedu, u dan kollu qed jifni lil din il-gżira tagħna li mhux biss hija mifnija mir-riċessjoni ekonomika imma hija mifnija minħabba n-

nuqqas ta' attenzjoni ta' dan il-gvern li litteralment jiġi jaqa' u jqum u għandu interessi differenti, interessi personali, interessi li ċertament ma jġibux lill-poplu Għawdxi l-ewwel u fuq quddiem.

Il-kelma "omertà", il-kelma li uża l-Eċċellenza Tiegħu, hija kelma iebsa ħafna, hija kelma li normalment nassoċjawha mal-Mafia, kelma kerha, b'konnotazzjonijiet koroh. Però sfortunatament, l-affarijiet kif sejrin Għawdex huma proprju hekk għax hemm raġunijiet għalfejn min suppost qed jitkellem u min suppost qed jara li l-affarijiet jimxu sew għandu interess li dan ma jsirx. Issa jew għax dik il-persuna tkun jew ikun komdu bl-affarijiet kif sejrin għax jaqbel hekk, jew inkella jkun qed jiġri hekk għaliex ikunu qed iħokkulu jew iħokkulha daharha, allura jkollu interess jew ikollha interess dirett u personali biex l-affarijiet ma jintqalux.

Per eżempju, jien xtaqt nikkonċentra fuq mistoqsija parlamentari li kont għamilt lill-Ministru tal-Finanzi dwar it-*tendering* ta' Triq Xlendi u Triq Ta' Pinu. Fil-fatt il-kuntratturi kollha kienu ġew skwalifikati ħlief għal tnejn li huma l-JPF u l-Gaudos Joint Venture. Jiena, kif kelli kull dmir u kelli kull dritt li nagħmel, ġejt hawnhekk f'dan il-parlament u staqsejt ċerti domandi li daru ma nafx kemm-il ministru, u fl-aħħar spiċċaw għand il-Ministru tal-Finanzi. U dan biex ma jikxef xejn, qisu se jikxef xi sigriet tal-Istat jew xi sigriet ta' Fatima, inħeba wara xi regolamenti tal-kuntratti pubbliċi u qalli li din l-informazzjoni hija konfidenzjali. Din ħassbitni mhux ftit għaliex li tiġi hawnhekk titlob informazzjoni u ma tingħatax ċertament mhijiex xi ħaġa li għandha ssir.

Fil-fatt mort nara ftit il-*Public Contracts Regulations* u nsib li dwar il-konfidenzjalità m'hemm xejn li ma jistax jingħata rigward din id-domanda, għaliex m'hemm xejn x'jimpedixxi lil xi direttur jew lil xi ministru milli jagħtini din l-informazzjoni. Allura jew il-Ministru ngħata informazzjoni jew parir ħażin jew inkella hemm xi interess li din il-mistoqsija partikolari ma tistax tiġi mwieġba. Jien nistaqsi x'inhi r-raġuni għaliex kien hemm domandi oħrajn bejn wieħed u ieħor fuq l-istess binarji li ġew imwieġba. Jien nistaqsi xi tweġiba partikolari jista' jkollha din id-domanda biex ma tistax tingħata?

Filwaqt li għandna gvern li jgħajjat bit-trasparenza u li m'għandu xejn xi jħammarlu wiċċu, imbagħad niġu għal domanda bħal din u ma jirrispondihiex. Qisni qed ngħid xi sigriet tal-Istat meta ngħid li għandna l-istess kuntrattur li jieħu x-xogħol! Dan huwa l-istess kuntrattur li waqt il-laqgħa pubblika li kien hemm fuq Ħondoq ir-Rummien insir naf li meta ħariġlu l-permess biex jopera l-impjant tiegħu kellu kondizzjoni impatta li ma jistax jgħaddi minn ċerti toroq, imma kellu rotta partikolari li ried jgħaddi minnha, kondizzjoni li sfortunatament qatt ma ġiet rispettata. X'inhuma jagħmlu hemm tal-MEPA u tal-ADT? Għaliex iħalluh jagħmel li jrid lil dan il-kuntrattur partikolari? Għandna erba' *cowboys* Għawdex jagħmlu li jridu għax jagħtuhom ir-riħ, mingħalihom li huma 'l fuq mil-liġi!

Sigriet ta' Fatima ieħor jew sigriet tal-Istat ieħor huwa dak li jirrigwarda l-*yacht marina* u l-proġett taż-Żewwieqa. L-istess, dan ma nafux x'se jiġri, u fil-frattemp meta titlob l-informazzjoni jgħidulek li hemm viġenti xi *confidentiality clause* u jinħbewlek warajha u ħadd ma jagħtik informazzjoni. Jiena ngħid li l-poplu għandu kull dritt li jkun jaf x'se jiġri. Jekk id-dilettant tas-sajd għandu dik in-naqra frejgatina li qiegħda magħha għandu dritt ikun jaf jekk biex iżomm il-frejgatina hux se jintalab iħallas eluf ta' ewro. Dawn huma affarijiet bażiċi u kulħadd għandu dritt ikun jaf fil-lokalità tiegħu, f'dik in-naqra li qiegħed fiha, x'se jiġri minnu. Jaħasra, naqra naqra Għawdex qed jitnaqqar biċċa biċċa u se nispiċċaw b'xejn, u miskin iż-żgħir dejjem jitteħidlu u jitnaqqarlu, u l-gvern ikompli jgħaffġu u jeħodlu dawk in-naqriet li jkollu.

Nistaqsi wkoll dwar l-inċineratur li qed jingħad li se jsir Għawdex. Nistaqsi x'rapporti saru u x'konsultazzjonijiet saru. Kollox baxx baxx, kwiet kwiet, u ħadd ma jaf x'se jiġri u ma jiġrix. Nistaqsi dwar il-fuljett li tqassam fid-djar, fuljett tal-Onor. Chris Said, fuljett li la nafu tħallasx mill-fondi pubbliċi, la nafu jekk ġiex stampat fl-istamperija tal-gvern, ma nafu xejn. Li naf huwa li tqassam mill-Onor. Chris Said fil-kapaċità tiegħu uffiċjali ta' segretarju parlamentari, imma dwar dawn l-affarijiet ma jingħad xejn. Jiġifieri għandna segretarju parlamentari għad-djalogu pubbliku, però djalogu bis-serjetà mhu qed isir xejn!

Nagħlaq billi nsemmi s-sitwazzjoni tal-ħaddiema tal-isptar. Il-moral tal-ħaddiema tal-isptar qiegħed baxx ħafna u se nsemmihom għaliex wegħedthom li se nsemmihom. Fl-istess kategorija ta' xogħol inħolqu żewġ klassijiet, il-klassi "A" u l-klassi "B". Tal-klassi "A" ovvjament huma dawk privileġġjati li jagħmlu l-istess xogħol bħal ta' klassi "B", però li jieħdu l-*allowances* u ħadd ma jaf kif dawn in-nies spiċċaw fi klassi "A". Dawn jieħdu l-*allowances*, jagħmlu x-xogħol bħall-oħrajn u tal-klassi "B" imsieken jispiċċaw hemmhekk ilaqqtu ġo rashom u jissubixxu l-kritika u l-kummenti tal-klassi "A" li huma ovvjament il-klassi privileġġjata. Alla jbierek qisu mhu qed jiġri xejn! Fl-isptar ta' Għawdex hemm diżastru sħiħ u nixtieq nuri s-solidarjetà ma' dawk il-pazjenti kollha li ilhom ix-xhur jokorbu għall-mediċina Zocor, mediċina li jriduha ta' kuljum. Din hija waħda mill-mediċini li hija nieqsa fl-isptar ġenerali ta' Għawdex.

Sur President, nagħlaq billi nistieden lill-poplu Għawdxi biex jikkundanna l-omertà li qed tifni lil Għawdex. Għamel sew l-Isqof ta' Għawdex li tkellem, u qed nikkwota lilu għaliex jekk nitkellem jiena biss malajr jgħidu għax jien ġejja min-naħa tal-Oppożizzjoni u allura jkun hemm xi ħadd minn tan-naħa l-oħra u jipprova jqajjem xi kwestjoni! Però l-Isqof ta' Għawdex m'għandux interessi politiċi, u għaldaqstant jekk qed nikkwotah qed nikkwotah għar-raġuni li verament nixtieq li l-messaġġ li pprova jwassal ilbieraħ jasal fejn għandu jasal biex b'hekk Għawdex jeħles minn din l-omertà, jeħles mill-oppressjoni, jeħles mill-Gvern Nazzjonalista. (Onor. Membri: *Hear, hear)* Nirringrazzjak.

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Grazzi, Mr Speaker. Fil-fatt hija xi ħaġa pożittiva immens li aħna lqajniha bi pjaċir kbir li qegħdin hawn illum bħala gvern u bħala oppożizzjoni flimkien sabiex nagħmlu dan l-aġġornament fl-okkażjoni ta' din il-ġurnata. U bla dubju ta' xejn hawn konsensus f'din il-Kamra li l-vjolenza kontra n-nies, il-vjolenza domestika hija xi ħaġa intollerabbli, sfortunatament hija realta' li iktar qed toħroġ fil-beraħ u allura rridu niġġieldulha b'iktar ħruxija.

Mill-esperjenza personali li għandna anke fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħi jien niltaqa' ma' ħafna każijiet ta' din ix-xorta, jinkwetani ħafna l-leġġerezza ta' kif jiġu trattati dawn il-każijiet saħansitra mill-vittmi stess. Minkejja li llum il-ġurnata għandna diversi kampanji ta' għarfien li hemm konsegwenza tagħhom iktar vittmi qed jiddeċiedu li jitkellmu u jirrikorru għall-għajnuna, minkejja dan kollu pero' xorta waħda għad fadal min iħares lejn il-vjolenza subita mill-*partner* bħala xi ħaġa kważi aċċettata u bħala xi ħaġa parti integrali mill-ħajja tagħhom tant li jirrassenja ruħhom.

Fil-fatt nistqarr li kultant huwa diffiċli immens li tikkonvinċi lill-vittma lit kun qed tgħaddi minn dak il-kalvarju kollu li dak lit kun qed tgħaddi minnu mhuwiex assolutament aċċettabbli u mhux assolutament tollerabbli. Pero' ta' min jgħid lit ant ikunu mkissrin, tant fiżikament ikunu għaddew minn affarijiet anke psikoloġikament ikunu mkissrin bit-tgħajjir u l-vjolenza psikoloġika hija ħafna u ħafna agħar minn dik fiżika, li jkollhom dik il-biżgħa li jirreaġixxu.

Tiġilek mara bit-tbenġil jew tibki kemm tiflaħ għax ir-raġel tagħha jew il-*partner* tagħha anke qabel iż-żwieġ, jiġifieri fil-perjodu tal-għerusija li suppost kollox ikun ward u żgħar li jumiljha, jikkritikha, jattakkha, ixxejniha, pero' tgħidlek jien xorta nħobbu u tibqa' għaddejja anke trid tkun fl-għerusija jew f'relazzjoni qabel iż-żwieġ anke saħansitra jkollok min jibqa' għaddej biż-żwieġ. U jien naħseb li din hija mentalita' li rridu nkomplu niġġielduha għax min iħobbok ċertament ma jsawtekx u anqas ma jumiljak għax din mhi imħabba xejn. Nerġa' ngħid li hija diffiċli li tippenetra u tiġġieled din il-mentalita' għax tant tkun issubiet il-vittma li fl-aħħar tispiċċa temmen li l-kaġun ta' dak kollu li jkun qed jiġri tkun hija stess.

Imbagħad għandek ovvjament problemi oħrajn li jxekklu l-vittma milli titlaq minn ambjent ta' vjolenza u ovvjament qed nitkellem fl-ambitu' ta' dar, ta' vjolenza domestika għax ħafna drabi n-nisa jkollhom dipendenza ekonomika. Allura peress li jkun hemm din id-dipendenza ekonomika iktar ikun hemm xkiel biex il-mara titlaq mid-dar. Fil-fatt min huwa ekonomikament indipendenti, ikun iktar faċli għalih li jabbanduna l-ambjent ta' vjolenza u għal din r-raġuni ħafna drabi kemm f'dan il-parlament kif ukoll barra dejjem nistaqsi x'qed nistennew biex nattakkaw bis-serjeta' l-faqar fost in-nisa. Għax hemm inċidenza u relazzjoni qawwija bejn il-faqar fost in-nisa u l-vjolenza li jissubixxu.

Għalkemm f'pajjiżna imbagħad għandna l-liġi kontra l-vjolenza domestika li saret fl-2005 wasal iż-żmien li naraw x'hemm bżonn isir biex din il-liġi tkun effettiva. Fil-fatt filwaqt li fil-Kodiċi Kriminali nsibu diversi artikli dwar l-ordnijiet tal-protezzjoni tal-projbizzjoni tar-restrizzjoni u anke ta' trattament issib li dawn mhux qed jintużaw biss fil-kuntest ta' vjolenza domestika imma qed jintużaw f'każijiet oħrajn.

Fil-fatt meta tingħata l-informazzjoni f'dan il-parlament mhux qed issir distinzjoni bejn każijiet ta' vjolenza domestika u tip ta' każijiet oħrajn. U allura qed ikun hemm din id-diskrepanza bejn in-numru ta' ordnijiet li jkunu rrapportati u ovvjament imbagħad in-numru ta' rapporti li jsiru lill-pulizija u l-każijiet li jitressqu l-qorti. Fil-fatt ta' min jgħid li fl-2002 kien hemm 543 każ ta' vjolenza domestika rrapportati lill-pulizija pero' imbagħad kienu biss 48 każ fejn il-qorti sabet li ħtija tal-perpetwatur. Ovvjament ta' min jinnota ukoll in-numru konsiderevoli ta' rapporti li jsiru lill-pulizija li imbagħad anke jispiċċaw irtirati fil-qrati tagħna.

Naħseb li hawnhekk wasal il-mument li tiġi emendata l-liġi fis-sens li jkun hemm tibdiliet speċifiċi bħal per eżempju titfa' ……… ta' vjolenza domestika biex ikopru iktar dik it-tip ta' vjolenza li ma tidhirx għax ma jkollokx marki esterni. U rridu nirrevedu l-pożizzjoni tagħna dwar il-*protection order* u l-*eviction order.* Fil-fatt meta konna qed niddiskutu l-abbozz ta' liġi kont appuntu sħaqt fuq l-importanza tal-ħruġ tal-mandat tal-*protection order from day one,* jiġifieri sakemm jitressaq il-każ il-qorti, il-vittma tkun protetta sa meta tagħmel ir-rapport.

F'pajjiżna jiġri li meta vittma tmur tagħmel kuraġġ u tagħmel ir-rapport tagħha u sakemm jinstemgħu l-proċeduri tinħareġ il-vittma mid-dar u l-aggressur jibqa' d-dar. U din hija ħaġa inġusta għax min ikun għaddej minn dawk il-problemi kollha imbagħad *sopra corna bastunate* jispiċċa jiġri minn ġo *shelter* għal ieħor sakemm jinstemgħu l-proċeduri.

U allura biex verament inkunu qed nagħmlu l-affarijiet sewwa nemmnu firmament li din il-protezzjoni u l-għajnuna għandha tingħata sa mill-bidu nett l-ordni ta' protezzjoni anke b'mod proviżorju toħroġ *from day one.* Ovvjament din trid tiġi kkumplimentata ukoll b'emenda fil-liġi sabiex il-każijiet ta' vjolenza domestika jiġu mressqa u trattati bil-massima urġenza possibbilment anke b'mod immedjat għax fis-sistema tagħna qed jiġri li qed ikollna ċertu dewmien biex dawn il-każijiet jitressqu l-qorti u dan id-dewmien ovvjament huwa ta' detriment kemm għall-każ fih innifsu kif ukoll għall-vittma ukoll.

Għalkemm il-liġi tagħna tgħid li meta jkun hemm rapport lill-pulizija dan għandu jitmexxa *ex-officio,* sfortunatament qed ikollna ħafna każijiet li l-vittmi qed jirtiraw il-każ waqt li jkunu qegħdin il-qorti għax b'xi mod jew ieħor il-vittma tiġi avviċinata jew influwenzata, saħansitra mhedda u allura dawn il-każijiet qegħdin jiġu rtirati.

Sfortunatament m'għandna ebda rimedju legali jew servizz sabiex kull min ikun involut jassigura li verament dan l-irtirar tal-każ ikun xprunat minn xi ħaġa ġenwina. Fil-fatt ħafna drabi l-vittma li tirtira l-kawża jew tirtira l-każ tagħha fil-qorti, terġa' tispiċċa vittma tal-vjolenza pero' imbagħad bil-*hurdle* li tibża' terġa' tirrapporta għax tibża' li ma titwemminx. M'għandna ebda programm ta' *follow-up* u naħseb li f'dawn it-tip ta' każijiet għandna bżonn ta' intervent immedjat.

Fil-fatt fil-Belġu ħadd mhu fuq proġett ta' dan it-tip dwar *follow-up care* biex appuntu jassiguraw li ċ-ċans li tkun tat il-vittma lill-aggressur tagħha billi tkun irtirat il-proċeduri, ikun verament ħalla l-frott tiegħu jew il-vittma ma tkunx reġgħet issubixxiet vjolenza.

Xi ħaġa li ninnota b'dispjaċir huwa li din is-sena per eżempju naqas il-vot tal-kummissjoni kontra l-vjolenza domestika. U dan imur kontra ukoll is-suġġeriment li kienet għamlet il-konfederazzjoni nazzjonali tal-għaqdiet tan-nisa għax ir-rwol tal-kummissjoni huwa kruċjali ħafna, il-kummissjoni ħadet sehem f'ħafna u għadha tieħu sehem f'ħafna kampanji ta' għarfien, u għad baqa' ħafna xi jsir f'dan il-qasam.

Xi ħaġa li personalment tinkwetani u qed ngħidha bl-ikbar responsabbilta, hija n-nuqqas ta' taħriġ u nuqqas ta' sensittivita' daparti ta' ċerti memebri tal-korp tal-pulizija. Qed ngħid 'ta' ċertu' għax imbagħad għandek ħafna oħrajn li jimxu bi professjonalita' kbira kemm għall-vittmi kif ukoll mal-professjonisti l-oħra kollha u nsibu koperazzjoni enormi, u ta' dan nixtieq nirringrazzjahom.

Pero' imbagħad għandek oħrajn li vittma li tkun għamlet il-kuraġġ u rnexxilha tasal sal-għassa tal-pulizija minħabba l-atteġġjament tagħhom jispiċċaw igerxuhom. Hemm min jgħidlek li jmur jagħmel rapport mal-pulizija u l-pulizija jgħidulha din mhijiex xi ħaġa li nidħlu fiha aħna, din xi ħaġa ta' bejnietkom, ta' bejn l-erba' ħitan u allura aħna ma nidħlux. Jew inkella jgħidulha mur erġa' d-dar biex tipprova tirranġa mar-raġel. U naħseb li dan hu nuqqas ta' sensittivita' u li għandha tiġi indrizzata.

Xi ħaġa li rrid ngħid huwa li l-għases tagħna l-ambjent tagħhom ma tantx jgħin biex vittma meta tmur tirrapporta tkun komda li tagħmel dan għax ħafna drabi tmur fuq id-*desk* quddiem kulħadd u b'nuqqas

ta' sensittivita' kbira l-vittma tkun trid tagħmel ir-rapport tagħha. Fil-fatt hawn qed nara lill-Onor. Vassallo, aħna fil-kumitat soċjali għamilna ukoll rakkmandazzjonijiet f'dan is-sens. Per eżempju, f'Ċipru l-pulizija għandha sezzjoni li hija d-*domestic violence and child abuse.* U din is-sezzjoni għamlet kampanja fost il-pubbliku biex il-pubbliku stess ikun jista' jiffamiljarizza ruħu mal-proċeduri tal-pulizija f'dawn il-każijiet, u allura l-pulizija gwadanjat il-fiduċja tan-nies biex iktar nies ikunu iktar komdi jirrikorru għall-pulizija.

Fid-Danimarka per eżempju għandhom programm nazzjonali għall-irġiel kollha sabiex ikun hemm prevenzjoni anke ta' każijiet iżolati ta' vjolenza fid-dar. Fi Franza hemm programm li jismu' '*Immediate separation and monitoring of alleged perpetrators*'. Jiġifieri jkun għadu każ fil-bidu tiegħu. u fil-Fillandja imbagħad għandhom programm ta' prevenzjoni li jiffoka fuq kull tip ta' atteġġjament li jkun tendenzjalment ftit aggressiv, pero' moderatament aggressiv, imma xorta waħda ma jieħdux riskju biex jasal f'punt li jkun hemm il-vjolenza. Rapporti u *best practices* hemm kemm trid. Pero' ma nistax nifhem kif aħna f'Malta għalkemm nattendu f'diversi laqgħat u f'diversi fora ma nafx x'qed iżommna milli nistudjaw dawn il-*best practices* u naraw x'jgħodd għalina biex nindirizzaw il-problemi tagħna.

Punt ieħor huwa dwar ix-*shelters.* Nifhem li d-domanda għax-*shelter* dejjem qed tiżdid u allura qed ikun hemm pressjoni qawwija fuq ir-riżorsi. Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam. Pero' żgur li għandna problema dwar il-*policy* tax-*shelters,* in partikolari dwar iż-żmien massimu li mara u t-tfal tagħha jistgħu jgħixu ġo dawn il-*homes.* Il-każijiet ta' vjolenza domestika huma ta' natura kumplessa ħafna, mhux kollha l-istess. Ħafna imbagħad jiġu segwiti ukoll bi proċeduri ta' separazzjoni li jirrikjedu ċertu tul ta' żmien u ma tistax tipprevedi kemm se jkun dan iż-żmien. U allura ma tistax tillimita l-perjodu sakemm dawn il-persuni jistgħu joqogħdu ġol-*shelters* minħabba appuntu dawn il-fatturi.

Xi ħaġa li xtaqt ngħid u ngħidha b'dispjaċir li f'Għawdex il-gvern ma joffri ebda servizz għal dawn in-nisa. U hija xi ħaġa li nemmen li eventwalment trid tiġi indirizzata.

Insemmi ukoll l-Aġenzija Appoġġ u s-servizzi li toffri l-istess aġenzija. Dejjem nitkellmu fuq in-nuqqas ta' riżorsi, hija realta', pero' iktar minn qatt qabel hemm bżonn li s-servizzi l-ewwelnett jiġu msaħħa u t-tieni nett ikun hemm *reappraisal* tal-programmi kollha offruti u anke ukoll *appraisal* tal-*performance* talli qegħdin jagħtu l-membri u l-ħaddiema tal-Appoġġ. Nemmen li għandu jkun hemm ħidma lit kun iktar koordinata, fejn ikun hemm iktar sinerġija bejn l-aġenzija Appoġġ, il-Kummissjoni u anke jkun hemm tnedija ta' programm intersettorjali bħalma qed jiġri f'pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea, u dan kollu biex il-kampanji kemm ta' prevenzjoni, ta' informazzjoni u ta' għarfien u anke l-prgrammi relattivi bħalma għandna fil-preżent il-*perpetrators programmes* ikunu iktar effettivi u kumplimentari ma' xulxin.

Jien nagħlaq billi nagħti grazzi kbira lil kull min hu involut fil-ġlieda kontra l-vjolenza. Importanti pero' li nappellaw lil dawk kollha li qed jissubixxu l-vjolenza. Nerġa' ngħid, min suppost qed iħobbok u min suppost qed jirrispettak, min ma jagħmilx dawn imma minflok isawtek, jumiljak, ixejnek u jgħajrek din m'hi imħabba xejn, ninkoraġġixxi biex din il-mentalita' niġġielduha pero' dejjem ngħid li biex min qiegħed f'din is-sitwazzjoni jagħmel il-kuraġġ, ifittex l-għajnuna u nħeġġeġ lill-istat sabiex itejjeb l-istrutturi tiegħu sabiex min ifittex u jirrikorri għall-għajnuna jsibha u jieħu dak li għandu bżonn. Grazzi.

ONOR. JUSTYNE CARUANA: Insellimlek Mr Speaker. F'dan l-aġġornament nieħu din l-opportunità l-ewwel nett, sabiex nirringrazzja l-istaff ġenerali tal-isptar t'Għawdex, in partikolari, tas-sala tal-maternità u lil Mr Almatis li kien ta' għajnuna kbira għall-familja tiegħi speċjalment fl-okkażjoni tat-tieni wild tagħna. Inħoss li għandi nirringrazzjahom minn qalbi. F'kull aġġornament li nieħu kif ukoll f'kull dibattitu li nieħu sehem fih, jiena dejjem nipprova nġib għall-attenzjoni kemm tal-Kamra kif ukoll barra minn dil-Kamra, affarijiet li jimmeritaw iktar attenzjoni fil-gżira ta' Għawdex. Għalkemm hemmhekk jiġru ħafna affarijiet li jimmeritaw l-attenzjoni, ħafna jibzgħu jitkellmu għaliex f'Għawdex tirrenja atitudni li min jażżarda jitkellem u jgħid fuq xi ħaġa, u forsi anki jirfes xi kallu jew tnejn, jispiċċa jlaqqatha. Jiena naħseb li kull deputat li jirrappreżenta lill-kostitwenti tiegħu għandu d-dmir li jaqdi din il-funzjoni wkoll.

Mr Speaker, jiena xtaqt nitkellem fuq iċ-Ċentru ta' Santa Marta, li huwa ċentru għal matul il-jum għall-persuni b'diżabilità. B'kumbinazzjoni jiena noqgħod ftit metri biss 'il bogħod minn dan iċ-centru u allura għandi l-opportunità li nosserva mill-qrib l-andament tal-affarijiet li jkunu qegħdin jiġru hemmhekk. Ta' min jgħid li dan iċ-ċentru kien ilu snin imwiegħed mill-Gvern. Fl-aħħar inbena imma kif jgħid il-Malti, l-ġurnata turik sa mill-bidu nett, u fil-fatt meta mort għall-ftuħ biex nara dan iċ-ċentru x'joffri, stajt ninnota li kien hemm ċertu nuqqasijiet. Fil-fatt kont ġejt hawn f'dan il-Parlament u elenkajt dan in-nuqqasijiet, in partikolari għal dak li għandu x'jaqsam l-aċċessibiltà li fil-qasam tad-diżabilità hija xi ħaġa fundamentali. Minkejja li tkellimt fuqhom, dawn in-nuqqasijiet baqgħu ma ġewx indirizzati, però naf ukoll li meta ġejt f'dan il-Parlament u ndirizzajt dawn in-nuqqasijiet kien sar interrogatorju sħiħ u inkwiżizzjoni sħiħa lill-ħaddiema għaliex id-diriġenti riedu jkunu jafu, b'ċerta insistenza jekk kienx xi ħadd minnhom li ażżarda jgħidli xi ħaġa.

Jien kont ġejt hawn nistqarr u anki ktibtha barra, li l-affarijiet li semmejt huma affarijiet li rajt jien b'għajnejja stess, huma affarijiet li evalwajt jien u allura ġejt nitkellem dwarhom hawnhekk. Hija xi ħaġa kundannabbli li jeżisti dan it-tip ta' atteġġjament ta' inkwiżizzjoni fejn jekk persuna tażżarda tgħid xi ħaġa, għalkemm f'dan il-kas partikolari ma kienx hekk, tispiċċa tlaqqatha fuq rasha. Kif għedt, minn dakinhar l'hawn xorta ma sar xejn imma l-iktar ħaġa li dejqitni hi li mhux biss għar-rigward ta' struttura l-affarjiet marru għall-agħar, imma wkoll fuq livell uman. Fil-fatt naf li bħala ċentru diġa telqu tliet ħaddiema, u jidher li telqu għax ma setgħux ikomplu jaħdmu hemmhekk minkejja li għandhom ħafna għal qalbhom il-persuni b'diżabiltà. Fil-fatt kien hemm diżgwid kbir mat-tmexxija taċ-ċentru għaliex ma kenux qed jaqblu mal-mod kif kienu qed isiru l-affarijiet. Ovvjament jiena nistaqsi x'kienet ir-raġuni uffiċjali li ngħatat minn dawn il-ħaddiema biex telqu minn dak il-post tax-xogħol tagħhom u ġew trasferiti band'oħra. Ir-raġuni uffiċjali li ngħatat kienet minħabba nuqqas ta' qbil mat-tmexxija taċ-ċentru?

Mr Speaker, nistaqsi ukoll jekk il-Minsteru t'Għawdex daħalx fil-kwestjoni u jekk rax x'qed jiġri kif ukoll xi ħsieb hemm biex dawn il-ħaddiema li telqu minn dan iċ-ċentru jiġu replaced minħabba li minħabba l-fatt li telqu dan il-care workers, issa l-workload fuq il-careworkers l-oħra żdiedet. Naf ukoll li xi ftit ta' xhur ilu kien sar xi stħarriġ intern dwar l-andament taċ-ċentru, però sal-lum ħadd ma sema' xejn dwar l-esitu tiegħu. Naf ukoll li kien hemm diversi lmenti mill-ħaddiema minħabba trattament ħażin, u anki diżrispett kbir min-naħa tad-diriġenti u naf ukoll li kien hemm kas partikolari fejn l-istaff ta' dan iċ-ċentru ġew anki imċaħħda mill-istaff toilets tagħhom. Dawn huma nuqqasijiet kbar fil-konfront tal-istaff.

Xi ħaġa li nkwetatni ħafna u tajjeb li wieħed jidħol daqsxejn fiha hi rigward ix-xogħol li jagħmlu l-klienti taċ-ċentru li huma appuntu l-persuni b'diżabilità. Fil-fatt il-klienti taċ-ċentru bħala parti mill-attivitajiet tagħhom jagħmlu diversi xogħolijiet fuq kummisjoni. Qed nitkellem fuq rack tal-injam lil Marsovin, kif ukoll saru xi xogħolijiet fuq il-fanali għall-katidral ta' San Ġwann u reċentament saru xi xogħlijiet anki għal Magro Brothers. Għal dan ix-xogħol, il-klienti ma jitħallsux però l-flus imorru għall-bżonnijiet taċ-ċentru. Kien hemm ukoll l-għaqda Friends taċ-Ċentru, li llum sar jisimgħa l-AFDA, u kien hemm ftehim li permezz tiegħu dawn ibigħu il-prodotti li dawn l-klienti jagħmlu. Dawn jinbigħu fil-bazaar li għandha l-AFDA u għal darb'oħra l-introjtu jmur għaċ-ċentru. Illum il-

ġurnata għal xi raġuni jew oħra, l-AFDA m'għadhomx jieħdu prodotti minngħand il-klienti biex ibigħuhom fil-bazaar, u ovvjament dan kellu riperkussjonijiet fuq l-introjtu. Fl-istess waqt hemm ftehim li permezz tiegħu l-AFDA jużaw iċ-ċentru għall-fund raising tagħhom imbagħad iċ-ċentru jieħu perċentaġġ. Hemm ukoll donazzjonijet li jsiru mill-klienti kif ukoll min-nies oħrajn li jieħdu għajnuna miċ-ċentru bħal meta jisselfu xi wheelchair.

Qed insemmi dawn l-affarijet għax qamu kwestjonijiet dwar il-flejjes, u saru domandi dwar min qed jamministra dawn il-flejjes u għalxiex qed jintużaw peress li ma jidhirx li qed jintużaw xi fondi għall-bżonnijiet taċ-ċentru. Jidher ukoll li qatt ma ngħata rendikont ta' dawn il-flejjes u appuntu, meta kien hemm membri tal-istaff li bir-raġun u bi dritt staqsew dwar fejn marru l-flus, li ħadmu għalihom il-klienti stess ingħataw tweġiba li fl-opinjoni tiegħi ma tantx tagħmel sens. Qalulhom li dawk il-flus qegħdin f'kont wieħed, u bħala sodisfazzjon laqqtu martirju sħiħ għax saħansitra kien hemm attakki viljakki fuq l-integrità ta' min qajjem dawn id-domandi li fl-opinjoni tiegħi huma leġittimi ħafna.

Dawn huma akkużi serji, u jekk huwa veru li x-xogħol li qed isir minn dawn il-persuni b'diżabilita' qed jiġi sfruttat b'dan il-mod allura dan huwa atteġġjament kundanabbli għaliex ix-xogħol ta' persuni b'diżabilità m'għandux ikun għall skopijiet ta' spekulazzjoni. Jien naf li l-Minstru għall-Għawdex personalment ġiet informata b'dawn l-affarijiet u rrid inkun naf x'inhu jiġri u x'passi qed jittieħdu fid-dawl ta' dan kollu. Wara kollox, jekk il-ġenituri tal-persuni b'diżabilità qed jibagħtu lit-tfal tagħhom f'dan iċ-ċentru

u dawn it-tfal, qed jagħmlu dan it-tip ta' xogħol, iva, allura għandhom dritt ikunu jafu x'qed jiġri hemm ġew. U hija xi ħaġa kundannabbli li f'settur tant delikat, persuni vulnerabbli qed jitħallew jiġu sfruttati u abbużati b'dan il-mod.

Xi ħaġa oħra li xtaqt nitkellem dwarha, xi ħaġa li rajt jien stess ukoll, għandha x'taqsam ma' xogħlijiet li qed isiru fl-isptar t'Għawdex. Proprju l-ġimgħa li għaddiet waqt li kont qed naqsam il-kuritur, kien hemm ħaddiem qed jimla xi ħofor li hemm fl-art, b'materjal b'riħa ta' *thinner*, b'riħa li letteralment tifgak. Kien hemm persuni jistennew fl-*outpatients*, qegħdin fil-*queue* fejn hemm it-tieqa tal-ispiżerija kif ukoll anki biex jinvistawhom it-tobba u dawn kellhom joqogħdu hemmhekk bilfors u jibilgħu dawn it-tip ta' rwejjaħ. Din ir-riħa twasslek għall-kuritur kollu sakemm twasslek sas-swali. Naħseb li dawn huma affarijiet inaċċettabbli fi sptar, kif m'humiex aċċettabbli l-ħofor li hemm fil-kurituri. Min ikun għaddej b'*wheelchair* litteralment jiddamdam u jitlagħlu l-istonku b'dawk l-iskossi kollha li jieħu. Lanqas hu aċċettabbli li s-soffitti tal-isptar ilhom mikxufin snin twal u li minnhom anki jidħol l-ilma tax-xita.

Nixtieq ngħid xi ħaġa wkoll dwar is-sala tal-maternità. Hemmhekk għandek sitwazzjoni fejn qabel kellek l-*ante-natal room* u d-*delivery room*. Id-*delivery room* illum il-ġurnata qed tiġi *refurbished*, u l-*ante-room* qed tintuża appuntu bħala *delivery room*. Nista' ngħidlek li f'din il-kamra kull ma tidħol hija s-sodda u bilkemm jidħlu miegħek iż-żewġ *nurses*, aħseb u ara kemm tista' timmanuvra u kemm tista' tagħmel ċertu xogħol. Meta kont hemm ġew litteralment ħassejtni klawstrofobika li lanqas tista' tiċċaqlaq 'l hawn u lanqas 'l hemm. Dawn huma affarijiet li jsiru b'nuqqas ta' ħsieb għaliex jekk inti qed tagħmel *refurbishment* fuq żewġ postijiet, l-ewwel tagħmel waħda, imbagħad x'ħin tlesti minn waħda tibda fl-oħra, mhux tagħmel it-tnejn f'daqqa mbagħad tispiċċa b'dawn it-tip ta' limitazzjonijiet.

Xi ħaġa oħra li spiss nitkellem dwarha u nkompli nitkellem dwarha u nkompli ninsisti dwarha sakemm fl-aħħar xi ħadd jismagħni hija dwar is-sitwazzjoni ta' meta titwieled tarbija fl-isptar ġenerali ta' Għawdex u tinqala' komplikazzjoni. Minkejja li tkun xi ħaġa minima, m'għandniex apparat biżżejjed biex din is-sitwazzjoni insolvuha aħna, bil-konsegwenza li mbagħad ikollu jiġi l-*helicopter*, u din it-tarbija tiġi trasportata lejn Malta. B'dan il-mod l-omm u t-tarbija jiġu jifruda fl-iktar mumenti delikati u suppost sbieħ wara li mara twelled għaliex f'sitwazzjonijiet bħal dawn l-omm, ovvjament wara tkun għamlet id-*delivery* jew iċ-ċesarja, ma tkunx tista' tmur mat-tarbija f'Malta. Jiena dejjem ngħid li f'Għawdex għandna riżors uman eċċellenti u nies qalbhom tajba u kapaċi ħafna però meta tinqala' emerġenza jew meta jinqala' xi intopp, ma jistgħux jagħmlu dmirijiethom għaliex apparat

m'għandhomx. Din hija xi ħaġa li jien nistmerrha ħafna, hija xi ħaġa li tissolva b'investiment minimu ħafna, għax ħafna drabi, kull ma jkunu jridu dawn it-trabi huma li jiġu trattati bil-magna tan-nifs, magna li sfortunatament f'Għawdex m'għandniex.

Xi ħaġa oħra li hija tal-mistħija hija l-inkubaturi li hemm u li ilhom hemm mill-1971, qabel ma twelidt jien. Dawn l-inkubaturi issa żmienhom għamluh, mhumiex adegwati, u ċertament ma jaqdux il-funzjonijiet u l-bżonnijiet tal-lum. Fil-fatt waqt konferenza li kellna tal-partit ftit ilu kont għidt li min għandu l-passatemp li jfaqqas il-bajd tal-għasafar li ovvjament jirrikjedu l-użu tal-inkubatur, għandu teknoloġija ħafna aktar avvanzata milli hemm fl-isptar ġenerali ta' Għawdex.

Dawn huma affarijiet inaċċettabbli meta għandna Gvern li jiftaħar tant li qed jagħmel investiment f'Għawdex, speċjalment fl-isptar ġenerali ta' Għawdex. Dawn huma sitwazzjonijet tal-biki u inaċċettabbli. Hija ħaġa inaċċetabbli li l-Gvern jiġi jidħak bin-nies b'dan il-mod, speċjalment meta jsir ħafna diskors biex l-ommijiet jingħataw kull opportunità li jingħaqdu ma' wliedhom sa mit-twelid tagħhom. Nitkellmu ħafna fuq il-*bonding* u f'dawn iċ-ċirkostanzi, dan it-tip ta' diskors, speċjalment għal dawk l-ommijiet li jeħdulhom lil uliedhom lejn Malta, dan huwa diskors li litteralment ma jiswa xejn. Jien nieħu din l-opportunità biex nuri s-solidarjetà sħiħa ma' dawk l-ommijiet kollha li għaddew minn esperjenza simili. Jien meta wellidt lit-tifla, l-ewwel tarbija tiegħi, ġrali hekk minħabba ħaġa minima. It-tifla tiegħi kellha tispiċċa l-Isptar Mater Dei u allura naf x'jiġifieri. Naf kemm hi xi ħaġa frustranti li minħabba xi ħaġa tant żgħira, int, it-tarbija u l-familja kollha tispiċċa tgħaddi minn din is-sitwazzjoni ta' qsim il-qalb.

Xi ħaġa oħra li ridt nitkellem dwarha hija artiklu li deher nhar il-Ħadd li għadda fuq il-ġurnal "Illum" fuq il-*child care centres* u ssemmiet b'mod prominenti s-sitwazzjoni f'Għawdex. Qed jingħad li se jsir dan iċ-*child care centre* f'Għawdex. Jien ili snin twal nitkellem dwar il-ħtieġa ta' dan iċ-ċentru f'Għawdex, u ilna snin twal, f'dan il-Parlament u barra, niġu mwiegħda dan iċ-ċentru. Fil-fatt, fl-artiklu hemm li kelliema mill-Ministeru għal Għawdex ikkonfermaw li l-Ministeru kien qed jaħdem fuq proġett li jinkludi iċ-*child care centre.* Intqal ukoll li din l-inizjattiva qed tittieħed għaliex ġie rikonoxxut li l-Gvern għandu jipprovdi dan il-servizz anke f'Għawdex. Jien, sinċerament, meta naqra affarijiet bħal dawn nibda nrodd is-slaleb u ngħid: Imma possibbli hawn xi ħadd li b'din l-arroganza jiġi jagħti kumment bħal dan? Il-Gvern ilu żmien jitkellem u jipproġetta li se jagħmel *child care centre* 'l hawn u *child care centre* 'l hemm, ħalli mbagħad idumu s-snin ma jiġu, imma allura f'Għawdex issa l-Gvern qed jirrikonoxxi li hemm il-ħtieġa li jsiru ċ-*child care centres!* Bħallikieku n-nisa u l-ommijiet Għawdxin għandhom xi ħaġa inqas mill-ommijiet Maltin. Allura l-ommijiet Għawdxin m'għandniex il-bżonnijiet tagħna wkoll? Qisu aħna m'aħniex ngħixu l-istess realtà bħalma jgħixu n-nisa Maltin, li għandna problema biex nirrikkonċiljaw ix-xogħol u l-familja. Din hija ħtieġa reali u imminenti ħafna u assolutament ma jagħmilx sens li inti tagħmel diskriminazzjoni jew tagħmel distinzjoni tas-sitwazzjoni tan-nisa Maltin fil-konfront tan-nisa Għawdxin, meta r-realtajiet tan-nisa Għawdxin pjuttost huma iktar gravi minn tal-Maltin. Dan għaliex il-Maltin biex jaħdmu joqgħodu f'Malta stess u l-Għawdxin, ħafna minnhom biex jaqilgħu il-ġurnata ta' kuljum, ikollhom jaqsmu lejn Malta u allura l-problemi tal-Għawdxin huma pjuttost iktar gravi. Mill-kumment li rajt jien fil-gazzetta jidher li għadu fi stadju bikri ħafna biex ikollna dan it-tip ta' servizz li ħafna ommijiet għandhom bżonn.

Mr Speaker, f'Għawdex għandna ħafna bżonnijiet u problemi, u hija ħasra li l-*media* ma tantx tinteressa ruħha f'din il-gżira. Veru li dan l-aħħar kellna l-każ tad-Dwejra li qajjem ċertu interess, però ovvjament il-każ tad-Dwejra għandu l-implikazzjoniet u impatt ambjentali u allura għandu effett iktar amplifikat. Huma dawn il-każijiet umani li huwa importanti li jissemmew. Qed ninsisti fuq din il-ħaġa għaliex meta dawn l-affarijiet ma jissemmewx, min ikun qed jabbuża u jgħaffeġ, min jkun qed jonqos mid-dmirijiet tiegħu, jispiċċa iktar jagħmel l-arja. Din il-ġimgħa smajt b'każ litteralment huwa tal-mistħija li jirrigwarda tifel li għandu kondizzjoni partikolari

Dan jattendi l-iskola primarja li suppost għandu l-*learning support assistant.* Għal xi raġuni jew oħra l-*learning support assistant* li kellu mhijiex qed tmur l-iskola, u sakemm ikun hemm *replacement*, dan it-tifel ġie letteralment imkeċċi mill-iskola. Meta l-ġenituri ipprovaw jibagħtuh l-iskola, il-kap tal-

iskola kitbilhom u qalilhom biex ma jibagħtux it-tifel l-iskola għax la m'hemmx *learning support assistant,* dan it-tifel ma jistax jattendi l-iskola. Din ukoll hija anomalija gravi. Meta inti għandek sistema edukattiva li suppost qed tippromwovi, tħaddan u tħaddem il-prinċipju u l-politika tal-inklużjoni, ma tistax taqbad u teskludi b'dan il-mod. Dan it-tifel mhux biss qed jiġi mċaħħad milli jmur l-iskola, imma qed jiġi mċaħħad ukoll milli jipparteċipa b'mod sħiħ fis-sistema edukattiva fejn inti qed tkeċċih 'il barra. Dan meta aħna suppost għandna politika ta' inklużjoni.

Meta infetħet l-iskola tas-subien f'Għawdex, jien kont preżenti. Tajjeb li nfetħet skola, imma tant sar storbju li qisu ħadd qatt ma nfetħet skola f'Għawdex. Ta min jgħid li l-iskejjel kollha li nfetħu f'Għawdex minbarra din, kollha il-Gvernijiet Laburisti fetħuhom, jiġifieri għalkemm hija xi ħaġa tajba, mhijiex xi ħaġa staordinarja jew ta' barra minn hawn. Meta jkun hemm dawn il-ftuħ, jien immur biex nara b'għajnejja ħalli meta mbagħad niġi biex nitkellem, inkun nista' nitkellem *prima persona*. Meta kont hemmhekk, ovvjament bil-pompa u x-xinxilli kollha kien hemm il-Prim Ministru li għamel id-diskors tiegħu, kien hemm ukoll il-Ministru tal-Edikazzjoni, u intużaw ħafna *buzzwords* fosthom li t-tfal għandhom l-*individual learning plan*. Jien nistaqsi: Dan il-miskin tifel, x'*individual learning plan* għandu mid-dar? Dan litteralment ġie mkeċċi mill-bibien tal-iskola u nerġà ngħid li din hija sitwazzjoni inaċċettabbli u xi ħaġa skandaluża li tifel jew tifla jiġu esklużi b'dan il-mod.

Jien nagħlaq hawn. Il-każijiet li semmejt u ħafna każijiet oħra huma istanzi li wieħed għandu jitkellem fuqhom imma huma istanzi li jħammru wiċċ min qiegħed warajhom, min hu suppost responsabbli minnhom. F'kontest ta' żmenijiet fejn qed nitkellmu fuq l-*onoraria* u ż-żidiet u dawn l-affarijiet kollha, mhux talli min qed jagħmel dawn l-affarijiet ma ħaqqux dawn it-tip ta' żidiet, imma nqis li dawn it-tip ta' żidiet huma serq minn ħalq min għandu bżonn, huma serq minn ħalq l-Għawdxin fil-każ tal-Ministru għall-Għawdex li wkoll ħadet iż-żieda, għaliex il-bżonnijiet ta' Għawdex u tal-Għawdxin huma ħafna. Wara kollox il-politika hija dwar il-bżonnijiet tal-individwi, u din qed ninsewha ħafna u ħafna drabi. Dawn qed jintefgħu taħt it-tapit u allura ta' min nikkonsidraw li dawk iż-żidiet għandhom jintużaw għall-bżonnijiet tan-nies u mhux għall-bżonnijiet ta' erbgħa tal-qalba li qegħdin fil-bankijiet tan-naħa tal-Gvern. Nirringrazzjak.

**ONOR. JUSTYNE CARUANA:** Grazzi. Fil-fatt jien se jnkompli nibni fuq dak li beda sieħbi ta' din in-naħa. Fil-fatt dan l-aġġornament kien ftit orkestrat, għax inħossu li l-privatitazzjoni tal-marina f' Għawdex, għalkemm bħala konċett aħna

Aħna qatt ma konna kontra l-kunċett tal-privatizzazjoni tal-marina t'Għawdex, pero' aħna dejjem favur it-transparenza, il-ġid u l-aħjar intess, f'dan il-każ, t'Għawdex u l-Għawdxin. B'hekk ħassejna li f'din il-Kamra għandna nkomplu nitkellmu fuq l-affarijiet li mhux qed isiru sewwa u anke fuq l-affarijiet li aħna nħossu li hemm bżonn li jiġu indirizzati kemm jista' jkun malajr. Inkompli ngħid ukoll li ftit tax-xhur ilu jiena kont ħadt aġġornament u kont tkellimnt fuq il-privatizzazjoni tal-marina f'Għawdex fejn semmejtha bħala *item* fid-diskors tal-baġit *speech* tiegħi meta konna qed niddiskutu l-estimi finanzjarji tal-Ministeru għall-Għawdex. Meta xi ħadd jieħu xi ħaġa f'idejh, speċjalment meta tkun xi ħaġa li tappartjeni lill-poplu, biex itejjeb il-kwalità, il-kundizzjonijiet u l-ambjent, ovvjament aħna bħala oppożizzjoni serja, inħossu li dan għandu iseħħ tassew u fl-aħjar interess ta' Għawdex u l-Għawdxin. Dan isir ukoll *in vista* tal-fatt li jkun hemm il-ħtieġa li jssir qabża fil-kwalità li tant hemm bżonn fil-gżira Għawdxija. Fl-ewwel aġġornament li kont ħadt dwar din l-kwistjoni, kont għidt li meta sar il-proċess tal-privatizzazjoni, sar kollox baxx baxx. Kont sejjaħtlu qiesu s-sigriet ta' Fatima għaliex ħadd ma' ġie infurmat b'xejn u imbagħad meta sar il-proċess u bdew joħorġu l-affarijiet fil-beraħ bdew ifiġġu l-irregolaritajiet li kien hemm u anke jkkonfermajna ukoll li l-proċess ma kien trasparenti xejn. Aħna bħala oppożizzjoni serja, bħala rappreżentanti tal-poplu li għandna d-dmir li niġbdu l-attenzjoni u nitkellmu dwar dawn l-irregolaritajiet, ġejna hawnhekk f'din il-Kamra illejla biex nitkellmu dwarhom. Fost dawn l-irregolaritajiet insemmi li minn meta ħarġet l-offerta sa minn meta eventwalment intagħżlet il-kumpanija rebbieħa, inbidlu b'mod speċifiku t-*terms of reference* tal-offerta. Din il-ħaġa qed issir ripetutament f'Għawdex, fejn minkejja li jkollok sejħa għall-offerti, minn qabel ma jiġu jppublikati l-offerti ikun diġà individwat il-persuna iffortunata, u allura naġġustaw u nbiddlu naqra 'l hawn u 'l hemm biex dak li jkun ma jkollu l-ebda inkwiet biex ikun ir-rebbieħ jew il-favorit. Kif spjega l-Onor. Sammut qabli, f'dan il-każ jidher ukoll li kien hemm dan it-tip ta' aġġustament, biex jiġi favorit xi ħadd partikolari li għandu konflitt tal-interess.

Punt iehor huwa fuq il-*consession area* fil-port tal-Imġarr li filli kienet mod u filli imbagħad żdieded. Hemm ukoll bdil fil-bżonnijiet għall-irmiġġi l-ġodda li qegħdin 'l-barra minn *North Break Water* fejn l-ewwel kienu mod imbagħad minn *pontoons* imbiddlu għal-irmiġġijiet ta' bagi. F'dawn l-aħħar siegħat kont qed nara s-sit eletroniku www.ghajnsielem.com, fejn kien hemm aħbar, *works on Żewwieqa Water Front start,* u hemm sensiela ta' ritratti li juru kif ġej il-proġett. Jien insaqsi jekk hux minnu li kien hemm xi modifiki u nbiddlu l-pjanti, u insaqsi ukoll jekk hux minnu l-i*slipway,* li kienet tintuża s'issa mis-sajjieda, mhux se tibqa' hemmhekk. Jidher li fil-ritratti mhijiex qeda hemmhekk u jiena nsaqsi allura s-sajjieda Għawdxin tagħna minn fejn se jniżżlu l-qxur tagħhom. Nistaqsi ukoll fuq jekk hijiex se tintmiss jew titħalla hemmhekk il lapida li kienet saret mis-Sur Anton Tabone f'gieh xi xogħlijiet li kienu saru fl-istess post. Kif dejjem ngħidu, hija ħaġa tal-mistħija li ma saret l-ebda konsultazzjoni ma' ħadd fuq dan il-proċess u nsaqsi, jekk dan il-tibdil li qed insemmi issa, sarietx il-konsultazzjoni opportuna ukoll.

Nixtieq insemmi ukoll li jnizzjalment meta kien qed iberraq, iċ-*Chairman* tal-*Malta Maritime Authority,* llum *Transport Malta*, kien ta' garanzija bil-miktub li appena se jibda l-proċess, kien se jsiru l-konsultazzjoni opportuna. Però jidher li din il-wegħda ma jżammitx, u kullħadd tħalla fil-għama. Minħabba n-nuqqas t'informazzjoni ovvjament is-sidien tal-qxur, kif ukoll id-diversi assoċċjazjonijiet u qagħdiet tas-sidien tal-qxur ma setgħux jilqgħu għas-sitwazzjoni adegwatament u illum qegħdin fiex qegħdin. Eventwalment irriżulta li l-gvern għamel proċess li minnu ħoloq monopolju ġewwa Għawdex, peress li m'hemmx marina oħra fil-gżira, u allura spiċċajna f'sitwazzjoni fejn għandek operatur wieħed li qiegħed f'pożizzjoni li jiddetta l-kundizzjonijiet li jrid hu. Mill-ftehim jidher ukoll li wara l-ħames sena ta' din il-konċessjoni jista' anke jiddetta l-prezzijiet li jrid hu mingħajr ebda protezzjoni li jassiguraw li dawn il-prezzijet ma jkunux eżorbitanti.

Allura fil-fhema tiegħi, anki mill-isfont legali, nista' ngħid li dan immur kontra r-regoli tal-kompetizzjoni u iktar u iktar ikompli jikkomfermali li dan m'hu xejn għajr spekulazzjoni pura għad-detriment tal-poplu Għawdxi. L-effetti tal-monopolju diġà huma apparenti għaliex kien hemm bosta rapporti fuq il-*media*. Qed nirreferi speċjalment għal dak li deher fuq l-"*Malta Today"* fit-23 ta' Ġunju 2010, fejn kien hemm indikat b'mod ċar li l-operatur qed jieħu attitudni ta' *take it or leave it* għax ovvjament jaf li partikolarment l-Għawdxin, ma' jistgħu jmorru imkien iktar. Nixtieq insemmi u nirreferi ukoll għal dak li kien qal il-Ministru Fenech f' *"The Times"* tas-26 ta' Mejju 2010 fejn kien ħabbar il-kumpanija rebbieħa u kien tfaħar ħafna kemm se jsir ġid u se jsir investiment, u ta' ukoll garanzija li r-rati mhux se jolew qabel ma jkun hemm l-infrastruttura, li l-operatur obbligu ruħu li jagħmel. Ta' min jgħid li s'issa, kull ma jidher li sar huwa xi ftit tindif 'l hawn u 'l hemm, però sa mill-ewwel ġurnata r-rati kienu diġà elew bejn 20% u 35%.

Infurmata ukoll li meta kien beda iberraq li l-marina se tiġi privatizzata, kien hemm rappreżentanti tas-sidien tad-dgħajjes u anke r-rappreżentanti ta' l-assoċjazzjonijiet tas- tas-sidien tad-dgħajjes li kienu avviċinaw lill-Ministru għall-Għawdex. F'dik l-okkażjoni l-Ministru giet mogħtija informazzjoni dettaljata, anki bi sfond akkademiku fejn bil-kalkoli u bl-informazzjoni, setgħet tiġi assigurata il-kompetizzjoni ġusta, ovvjament b'rati iktar raġjonavoli u iktar aċċessibli. Milli jidher dan kollu ġie injorat għaliex minflok il-Ministru tagħat widen jew almenu ressqet l-proposti li għamlu dawn il-persuni, kull ma ġara hu li jnħoloq mostru monopolista li qed jiddetta il-prezzijiet kif irid hu għad-detriment ta' dawn il-persuni.

Minn banda l-oħra, għandna deputat ieħor Għawdxi, li qiegħed ukoll fl-uffiċju tal-Prim Ministru, Deputat, Segretarju Parlamentari, li fejn jaqbillu jiddiskrivi ruħu bħala il-paladin tad-drittijet tal-konsumatur u l-paladin tal-kompetizzjoni ġusta, li però jidher li huwa kuntent b'din is-sitwazzjoni. Sitwazzjoni fejn il-liġi tal-kompetizzjoni qed tinkiser kontinwament għaliex għandna monopolju, u għandna ukoll id-drittijiet tal-konsumatur li qed jintefgħu taħt it-tapit għax din iż-żieda tal-prezzijiet kienet marbuta ma' kondizzjonijiet oħra u dawn il-kundizzjonijet mhux qed jinżammu. Allura din m'hi xejn ħlief politika ta' konvenjenza.

Kelli l-opportunità li nara korrispondenza li ntbagħtet lill-Prim Ministru. Il-Prim Ministru irċieva *E-Mail* fl-10 ta' Lulju 2010, li jien għandi hawn quddiemi. Din inkitbet mis-segratarju attiv tal-*Gozo Boating Association*, u s-suġġett tal-*E-Mail* kien 'Qalb muġugħa'. Jiġifieri dan il-bniedem kiteb b'qalbu f'idu lill-Prim Ministru, bit-tama li dan ta l-aħħar jagħti ftit kasu u jagħmel xi ħaġa biex din il-qalb muġugħa, tiġi b'xi mod imfejqa jew xi ftit imtaffa. Milli jidher il-Prim Ministru ma tagħax kasu u l-qalb muġugħa baqet muġugħa. F'din l-*E-Mail* is-segretarju qed jagħmel akkużi ċari u serji rigward l-*Harbour Management Ltd* bi ksur fragratni tal-ftehim, u il-gvern minkejja dan kollu, qed jibqa' għaddej qisu mhux hu. Jidher ukoll li s-segretarju avviċina lill-politiċi t'Għawdex. Nixtieq ngħid li aħna bħala naħa tal-oppożizzjoni meta ġejna avviċinati, tkellimna fuq dan is-suġġett u anke illum qed nitkellmu fuq dan is-suġġett, b'hekk meta qed jirreferi għall-politiċi qed jgħid għan-naħa tal-gvern u qed jakkużhom li dawn assolutament m'għamlu xejn biex jgħinu s-sitwazzjoni tagħhom. Fil-fatt is-sitwazzjoni attwali hija prova ta' dan kollu. Rajt ukoll korrispondenza mibgħuta mill-Kaptan Bugeja, li huwa l-*Captain Officer* tal-*Ports and Yaughting Directorate,* indirizzata lill-Pierre Balzan f'isem *Harbour Management Ltd.* F'din l-ittra l-Kaptan Bugeja jagħti *deadline* sal-31 ta' Lujlu 2010 u li kienet imposta mit-*Transport Malta,* biex jiġi emendat il-*Berthing Agreement.* Minkejja dan it-terminu ingħata u skada, l-emendi baqgħu ma sarux u allura l-pożizzjoni għada l-istess.

Fil-kuntest kemm tal-ksur tal-liġi kif ukoll tal-ksur tar-regolamenti, xtaqt ngħid u insemmi jrregolarità oħra li forsi ftit issemmiet imma naħseb għanda tiġi indirizzata. Qed nirreferi għall-kwestjoni tal-prezzijiet tad-dawl u tal-ilma fornuti lid-dgħajjes minn l-istess operatur. Sa fejn naf jien, biex xi ħadd iforni dawl jew ilma lil xi ħadd ieħor b'ċertu prezz, irid japplika ma' regolatur, li f'dan il-każ huwa l-*Malta Resources Authority.* Din ta' l-aħħar imbagħad tagħti l-permess tagħha, imbagħad dak l-operatur ikun jista' ibigħ id-dawl u l-ilma. F'dan il-kas għandek il-*Harbour Management Ltd* li qed tforni d-dawl u l-ilma lid-dgħajjes, ovvjament bi prezzijiet li qed tistabilihom hi. Jidher però li din qegħda tagħmel dan mingħajr ma saret applikazzjoni lill-MRA. F'dan il-kuntest, dan l-operatur qed

jikser ukoll il-liġi għal provvista tad-dawl u l-ilma, u jidher li l-M*alta Recources Authority* m'hijiex qed tieħu ebda azzjoni għal dar-rigward.

Jiena, finalment, il-*bottom line* hija, li għandna l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ġusta, kif ukoll l-awtoritajiet li jipproteġu lill-konsumatur, għandna lit-*Transport Malta* li suppost qed tissalvagwardja l-interessi tal-persuni involuti, u għandna ukoll lill-*Malta Resources Authority* li suppost qed tara li jiġu segwiti r-regolamenti dwar il-prezzijiet tad-dawl u l-ilma. Minkejja li hawn dawn l-awtoritajiet u minkejja li hawn dawn in-nuqqasijiet kbar, jidher li kullħadd kuntent għaddej b'idejh fuq żaqqu. M'hu qed isir xejn. Mhux talli hekk, talli qisu l-operatur qed jakkwista ċertu poter, fis-sens li jagħmel x'jagħmel jibqa għaddej għax ħadd ma jkellmu. Dan kull ma jmur qed isaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' dan l-monopolju monstru li ħoloq il-gvern Nazzjonalista. Monopolju li qed joħnoq lill-utenti kollha tal-marina, speċjalment dawk kollha li mhux juzgħu l-marina mhux biss bħala delizzju, imma anki dawk li jużaw il-marina għall-għajxien tagħhom. Qed nirreferi għas-sajjieda.

Nappella kif appella l-Onor. Sammut qabli sabiex min għandu l-obbligu li jara li l-affarijiet isiru sew, jagħmel dmiru, kif inhu xieraq u ġust, u ovvjament jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet u rregolaritajiet. Fuq kollox nixtieq nappella sabiex min għandu għall-qalbu l-interessi t'Għawdex u tal-Għawdxin, jara li dawn verament jitħarsu. Huwa inutli li mmorru nidhru fuq il-kameras jew niġu f'din il-Kamra u noqgħodu ngħidu kemm qalbna taħraq għall-Għawdex, għax meta niġu għas-sitwazzjonijiet bħal dawn, ikollna prova ċara u tanġibbli ta' min veru jried imexxi 'il quddiem l-aġenda t'Għawdex. L-aġenda tajba u pożżittiva, u mhux l-aġenda tal-ħabi u tal-ħbieb tal-ħbieb jew l-aġenda ta' min għandu interessi oħra moħbijin, imma l-interessi veri u propji tal-Għawdxin biex Għawdex timxi 'il quddiem.

L-Aġġornament tal-lum huwa intiż għal din ir-raġuni biex nuru lill-poplu Għawdxi li aħna jimpurtana, li aħna nafu x'inhu jiġri, u li aħna għandna dmir li nitkellmu u hekk qegħdin nagħmlu. Nirringrazzjak.